

# BULLETTIN *ta'* L-ARĊIDJOĊESI *u* LITURĠIJA *tal-* KELMA

**Nru. 90**
**Settembru 1996**

# BULETTIN
# TA' L-ARĊIDJOĊESI
# U LITURĠIJA TAL-KELMA

**Nru. 90** **Settembru 1996**

## WERREJ

Ittra tal-Papa għeluq it-350 sena ta' l-għaqda ta' Uzhorod ................ 465

Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja 1996 ................ 471

Eżortazzjoni post-sinodali dwar il-ħajja konsagrata ..... (bejn 474 u 475)

Quddiesa votiva tal-Ħniena ta' Alla ................ 475

Quddies ta' qaddisin ġodda li daħlu fil-Kalendarju liturġiku tal-Knisja Universali ................ 477

Messaġġi u diskorsi ta' l-Arċisqof ................ 485

President Ġdid tal-Forum ta' l-Għaqdiet Kattoliċi jiltaqa' ma' l-Arċisqof ................ 505

Ċirkolarijiet tal-Kurja ................ 506

Eżempju ta' omeliji ................ 508

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 90 Settembru 1996

# Ittra Appostolika tal-Papa

*għeluq it-350 sena ta' l-Għaqda ta' Uzhorod*

Għeżież ħuti,

"Qabel xejn nіżżiħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu, għaliex il-fidi tagħkom isemmuha fid-dinja kollha. Jixhidli Alla, li jien inservi b'qalbi kollha billi nxandar l-Evanġelju ta' Ibnu, li jien niftakar fikom dejjem fit-talb tiegħi" (Rum 1,8-9).

It-tifkira hienja tat-350 sena ta' l-għaqda ta' Uzhorod hi mument importanti ħafna fil-mixi ta' Knisja, li b'dak l-att waqfet mill-ġdid l-għaqda sħiħa ma' l-Isqof ta' Ruma. Għalhekk wieħed jifhem sewwa li jien għandi nissieħeb fir-radd ta' ħajr lil Alla ma' dawk li qed jifirħu fit-tifkira ta' din il-ġrajja glorjuża. Il-fatti huma magħrufin: fl-24 ta' April 1646, 63 saċerdot biżantin mill-Eparkija ta' Mukacevo, immexxijin mir-raheb bażiljan, Partenju Petrovyc, fil-knisja tal-kastell ta' Uzhorod, quddiem l-isqof ta' Eger, Ġorġ Jakusics, ġew milqugħin fix-xirka sħiħa mas-Sede ta' San Pietru.

Ma kienx xi att iżolat. Kien parti mill-mixja għall-għaqda tal-Knejjes li laħqet il-qofol tagħha fil-Konċilju ta' Firenze (1430), meta ġew iffirmati d-digrieti li bihom twaqqfet mill-ġdid ix-xirka sħiħa bejn il-Knejjes tal-lvant u l-Knisja ta' Ruma. Fil-fatt kien il-magħruf Metropolita ta' Kyiv li, wara li reġa' lura mill-Konċilju ta' Firenze, sar il-ħabbar fl-artijiet tal-Karpazji ta' l-għaqda sħiħa bejn il-Knejjes li kienet reġgħet seħħet.

Fl-1595 ir-rappreżantanti tal-Metropolita ta' Kjiv iltaqgħu mal-Papa Klement VIII, u fis-sena ta' wara, fl-1596, l-għaqda tħabbret fi Brest bil-ħsieb li jseħħ il-ftehim li ntlaħaq ġewwa Firenze. Malajr l-inizjativa li ttieħdet fil-Konċilju ekumeniku ta' Firenze waslet fil-Karpażi u, wara li ngħelbu xi diffikultajiet tal-bidu, seħħet l-għaqda ta' Uzhorod. Kienet iż-żerriegħa tal-mustarda li miżrugħa fl-art għammiela ta' Mukacevo, biż-żmien nibtet u saret siġra li għad-dell tagħha inġabret kotra kbira ta' fidili ta' tradizzjoni biżantina. Huwa u jagħraf dan il-fatt, fl-1 ta' Settembru 1771, il-Papa Klement XIV, bil-Kostituzzjoni Appostolika **Eximia regalium**

**principum**[1] waqqaf l-Eparkija greco-kattolika ta' Mukacevo u ftit wara s-sede ta' din l-Eparkija ġiet trasferita f'Uzhorod.

Minn din is-siġra b'saħħitha, aktar tard ħarġu, qishom blanzuni mill-isbaħ, ċirkoskrizzjonijiet ekklesjastiċi ġodda, l-Eparkiji ta' Krizexci (1777), ta' Presov (1818) u ta' Hajdudorog (1912). Sa dan it-tant seħħet 'l hemm mill-baħar l-emigrazzjoni ta' wlied din l-għaqda. Is-Santa Sede, dejjem attenta biex tintebaħ bil-pjanijiet provvidenzjali ta' Alla u twieġeb għalihom, waqfet għal dawn l-insara fl-Istati Uniti ta' l-Amerka l-Metropolija biżantina ta' Pittsburgh (1969), bl-Eparkiji suffraġanej ta' Passaic (1961), ta' Parma (1969) u ta' Van Nys (1981).

1. Il-ferħ ta' dawn l-Eparkiji kollha li ħarġu mill-għaqda ta' Uzhorod huma u jiċċelebraw l-ġrajja li hi l-pedament ta' l-identità ekklesjali tagħhom, hu okkażjoni mill-isbaħ għat-tiġdid ta' l-għarfien tar-rabtiet li ħarġu mill-bidu komuni tagħhom u għas-sħuħija ta' dak il-bdil bejn l-aħwa u għall-kollaborazzjoni bejniethom li d-drammatiċità tal-ġrajjiet ta' l-istorja fixklithom għal ħafna żmien.

2. Jekk l-għaqda ta' Uzhorod inqisuha bħala frott tad-deċiżjonijiet tal-Konċilju ta' Firenze żgur ma nkunux niżbaljaw jekk norbtuha sewwa spiritwalment mal-missjoni li għamlu San Ċirillu u San Metodju, l-Appostli tas-Slavi, li xandru l-Evanġelju mill-Moravja l-Kbira sal-muntanji tal-Karpażi. Bir-raġun kollu għalhekk l-insara tal-Knejjes li ħarġu mill-għaqda ta' Uzhorod huma kburin bil-wirt ta' San Ċirillu u San Metodju.

Ġa fakkart is-siwi kbir tal-ħidma evanġelizzatriċi magħmula minn San Ċirillu u San Metodju f'għaqda kemm mal-Knisja ta' Kostantinopli u kemm mas-Sede ta' Ruma,[2] u wrejt ukoll li "l-ħerqa mħeġġa li wrew iż-żewġ aħwa ... biex iħarsu l-għaqda ta' fidi u ta' mħabba bejn il-Knejjes li tagħhom kienu membri, jiġifieri l-Knisja ta' Kostantinopli u l-Knisja ta' Ruma min-naħa u l-knejjes ġodda min-naħa l-oħra, kien u jibqa' dejjem mertu kbira tagħhom".[3] Ix-xandir ta' l-Evanġelju f'xirka sħiħa bejn l-insara kollha hi t-tama li qatt ma ġiet nieqsa, u tixhidha, għalkemm b'suriet diversi, l-istorja tal-Knejjes li twaqqfu fl-artijiet tas-Slavi sa minn żmien iż-żewġ qaddisin aħwa.

Il-ġrajjiet li seħħu wara l-għaqda ta' Uzhorod kienu mimlijin tbatijiet u niket. Minkejja dan, l-Eparkija, imsaħħa l-ewwel bil-ħidma ta' l-Isqof Ġorġ G. Mizancij, kellha żvilupp tassew ta' l-għaġeb fiż-żmien li ta bidu għalih l-Isqof kbir Andrija Bscynski. Fi żmien aktar qrib tagħna din il-Knisja ġiet imsejħa mill-ġdid, f'xi wħud mill-memrbi tagħha, biex tgħaddi ma' Kristu mit-triq tal-Kalvarju bil-persekuzzjoni, bil-ħabsijiet, u wkoll

bis-sagrifiċju kbir ta' ħajjithom. Ix-xhieda bid-demm, ingħatat mill-istess ragħaj ta' l-Eparkija l-isqof Teodoru Romza, li ma beżax joffri ħajtu għannagħaġ tal-merħla tiegħu (ara Ġw 10,11).

Ma jistax ikun li ninsew dawn ix-xhieda jiddu ta' fedeltà lejn Kristu u l-Evanġelju tiegħu: huma l-wirt għażiż tal-Knisja greco-kattolika li tara lilha nfisha fl-għaqda ta' Uzhorod. Ulied il-Knisja kattolika kollha jilqgħu, u jilqgħuh bil-qima, dan l-eżempju u jgħożżu din il-lezzjoni ta' fedeltà hekk ta' l-għaġeb għall-verità ta' Kristu. Għaliha, b'qalbna kollha, inroddu ħajr lil insara ta' Mukacevo u lil dawk kollha li wrew li huma dejjem lesti ibigħu kull ma għandhom biex ikollhom il-ġawhra għażiża tal-fidi (ara Mt 11,46).

3. It-tifkira hienja ta' l-għaqda ta' Uzhorod hi okkażjoni tajba biex inroddu ħajr lill-Mulej li ried jixxotta d-dmugħ ta' wliedu fit-tmiem taż-żmien traġiku ta' persekuzzjoni kiefra. Hu wettaqhom fiż-żmien hekk iebes ta' ġrajjiethom u ħallihom jgħożżu l-għana tat-tradizzjoni orjentali tagħhom u fl-istess waqt jibqgħu f'xirka sħiħa ma' l-Isqof ta' Ruma. Hekk huma jagħtu xhieda ta' din l-universalità li tagħmel il-Knisja realtà ta' ħafna suriet, bil-ħila li tħaddan, taħt il-kariżma ta' San Pietru, varjetà leġittima ta' tradizzjonijiet u ta' riti li juru l-għana u d-dija kollha tagħha u mhux jheddu l-għaqda tagħha.[4] Dan għarfu l-Papa Ljun XIII meta wera l-importanza tal-bdil għażiż tad-doni bejn it-tradizzjoni tal-lvant u t-tradizzjoni tal-punent, u tenna li l-varjetà fil-liturġija u d-dixxiplina orjentali huwa ta' ġieħ għall-Knisja kollha, juru l-kattoliċità tagħha u b'mod l-aktar ċar ixandru "l-għaqda divina tal-fidi kattolika".[5]

Hi għalhekk xewqa li dan il-qasam għażiż tal-poplu ta' Alla, marbut, b'mod jew ieħor, mal-ġrajja li seħħet f'Uzhorod iwarrad bi prosperità ġdida billi jgħix fil-hena ż-żmien ta' llum impenjat f'ġejjieni li juri libertà reliġjuża sħiħa, tfittix għar-rikonċiljazzjoni bejn kattoliċi u ortodossi, u mpenn dejjem sejjer għall-bini tal-paċi.

Għal dan il-għan hi ta' siwi kbir qagħda ta' smigħ hieni għal dak li jgħallem il-Konċilju Vatikan II. L-Isqfijiet, magħqudin flimkien f'laqgħa ekumenika, immexxijin mill-Ispirtu s-Santu, taw indikazzjonijiet ta' siwi kbir ta' kif għandu jiġi 'l quddiem d-djalogu ta' l-imħabba u t-tfittix ta' "l-għaqda fl-ispirtu bir-rabta tas-sliem" (Ef 4,3). L-għan li għandna quddiemna hu mfisser tajjeb b'dan il-kliem li ġej: "Il-bnedmin kollha għal din l-għaqda tal-poplu ta' Alla li tħabbar minn qabel u ġġib 'il quddiem l-paċi universali; għaliha b'mod jew ieħor huma msejħin kemm l-insara kattolċi, u kemm l-oħrajn kollha li jemmnu fi Kristu, u wkoll il-bnedmin kollha huma msejħin mill-grazzja ta' Alla għas-salvazzjoni.[6]

4. L-istess Konċilju fakkar li "Kristu l-Mulej waqqaf il-Knisja bħala Knisja waħda u waħdanija, iżda ħafna xirkiet insara jippreżentaw ruħhom lill-bnedmin bħala l-wirt veru ta' Ġesù Kristu; ilkoll jgħidu li huma dixxipli tal-Mulej, iżda ma jaħsbux ilkoll l-istess u mexjin minn triqat differenti qisu Kristu mifrud fih innfisu (ara 1 Kor 1,13). Dawn il-firdiet imorru direttament kontra r-rieda ta' Kristu u huma ta' skandlu għad-dinja u jagħmlu ħsara lix-xandir ta' l-Evanġelju lill-ħolqien kollu".[7] Iżda f'dawn l-aħħar żminijiet, Alla "għani fil-ħniena" (Ef 2,4) mess il-qlub ta' tant insara mifrudin minn xulxin u nebbaħhom b'xewqa sinċiera ħa jfittxu t-triq ta' **koinonia** sħiħa. "Illum ukoll Kristu jitlob biex ħerqa ġdida tqajjem l-impenn ta' kull wieħed għal xirka sħiħa u viżibbli".[8] L-Isqfijiet fil-Konċilju nsistew fuq il-fatt li "l-ħerqa ħa titwaqqaf l-għaqda tolqot il-Knisja kollha sew il-fidili u sew ir-ragħajja, kull wieħed skond il-ħila proprja tiegħu".[9] Bħala tweġiba għal din is-sejħa ta' Alla l-Isqfijiet ipproponew lill-kattoliċi kollha għajnuna u mezzi effikaċi biex jiġi 'l quddiem il-moviment ekumeniku, sakemm tintlaħaq l-għaqda sħiħa fil-Knisja, "waħda, qaddisa, kattolika u appostolika". Il-Knejjes ta' l-għaqda, ispirata mill-grazzja ta' Alla, "għandhom dmir speċjali li jġibu 'l quddiem l-għaqda ta' l-insara kollha, speċjalment ta' l-insara tal-lvant, skond il-prinċipji tad-digriet dwar l-ekumeniżmu, l-ewwelnett permezz tat-talb, ta' l-eżempju ta' ħajjithom, tal-fedeltà sħiħa lejn it-tradizzjonijiet orjentali, ta' l-għarfien ta' xulxin aktar fil-fond, ta' kollaborazzjoni flimkien u ta' stima fraterna għal kull ma huma u għal kull ma għandhom".[10]

Dwar dan, fl-enċiklika **Ut unum sint** urejt sewwa li l-metodu li għandna nużaw, biex ikun hemm għaqda sħiħa, hu d-djalogu tal-verità, li jmantnih u jwettqu d-djalogu fl-imħabba. Id-dritt li jingħata lill-Knejjes kattoliċi orjentali biex jorganizzaw ruħhom u jagħmlu ħidma ta' appostolat u l-impenn effettiv ta' dawn il-Knejjes fid-djalogu ta' l-imħabba u fid-djalogu teoloġiku jgħinu mhux biss biex ikun hemm veru rispett għal xulxin bħal aħwa bejn ortodossi u kattoliċi li jgħixu flimkien fl-istess post, imma wkoll fl-impenn flimkien ħa jfittxu l-għaqda.[11]

5. Biex verament tiġi 'l quddiem din il-ħidma hekk nobbli fil-Knejjes orjentali hu mistenni li jkun hemm ħerqa mġedda u qalbiena għall-formazzjoni ta' l-Isqfijiet ta' għada, għaċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija mqaddsa bħala ċentru ħaj tal-komunità, attenzjoni li ma tonqos qatt għall-ħtiġijiet ta' l-aħwa permezz ta' għemil ta' mħabba bil-fatti, tħejjija ta' katekeżi li hija u tmiss il-pedamenti kollha tal-fidi nisranija twassal il-"bxara t-tajba" bħala ħmira tal-ħajja ta' kull jum, f'xirka mal-Knisja universali, impenjata fl-evanġelizzazzjoni l-ġdida, fuq l-għatba ta' elf sena nisranija oħra.

Id-dinja li fiha qed ngħixu "kellha tant u tant tibdil kulturali, politiku,

soċjali u ekonomiku, li wasslu biex il-problema ta' l-evanġelizzazzjoni tieħu aspetti għal kollox differenti minn dawk ta' qabel".[12] Għalhekk jeħtieġ li tiġi studjata 'sura ġdida ta' evanġelizzazzjoni li tagħraf twassal għall-bniedem ta' llum, b'mod li jikkonvinċi, l-messaġġ tas-salvazzjoni li hu dejjem veru".[13] Hu meħtieġ fuq kollox li jitħaffef il-mixi lejn rikonċiljazzjoni sħiħa bejn il-Knejjes u fi ħdan l-istess komunitajiet ekkleżjali.[14] Jekk il-Knisja hi "fi Kristu sagrament, jiġifieri sinjal u strument ta' l-għaqda intima ma' Alla u ta' l-unità tal-ġens kollu tal-bnedmin",[15] għandha d-dmir x'taqdi favur ir-rikonċiljazzjoni tal-bnedmin kollha, din il-vokazzjoni qatt ma tista' sseħħ b'mod effikaċi għal kollox jekk jibqgħu firdiet fost dawk li jemmnu fi Kristu.

Il-Ġublew tas-sena 2000 hekk fil-qrib issa, ma jistax ma jqajjimx f'kulħadd qagħda ta' umiltà, kapaċi "tagħti t-tisfija meħtieġa tat-tifkiriet storiċi",[16] permezz tal-konverżjoni tal-qlub u t-talb, hekk li tgħin biex isseħħ l-maħfra għal xulxin ta' kemm fl-imgħoddi nqasna li nagħarfu 'l xulxin.

Il-ħarsa lejn il-ġejjieni li qed jara jokrob it-tmiem tat-tieni elf sena għandu jwassal lil kulħadd biex jagħmel eżami tal-kuxjenza u joħloq inizjattivi ekumeniċi biex għal dan il-Ġublew nistgħu nuru ruħna, jekk mhux magħqudin għal kollox, almenu ninsabu qrib ħafna li negħelbu l-firdiet tat-tieni elf sena.[17]

6. Radd ta' ħajr kollu ħeġġa għandu joħroġ mill-qalb ta' l-ulied kollha tal-Knisja kattolika għat-triq ta' fedeltà u qlubija li minnha l-Missier mexxa l-Knejjes li ħarġu mill-ftehim ta' Uzkorod. Hu sinjal ta' mħabbtu li ċ-ċelebrazzjonijiet se jsiru x'solennità xierqa u bil-libertà kollha. Fl-istess waqt talba ħerqana qed issir lill-Ispirtu s-Santu biex iħaffef il-mument li fih dawk kollha li jemmnu fi Kristu jagħtu glorja lit-Trinità qaddisa "qalb waħda u ruħ waħda" (Rum 15,6). Kondizzjoni tassew meħtieġa għal din il-ġrajja hekk ta' ferħ hi li fil-qalb ta' kull wieħed jasal għall-kobor sħiħ tiegħu l-kuraġġ tal-maħfra: din hi wkoll grazzja li trid tintalab b'perseveranza li ma tiġi nieqsa qatt.

Issa li qed toqrob it-tielet elf sena nisranija, l-Isqof ta' Ruma jiċċelebra b'radd ta' ħajr dan il-Ġublew, u, waqt li jiftakar b'qsim il-qalb f'dawk kollha li batew sa l-eroiżmu biex ma jonqsux mill-impenn tal-fidi tagħhom, joffri lil Alla t-tbatijiet tagħhom, f'xirka mal-Knisja kollha, bħala sagrifiċċju li jogħġob lil Alla, għall-għaqda ta' l-insara u għas-salvazzjoni tad-dinja.

L-Omm ta' Alla, li ħdejn is-Salib irċeviet minn għand Binha id-dmir li b'ħerqa ta' Omm timxi mal-Knisja; is-sultana tal-paċi li tat lill-Verb ta' Alla għamara fostna biex iħabbibna mill-ġdid mal-Missier; il-Verġni ta' Għid il-Ħamsin li bit-talb tagħha qed nistennew tiswib imġedded ta' l-

Ispirtu tal-qdusija; Marija santissima jalla tkun b'imħabbitha qrib dawn ħutna li qed jhejju ruħhom biex jiċċelebraw tifkira li tant għandha tifsir kbir għalihom.

Waqt li nafda f'idejn din l-Omm ta' l-għaqda u s-sliem dawn il-komunitajiet ekklesjali li tant inħobb, nagħti lil kulħadd minn qalbi l-barka appostolika.

Ioannes Paulus pp II

## Noti

1. Ara *Bullarium Romanum* IV/3, 373-376.
2. Ara Ittra app., *Egregiae virtutis* (31 Diċembru 1980).
3. Enċikl. *Slavorum Apostoli* (2 Ġunju 1985), 134; ara ittra app. *Orientale lumen* (2 ġunju 1995), 3.
4. Ara *Orientalium Ecclesiarum* 2.
5. Ljun XIII, Ittra app., *Orientalium dignitas* (30 Novembru 1894).
6. *Lumen gentium,* 13.
7. *Unitatis redintegratio,* 1.
8. Enċikl. *Ut unum sint* (25 Mejju 1995), 100.
9. *Unitatis redintegratio,* 8; ara enċikl. *Ut unum sint,* 101.
10. *Orientalium ecclesiarum,* 24.
11. N. 60.
12. Diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II lil dawk li ħadu sehem fis-VI Simposju tal-Kunsill nazzjonali tal-Konferenzi Episkopali ta' l-Ewropa (11 Ottubru, 1985), 1.
13. Messaġġ ta' Ġwann Pawlu II lill-Presidenti tal-Konferenzi Episkopali ta' l-Ewropa (2 jannar 1986), 6.
14. Ara Enċikl. *Ut unum sint* (25 Mejju 1995).
15. *Lumen gentium,* 8.
16. Ara enċikl. *Ut unum sint* (25 Mejju 1995), 2.
17. Ara Ittra pp., *Tertio millenio adveniente* (10 novembru 1994), 34.

# Messaġġ tal-Papa għall-Ġurnata Missjunarja 1996

*Il-Knisja tbaxxi rasha quddiem il-"martri" ġodda u tingħaqad bit-talb tagħha ma' l-insara kollha li qed iġarrbu vjolenza*

1. Għeżież ħuti, fuq l-għatba tat-tielet elf sena, il-Mulej Ġesù qed jgħid bil-qawwa kollha tiegħu lill-Knisja dak il-kliem li qal lill-Appostli qabel tela' fis-sema, kliem li jiġbor fih l-essenza tal-vokazzjoni nisranija. Għax, min hu n-nisrani? Bniedem "mirbuħ" minn Kristu (Fil 3,12), u għalhekk ħerqan li jgħarraf lil Kristu "sat-trufijiet kollha ta' l-art" u jkun maħbub kullimkien. Il-fidi timbuttana biex inkunu missjunarji, xhieda tiegħu. Jekk dan ma jseħħx, ikun ifisser li l-fidi tagħna m'hijiex sħiħa, fidi ta' nofs kedda, fidi li għad ma laħqitx il-kobor sħiħ tagħha.

Għalhekk, fl-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja inħeġġeġ lil kull wieħed u waħda minnkom biex tilqgħu s-sejħa li qed jagħmlilkom personalment il-Mulej, quddiem l-isfidi appostoliċi ta' żmienna.

2. "**Il-missjoni hi problema ta' fidi**, hi indikazzjoni ċara tal-fidi tagħna fi Kristu u fl-imħabba tiegħu għalina" (*Redemptoris Missio,* 11). Il-fidi u l-missjoni jimxu pass pass flimkien; aktar ma' l-fidi tkun qawwija u fil-fond, aktar tinħass il-ħtieġa li titwassal lill-oħrajn, tinqasam magħhom, tingħata xhieda għaliha. Iżda jekk il-fidi tiddgħajjef, il-ħeġġa missjunarja tonqos u l-ħila tagħha ta' xhieda titlef il-qawwa tagħha. Hekk dejjem ġara fl-istorja tal-Knisja: in-nuqqas ta' ħajja fil-ħidma missjunarja dejjem kienet sinjal ta' kriżi fil-fidi. U forsi dan ma jiġrix għax nieqsa l-konvinzjoni qawwija li "l-fidi tissaħħaħ meta tingħata" (*ibid,* 2), għax proprju bit-tħabbir u x-xhieda ta' Kristu jista' jinkiseb mill-ġdid l-entużjażmu ħa tinsab mill-ġdid it-triq għall-ħajja aktar taqbel ma' l-ispirtu ta' l-Evanġelju? Nistgħu ngħidu li l-missjoni hija l-aħjar "kura" għall-kriżi fil-fidi. Permezz ta' l-impenn missjunarju, kull membru tal-Poplu ta' Alla isaħħaħ l-identità proprja tiegħu, u jasal biex jifhem sewwa li wieħed ma jistax ikun tassew nisrani jew ma jkunx ukoll xhud.

3. **Kull nisrani**, imsieħeb fil-Knisja permezz tal-Magħmudija, **hu msejjaħ biex ikun missjunarju u xhud.** Dan hu kmandament ċar tal-Mulej. U l-Ispirtu s-Santu jibgħat lil kull min hu mgħammed biex iħabbar u jagħti

xhieda għal Kristu lill-ġnus kollha: dan mela hu **dmir** u **privileġġ**, għax hu stedina għal tisħib ma' Alla għas-salvazzjoni ta' kull bniedem u tal-ġens kollu tal-bnedmin. Dan għaliex ingħatat lilna **din il-grazzja li nxandru fost il-pagani l-Evanġelju ta' l-għana ta' Kristu għad li ebda moħħ ma jista' jifhmu** (Ef 3,8).

U kif l-Ispirtu bidel il-grupp ċkejken ta' l-ewwel dixxipli f'appostli qalbiena tal-Mulej u ħabbara mdawwlin tal-Kelma tiegħu, hekk għadu jħejji xhieda ta' l-Evanġelju għal żmienna.

4. Il-Ġurnata Missjunarja tfakkar lil kulħadd b'dan id-dmir u b'din il-"grazzja" li jwasslu lill-bnedmin "mhux biss xi għerf tal-bniedem, bħalli kieku xi xjenza kif tgħix tajjeb" (*Redemptoris Missio,* 11), l-esperjenza ferrieħa ta' **"preżenza" ħajja li trid turi ruħha f'kull min hu mgħammed,** kapaċi tqanqal fl-oħrajn – kif qal sewwa l-Papa Pawlu VI – mistoqsijiet li ma tistax ma tweġibhomx: għax huma hekk? għax qed jgħixu hekk? (*Evangelii nuntiandi,* 21). Il-missjoni għalhekk hi xhieda u xandir ta' dwal (*Redemptoris Missio,* 26). Jekk tassew lesti li noqogħdu għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu jirnexxilna nuru u nxandru barra minna l-misteru ta' l-imħabba li jgħammar fina (ara Ġw 14,23). Tiegħu nistgħu nkunu xhieda. Xhieda ta' fidi imdawwla u sħiħa, ta' mħabba ħabrieka, kollha sabar u tjieba (ara 1 Kor 13,4), ta' qadi favur il-ħafna faqar tal-bniedem ta' llum. Xhieda ta' tama li ma tqarraqx, u xirka liema bħalha li tirrifletti l-ħajja ta' Alla wieħed fi Tliet Persuni, ta' ubbidjenza u tas-salib, f'kelma waħda, xhieda tal-qdusija, "bnedmin tal-beatitudnijiet", imsejħin biex ikunu perfetti kif hu perfett il-Missier tas-sema (ara Mt 5,48). Din hi l-identità tan-nisrani-xhud, "kopja", "sinjal", "dawl ħaj" ta' Ġesù.

Minn Poplu ta' Alla mpenjat b'dan il-mod, ma jonqsux li joħorġu **vokazzjonijiet missjunarji,** żgħażagħ kapaċi jitilfu ħajjithom għal Kristu (ara Mk 8,35) fl-avventura li ssaħħar, tal-missjoni lill-ġnus. Kemm-il darba, fil-vjaġġi appostoliċi tiegħi, irnexxieli nara għelieqi li bjadu għall-ħsad (ara Ġw 4,35), u nisma' lil min jgħidli li ma hemmx missjunarji, saċerdoti, fratelli, sorijiet, persuni konsagrati għall-Evanġelju! Il-Ġurnata Missjunarja tkun tfisser ħafna jekk fil-parroċċi u fil-familji nsara twassal biex isir talb għall-vokazzjonijiet missjunarji u toħloq ambjent adatt ħa jaslu għall-kobor sħiħ tagħhom.

5. L-identità tan-nisrani-xhud immarkata mill-preżenza tas-**Salib** li ma tiġi nieqsa qatt tagħti tifsira lill-identità tan-nisrani. Mingħajr is-Salib ma jistax ikun hemm xhieda tassew. Is-Salib hu kondizzjoni li ma jistgħux jiċċaħħdu minnu dawk kollha li jiddeċiedu b'rieda sħiħa li jimxu wara l-Muelj: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa'

Salibu kuljum u jimxi warajja" (Lq 9,23). Ix-xhieda kollha ta' Alla u ta' Kristu, ibda mill-Appostli jafu x'inhi l-persekuzzjoni minħabba fiH: "Jekk ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll" (Ġw 15,20). Dan hu wirt li Ġesù ħalla lil dawk li huma tiegħu u lil kull wieħed minnhom irid jilqa' u jinkarnah f'ħajtu stess. Il-Golgota hi t-triq li wieħed irid jgħaddi minnha biex jasal għal-Qawmien.

Hi "Salib" l-imitazzjoni ta' Kristu fix-xhieda tal-fedeltà u fil-ħidma ta' kuljum kollha sabar u dejjem sejra. Hu "Salib" tmur kontra l-kurrent int u tagħmel l-għażliet tiegħek skond il-kmandamenti ta' Alla minkejja li ma jifhmukx jew ma togħġobx lin-nies jew iwarrbuk. "Salib" hi wkoll il-kundanna profetika ta' l-inġustizzja, tal-libertajiet imkasbra, tad-drittijiet miksura; hu "Salib" ukoll tgħix fejn il-Knisja hi ppersegwitata, imfixkla u bin-nies kontra tagħha. Kif hawn ma tmurx bil-ħsieb lejn **dawk ħutna u dawk il-komunitajiet sħaħ** li f'ħafna partijiet tad-dinja **qed jagħtu xhieda tassew ta' l-għaġeb** ta' ħajja nisranija mogħtija kollha kemm hi lil Kristu u lill-Knisja, minkejja l-ostilità u l-persekuzzjoni ta' l-ambjent fejn jinsabu? Kull sena għandna x-xhieda qalbiena ta' "martri" ġodda li jxerrdu demmhom biex jibqgħu fidili lejn il-Mulej. Il-Knisja tbaxxi rasha quddiem is-sagrifiċċju tagħhom u tingħaqad fit-talb u bl-imħabba ta' l-aħwa ma' dawk l-insara li qed iġarrbu vjolenza, hi u tistedinhom ma jaqtgħux qalbhom u ma jibżgħux. Kristu magħkom, għeżież ħuti maħbubin fuq li maħbubin.

6. Fl-animazzjoni missjunarja għandhom ħidma mportanti **l-Opri Missjunarji Pontifiċji**, li huma fid-dmir li jnisslu fil-Knejjes lokali u fl-insara sens missjunarju tal-fidi. Il-ħidma tagħhom hi mportanti ħafna għall-kobor tad-djoċesi, tal-parroċċi u tal-familji nsara.

Lill-imgħammdin Kristu llum jistaqsi **Tridu tkunu xhieda tiegħi?** Kull wieħed hu mistieden jistaqsi lilu nnifsu bis-sinċerità kollha: "Qed nagħti lid-dinja ix-xhieda li l-Mulej qed jitlobni? qed ngħix fidi qawwija, hienja, ferrieħa jew qed nuri sura ta' ħajja nisranija bla saħħa imġarrba minn ħafna kompromessi biex nadattaha għall-kumdità tiegħi?

L-Opri Missjunarji Pontifiċji f'ħin waqtu iridu **jaqdu din ix-xhieda missjunarja** billi jinsistu dwar **il-Primat tal-Qdusija**. Kif ktibt f'*Redemptoris Missio*, "Missjunarju veru hu Qaddis ... Kull missjunarju hu tassew Missjunarju biss jekk impenjat fit-triq tal-qdusija ... Jeħtieġ tqum ħeġġa ġdida ta' qdusija fost il-missjunarji u fil-komunità nisranija kollha, b'mod speċjali fost dawk li qed jgħinu mill-qrib lill-missjunarji" (n. 90).

7. Aktar ma tkun effikaċi din il-ħidma, aktar il-familja ta' l-insara tikseb quddiem id-dinja id-dehra u l-ħidma **ta' vera komunità ta' xhieda għall-**

**missjoni lill-ġnus**, u kull nisrani jkun jista' jagħraf mill-ġdid id-dmir li jiftaħ qalbu għal dawk li fil-missjonijiet spiss qed jgħixu f'ħajja ta' faqar kbir, materjali u spiritwali. Mill-għarfien ta' dan, żgur joħroġ l-impenn biex jgħin fil-ħtiġijiet ta' ħutu ifqar minnu. Hekk tikber il-kuxjenza missjunarja miftuħa għall-Knisja universali. Minn hawn jiġi tisħib attiv fl-isforz għal evanġelizzazzjoni ġdida li qiegħda tagħti karattru lil dawn is-snin ta' tħejjija għall-ġublew il-kbir tas-sena elfejn.

"Issa li qed toqrob it-tielet elf sena tal-fidwa, Alla qed iħejji rebbiegħa nisranija ġdida u ġa qed nintebħu bil-bidu tagħha" (*Redemptoris Missio*, 86). Żgur minn din il-ħaġa, inġedded l-istedina biex ilkoll kemm aħna "ngħixu iktar fil-fond il-misteru tas-salvazzjoni" (*Ibid*. 92). Jiena u nitlob il-ħarsien ta' Marija, kewkba ta' l-Evanġelizazzjoni, b'mod speċjali għall-missjunarji u għal dawk kollha li b'mod jew ieħor qed iħabirku fil-qadi tal-missjoni, minn qalbi nagħti l-Barka Appostolika tiegħi.

Mill-Vatikan, 28 ta' Mejju 1996

Joannes Paulus pp. II

EŻORTAZZJONI APPOSTOLIKA POST-SINODALI

# *IL-ĦAJJA KONSAGRATA*

TAL-PAPA ĠWANN PAWLU II

LILL-ISQFIJIET U L-KLERU
LILL-ORDNIJIET U LILL-KONGREGAZZJONIJIET RELIĠJUŻI
LIS-SOĊJETAJIET TA' ĦAJJA APPOSTOLIKA
LILL-ISTITUTI SEKULARI
U LILL-FIDILI KOLLHA

DWAR IL-ĦAJJA KONSAGRATA U L-MISSJONI TAGĦHA
FIL-KNISJA U FID-DINJA

## DAHLA

**1.** Il-ħajja konsagrata, li għandha l-għeruq tagħha fl-eżempji u t-tagħlim ta' Kristu l-Mulej, hi don ta' Alla l-Missier lill-Knisja tiegħu, permezz ta' l-Ispirtu s-Santu; bil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, *il-karatteristiċi proprji ta' Kristu* – il-verġnità, il-faqar, l-ubbidjenza – *jiksbu* għal dejjem, b'mod singulari, *sura "li tidher" fid-dinja*, u fl-istess waqt iwasslu għall-fehma ta' dak il-misteru tas-Saltna ta' Alla li ġa qed jaħdem fid-dinja, iżda għadu jistenna li jilħaq il-milja kollha tiegħu fis-sema.

Tul iż-żminijiet kien hemm irġiel u nisa, li huma u jobdu s-sejħa ta' Alla u l-ispirazzjoni ta' l-ispirtu, għażlu din is-sura ta' mixi speċjali wara Kristu, u kkonsagraw ruħhom lilu biex ikunu qaddisa f'ruħhom u ġisimhom (ara *1 Kor* 7, 34). Huma ħallew kollox, l-istess bħall-Appostli, biex jibqgħu dejjem ma' Kristu u jaqdu 'l Alla u lil aħwa, bħalu. B'dan il-mod taw sehem mhux żgħir biex juru x'inhuma l-misteru u l-missjoni tal-Knisja, permezz tal-ħafna kariżmi ta' ħajja spiritwali u appostolika imqassmin lilhom b'id miftuħa mill-Ispirtu s-Santu, u għalhekk kienu wkoll ta' għajnuna għat-tiġdid ta' soċjetà tal-bnedmin.

### Radd ta' ħajr għall-ħajja konsagrata

**2.** Tant hi importanti il-ħajja konsagrata fil-Knisja, li deherli kien dmir tiegħi nsejjaħ Sinodu biex jistudja fil-fond it-tifsir tagħha, issa u għall-ġejjieni, meta t-tielet elf sena hi hekk fil-qrib. Kienet xewqa tiegħi wkoll li għas-Sinodu, flimkien ma' l-Isqfijiet, ikun hemm ħafna irġiel u nisa konsagrati biex huma wkoll ikollhom sehem fid-deliberazzjonijiet ta' bejniethom.

Ilkoll kemm aħna nafu sewwa x'ġid tagħti l-ħajja konsagrata bħala don lix-xirka tal-Knisja, minħabba l-varjetà kbira ta' kariżmi u istituzzjonijiet. *Inroddu ħajr* lil Alla għall-Ordnijiet reliġjużi, għall-Istituti li

jiddedikaw ruħhom għall-kontemplazzjoni jew għall-ħidmiet ta l-appostolat, għas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, għall-Istituti sekulari u għall-gruppi oħra ta' ħajja konsagrata u ukoll għal dawk l-individwi li fil-fond ta' qalbhom b'mod speċjali jikkonsagraw ruħhom lil Alla.

Waqt is-Sinodu qisu messejna b'idejna kemm hi mxerrda mad-dinja l-ħajja konsagrata, li nsibuha fil-Knejjes f'kull parti tad-dinja. Tagħti bidu għax-xandir ta' l-Evanġelju f'kull naħa tad-dinja u tissieħeb mat-tħabbira tiegħu kull fejn mhux biss jiġu milqugħin b'radd il-ħajr l-Istituti ta' ħajja konsagrata li jiġu minn fost ġnus barranin, imma kull fejn ukoll jitwaqqfu Istituti ġodda ta' ħafna suriet u espressjonijiet.

Għalhekk, għalkemm f'xi partijiet tad-dinja l-Istituti ta' ħajja konsagrata jidhru li għaddejjin minn żminijiet aktar diffiċli, f'postijiet oħra qed jiġu 'l quddiem b'qawwa liema bħalha, u hekk qed juru li l-għoti sħiħ lil Alla fi Kristu bl-ebda mod ma jmur kontra kull kultura u ġrajja tal-popli. Il-ħajja konsagrata ma tiffjorixxix biss fil-Knijsa Kattolika; b'mod partikulari għandha qawwa kbira fil-monastiċiżmu tal-Knejjes Orjentali, fejn hi meqjusa bħala aspett essenzjali tal-ħajja tagħhom. Qed tibda wkoll jew qed tieħu ħajja mill-ġdid fil-komunitajiet ekklesjali li ħarġu mir-Riforma, bħala sinjal ta' grazzja li minnha għandhom sehem id-dixxipli kollha ta' Kristu. Minn dawn il-fatti toħroġ il-ħeġġa għall-ekumeniżmu li juri xewqa kbira għal xirka aktar sħiħa bejn l-insara "biex id-dinja temmen" (*Ġw* 17, 21).

## Il-ħajja konsagrata hi don mogħti lill-Knisja

**3.** Il-preżenza tal-ħajja konsagrata fid-dinja kollha u x-xhieda evanġelika tagħha juru b'mod ċar – jekk dan hu tassew meħtieġ – li *m'hijiex xi ħaġa maqtugħa għal kollox mid-dinja u bl-ebda rabta magħha*, imma hi ħaġa li tolqot sewwa l-Knisja kollha. Dan wettquh kemm-il darba l-Isqfijiet fis-Sinodu meta qalu: *de re nostra agitur* – "hi ħaġa li tolqotna lkoll".[1] Fil-fatt *il-ħajja konsagrata tinsab fil-qalba tal-Knisja* bħala element mill-aktar importanti tal-missjoni tagħha, għaliex "tfisser n-natura intima tal-vokazzjoni nisranija",[2] kif ukoll il-ħerqa tal-

1. *Propositio* 2.
2. *Ad gentes*, 18.

Knisja kollha bħala Għarusa għall-għaqda ma' l-Għarus waħdieni tagħha.[3] Mhux darba ntqal fis-Sinodu li l-ħajja konsagrata kienet ta' għajnuna li wettqet il-Knisja fl-imgħoddi, iżda hi wkoll meħtiega u hi don ta' siwi kbir għaż-żmien ta' issa u għall-ġejjieni tal-poplu ta' Alla, għaliex hi parti intima mill-ħajja, mill-qdusija u mill-ħidma tal-Knisja.[4]

Id-diffikultajiet ta' llum, li xi Istituti qed ikollhom f'xi partijiet tad-dinja, bl-ebda mod ma għandhom iġiegħeluna niddubitaw li l-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi *m'hijiex parti integranti tal-ħajja tal-Knisja*, u minnhom tieħu qawwa tassew ta' l-għaġeb biex turi dejjem aktar fedeltà lejn l-Evanġelju.[5] Matul il-ġrajja tad-dinja, jista' jiġri li l-ħajja konsagrata jkollha ħafna suriet diversi, iżda ebda tibdil ma hu se jolqot dak li hu essenzjali fiha, jiġifieri l-offerta radikali tiegħek innifsek għall-imħabba ta' Kristu l-Mulej u, fi Kristu, għall-imħabba ta' kull wieħed u waħda mill-ġens kollu tal-bnedmin. *Din iċ-ċertezza*, li tul tant mijiet ta' snin qanqlet għadd bla qjies ta' nies, *illum wkoll qed tiżgura l-poplu nisrani*, għax jaf li jista' jkollu għajnuna liema bħala fil-mixi tiegħu lejn is-sema mill-qlub ġenerużi ta' dawk kolllha li jgħixu ħajja konsagrata.

## Niġbru l-frott tas-Sinodu

**4.** Bi tweġiba għax-xewqa ta' l-Assemblea Ġenerali ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet li ltaqgħet biex tistudja "Il-Ħajja Konsagrata u l-Missjoni tagħha fil-Knisja u fid-Dinja", b'din l-Eżortazzjoni Appostolika għandi l-ħsieb nuri xi frott ħareġ mill-ħidma tas-Sinodu[6] lill-insara kollha – isqfijiet u presbiteri, djakni, persuni konsagrati u lajċi – u lil dawk kollha wkoll li jridu jkunu jafu bl-għeġubijiet kbar li llum wkoll il-Mulej irid jagħmel permezz tal-ħajja konsagrata.

Dan is-Sinodu, li ġie wara is-Sinodu dwar il-lajċi u s-Sinodu dwar il-presbiteri, irid iġib għat-tmiem l-istudju li sar dwar in-natura proprja

3. *Lumen gentium*, 44; Pawlu VI, Ezort. app. *Evangelica testificatio* (29 ta' Ġunju, 1971) 7; Eżort. app. *Evangelii nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975), 69.
4. *Lumen gentium*, 44.
5. Ara Ġwanni Pawlu II diskors fl-Udienza Ġenerali ta' 28 ta' Settembru 1994.
6. Ara *Propositio* 1.

ta' kull stat ta' ħajja li l-Mulej Ġesù ried jagħti lill-Knisja tiegħu. Jekk il-Konċilju Vatikan II għolla sewwa l-verità kbira tax-xirka tal-Knisja, li fiha jingħaqdu d-doni kollha meħtieġa għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu u għas-sħuħija tal-missjoni tal-Knisja fid-dinja, f'dawn l-aħħar snin ingħarfet aħjar il-ħtieġa li *tintwera b'mod aktar ċar l-identità partikulari*, il-vokazzjoni u l-missjoni proprja fil-Knisja ta' *kull stat ta' ħajja.*

Dan għaliex fix-xirka tal-Knisja mhux kollox l-istess, imma d-don ta' l-Ispirtu jinxtered ukoll permezz ta' ħafna kariżmi u stati ta' ħajja. Dawn il-kariżmi u stati ta' ħajja jkunu jiswew lill-Knisja u lill-missjoni tagħha, daqskemm tingħaraf sewwa l-identità proprja tagħhom. Dan għaliex kull don ta' l-Ispirtu jingħata biex jagħti frott lill-Mulej[7] bit-tkattir tal-fraternità u tal-missjoni.

**Il-ħidma ta' l-Ispirtu fil-ħafna suriet tal-ħajja konsagrata**

**5.** Kif ma nroddux ħajr lill-Ispirtu *aħna u niftakru fl-għadd kbir ta' suriet ta' ħajja konsagrata li dehru tul iż-żminijiet*, li hu qanqal u li għadhom jinsabu sa llum fil-bini tal-Knisja? Qishom siġra b'ħafna u ħafna friegħi[8] li għandha l-għeruq tagħha fl-Evanġelju u li tagħti kotra ta' frott f'kull żmien. X'għana ta' l-għaġeb! Fl-għeluq tas-Sinodu jien stess ħassejt li kelli nfaħħar fuq li nfaħħar dan l-element li qatt ma ġie nieqes fl-istorja tal-Knisja: l-għadd ta' fundaturi u fundatriċi, u l-qaddisin irġiel u nisa li għażlu 'l Kristu billi ħaddnu l-Evanġelju b'mod radikali u qdew lil ħuthom, l-aktar il-foqra u l-abbandunati.[9] Dan il-qadi juri b'mod tassew ta' l-għaġeb kif il-ħajja konsagrata turi *l-karattru waħdieni tal-kmandament ta' l-imħabba*, fir-rabta li qatt ma tiġi nieqsa bejn l-imħabba għal Alla u l-imħabba għall-proxxmu.

Is-Sinodu fakkar l-ħidma li ma tieqaf qatt ta' l-Ispirtu s-Santu li tul il-mijiet tas-snin joħroġ t-teżori tal-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi, b'għadd

7. Ara San Franġisk de Sales, *Introductio ad vitam devotam*, p. I, c.3.
8. Ara *Lumen gentium*, 45.
9. Ara omelija tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'għeluq id-IX assemblea ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, fid-29 ta' Ottubru, 1994.

bla qjies ta' kariżmi; b'dan il-mod dejjem jagħmel preżenti fil-Knisja u fid-dinja, f'kull żmien u f'kullimkien, il-misteru ta' Kristu.

## Il-ħajja monastika fil-lvant u fil-punent

**6.** L-Isqfijiet Kattoliċi Orjentali li ħadu sehem fis-Sinodu u d-delegati tal-Knejjes Orjentali l-oħra, urew ċar *il-valuri evanġeliċi tal-ħajja monastika*[10] li dehret sa mill-ewwel żminijiet tal-kristjaneżmu u għadha tiffjorixxi llum wkoll l-aktar fil-Knejjes ortodossi.

Sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja ma naqsux irġiel u nisa li għarfu li kienu msejħin biex ikunu jixbhu lill-Verb magħmul bniedem fil-qagħda tiegħu ta' qaddej, u mxew warajh billi, permezz tal-professjoni reliġjuża, ħaddnu prinċipalment u b'mod radikali dak li jintalab mit-tisħib, permezz tal-Magħmudija, fil-misteru ta' l-Għid – tal-mewt u tal-qawmien għall-ħajja tal-Mulej. B'dan il-mod, irġiel u nisa tassew spiritwali riedu jerfgħu s-salib, saru *staurophoroi*, u ħabirku biex ikunu mimlijin bl-Ispirtu, *pneumaphoroi*, u minn triqat misterjużi, bit-tifħir u t-talb bla heda, bit-twissijiet spiritwali u l-għemejjel ta' l-imħabba tagħhom, setgħu jagħtu kotra ta' għana lill-istorja.

Bix-xewqa kbira li jbiddlu d-dinja u l-istess ħajja fl-istennija tad-dehra ta' wiċċ Alla għal dejjem ta' dejjem, il-monakiżmu tal-lvant jagħti importanza kbira lill-konverżjoni, liċ-ċaħda tiegħek innifsek, lis-sogħba minn qiegħ il-qalb, lill-*hesychia* jew l-hena fir-ruħ, lit-talb ma jaqta' qatt, lis-sawm u sahriet, lit-taqbida spiritwali u skiet, lill-ferħ ta' l-Għid quddiem il-Mulej u l-mistennija għat-tieni miġja tiegħu, lill-offerta tiegħek innifsek u kull ma għandek, f'ħajja f'xirka qaddisa f'monasteru jew f'ħajja ta' solitudni f'eremitaġġ.[11]

Fil-punent ukoll il-Knisja għexet il-ħajja monastika fl-ewwel mijiet ta' snin, u kienet ta' ħafna suriet, kemm ta' sura ċenobitika u kemm ta' sura eremitika. Fis-sura ta' llum, ispirata l-aktar minn San Benedittu, il-monakiżmu tal-punent kiseb il-wirt ta' tant u tant irġiel u nisa, li ħallew fil-ġemb id-dinja u fittxew lil Alla u kkonsagraw ruħhom lilu, għax "xejn

10. Ara IX Assemblea ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet, *Nuntius Synodi* tas-29 ta' Ottubru, 1994.
11. Ara *Propositio* 5B.

ma qiesu aqwa mill-imħabba ta' Kristu".[12] Illum ukoll l-irħieb ifittxu joħolqu *armonija u qbil bejn il-ħajja tar-ruħ u l-ħidma* fl-impenn evanġeliku tagħhom għall-konverżjoni, għall-ubbidjenza u għall-istabbiltà, fil-fehma li ma jonqsux mill-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla *(lectio divina)*, fiċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u fit-talb. Kien hemm fl-imgħoddi, u għad hemm illum, f'nofs il-Knisja u fid-dinja, sinjali ta' xirka li jfissru ħafna: huma l-ħafna postijiet li jilqgħu fi ħdanhom lil min qed ifittex lil Alla u l-veritajiet ta' l-ispirtu, skejjel ta' fidi u veri postijiet ta' studju, ta' djalogu u ta' kultura għall-bini tal-ħajja ekklesjali u ta' l-istess belt tad-dinja sa ma tidher il-belt tas-sema.

## L-Ordni tal-verġni, ta' l-eremiti, tar-romol

**7.** Hu ferħ u tama għalija nara jiffjorixxi mill-ġdid illum l-*Ordni antik tal-Verġni* li tiegħu huma xhieda l-komunitajiet insara sa minn żmien l-Apostli.[13] Dawn il-verġni, ikkonsagrati mill-Isqof tad-djoċesi, jiksbu rabta partikulari mal-Knisja billi jimpenjaw ruħhom fil-ministeru tagħha waqt li jibqgħu fid-dinja. Dawn il-verġni, kull waħda għal rasha jew flimkien ma' oħrajn, *juru xbieha eskatoloġika singulari ta' l-Għarus tas-sema u tal-ħajja li għad trid tiġi,* meta l-Knisja fl-aħħar tibda tgħix fil-milja kollha tagħha l-imħabba tagħha għal Kristu, l-Għarus tagħha.

L-eremiti, *irġiel u nisa*, membri ta' Ordnijiet reliġjużi antiki jew ta' Istituti ġodda, jew ukoll dipendenti direttament mill-Isqof tagħhom, bil-firda tagħhom mid-dinja bir-ruħ u l-ġisem, huma xhieda li s-sura ta' dan iż-żmien m'hijiex għal dejjem, u bis-sawm u l-penitenzi tagħhom jistqarru li mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem imma bil-Kelma ta' Alla (ara *Mt* 4, 4). Din is-sura ta' ħajja "fid-deżert" hija stedina lin-nies ta' żmienhom u lill-istess komunità ekklesjali, *biex ma jwarbux minn quddiemhom l-ogħla vokazzjoni* li hi dik li nkunu dejjem mal-Mulej.

F'dawn l-aħħar żminijiet reġgħet daħlet il-konsagrazzjoni tar-*romol nisa*,[14] li kien hemm fil-Knisja sa minn żmien l-Appostli (ara *1 Tim* 5, 5.9-10; *1 Kor* 7.8) u tar-romol irġiel. Permezz tal-vot tal-kastità perpetwa

12. Ara *Regula*, 4, 21 u 72, 11.
13. Ara *Propositio* 12.
14. Ara *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium*, kan. 370.

bħala sinjal tas-Saltna ta' Alla, dawn jikkonsagraw il-qagħda tagħhom biex jiddedikaw ruħhom għat-talb u għall-qadi tal-Knisja.

**Istituti dedikati kollhom kemm huma għall-kontemplazzjoni**

**8.** Istituti dedikati kollhom kemm huma għall-kontemplazzjoni, b'irġiel jew nisa bħala membri tagħhom, huma ta' ferħ kbir għall-Knisja u għajn ta' grazzji mis-sema. Ir-reliġjużi membri ta' dawn l-istituti, bil-ħajja u l-ħidma tagħhom, huma xebh ma' Kristu jitlob fuq l-għoljiet, jagħtu xhieda tal-ħakma ta' Alla fuq il-ġrajja tal-bniedem, u jħabbru minn qabel il-glorja li għad trid tiġi.

Fis-solitudni u s-skiet, permezz tas-smigħ tal-Kelma ta' Alla, taċ-ċelebrazzjoni tal-kult divin, bl-axxetiżmu tagħhom, bit-talb, bit-tgħakkis tagħhom, u bix-xirka fl-imħabba għall-aħwa, huma jimlew ħajjithom u ħidmiethom kollha bil-kontemplazzjoni ta' Alla. B'hekk jagħtu xhieda liema bħalha lill-komunità ekklesjali ta' l-imħabba tal-Knisja għal Alla u jgħinu fit-tkattir tal-Poplu ta' Alla bil-frott tal-ħidma appostolika moħbija tagħhom.[15]

Jixraq għalhekk nittamaw li ħafna suriet ta' ħajja kontemplattiva *jiżdiedu fil-għadd u jixxerdu fil-Knejjes ġodda* u hekk ikunu tħabbira li l-Evanġelju daħal ukoll b'mod speċjali f'dawk in-naħiet tad-dinja fejn huma aktar imxerrda reliġjonijiet oħra. B'hekk tingħata xhieda għall-qawwa u l-vitalità tat-tradizzjonijiet insara ta' l-axxetiżmu u tal-mistiċiżmu u dan ikun ta' għajnuna wkoll għad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet.[16]

**Il-ħajja reliġjuża appostolika**

**9.** Fil-punent tul iż-żminijiet nibtu ħafna istituzzjonijiet oħrajn ta' ħajja reliġjuża li fihom għadd bla qjies ta' persuni ċaħdu d-dinja, u ngħataw lil Alla permezz ta' professjoni pubblika tal-kunsilli evanġeliċi, skond kariżma speċifiku u f'sura ta' ħajja komunitarja stabbli,[17] *biex*

15. Ara *Perfectae caritatis*, 7; *Ad gentes*, 40.
16. Ara *Propositio* 6.
17. Ara *Propositio* 4.

*jaqdu ħafna suriet ta' ministeru appostoliku favur il-poplu ta' Alla.* Dawn huma l-ħafna familji ta' Kanonċi regulari, ta' Ordinjiet mendikanti, ta' Kjeriċi regulari, u b'mod ġenerali ta' Kongregazzjonijiet reliġjużi ta' rġiel jew nisa dedikati għall-ħidma appostolika u missjunarja u ta' ħafna suriet oħra ta' ħidma li tqajjem l-imħabba nisranija.

Din il-varjetà ta' xhieda tassew ta' l-għageb, li fiha, qisu f'mera, jidhru l-ħafna doni mogħtijin minn Alla lill-fundaturi u lill-fundatriċi, li bi spirtu ta' ubbidjenza għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, għarfu jifhmu s-sinjali taż-żminijiet u b'fehma mdawwla wieġbu għall-ħtiġijiet li kienu jinqalgħu. Ħafna oħrajn imxew fuq il-passi tagħhom u bil-kliem u bl-għemil ħabirku biex ilibbsu ħajjithom bl-Evanġelju, biex kull wieħed fi żmienu iwassal il-preżenza ħajja ta' Kristu, Mibgħut u Konsagrat mill-Missier. Għalhekk jeħtieġ li r-reliġjużi, irġiel u nisa, issa wkoll jidhru bħala xbihat ta' Kristu l-Mulej, u bit-talb tagħhom jfittxu li jiksbu għaqda sħiħa fil-ħsieb miegħu (ara *Fil* 2, 5-11), biex hekk ħajjithom kollha tkun mimlija bi spirtu appostoliku u kull ħidma appostolika tagħhom tkun imwettqa bil-kontemplazzjoni.[18]

## L-Istituti sekulari

**10.** L-Ispirtu s-Santu, li b'mod ta' l-għaġeb joħloq varjetà ta' doni u kariżmi, fi żmienna wkoll qanqal *suriet ġodda ta' ħajja konsagrata,* qishom tweġiba provvidenzjali għall-ħtiġijiet ġodda li għandha quddiemha l-Knisja, hija u taqdi l-ministeru tagħha fost il-bnedmin.

Ħsiebi l-ewwel imur fl-*Istituti sekulari* fejn il-membri ifitxxu *li jtemmu l-konsagrazzjoni tagħhom lil Alla huma u jgħixu fid-dinja* permezz tal-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi fil-ħajja tagħhom fid-dinja biex ikunu ħmira ta' għerf u xhieda ta' grazzja fi ħdan il-ħajja kulturali, politika u ekonomika tad-dinja. Bir-rabta proprja tagħhom tal-qagħda fid-dinja mal-konsagrazzjoni reliġjuża tagħhom, huma *jfittxu jdaħħlu fis-soċjetà l-qawwa ġdida tas-Saltna ta' Kristu,* bil-ħsieb li jbiddlu minn ġewwa id-dinja bil-qawwa tal-Beatitudnijiet. B'dan il-mod, waqt li huma kollhom kemm huma ta' Alla għax impenjati kollhom kemm huma fil-qadi ta' Alla, il-ħidma tagħhom fil-ħajja ta' kull jum fid-dinja, bil-qawwa ta' l-

18. Ara *Propositio* 7.

Ispirtu, titfa d-dawl ta' l-Evanġelju fuq ir-realtajiet tad-dinja. B'hekk l-Istituti sekulari jgħinu biex, kull Istitut skond il-kariżma proprju tiegħu, jiżgura l-preżenza effettiva tal-Knisja fis-soċjetà ta' llum.[19]

Jagħmlu ħidma tassew importanti *l-Isituti sekulari klerikali* li fihom is-saċerdoti waqt li huma parti mill-presbiterju tad-djoċesi, ukoll jekk xi wħud minnhom huma inkardinati fl-Istitut tagħhom, jikkonsagraw ruħhom lil Kristu bil-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi skond il-kariżma proprju tagħhom. Dawn is-saċerdoti fl-għana spiritwali ta' l-Istitut proprju tagħhom isibu għajnuna kbira ħa jgħixu b'ħeġġa akbar l-ispiritwalità proprja tas-saċerdot u hekk ikunu bħall-ħmira ta' xirka u ta'ġenerożità appostolika fost sħabhom is-saċerdoti l-oħra.

## Is-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika

**11.** Ta' min ifakkar ukoll b'mod speċjali *is-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika* jew komunitarja, ta' rġiel u nisa; kull soċjetà, bil-mod proprju tagħha, tfittex taqdi l-għan appostoliku jew missjunarju speċifiku tagħha. F'ħafna minn dawn is-soċjetajiet il-membri jintrabtu espressament li jħarsu l-kunsilli evanġeliċi u din ir-rabta qaddisa tagħhom hi magħrufa mill-Knisja. Iżda hawn ukoll il-karattru speċifiku tal-konsagrazzjoni tagħhom tagħżilhom mill-Istituti reliġjużi u mill-Istituti sekulari.

Irid ikun żgurat u jrid jiġi 'l quddiem il-karattru ta' din is-sura ta' ħajja li f'dawn l-aħħar mijiet ta' snin tat tant u tant frott ta' qdusija u appostolat speċjalment fil-qasam ta' l-imħabba u fix-xandir ta' l-Evanġelju.[20]

## Suriet ġodda ta' ħajja konsagrata

**12.** Illum ukoll qed tkompli turi ruħha ż-żogħżija ta' dejjem tal-Knisja: f'dawn l-aħħar għaxriet ta' snin, wara l-Konċilju Vatikan II, *dehru suriet ġodda jew imġedda ta' l-istess ħajja konsagrata.* Spiss huma Istituti bħal dawk li ġa jeżistu, iżda riduhom fehmiet spiritwali u appostoliċi ġodda. Jeħtieġ li l-Knisja, bl-awtorità tagħha, tistħarreġ sewwa l-qawwa u l-vitalità tagħhom biex tqies ir-raġunijiet li għalihom qed

19. Ara *Propositio* 11.
20. Ara *Propositio* 14.

jitwaqqfu, u wkoll biex jiġi evitat li jkun hemm ħafna Istituti l-istess, minħabba l-periklu ta' xi ħsara kbira li tista' tiġi meta xi sura ta' Istitut tinqasam f'għadd kbir ta' gruppi żgħar ħafna. Haġ'oħra huma esperjenzi ġodda ta' dawk li qed ifittxu l-identità tagħhom fi ħdan il-Knisja u qed jistennew għarfien uffiċjali mis-Sede Appostolika, għax fl-aħħar mill-aħħar hi biss dik li għandha dritt tiġġudika dwar dan.[21]

Dawn is-suriet ġodda ta' ħajja konsagrata, li qed jiżdiedu mas-suriet ta' l-imgħoddi, huma xhieda ta' dik il-ġibda li għandhom dejjem l-għoti sħiħ lil Alla, l-ideal tal-ħajja appostolika u l-kariżmi ta' fundazzjoni, ġibda li m'hijiex nieqsa lanqas fi żminijietna; dawn is-suriet ġodda juru wkoll li d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu huma kollha komplementari ta' xulxin.

Iżda f'dan it-tiġdid l-Ispirtu s-Santu ma jmurx kontra tiegħu nnifsu. Dan jidher ċar mill-fatt li s-suriet ġodda ta' ħajja konsagrata mhux qed iwarrbu lil dawk ta' qabel. Fost din il-varjetà kollha, baqgħet imħarsa unità fondamentali għax waħda hi s-sejħa ta' min irid ifittex l-imħabba perfetta fil-mixi wara Kristu, safi, fqir u ubbidjenti. Din is-sejħa li tinsab fis-suriet li ġa jeżistu tal-ħajja konsagrata, trid tinsab ukoll f'dawk is-suriet li qed juru ruħhom bħala ġodda.

## L-għan ta' din l-Eżortazzjoni appostolika

**13.** Jiena u niġbor il-frott kollu li ħareġ mill-ħidma tas-Sinodu, b'din l-Eżortazzjoni appostolika irrid inkellem mhux biss lill-persuni konsagrati, imma lill-Isqfijiet u lill-fidili, biex noffrilhom *il-frott tat-tibdil ta' fehmiet li seħħ tul is-Sinodu, tibdil li kien tassew iqanqal l-ħsibijiet*, fuq dan it-tibdil ta' fehmiet qatt ma naqas il-ħarsien ta' l-Ispirtu s-Santu bid-doni tiegħu ta' verità u mħabba.

F'dawn is-snin ta' tiġdid, il-ħajja konsagrata, l-istess bħal suriet oħra ta' ħajja fil-Knisja, għaddiet minn żminijiet diffiċli u iebsin. Dan iż-żmien ukoll kien mimli tamiet, tħabrik u tiġdid bil-ħsieb li tissaħħaħ il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi. Iżda dan iż-żmien lanqas kien nieqes minn tensjonijiet u taħbit. Żmien li fih it-tħabrik li sar mhux dejjem irnexxa.

21. Ara *Codex Iuris Canonici* kan. 605; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan. 371; Propositio 13.

Iżda dawn id-diffikultajiet m'għandhomx iwasluna biex naqtgħu qalbna. Għall-kuntrarju jeħtieġ nimpenjaw ruħna b'ħeġġa akbar, għax il-Knisja teħtieġ għajnuna spiritwali u appostolika għat-tiġdid tal-ħajja reliġjuża. Għalhekk irrid f'din l-Eżortazzjoni post-sinodali nagħmel appell lill-komunitajiet reliġjużi u lill-istess persuni konsagrati bl-istess ħeġġa li biha intbagħtet l-Ittra tal-Konċilju ta' Ġerusalemm lill-insara ta' Antjokja, waqt li nittama li din l-Eżortazzjoni tiegħi issib l-istess tweġiba: "qrawha u ferħu bil-faraġ li tathom" (*Atti* 15, 31). U mhux dan biss: nittama wkoll li jista' jitkattar il-ferħ tal-Poplu ta' Alla, li, huwa u jagħraf aħjar x'inhi l-ħajja konsagrata, ikun jista' jrodd ħajr lil Alla għal dan id-don kbir b'fehma aktar ċara.

Jiena u niftaħ qalbi għall-membri kollha tas-Sinodu, ridt inqies sewwa l-fehmiet sbieħ li ħarġu tul id-diskussjonijiet fis-Sinodu, fejn fittixt li nkun dejjem preżenti. Fl-istess żmien fittixt li nagħti lill-Poplu kollu ta' Alla ftit katekeżi sistematika dwar il-ħajja konsagrata fil-Knisja. F'din il-katekeżi fakkart it-tagħlim li ġa jinsab fid-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II, li dawwlu d-diskussjonijiet dottrinali u l-ħsibijiet tas-Sinodu huwa u qed isir.[22]

Waqt li nixtieq li wlied il-Knisja kollha, u speċjalment il-persuni konsagrati jilqgħu b'imħabba din l-Eżortazzjoni, nittama li tkompli sejra r-riflessjoni biex jingħaraf aktar fil-fond d-don kbir tal-ħajja konsagrata fit-tliet aspetti tiegħu ta' konsagrazzjoni xirka u missjoni, u biex il-persuni konsagrati marbutin b'rabta liema bħalha mal-Knisja u mal-Maġisteru tagħha, ikollhom mezzi oħra li jħeġġuhom ħalli b'mod spiritwali u appostoliku jeħduha kontra l-isfidi ġodda ta' żminijietna.

22. Ara *Propositiones* 3, 4, 7, 8, 10, 13, 28, 29, 30, 35, 48.

KAPITLU I

# CONFESSIO TRINITATIS

## IL-BIDU TAL-ĦAJJA KONSAGRATA FIL-MISTERU TA' KRISTU U TAT-TRINITÀ QADDISA

### Xbiħat ta' Kristu trasfigurat

**14.** Irridu nfittxu l-pedament evanġeliku tal-ħajja konsagrata fir-relazzjoni li Kristu kellu ma' xi dixxipli tiegħu, li mhux biss ħeġġiġhom biex jilqgħu f'ħajjithom is-Saltna ta' Alla, imma wkoll biex jiddedikaw ħajjithom kollha għall-qadi ta' l-Evanġelju, u jħallu kollox biex ikollhom xebh sħiħ *ma' l-istess ħajja tiegħu.*

Din il-ħajja "f'xebh ma' Kristu" li għaliha ġew mistiedna tul iż-żminijiet tant u tant imgħammdin, tista' sseħħ biss minn sejħa speċjali b'don partikulari ta' l-Ispirtu. Dan għaliex f'ħajja bħal din, il-konsagrazzjoni li sseħħ fil-Magħmudija titwassal biex tingħata tweġiba lis-sejħa għall-mixi wara Kristu, bl-aċċettazzjoni tar-rabta tal-kunsilli evanġeliċi: l-ewwel fost dawn il-kunsilli hi l-kastità f'ġieħ is-Saltna tas-Smewwiet.[23] Din il-mixja waħdanija wara Kristu fil-bidu tagħha dejjem turi l-inizjattiva tal-Missier, u għalhekk għandha min-natura tagħha stess karattru kristoloġiku u pnewmatoloġiku, u turi b'mod l-aktar ħaj l-karattru trinitarju tal-ħajja nisranija, u b'xi mod tħabbar minn qabel it-tmiem *eskatoloġiku* li lejh hi mixja l-Knisja.[24]

Fl-Evanġelju nsibu ħafna kliem u għemil ta' Kristu li juru t-tifsir ta' din il-vokazzjoni speċjali. Iżda biex naraw f'daqqa waħda l-karattri proprji ta' din il-vokazzjoni, jiswa ħafna jekk inħarsu lejn il-wiċċ jiddi ta' Kristu waqt il-misteru tat-Trasfigurazzjoni tiegħu. It-tradizzjoni spiritwali kollha ta' l-imgħoddi tħares lejn din l-"ikona", kull darba li torbot il-ħajja

23. Ara *Propositio* 3, A u B.
24. Ara *Propositio* 3, C.

kontemplattiva mat-talb ta' Kristu "fuq il-muntanja".[25] Għal din l-"ikona" b'xi mod jista' jitwassal ukoll l-aspett "attiv" tal-ħajja konsagrata, għaliex it-Transfigurazzjoni m'hijiex biss ir-rivelazzjoni tal-glorja ta' Kristu, imma hi wkoll tħejjija għall-aċċettazzjoni tas-salib. Fil-misteru tat-Trasfigurazzjoni hemm "it-tlugħ fuq il-muntanja" u "l-inżul mill-muntanja"; id-dixxipli li gawdew din il-familjarità ma' l-Imgħallem, imdawwlin għal ftit mumenti mid-dija tat-Trinità u mix-xirka tal-qaddisin, qishom merfugħin 'il fuq lejn ix-xefaq ta' l-eternità, minnufih isibu ruħhom fil-ħajja ta' kull jum, fejn ma jarawx ħlief 'il "Kristu waħdu", fiċ-ċokon tan-natura tiegħu ta' bniedem bħalna, u jiġu mistiedna biex jinżlu 'l isfel ħalli miegħu jagħmlu l-ħidma mitluba mill-pjan ta' Alla,u b'rieda sħiħa jaqbdu t-triq tas-salib.

### "... tbiddel quddiemhom ..."

**15.** *Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u 'l Ġakbu u 'l ħuh Ġwanni, waħedhom, tellagħhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx, u lbiesu sar abjad bħad-dawl. U dehrulhom Mosè u Elija jitħaddtu miegħu.*

*Qabeż Pietru u qal lil Ġesù:*

*"Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid, intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija".*

*Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid:*

*"Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; lilu isimgħu."*

*Id-dixxipli, kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin bil-biża'.*

*Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom... "Qumu, la tibżgħux".*

*Huma refgħu għajnejhom u ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù waħdu.*

25. Ara S. Kassjan: "Tela' waħdu fuq il-muntanja biex jitlob, u hekk għallimna bit-twarrib tiegħu biex aħna wkoll nitwarbu" (*Conlationes* 10, 6); San Ġrolmu: "Fittex 'il Kristu fis-solitudni u waħdek itlob fuq il-muntanja ma' Ġesù" (*Epistula ad Paulinum*, 58, 4, 2); William, abbati ta' San Teodoru: "Il-ħajja solitarja li għexha b'mod tassew familjari l-Mulej innifsu, xtaquha d-dixxipli tiegħu quddiemu: meta raw il-glorja tat-trasfigurazzjoni waqt li kienu miegħu fuq il-muntanja mqaddsa, Pietru minnufih qal: 'Kemm hu sew li aħna hawn' " (*Ad fratres de Monte Dei*, I, 1).

*Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, Ġesù ordnalhom u qalilhom: "Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-Bniedem ikun qam mill-imwiet"* (*Mt* 17, 1-9).

Il-fatt tat-Trasfigurazzjoni juri *mument deċiżiv fil-ministeru ta' Kristu*. Hu fatt ta' rivelazzjoni li saħħaħ qalb id-dixxipli u ħejjihom għat-traġedja tas-salib u ġarrbu minn qabel il-glorja tal-qawmien mill-imwiet. Il-Knisja bla heda tgħix dan il-misteru bħala poplu miexi lejn il-laqgħa eskatoloġika mal-Mulej. Bħat-tliet Appostli magħżulin, il-Knisja tikkomtempla wiċċ Kristu trasfigurat biex titwettaq fil-fidi u tbiegħed minnha l-periklu li titħawwad quddiem wiċċ Kristu sfigurat fuq is-salib. Kemm fil-mument tat-Trasfigurazzjoni u kemm ħdejn is-salib, l-Għarusa hi wieqfa ħdejn l-Għarus tagħha, imsieħba fil-misteru tiegħu u mdawwla bid-dija tiegħu. Minn dan id-dawl jieħdu l-ulied kollha tal-Knisja, *għax ilkoll imsejħin l-istess biex jimxu wara Kristu*, ħalli fih jqegħdu it-tifsir l-aktar għoli ta' ħajjithom, u jkunu jistgħu jgħidu ma' l-Appostlu: "Għalija l-ħajja hi Kristu" (*Fil* 1, 21). Iżda dawk li jissejħu għall-ħajja konsagrata żgur *iħossu b'mod speċjali d-dawl li joħroġ mill-Verb magħmul bniedem.* Dan għaliex il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi tagħmilhom *sinjal u tħabbira* għall-komunità ta' l-aħwa u għad-dinja.. Ma jistax ikun għalhekk li fihom ma tidhirx sura tax-xbieha tal-kliem li qal San Pietru kollu mitluf minn sensih: "Kemm hu sew li aħna hawn!" (*Mt* 17, 4). Dawn il-kelmiet juru l-orjentament kristoċentriku tal-ħajja nisranija kollha. U b'qawwa ta' kliem ukoll jfissru l-karattru *radikali* tat-tweġiba ħerqana tal-vokazzjoni għall-ħajja konsagrata: "Kemm hi ħaġa sabiħa li nkunu miegħek; niddedikaw ruħna għalik; u immexxu l-ħajja kollha tagħna fik". Fil-fatt kull min jirċievi dan id-don tax-xirka fl-imħabba ma' Kristu, iħoss li hu maħtuf mid-dija tiegħu: għax Hu "l-isbaħ fost ulied il-bnedmin" (*Salm* 45/44, 3). Ma hemmx ieħor bħalu.

### "Dan hu Ibni l-għażiż: isimgħu lilu"

**16.** L-istedina tal-Missier lit-tliet dixxipli mitlufin f'estasi hi li jisimgħu 'l Kristu u jqegħdu l-fiduċja kollha tagħhom fih u jagħmluh iċ-ċentru ta' ħajjithom kollha. Il-leħen li ġie mis-sema jagħti tifsir għoli ieħor lill-istedina li għamel Ġesù fil-bidu tal-ħajja pubblika tiegħu meta lid-dixxipli tiegħu sejħilhom biex imorru warajh u jħallu għal kollox fil-ġenb

ix-xogħol tagħhom ta' kull jum, ħa jkollhom relazzjoni speċjali miegħu. Minn din il-grazzja tassew singulari ta' familjarità intima mal-Mulej, l-għoti sħiħ bil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi jsir mhux biss possibbli imma wkoll meħtieġ. Dan l-għoti qabel ma hu, u aktar milli hu, caħda, hu *aċċettazzjoni speċjali ta' Kristu* li sseħħ fi ħdan il-Knisja.

Fl-għaqda tal-ħajja nisranija, il-ħafna vokazzjonijiet huma qishom raġġi tad-dawl waħdieni ta' Kristu "li jiddi f'wiċċ il-Knisja".[26] Il-*lajċi*, skond in-natura tal-vokazzjoni tagħhom fid-dinja, iwasslu l-misteru tal-Verb magħmul bniedem bħala l-Alpha u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem tal-ħolqien kollu, pedament u qjies tal-valuri tal-ħlejjaq kollha. *Il-ministri sagri*, min-naħa tagħhom, huma xebh ħaj ma' Kristu r-Ras u r-Ragħaj li jmexxi l-poplu tiegħu f'dan iż-żmien "li hu issa iżda għad ma wasalx għal kollox", huma u jistennew it-tieni miġja tiegħu fil-glorja. Hu fdat lill-*ħajja konsagrata* d-dmir li turi l-Iben ta' Alla magħmul bniedem bħala *l-għan eskatoloġiku li kulħadd hu fid-dmir li jilħaq*, għan li d-dija tiegħu titfi d-dwal l-oħra kollha, ġmiel bla qjies li waħdu biss jista' jtemm ix-xewqat kollha tal-qalb tal-bniedem. Il-ħajja konsagrata għalhekk ma titlobx biss li wieħed jimxi wara Kristu b'qalbu kollha, u li jħobbu "aktar minn missieru u ommu, minn ibnu u bintu" (ara *Mt* 10, 37) – dan hu mistenni minn kull dixxiplu – iżda titlob li wieħed jgħixha b'mod li juri li l-eżistenza kollha tiegħu hi kollha kemm hi skond Kristu, b'impenn sħiħ li jħabbar minn qabel il-perfezzjoni eskatoloġika sa fejn jista', skond iż-żmien li jkun u jippermettu l-kariżmi.

Bil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi persuna konsagrata mhux biss tieħu minn Kristu t-tifsir proprju tagħha, imma wkoll trid tfittex, sa fejn jista' jkun, li turi "dik is-sura ta' ħajja li l-Iben ta' Alla aċċetta meta daħal fid-dinja.[27] Persuna konsagrata hi u tħaddan il-*verġinità* tagħmel tagħha l-imħabba verġinali ta' Kristu li l-bnedmin jistqarru bħal l-Iben waħdieni ta' natura waħda mal-Missier (ara *Ġw* 10, 10; 14, 11); tfittex li tkun tixbhu fil-*faqar* tiegħu, hija u tistqarru bħala l-Iben li ħa kollox minn għand il-Missier u kollox jroddlu lura b'imħabba (ara *Ġw* 17, 7.10); hija u tissagrifika l-libertà tagħha, taċċetta l-misteru ta' l-*ubbidjenza* ta' l-Iben hija u tistqarr li hi maħbuba u tħobb b'imħabba bla qjies, u li l-hena

26. *Lumen gentium*, 1.
27. *Ibid.*, 44.

tagħha hi biss ir-rieda tal-Missier (ara *Ġw* 4, 14), li miegħu hi marbuta b'rabta perfetta u li minnu kollox jiddependi.

Il-ħajja konsagrata, permezz ta' dan ix-"xebh" sħiħ ma' Kristu, b'mod speċjali twassal għall-*istqarrija tat-Trinità (confessio Trinitatis)* li timmarka l-ħajja nisranija kollha hija u tagħraf il-ġmiel għoli ta' Alla l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu u bil-ferħ tagħti xhieda tal-ħerqa kollha mħabba tiegħu għall-bnedmin.

## I. B'TIFHIR LIT-TRINITÀ QADDISA

### Mill-Missier għall-Missier: l-inizjattiva ta' Alla

**17.** Il-kontemplazzjoni tal-glorifikazzjoni tal-Mulej Ġesù fit-Trasfigurazzjoni turi lill-persuni konsagrati l-ewwelnett lill-Missier li ħalaq u jqassam kull ġid u jiġbed lejh (ara *Ġw* 6, 44) il-ħlejjaq tiegħu b'imħabba tassew singulari u għall-ħidma tassew partikulari. "Dan hu Ibni l-għażiż: lilu isimgħu" (*Mt* 17, 5). B'ubbidjenza għal din l-istedina, imsieħba ma' attrazzjoni intima, il-persuna li qed tiġi mistiedna tingħata kollha kemm hi lill-imħabba ta' Alla, li qed isejħilha għall-qadi tiegħu biss, u tikkonsagra ruħha lilu u lill-pjan tiegħu ta' salvazzjoni (ara *1 Kor* 7, 32-34).

Dan tfisser is-sejħa kollha kemm hi għall-ħajja konsagrata: hi inizjattiva kollha kemm hi tal-Missier (ara *Ġw* 15, 16), li jitlob tweġiba sħiħa[28] minn għand dawk li jiġu magħżulin. L-esperjenza ta' din l-imħabba li Alla jagħti minn rajh għax irid, hi hekk intima u qawwija li l-persuna msejħa tħoss li għandha twieġeb għal din l-imħabba bl-offerta sħiħa ta' ħajjitha kollha, billi tafda f'idejn Alla kull ma hu tagħha issa u għal li ġej. Hu għalhekk li, skond il-ħsieb ta' San Tumas ta' Aquino, nistgħu nifhmu x'inhi l-identità tal-persuna konsagrata billi nitilqu mill-offerta sħiħa tagħha nnifisha, li nistgħu nqisuha bħala veru sagrifċċju ta' olokawst.[29]

28. Ara Istruzzjoni għar-reliġjużi u għall-Istituti sekulari: *Essential elements in the Church's teaching on Religious Life as applied to Institutes dedicated to works of the apostolate* (31 Mejju 1983), 5.
29. Ara *Summa Theologiae*, II-II, q. 186. a. 1.

**Bl-Iben: fil-passi ta' Kristu**

**18.** L-Iben, bħala t-Triq li twassal għand il-Missier (ara *Ġw* 14, 6) isejjaħ lil dawk kollha li tah il-Missier (ara *Ġw* 17, 9), biex il-mixi warajh jkun l-għan sħiħ ta' ħajjithom kollha. Iżda minn għand xi wħud – minn għand dawk imsejħin biex jgħixu ħajja konsagrata – jitlob impenn sħiħ, jiġifieri li jħallu kollox (ara *Mt* 19, 27) biex jgħixu f'ħajja intima miegħu,[30] u jimxu warajh kull fejn imur hu (ara *Apok* 14, 4).

Fil-ħarsa ta' Ġesù (ara *Mk* 10,21), li hu "x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx" (*Kol* 1, 15), dija tas-sebħ tal-Missier (ara *Lhud* 1, 3), jidher l-għoli ta' dejjem u bla qjies ta' l-imħabba li tinsab fl-għeruq ta' l-istess eżistenza tagħna.[31] Il-bniedem li jħalli lilu nnifsu jinqabad minn din l-imħabba ma jistax ma jiċċaħħadx minn kollox biex jimxi wara Ġesù (ara *Mk* 1, 16-20; 2, 14; 10, 21-28). Bħal San Pawl "iqis kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm fl-għarfien ta' Kristu Ġesù": u għalhekk ma jibżax jistqarr li "jrid iqis kollox bħala qnis biex jirbaħ lil Kristu" (ara *Fil* 3, 8), jixtieq ħafna ikun ħaġa waħda miegħu u jkollu l-istess sentimenti tiegħu u jgħix l-istess ħajja tiegħu. Din il-fehma li wieħed iħalli kollox biex imur wara l-Mulej (ara *Lq* 18, 28) hi fehma li tgħodd għal dawk kollha li huma msejħin u f'kull żmien.

Il-kunsilli evanġeliċi, li bihom Kristu jsejjaħ lil xi wħud biex jgħixu miegħu ħajja ta' kastità, ta' faqar u ta' ubbidjenza, jitolbu u juru f'dawk kollha li jħaddnuhom, *xewqa ċara li jkunu jixbhu lil Kristu għal kollox.* Il-persuni konsagrati, "huma u jgħixu ħajja ta' ubbidjenza u ta' kastità bla ma għandhom xejn tagħhom",[32] jistqarru li Kristu hu eżempju għalihom għax fih kull virtù tilħaq il-milja tagħha. Dan għaliex is-sura tal-ħajja tiegħu ta' faqar ta' kastità u ta' ubbidjenza tidher bħala s-sura l-aktar radikali ta' kif tgħix l-Evanġelju fuq l-art, b'mod li jista' jissejjaħ *divin*, għaliex imħaddan mill-istess Bniedem-Alla bħala l-espressjoni ta' l-għaqda tiegħu bħala Iben waħdieni mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu. Hu għalhekk li t-tradizzjoni nisranija dejjem tkellmet dwar *is-superjorità tal-ħajja konsagrata.*

U anqas ħadd ma jista' jiċħad li l-ħarsien tal-kunsilli evanġeliċi jitlob ħajja mill-aktar intima li tagħti kotra ta' frott, ħajja ta' tisħib fil-missjoni

30. Ara *Propositio* 16.

31. Ara Eżort. appostolika *Redemptionis donum* (25 Marzu 1984), 3.

32. San Franġisk ta' Assisi, *Regula bullata*, I, 1.

ta' Kristu, fuq l-eżempju ta' Marija ta' Nazaret, l-ewwel dixxiplu tiegħu, li aċċettat li taqdi l-pjan ta' Alla bl-offerta sħiħa tagħha. Kull ħidma tibda bil-qagħda li Marija wriet fit-tħabbira ta' l-Anġlu: "Jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek" (*Lq* 1, 38).

### Fl-ispirtu: konsagrrati mill-Ispirtu s-Santu

**19.** "Sħaba kollha dawl għattiethom" (*Mt* 17, 5). Interpretazzjoni spiritwali li tfisser ħafna tat-Trasfigurazzjoni tara fis-sħaba xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu.[33]

L-istess bħalma hi kull ħajja nisranija, il-vokazzjoni għall-ħajja konsagrata wkoll hi marbuta mal-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Ma' tul iż-żminijiet hu dejjem jiġbed xi persuni biex jintebħu bil-ġmiel li jsaħħar ta' din l-għażla hekk impenjattiva.

Bil-ħidma tiegħu b'xi mod jġarrbu dak li għadda minnu l-profeta Ġeremija: "Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt" (20, 7). Hu l-Ispirtu li jqanqal ix-xewqa għal tweġiba sħiħa; barra dan jagħmel li tissaħħaħ dejjem aktar ir-rieda u jwassalha biex tagħti tweġiba sħiħa, u jwettaqha hi u tagħmilha; hu jsawwar il-qalb ta' dawk li jissejħu u jagħmilhom jixbhu 'l Kristu safi, fqir u ubbidjenti billi jagħtihom il-ħila u jimbuttahom ħa jagħmlu tagħhom il-missjoni tiegħu. Għax joqogħdu għat-tmexxija ta' l-Ispirtu, huwa u jmexxihom dejjem mit-triq tat-tisfija, minn jum għall-ieħor jsiru *xebh ma' Kristu*, huma u jġeddu bla heda l-preżenza singulari ta' Kristu rxoxt fil-ġrajja tal-bniedem.

Missirijiet il-Knisja, bi ħsieb tassew jidħol fil-fond, sejħu din il-mixja spiritwali *philocalia*, jiġifieri *mħabba għas-sbuħija ta' Alla*, li hi d-dija tat-tjieba ta' Alla. Dawk li tmexxihom il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu bil-mod il-mod jaslu għax-xebh sħiħ ma' Kristu, jirriflettu fihom stess raġġ ta' dak id-dawl li qatt ma jista' jintlaħaq, u fil-mixi tagħhom fid-dinja jibqgħu dejjem sejrin aktar 'il quddiem lejn l-Għajn ta' dan id-dawl li ma tiġi nieqsa qatt. B'dan il-mod il-ħajja konsagrata ssir espressjoni tassew singulari tal-Knisja bħala Għarusa, li mgħallma mill-Ispirtu s-Santu biex ssawwar fiha x-xbieha ta' l-Għarus tagħha, tieqaf quddiemu

33. "Dehret it-Trinità kollha: il-Missier fil-leħen; l-Iben fil-bniedem; l-Ispirtu s-Santu fis-sħaba tiddi" (San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, III, 45, 4, ad 2um.

"sabiħa ... bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb u xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd" (*Ef* 5, 27). L-istess Spirtu, mhux talli ma jbiegħedx mill-ġrajja tal-bniedem dawk li jsejjaħ il-Missier, imma jiddestinhom għall-qadi ta' ħuthom skond il-qagħda proprja ta' ħajjithom, u jmexxihom ħa jagħmlu dmirijiet speċjali skond il-ħtiġijiet tal-Knisja u tal-bnedmin permezz tal-kariżmi proprji ta' l-Istituti tagħhom. Minn hawn joħorġu l-ħafna suriet ta' ħajja konsagrata, li bihom il-Knisja "tiżżejjen bil-ħafna doni ta' wliedha ... bħal għarusa mżejna għall-Għarus tagħha" (ara *Apok* 21, 2),[34] u tistagħna b'kull ma teħtieġ ħa taqdi l-missjoni tagħha fid-dinja.

## Il-kusilli evanġeliċi, don tat-Trinità Qaddisa

**20**. Għalhekk qabel xejn il-kunsilli evanġeliċi huma *don tat-Trinità Qaddisa*. Il-ħajja konsagrata hi tħabbira ta' dak li Alla jagħmel bl-imħabba, t-tjieba u l-ġmiel tiegħu. Dan għaliex "l-istat reliġjuż ... juri b'mod tassew speċjali kemm hi għolja s-Saltna ta' Alla fuq kull ma hu tad-dinja u tal-ħtiġijiet tagħha: juri wkoll il-kobor liema bħalu tal-qawwa ta' Kristu Sultan u s-setgħa ta' l-Ispirtu s-Santu li tahdem b'mod ta' l-għageb fil-Knisja.[35]

L-ewwel dmir tal-ħajja konsagrata hu dak *li turi* l-għeġubijiet li Alla jagħmel fin-natura dgħajfa ta' dawk li jsejjaħ. Dawn, mhux bil-kliem imma bil-ħajja trasfigurata tagħhom li tqanqal, jagħtu xhieda ta' dawn l-għeġubijiet tal-grazzja, li l-Mulej jagħmel f'dawk li hu jsejjaħ, huma u jwieġbu għalih u jwasslu lin-nies biex jistgħaġbu bihom. Daqskemm persuna konsagrata tħalli l-Ispirtu jmexxiha lejn il-quċċata tal-perfezzjoni, daqshekk ieħor tkun tista' tgħid: "Qed nara l-ġmiel u nikkontempla d-dija u nirrifletti l-ħeġġa tal-grazzja tiegħek, u kollni mistgħaġeb nikkontempla d-dija bal qjies tagħha; noħroġ minni nnifsi, jiena u naħseb fuqi nnifsi, u nara x'kont u issa x'sirt. O ħaġa tassew ta' l-għaġeb! ngħasses fuqi nnifsi, mimli mistħija, rispett u biża', qisni qiegħed quddiemek; ma nafx x'naqbad nagħmel imbeżża' kif jien, fejn se noqgħod, lejn min se nersaq, fejn inqiegħed jistrieħu dawn il-membri li huma

34. *Perfectae caritatis*, 1.
35. *Lumen gentium*, 44.

tiegħek, għal liema ħidma, għal liema għemil se nużahom dawn l-għeġubijiet ta' Alla li tant jgħaġbuni".[36] B'dan il-mod il-ħajja konsagrata ssir wieħed mis-sinjali li jidhru li t-Trinità tħalli fil-ġrajja tad-dinja, biex il-bnedmin jintebħu bil-qawwa li tiġbed tal-ġmiel u s-sbuħija ta' Alla.

## Il-kunsilli evanġeliċi huma rifless tal-ħajja tat-Trinità Qaddisa

**21.** Meta nqisu il-kunsilli evanġeliċi b'riferenza għat-Trinità Qaddisa li tqaddes, naraw minnufih it-tifsir l-aktar għoli tagħhom. Dan għax juru l-imħabba li għandu l-Iben għall-Missier fl-għaqda ta' l-Ispirtu s-Santu. Hija u tgħixhom, il-persuna konsagrata tgħix b'intensità liema bħalha id-dimensjoni trinitarja u kristoloġika li tħaddan il-ħajja nisranija kollha kemm hi.

Il-*kastità* ta' dawk li jħaddnu ċ-ċelibat u l-verġinità, sakemm tfisser għoti lil Alla b'qalb *mhux mifruda fiha nfisha* (ara *1 Kor* 7, 32-34), turi *l-imħabba bla qjies* li torbot bejniethom it-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa; imħabba li tagħha il-Verb magħmul bniedem ta xhieda bis-sagrifiċċju ta' ħajtu; imħabba "li ssawwbet fi qlubna bl-Ispirtu s-Santu li ġie mogħti lilna" (*Rum* 5,5) u twassalna għal tweġiba kollha mħabba għall-Missier u għal ħutna.

Il-*faqar* jistqarr li Alla hu l-veru teżor waħdieni tal-bniedem. Meta l-faqar ngħixuh bħalma għexu Kristu li "għalkemm għani ftaqar minħabba fina" (*2 Kor* 8, 9), ifisser l-*għoti sħiħ* li t-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa jagħmlu lil xulxin. Hu għoti li joħroġ barra fil-ħolqien u ġie rivelat kollu kemm hu fl-Inkarnazzjoni tal-Verb u fil-mewt tiegħu għall-fidwa tagħna.

*L-Ubbidjenza*, meta tkun ubbidjenza bħal dik ta' Kristu, li kien iqis ikel tiegħu jagħmel ir-rieda tal-Missier (ara *Ġw* 4, 34), turi l-ġmiel ħelliesi ta' *qadi filjali u mhux servili* mimli sens ta' responsabbiltà, u kollu fiduċja sħiħa f'kulħadd, u hekk tkun riflessa fil-ġrajja tal-bniedem dik l-armonija li qatt ma hi nieqsa fit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa.

Għalhekk il-ħajja konsagrata trid tidħol dejjem aktar fil-fond tat-tifsir tad-don tal-kunsilli evanġeliċi, b'imħabba dejjem aqwa u aktar vera f'dimensjoni *trinitarja*; imħabba lejn *Kristu* li jiġbed għall-intimità miegħu; imħabba lejn *l-Ispirtu s-Santu* li jħejji lil qlubna biex jilqgħu l-

36. Simon, it-teologu l-ġdid, *Hymni*, II, vv. 19-27.

ispirazzjonijiet tiegħu; imħabba lejn il-*Missier* li h l-bidu u l-għan aħħari tal-ħajja konsagrata.[37] Il-ħajja konsagrata hekk issir stqarrija u sinjal tat-Trinità ... il-Knisja turi dan il-misteru bħal xbieha u bidu ta' kull sura ta' ħajja nisranija.

L-istess *ħajja ta' l-aħwa* li biha l-persuni konsagrati jħabirku biex jgħixu fi Kristu "qalb waħda u ruħ waħda" (*Atti* 4, 32), tagħti xhieda ċara tat-Trinità. Tħabbar lill-*Missier* li jixtieq li l-ġens kollu tal-bnedmin ikun familja waħda, tistqarr l-Iben magħmul bniedem, li jiġbor flimkien lill-mifdijin kollha bl-eżempju tiegħu, bit-talb, bi kliem u, fuq kollox, b'mewtu, li hi għajn ta' rikonċiljazzjoni bejnithom tal-bnedmin kollha li kienu mifrudin u mxerrdin minn xulxin; tistqarr l-Ispirtu s-Santu bħala bidu ta' l-għaqda fil-Knisja, fejn qatt ma jieqaf iqajjem komunitajiet fraterni u għaqdiet spiritwali.

## Konsagrati bħal Kristu għas-Saltna ta' Alla

**22.** Il-ħajja konsagrata, immexxija mill-Ispirtu s-Santu, "hi xebh aktar mill-qrib u tħabbira dejjem sejra tal-Knisja",[38] sura ta' ħajja li Kristu nnifsu, l-ogħla wieħed ikkonsagrat u missjunarju tal-Missier għas-Saltna tiegħu, ħaddan u stieden għaliha id-dixxipli li marru warajh (ara *Mt* 4, 18-22; *Mk* 1, 16-20; *Lq* 5, 10-11; *Ġw* 15, 16). Fid-dawl tal-konsagrazzjoni ta' Ġesù, nistgħu naraw l-inizjattiva tal-Missier, il-bidu ta' kull qdusija u l-għajn ewlenija tal-ħajja konsagrata. Ġesù stess hu dak li Alla kkonsagra bl-Ispirtu s-Santu u l-qawwa (ara *Atti* 10, 38), "li l-Missier qaddes u bagħat fid-dinja" (*Ġw* 10, 36). Huwa u jilqa' l-konsagrazzjoni tal-Missier, l-Iben ikkonsagra lilu nnifsu lill-Missier għall-bnedmin kollha (*Ġw* 17, 19), u b'ħajja ta' verġinità, ubbidjenza u faqar fetaħ il-qalb kollha tiegħu ta' Iben biex iseħħ il-pjan tal-Missier (ara *Ġw* 10, 30; 14, 11). L-offerta sħiħa tiegħu lill-Missier tagħti qawwa ta' konsagrazzjoni lill-ġrajjiet kollha ta' ħajtu fid-dinja.

Ġesù hu eżempju ta' ubbidjenza: niżel mis-sema mhux biex jagħmel ir-rieda tiegħu iżda r-rieda ta' Dak li bagħtu (ara *Ġw* 6, 38; *Lhud* 10, 5.7). Ħalla f'idejn il-Missier is-suriet kollha ta' ħajtu u ta' għemilu (ara *Lq* 2,

37. Ara d-diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Udjenza ġenerali tad-9 ta' Novembru 1994.
38. *Lumen gentium*, 44.

49). Obda bħala Iben u ħa s-sura ta' qaddej: "xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir, ... u obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib" (*Fil* 2, 7-8). Kristu, f'din il-qagħda ta' mħabba kollha kemm hi marbuta mar-rieda tal-Missier, għalkemm wettaq u ħares id-dinjità u l-qdusija tal-ħajja fiż-żwieġ, għażel li jgħix ħajja ta' verġni, u hekk wera *kemm hi tassew għolja l-verġinità u x'kotra ta' frott spiritwali misterjuż tagħti.* Ir-rabta sħiħa tiegħu mal-ħsieb tal-Missier tidher ukoll mill-fatt li kellu qalbu għal kollox miftuma mill-ġid ta' l-art: "għad li kien għani, ftaqar, biex bil-faqar tiegħu nistagħnu aħna" (ara 2 *Kor* 8, 9). *Il-kobor tal-faqar tiegħu* jidher fl-offerta tiegħu nnifsu kollu kemm hu lill-Missier.

Il-ħajja konsagrata hi tassew *tifkira ħajja ta' l-eżistenza u ta' l-imġiba ta' Ġesù*, bħala Verb magħmul bniedem, quddiem il-Missier u quddiem ħutu. Il-ħajja konsagrata hi tradizzjoni ħajja ta' l-eżistenza u l-missjoni tal-Feddej.

## II. BEJN L-GĦID U T-TMIEM TA' KOLLOX

### Mit-Tabor sal-Kalvarju

**23.** Id-dija ta' l-għaġeb tat-Trasfigurazzjoni ħejjiet il-ġrajja traġika, u fl-istess waqt ukoll glorjuża, tal-Kalvarju. Pietru, Ġakbu u Ġwanni – kif jgħidilna l-evanġelista San Luqa – raw lill-Mulej Ġesù flimkien ma' Mosè u ma' Elija, u magħhom tkellem dwar it-tmiem tiegħu ... li kellu jseħħ f'Ġerusalemm (9, 31). Għajnejn l-Appostli huma għalhekk iffissati fuq Ġesù, li ħsiebu hu fis-Salib (ara *Lq* 9, 43-45). L-imħabba verġinali tiegħu għall-Missier u għall-bnedmin kollha hawn tilħaq il-milja tagħha; il-faqar sħiħ tiegħu jseħħ meta jitneżża minn kollox; l-ubbidjenza tiegħu tasal sa l-offerta sħiħa ta' ħajtu.

Id-dixxipli tal-Mulej huma mistiedna jikkuntemplaw lil Ġesù fuq is-Salib; minn hemm "il-Verb ħareġ mis-skiet",[39] bis-skiet u s-solitudni tiegħu, u b'mod profetiku ħabbar it-traxxendenza perfetta ta' Alla fuq il-ħolqien kollu; f'ġismu jirbaħ id-dnub tagħna u lejh jiġbed kull raġel u kull mara, u jagħti lil kulħadd il-ħajja ġdida tal-Qawmien mill-imwiet (ara

39. San Injazju ta' Antjokja, *Epistula ad Magnesios*, 8, 2.

*Ġw* 12, 32; 19, 34.37). Il-vokazzjonijiet kollha jsibu l-ispirazzjoni tagħhom fil-kontemplazzjoni ta' Kristu msallab; minnha, bħala don ewlieni ta' l-Ispirtu s-Santu joħorġu d-doni kollha u b'mod speċjali d-don tal-ħajja konsagrata.

Wara Marija, Omm Ġesù, hu San Ġwann, id-dixxiplu li Ġesù kien iħobb, li jirċievi dan id-don, San Ġwann li bħala xhud flimkien ma' Marija kien wieqaf ħdejn is-Salib (*Ġw* 19, 26-27). Il-fehma li jikkonsagra lilu nnifsu kollu kemm hu ħarġet mill-imħabba ta' Alla li ħadnitu, wetqitu u imlietlu qalbu. San Ġwann, flimkien ma' Marija, hu fost l-ewwel minn għadd bla qjies ta' rġiel u nisa li, sa mill-ewwel żminijiet tal-Knisja u sa l-aħħar tagħha, imqanqlin mill-imħabba ta' Alla, iħossu ruħhom imsejħin biex imorru wara l-Ħaruf sagrifikat u ħaj, kull fejn imur hu (ara *Apok* 14, 1-5).[40]

## Il-ħajja konsagrata u l-misteru ta' l-Għid

**24.** Il-persuna konsagrata, bil-ħafna suriet ta' ħajja li l-Ispirtu s-Santu jqajjem tul iż-żminijiet, turi l-verità ta' l-imħabba ta' Alla aktar fil-fond, aktar ma toqgħod ħdejn is-Salib ta' Kristu. Dak li f'għajnejn il-bnedmin jidher sfigurat bil-mewt, u nieqes minn kull ġmiel hekk li n-nies jaħbu wiċċhom minnu (ara *Is* 53, 2-3), juri fuq is-Salib il-ġmiel u l-qawwa tassew ta' l-għaġeb ta' l-imħabba ta' Alla. Dan jgħidu Santu Wistin: "Sabiħ Alla, il-Verb ma' Alla. Sabiħ fis-sema, sabiħ fuq l-art; sabiħ fil-ġuf, sabiħ f'dirgħajn il-ġenituri, sabiħ fil-mirakli, sabiħ fil-flaġelazzjoni, sabiħ jistieden għall-ħajja, sabiħ ma jibżax mill-mewt; sabiħ jagħti ruħu, sabiħ jerġa' jeħodha; sabiħ fuq l-għuda tas-Salib, sabiħ fil-qabar, sabiħ fis-sema. Isimgħu dan il-kantiku bl-intelliġenza tagħkom, u tħallux it-tiġrib tal-ġisem ibiegħed għajnejkom mid-dija tal-ġmiel tiegħu".[41]

Il-ħajja konsagrata turi d-dija ta' din l-imħabba, għaliex, minħabba l-fedeltà tagħha lejn il-misteru tas-Salib, tistqarr it-twemmin tagħha u tgħix fl-imħabba tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. B'dan il-mod twassal biex tibqa' ħajja fil-Knisja l-fehma *li s-Salib hu l-milja ta' l-imħabba ta' Alla li tissawwab fil-bnedmin*, u għalhekk sinjal mill-aqwa tal-

40. Ara *Propositio* 3.
41. S. Wistin, *Enarratio in psalmum 44*, 4.

preżenza salvifika ta' Kristu, l-aktar fost it-tiġrib u d-diffikultajiet. Ħafna persuni konsagrati taw dejjem xhieda ta' dan bil-qawwa kollha l-aktar meta sabu ruħhom f'qagħdiet tassew diffiċli, anzi f'qagħditet ta' persekuzzjoni u martirju. Il-fedeltà tagħhom lejn Imħabba waħdanija turi ruħha u tissaħħaħ fiċ-ċokon tal-ħajja moħbija fl-aċċettazzjoni tat-tbatijiet, "biex itemmu f'ġisimhom dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu" (ara *Kol* 1, 24) b'qagħdiet fis-skiet, f'rabta sħiħa mar-rieda qaddisa ta' Alla, f'perseveranza hienja wkoll meta jiġu nieqsa is-saħħa u l-awtorità personali. Jiġi wkoll mill-fedeltà lejn Alla l-għoti sħiħ lil għajrek, għoti li l-persuni konsagrati jgħixu bi skomdu kbir tagħhom huma u jitolbu dejjem għall-ħtiġijiet ta' l-aħwa, u jaqdu b'qalb kbira l-foqra u l-morda, u jissieħbu fit-tbatijiet ta' l-oħrajn u jaqsmu mal-Knisja t-tħassib u t-tigrib tagħha.

## Xhieda ta' Kristu fid-dinja

**25.** Mill-misteru ta' l-Għid ukoll toħroġ *il-ħidma missjunarja* li tidher b'qawwa liema bħalha fil-ħajja tal-Knisja kollha kemm hi. Tilħaq il-qawwa tagħha l-aktar fil-ħajja konsagrata. Dan għaliex, barra l-kariżmi kollha proprji ta' dawk l-Istituti li jiddedikaw ruħhom għall-missjoni *ad gentes*, jew huma impenjati f'ħidmiet ta' sura verament appostolika, nistgħu ngħidu li *l-ħsieb missjunarju hu fil-qalba ta' kull sura ta' ħajja konsagrata*. Dan għax persuna konsagrata tgħix ħajja dedikata kollha kemm hi għall-Missier (ara *Lq* 2, 49; *Ġw* 4, 34), hi mħaddna minn Kristu (ara *Ġw* 15, 16; *Gal* 1, 15-16), u jaħjiha l-Ispirtu s-Santu (ara *Lq* 24, 49; *Atti* 1, 8; 2, 4); b'dan il-mod tkun effettivament tissieħeb mal-ħidma tal-Mulej Ġesù (ara *Ġw* 20, 21) u b'mod tassew għoli tagħti sehemha għat-tiġdid tad-dinja.

Il-persuni konsagrati jaqdu l-ewwel dmir missjunarju tagħhom magħhom infushom, billi jiftħu qalbhom għal dak li jnebbaħhom l-Ispirtu s-Santu u jagħmluh. Ix-xhieda tagħhom tgħin lill-Knisja kollha tiftakar li l-ewwel ħidma tagħha hi dik li taqdi 'l Alla bla xkiel ta' xejn, u li dan jista' jsir bl-għajnuna tal-grazzja ta' Kristu, li tasal għand dawk li jemmnu bħala don ta' l-Ispirtu s-Santu. Hekk ixandru lid-dinja l-paċi li toħroġ minn għand Alla, id-dedikazzjoni li tagħha jagħti xhieda Kristu, u l-hena li hi frott ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-persuni konsagrati jkunu huma wkoll missjunarji jekk bla heda jagħrfu jgħarblu dejjem aktar fil-fond il-fatt li ġew imsejħa u magħżulin

minn Alla, u għalhekk għandhom jagħtu lilu ħajjithom kollha, kull ma huma u kull ma ghandhom, waqt li jwarrbu minnhom infushom kull ma jista' jfixkel it-tweġiba sħiħa tagħhom għall-imħabba. B'dan il-mod jistgħu jsiru *veru sinjal ta' Kristu fost il-bnedmin*. L-istess sura ta' ħajjithom trid turi d-dija ta' l-ideal li jħaddnu, u hekk ikunu sinjal ħaj u jitkellem, għalkemm xi kull tant bis-skiet, tat-tħabbira ta' l-Evanġelju.

F'ebda żmien, u b'mod speċjali llum, meta s-soċjetà hi kollha kemm hi sekularizzata, għalkemm kapaċi tagħraf is-sinjali taż-żminijiet, il-Knisja trid tħabrek biex *tkun preżenti fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja u ta' kull jum*. Il-Knisja bid-dritt kollu tistenna għajnuna għal dan, l-aktar mill-persuni konsagrati, għaliex huma msejħin biex, fiċ-ċirkostanzi koll-ha tal-ħajja, jagħtu xhieda oħra li huma ta' Kristu.

Għax il-libsa reliġjuża hi sinjal ċar ta' konsagrazzjoni, ta' faqar u ta' rabta ma' xi familja reliġjuża, flimkien ma' l-Isqfijiet tas-Sinodu, inħeġġeġ lir-reliġjużi rġiel u nisa biex jilbsu l-libsa reliġjuża tagħhom, adattata għall-kondizzjonijiet taż-żmien u ta' l-imkien.[42] Meta ċ-ċirko-stanzi serji jitolbuh, skond ir-reguli u d-drawwiet ta' kull Istitut, hi permessa l-libsa sempliċi u xierqa, flimkien ma' xi sinjal li juri li dak li jkun hu persuna konsagrata.

Dawk l-Istituti li, jew mill-bidu tagħhom jew mir-regoli proprji, ma jitolbux libsa reliġjuża speċjali, għandhom jaraw li l-libsa tal-membri tagħhom tkun twieġeb għad-dinjità u għas-sempliċità tan-natura tal-vokazzjoni tagħhom.[43]

## Id-dimensjoni eskatoloġika tal-ħajja konsagrata

**26.** Għaliex illum il-ħtiġijiet ta' l-appostolat qed jidhru aktar urġenti u hemm il-periklu li t-tħassib għall-ġid tad-dinja jimpenja aktar u aktar il-bnedmin, jidher li jaqbel ħafna li nħarsu *lejn in-natura eskatoloġika tal-ħajja konsagrata* u naħsbu fuqha.

"Fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm hi qalbek ukoll" (*Mt* 6, 21): it-teżor waħdieni tas-Saltna jqanqal il-ħerqa, it-tama, it-tħabrik u x-xhieda. Fil-Knisja ta' l-ewwel żminijiet kienu jistennew bil-ħeġġa kollha li l-

42. Ara *Propositio* 25; 1 *Perfectae caritatis*, 87.
43. Ara *Propositio* 25.

Mulej ma jdumx ma jerġa jiġi. Ma' tul iż-żminijiet il-Knisja ma naqsitx li żżomm ħajja din it-tama: kompliet tħeġġeġ lill-fidili biex iħarsu lejn is-salvazzjoni li għad trid tiġi, għax is-sura ta' din id-dinja trid tgħaddi (ara *1 Kor* 7, 31; *1 Piet* 1, 36).[44]

Fid-dawl ta' dan, nistgħu nifhmu aħjar il-ħajja konsagrata bħala *sinjal eskatoloġiku*. Fil-fatt dan it-tagħlim dejjem insibuh kull meta ntwera li l-ħajja konsagrata hi qisha antiċipazzjoni tas-Saltna li għad trid tiġi. Il-Konċilju Vatikan II reġa' tenna dan it-tagħlim meta qal: "L-istat reliġjuż aktar iħabbar il-qawmien mill-imwiet u l-glorja tas-Saltna tas-sema fil-ġejjieni".[45] Dan l-aktar jseħħ bil-*vot tal-verġinità*, li fl-imgħoddi dejjem kienet meqjusa *bħala tgawdija minn qabel tad-dinja li għad trid tiġi*, u li ġa qed taħdem biex tbiddel għal kollox il-bniedem kollu kemm hu.

Dawk l jiddedikaw ħajjithom kollha lil Kristu ma jistgħux ma jgħixux bit-tama li xi darba għad jingħaqdu miegħu għal dejjem. Minn dan tiġi t-tama kollha ħeġġa, ix-xewqa "li jinxteħtu għal kollox f'dak in-nar ta' mħabba li qed jaqbad fihom u li m'huwiex ħlief l-istess Spirtu s-Santu",[46] tama u xewqa li jagħtu ħajja lid-doni li l-Mulej iqassam b'id miftuħa lil dawk kollha li qed ifittxu l-ħwejjeġ tas-sema (ara *Kol* 3, 1).

Il-persuna konsagrata, hija u tara l-ħwejjeġ tal-Mulej, tiftakar li "hawn ma għandniex għamara għal dejjem" (*Lhud* 13, 14), għaliex "aħna pajżani tas-sema" (*Fil* 3, 20). Il-ħaġa waħda li għandna nfittxu hi "s-Saltna ta' Alla u l-ġustizzja tiegħu" (*Mt* 6, 33), waqt li bla heda nitolbu għall-miġja tal-Mulej.

## Tama ħajja, impenn, u għassa

**27.** "Ejja, Mulej Ġesù" (*Apok* 22, 20). Din it-tama *m'hijiex xi ħaġa bla ħajja*: għalkemm ħarsitha hi fis-Saltna li għad trid tiġi, turi ruħha fil-ħidma u fil-missjoni biex is-Saltna tkun preżenti wkoll f'dawn iż–żmin-ijeit permezz ta' l-ispirtu tal-Beatitudnijiet, li kapaċi jqanqal ukoll fis-soċjetà tal-bnedmin xewqat ta' ġustizzja, paċi solidarjetà u maħfra.

Dan jidher ċar mill-istess ġrajja tal-ħajja konsagrata, li dejjem tat kotra ta' frott għas-salvazzjoni tad-dinja. Bil-kariżmi tagħhom, il-persuni kon-

44. Ara *Lumen gentium*, 42.
45. *Ibid.*, 44.
46. Beata Elizabetta tat-Trinità, *Le ciel dans la foi. Traité spirituel*, I, 14.

sagrati jsiru sinjali ta' l-Ispirtu li jħabbar iż-żmien ġdid li għad irid jiġi, żmien imdawwal mill-fidi u t-tama nisranija. *It-tama eskatoloġika ssir missjoni* biex is-Saltna dejjem aktar isseħħ issa u f'dan iż-żmien. Mattalba: "Ejja, Mulej Ġesù", tiżdied talba oħra: "Tiġi Saltnatek" (*Mt* 6, 10).

Min jisħar jistenna li jseħħu l-wegħdiet ta' Kristu, ikun jista' jqawwi t-tama ta' ħutu, irġiel u nisa, li spiss jaqtgħu qalbhom u jaraw ikrah il-ġejjieni. It-tama tiegħu hi mibnija fuq il-wegħdiet ta' Kristu li jinsabu fil-Kelma rivelata: il-ġrajja tal-bniedem mixja lejn "smewwiet ġodda u art ġdida" (*Apok* 21, 1), meta l-Mulej "jixxotta kull demgħa minn għajnejhom, mewt ma jkunx hemm iżjed anqas biki, jew għajat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta' qabel" (*Apok* 21, 4).

Il-ħajja konsagrata taqdi din ir-rivelazzjoni ta' l-aħħar tal-glorja ta' Alla, "meta l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla" (ara *Lq* 3, 6; *Is* 40, 5). Minħabba f'dan, l-Lvant nisrani jagħti ġieħ kbir lill-irħieb*bħala anġli ta' Alla fuq l-art* li jħabbru t-tiġdid tad-dinja fi Kristu. Fil-punent, il-monakiżmu hu ċelebrazzjoni ta' tifkira u ta' sahra: *tifkira* ta' l-għeġubijiet magħmulin minn Alla; *sahra* għax nistennew isseħħ l-aħħar tama. Il-monakiżmu u l-ħajja kontemplattiva bla heda jħabbru lill-bnedmin li l-primat ta' Alla jagħti kotra ta' tifsir u ta' ferħ lill-ħajja tagħhom, għax il-bniedem ġie maħluq għal Alla u ma jsibx mistrieħ sakemm ma jistrieħx fih.[47]

## Il-Verġni Marija eżempju ta' konsagrazzjoni u ta' mixi wara l-Mulej

**28.** Il-Verġni Marija, imnissla mingħajr tebgħa tad-dnub tan-nisel, hi dik li l-aktar tirrifletti l-ġmiel ta' Alla. "Int kollok sbejħa" hu t-titolu li tagħtiha l-Knisja hija u titlobha. "Ir-relazzjoni ma' l-Imqaddsa Verġni Marija li kull min jemmen għandu minħabba r-relazzjoni tiegħu ma' Kristu, tidher wisq aktar fil-ħajja ta' persuna konsagrata .... Kull Istitut ta' ħajja konsagrata hu żgur li l-preżenza ta' Marija għandha piż kbir kemm għall-ħajja ta' kull persuna konsagrata u kemm għas-sħuħija, l-għaqda u l-progress tal-komunità kollha kemm hi".[48]

47. Ara Santu Wistin , *Confessiones*, I, 1.
48. Diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Udjenza ġenerali tad-29 ta' Marzu 1995.

Marija hi *l-eżempju l-aktar għoli ta' konsagrazzjoni perfetta*, għaliex hi kollha kemm hi ta' Alla u ddedikata kollha kemm hi għalih. Magħżula mill-Mulej, li ried li fiha jseħħ il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, hi tfakkar lil kull persuna konsagrata *li Alla hu l-bidu ta' kull inizjattiva*. Fl-istess waqt, meta laqgħet il-Verb ta' Alla, li sar bniedem fil-ġuf tagħha, hi saret għal kull bniedem maħluq *eżempju ta' kif għandha tiġi milqugħa l-grazzja ta' Alla*.

Hija u tgħix ma' San Ġużepp flimkien ma' Kristu fil-ħajja moħbija ta' Nazaret, u tissieħeb ma' Binha fil-mumenti l-aktar importanti ta' ħajtu, il-Verġni Marija tgħallem kif wieħed jista' jkun dixxiplu u qaddej għaqli bla ebda kondizzjoni ta' xejn. Fiha, "tempju ta' l-Ispirtu s-Santu"[49] tiddi d-dija ta' ħolqien ġdid. Lejha tħares il-ħajja konsagrata bħala xempju mill-aqwa ta' konsagrazzjoni magħmulha lill-Missier, ta' għaqda ma' l-Iben u ta' ftuħ għall-Ispirtu s-Santu, hija u tagħraf sewwa li l-aċċettazzjoni tal-"ħajja verġinali u umli"[50] ta' Kristu, twassal ukoll għall-imitazzjoni tas-sura ta' ħajja ta' Marija.

Barra dan, persuna konsagrata tara fil-Verġni Marija *Omm li ma hemmx oħra bħalha*. Dan għaliex jekk il-maternità mogħtija lil Marija fuq il-Kalvarju hi don mogħti lil kull nisrani, din il-maternità tiswa aktar għal dawk li ddedikaw ħajjithom kollha lil Kristu. "Hawn hi ommok" (*Ġw* 19, 27). Kliem Ġesù lid-dixxiplu "li kien iħobb" (*Ġw* 19, 26) għandu qawwa singulari fil-ħajja ta' persuna konsagrata. Il-persuni konsagrati huma msejħin flimkien ma' San Ġwann biex jilqgħu għandhom l-Imqaddsa Verġni Marija (ara *Ġw* 19, 27) billi jħobbuha u jkunu jixbhuha b'dik is-sura tassew għolja tal-vokazzjoni tagħha, waqt li jħossu l-imħabba speċjali tagħha ta' omm għalihom. Il-Verġni Marija taqsam magħhom dik l-imħabba li twassalhom biex kull jum joffru ħajjthom lil Kristu u jissieħbu miegħu għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Għalhekk ir-relazzjoni ta' wlied ma' Marija hija t-triq li twassal għall-fedeltà lejn il-vokazzjoni proprja li wieħed ikollu u tagħtih għajnuna mill-aqwa biex jimxi 'l quddiem fiha u jgħixha fil-milja kollha tagħha.[51]

49. Ara *Lumen gentium*, 53.
50. *Ibid.*, 46.
51. Ara *Propositio* 55.

## III. FIL-KNISJA U GĦALL-KNISJA

### "Kemm hu sew li aħna hawn": il-ħajja konsagrata fil-misteru tal-Knisja

**29.** Fit-Trasfigurazzjoni San Pietru tkellem f'isem l-Appostli l-oħra; "Kemm hu sew li aħna hawn" (*Mt* 17, 4). Il-glorja ta' Kristu, li dehret quddiemu, mlietlu ruħu u qalbu, iżda ma qatgħatux mid-dinja, anzi rabtitu aktar ma' l-"aħna" tad-dixxipli. Dan l-"aħna" jwassalna biex naraw x'sehem għandha l-ħajja konsagrata fil-misteru tal-Knisja. F'dawn l-aħħar snin ir-riflessjoni teoloġika dwar in-natura tal-ħajja konsagrata daħlet aktar fil-fond ta' l-aspetti ġodda li ħarġu mit-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. Fid-dawl ta' dan it-tagħlim, ir-riflessjoni teoloġika setgħet tara li l-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi *hi, bla ebda dubju, parti mil-ħajja u l-qdusija tal-Knisja.*[52]

Dan ifisser li l-ħajja konsagrata, li nsibuha fil-Knisja sa mill-bidu, qatt ma tista' tiġi nieqsa; għax hi parti li l-Knisja qatt ma tista' tiċċaħħad minnha u turi x'inhi l-istess natura tagħha.

Minn dan jidher ċar li l-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi għandha rabta sħiħa mal-misteru ta' Kristu, għaliex dmir tagħha hu li, b'xi mod, tagħmel preżenti s-sura ta' ħajja li hu għażel għalih u wrieha bħala ġid kollu kemm hu eskatoloġiku.

Ġesù stess, meta sejjaħ lil xi wħud biex iħallu kollox u jmorru warajh, daħħal din is-sura ta' ħajja li, taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu, bil-mod il-mod tul iż-żminijiet, żvluppat f'ħafna suriet ta' ħajja konsagrata.

Il-fehma tal-Knisja, magħmula biss minn ministri sagri u lajċi ma taqbilx mal-ħsieb tal-Fundatur tagħha, kif juruhulna l-Evanġelji u l-kotba kollha tat-Testment il-Ġdid.

### Konsagrazzjoni ġdida u speċjali

**30.** Fit-tradizzjoni tal-Knisja, il-professjoni reliġjuża titqies bħala *għarfien speċjali u aktar fil-fond tal-konsagrazzjoni li tagħti l-Magħmudija*, għaliex biha dik l-għaqda ma' Kristu, li bdiet isseħħ fil-

52. Ara *Lumen gentium*, 44.

Magħmudija ssir don ta' xebh aktar sħiħ, aktar ċar u aktar veru miegħu permezz tal-professjoni tal-kunsill evanġeliċi.[53]

Din il-konsagrazzjoni għandha l-karattru proprju tagħha jekk inqabbluha mal-konsagrazzjoni li sseħħ fil-Magħmudija għaliex, la hi parti minnha u lanqas bil-fors toħroġ minnha.[54] Fil-fatt kull min hu mwieled mill-ġdid fi Kristu hu msejjaħ biex, bil-qawwa li tingħatalu bħala don mill-Ispirtu s-Santu, jgħix il-kastità skond l-istat tal-ħajja tiegħu, jgħix l-ubbidjenza lejn Alla u l-Knisja, u jgħix nuqqas xieraq ta' rbit mal-ġid ta' l-art, għax kulħadd hu msejjaħ għal dik il-qdusija li hi l-perfezzjoni ta' l-imħabba.[55] Iżda l-Magħmudija minnha nfisha ma titlobx vokazzjoni għaċ-ċelibat u għall-verġinità u lanqas iċ-ċaħda tal-ġid tad-dinja u l-ubbidjenza għar-rieda tas-superjuri fis-sura proprja tal-kunsilli evanġeliċi. Il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi tissopponi don speċjali ta' Alla li ma jingħatax lil kulħadd, kif Ġesù stess stqarr meta tkellem fuq iċ–ċelibat (ara *Mt* 19, 10-12).

Din il-vokazzjoni hi msieħba *ma' don speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu* biex persuna konsagrata tkun tista' twieġeb għall-vokazzjoni u l-missjoni tagħha. Minħabba f'dan, kif jixhdu r-riti liturġiċi kemm tal-lvant u kemm tal-punent, fil-professjoni monastika u fil-professjoni reliġjuża, kif ukoll fil-konsagrazzjoni tal-verġni, il-Knisja titlob għad-don ta' l-Ispirtu s-Santu biex jingħata lil dawk magħżulin u ssieħeb l-offerta tagħhom mas-sagrifiċċju ta' Kristu.[56]

Il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi *hi wkoll żvilupp tal-grazzja li tingħata fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni,* iżda titlob aktar milli titlob il-konsagrazzjoni li tingħata fil-Konfermazzjoni għaliex fil-professjoni reliġjuża l-Knisja titlob don speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu li jiftaħ it-triq għal suriet ġodda ta' qdusija u ta' appostolat kif turina l-istorja tal-ħajja konsagrata.

53. Ara Eżort. app. *Redemptionis donum* (25 Marzu 1984), 7.
54. Ara *Lumen gentium, 44*; Diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-udjenza ġenerali tas-26 ta' Ottubru 1994.
55. Ara *Ibid.*, 42.
56. Ara Ritwal Ruman, *Ritus Professionis religiosae*: barka solenni jew konsagrazzjoni tar-reliġjużi rġiel professi n. 67, jew tar-reliġjużi nisa professi n. 72; *Pontificale Romanum, Ritus Consecrationis Virginum* n. 38, talba solenni tal-konsagrazzjoni; Eucologion jew Rituale Graecorum, *Officum parvi habitum id est Mandiae*, pp. 384-385; Pontificale iuxta Ritum Ecclesiae Syrorum Occidentalium id est Antiochiae, *Ordo Rituum Monasticorum*.

Jekk niġu għall-presbiteri li jipprofessaw il-kunsilli evanġeliċi, l-esperjenza turina li *s-Sagrament ta' l-Ordni jikseb kotra singulari ta' frott b'din il-konsagrazzjoni* li ġġib u tmexxi 'l quddiem sura ta' rabta spiritwali aktar qawwija mal-Mulej. Il-presbiteru li jħaddan il-kunsilli evanġeliċi jkollu għajnuna speċjali biex iħoss fih innifsu l-milja tal-misteru ta' Kristu, ukoll minħabba l-ispiritwalità proprja ta' l-Istitut tiegħu u minħabba n-natura appostolika tal-kariżma tiegħu. Fil-presbiteru l-vokazzjoni għas-saċerdozju u l-vokazzjoni għal-ħajja konsagrata iwasslu għal sura ta'għaqda għolja u sħiħa fuq li sħiħa.

Siwi tassew ta' l-għaġeb huma għall-Knisja il-presbiteri reliġjużi li huma msejħin għall-ħajja kollha kemm hi ta' kontemplazzjoni. L-aktar fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika jagħmlu ħidma għall-Knisja u jżidu magħha l-offerta tagħhom infushom f'xirka ma' Kristu, li offra lilu nnifsu għas-salvazzjoni tad-dinja.[57]

## Ir-relazzjonijiet bejn is-suriet diversi tal-ħajja nisranija

**31.** Il-ħafna suriet ta' ħajja li nsibu fil-Knisja skond il-ħsieb tal-Mulej Ġesù għandhom relazzjonijiet diversi bejnithom, u fuq dawn irrid issa nitkellem.

L-insara kollha, minħabba t-twelid ġdid tagħhom fi Kristu, għandhom ilkoll sehem mill-istess dinjità u huma lkoll imsejħin għall-qdusija; ilkoll jagħtu sehemhom għall-bini tal-Ġisem waħdieni ta' Kristu, kull wieħed skond il-vokazzjoni proprja tiegħu u d-don li jirċievi mill-Ispirtu s-Santu (ara *Rum* 12, 1-8).[58] Id-dinjità, li għandhom l-istess il-membri kollha tal-Knisja, hi mill-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u għandha l-għeruq tagħha fil-Magħmudija u l-Konfermazzjoni u titwettaq bl-Ewkaristija. Hi wkoll ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu d-diversità li hemm fil-Knisja. Hu jwaqqaf il-Knisja bħala xirka organika ta' ħafna vokazzjonijiet, kariżmi u ministeri.[59]

57. Ara San Pietru Damiani, *Liber qui qppellatur "Dominus vobiscum" ad Leonem eremitam.*
58. Ara *Lumen gentium*, 32; *Codex Iuris Canonici* kan. 208; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium* kan. 11.
59. Ara *Ad gentes*, 4; *Lumen gentium*, 4, 12, 13; *Gaudium et spes*, 32; *Apostolicam actuositatem*, 3; Eżort. post-sinodali *Christifideles laici* (30 Diċembru 1988), 20-21; Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi, Ittra lill-Isqfijiet dwar xi aspetti tal-Knisja bħala xirka, *Communionis notio* (28 Mejju 1992), 15.

Il-vokazzjoni għall-ħajja tal-lajċi, għall-ministeru sagramentali u għall-ħajja konsagrata nistgħu nqisuhom bħala paradigmi, għaliex kull vokazzjoni partikulari, b'mod jew ieħor għandha rabta magħhom, kemm jekk meqjusin waħda waħda u kemm jekk meqjusin flimkien, skond l-għana tad-don ta' Alla. Jaqdu wkoll lil xulxin, għall-kobor tal-Ġisem ta' Kristu tul iż-żminijeit u għall-missjoni tiegħu fid-dinja. Bis-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni lkoll niġu konsagrati fil-Knisja, iżda l-ministeru ta' l-Ordni u l-ħajja konsagrata jitolbu sura ta' konsagrazzjoni speċjali u proprja għall-ħidma partikulari.

Għall-missjoni tal-*lajċi*, li bħala vokazzjoni għandhom li jimpennjaw ruħhom fil-ħajja tad-dinja u jmexxuha skond il-ħsieb ta' Alla, huma u jfittxu x-Saltna ta' Alla,[60] biżżejjed għalihom il-konsagrazzjoni li tiġi mill-Magħmudja u mill-Konfermazzjoni, konsagrazzjoni li għandhom il-membri kollha tal-Poplu ta' Alla.

Barra din il-konsagrazzjoni ewlenija, il-*ministri ordnati* fl-istess Ordinazzjoni jirċievu dik il-konsagrazzjoni li jeħtieġu biex jaqdu l-ministeru tagħhom fid-dinja.

*Il-persuni konsagrati* huma u jħaddnu l-kusilli evanġeliċi, jirċievu konsagrazzjoni ġdida u singulari li, għalkemm m'hijiex sagrament, twassalhom biex fiċ-ċelibat, fil-faqar u fl-ubbidjenza, jagħmlu tagħhom dik is-sura ta' ħajja li għex Ġesù stess u ħejja għaliha id-dixxipli tiegħu. Għalkemm dawn is-suriet kollha juru l-misteru waħdieni ta' Kristu, il-lajċi għandhom il-karatteristika speċifika tagħhom, ghalkemm mhux karatteristika esklusiva, li jgħixu fid-dinja, waqt li l-karatteristika tar-rgħajja hi dak ta' ministeru, u l-karatteristika tal-persuni konsagrati dik li jkunu xebh ma' Kristu verġni fqir u ubbidjenti.

## Il-ġid speċjali tal-ħajja konsagrata

**32.** F'din il-ġabra hekk xierqa ta' doni, li kull stat ewlieni ta' ħajja hu fid-dmir li juri, fis-sura proprja tiegħu, jidhru, issa mod u issa ieħor l-ħafna aspetti tal-misteru waħdieni ta' Kristu. Jekk il-*missjoni ewlenija tal-ħajja tal-lajċi* hi dik li tħabbar l-Evanġelju fil-ħajja ta' kull jum tad-dinja, fix-xirka ekklesjali *hu meħtieġ fuq li meħtieġ il-ministeru ta'dawk*

60. *Lumen gentium*, 31.

*li rċevew l-Ordni sagri*, speċjalment l-Isqfijiet. Dawn huma fid-dmir li jirgħu l-Poplu ta' Alla billi jgħallmuh id-duttrina, jamministrawlu s-Sagramenti u jħaddmu s-setgħa qaddisa tagħhom biex jaqdu x-xirka tal-Knisja, xirka organika u ġerarkika.[61]

F'dak li għandu x'jsqsam mal-wiri tal-qdusija mill-Knisja, irridu ngħidu li *ħajja konsagrata għandha superjorità oġġettiva*, għaliex turi xbieha tal-ħajja li għex Kristu nnifsu. Hu minħabba f'hekk li l-ħajja konsagrata hi wiri tassew għani tal-valuri ta' l-Evanġelju u tifsira sħiħa ta' l-għan tal-Knisja li hu t-tqaddis ta' soċjetà tal-bnedmin. Is-soċjetà konsagrata tħabbar u b'xi mod tgħix minn qabel il-ħajja li għad trid tiġi meta s-Saltna tas-sema, li ġa tinsab fostna bil-frott u l-misteru tagħha,[62] sseħħ fil-milja kollha tagħha, u wlied il-qawmien mill-imwiet la jiżżewġu u lanqas iżewwġu imma jkunu bħal anġli ta' Alla (ara *Mt* 22, 30).

Dan għaliex il-Maġisteru tal-Knisja minn dejjem għallem li l-kastità perfetta għas-Saltna tas-smewwiet[63] hi bir-raġun kollu l-"bieb" tal-ħajja konsagrata kollha.[64] Madankollu l-Knisja turi stima liema bħalha għaż-żwieġ li fih il-miżżewġin "huma xhieda u koperaturi tal-frott li tagħti l-Knisja Omm, bħala sinjal u sehem ta' dik l-imħabba li biha Kristu ħabb l-Għarusa tiegħu l-Knisja u ta ħajtu għaliha".[65]

Fid-dawl ta' dan, li nsibuh f'kull ħajja konsagrata, jiżviluppaw ħafna triqat magħżulin minn xulxin, iżda komplementari għal xulxin. Ir-reliġjużi, irġiel u nisa, impenjati kollhom kemm huma fil-ħajja ta' kontemplazzjoni, b'mod speċjali, jsiru xbieha ta' Kristu qed jitlob fuq il-muntanja.[66] *Il-ħajja attiva* ta' persuni konsagrati juru 'l Kristu iħabbar is-Saltna ta' Alla lill-folol, jagħti s-saħħa lill-morda u lill-imġarrbin, u jiġbed lill-midinbin għall-ħajja fis-sewwa, ibierek lit-tfal u jagħmel il-ġid lil kulħadd.[67] Il-persuni konsagrati jaqdu ministeru speċjali favur is-Saltna

61 Ara *Ibid.*, 12; Eżort, post-sinodali, *Christifideles laici* (30 Diċembru 1988), 20-21.
62. Ara *Lumen gentium*, 5.
63. Ara Konċilju ta' Trento, sess. XXIV, kan. 10; Papa Piju XII, Enċikl. *Sacra virginitas* (25 ta' Marzu 1954).
64. Ara *Propositio* 17.
65. *Lumen gentium*, 41.
66. Ara *Ibid.*, 46.
67. *Ibid.*

ta' Alla fl-*Istituti sekulari*, għaliex b'mod singulari jorbtu flimkien *il-konsagrazzjoni tagħhom* mal-ħajja tagħhom fid-dinja,[68] u "jħabirku biex jimlewha bl-ispirtu ta' l-Evanġelju għas-saħħa u l-kobor tal-Ġisem ta' Kristu".[69] Minħabba f'hekk huma mseħbin fil-missjoni evanġelizzatriċi tal-Knisja bix-xhieda tagħhom ta' ħajja nisranija, jew bl-għajnuna li jagħtu ħalli l-ġid tad-dinja jmexxuh skond il-pjan ta' Alla, jew bis-sehem tagħhom fil-qadi tal-komunità ekklesjali skond il-karattru sekulari proprju tal-ħajja tagħhom.[70]

## Xhieda ta' l-Evanġelju tal-beatitudnijiet

**33.** Missjoni speċjali tal-ħajja konsagrata hi *wkoll li tnissel fl-imgħammdin kollha għarfien tal-valuri fondamentali ta' l-Evanġelju*, waqt li "tagħti xhieda mill-aqwa, xhieda sabiħa, li d-dinja ma tistax tiġi trasfigurata u offerta lil Alla mingħajr l-ispirtu tal-Beatitudnijiet".[71] B'hekk il-ħajja konsagrata twassal biex tqanqal fil-Poplu kollu ta' Alla għarfien tal-ħtieġa li wieħed iwieġeb għall-imħabba ta' Alla, li tissawwab fi qlubna mill-Ispirtu s-Santu (ara *Rum* 5, 5), bil-qdusija tal-ħajja, u turi l-konsagrazzjoni li seħħet bil-ħidma ta' Alla fil-Magħmudija , fil-Konfermazzjoni u fl-Ordni bl-imġiba kollha tal-ħajja. Jeħtieġ għalhekk li mill-qdusija mogħtija fis-sagramenti wieħed jgħaddi għall-qdusija fil-ħajja ta' kull jum. Il-ħajja konsagrata, bil-mod stess kif tinsab fil-Knisja, tfittex li taqdi l-konsagrazzjoni tal-ħajja ta' l-insara kollha, sew lajċi u sew kjeriċi.

Lanqas għandna ninsew li l-istess persuni konsagrati jiksbu għajnuna mix-xhieda ta' kif vokazzjonijiet oħra jgħixu f'rabta sħiħa mal-misteru ta' Kristu u tal-Knisja fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Il-missjoni tal-persuni konsagrati ssir tfisser aktar u tkun aktar qawwija bil-mod kif jagħnu 'l xulxin wieħed lil ieħor; hi l-missjoni li ddawwal lill-aħwa l-oħra, irġiel u nisa, ħa jżommu ħarsithom fuq is-

68. Ara Piju XII, Motuproprju *Primo feliciter* (12 Marzu 1948).

69. *Codex Iuris Canonici*, kan. 713 §1; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium*, kan. 563 §2.

70. Ara *Codes Iuris Canonici*, kan. 713 §2; Il-kliem dwar "sodalibus clericis" huwa mfisser fil-kan. 713 §3.

71. *Ibid.*, 31.

sliem li għad irid jiġi, u jħabirku għall-hena ta' l-aħħar f'Alla bħala għan għalihom.

**Ix-xbieha ħajja tal-Knisja – Għarusa**

**34.** Fil-ħajja konsagrata għandha qawwa speċjali dik it-tifsira ta' għerusija li turi l-ħtieġa tal-Knisja ħa tgħix kollha kemm hi u biss għall-Għarus tagħha, li minn għandu tikseb il-ġid kollu tagħha. F'din id-dimensjoni ta' għerusija li hi ewlenija f'kull ħajja konsagrata, il-mara, qisha tara l-identità proprja tagħha fl-għaqda tagħha mal-Mulej.

F'din il-ħaġa ifisser ħafna r-rakkont tat-Testment il-Ġdid li juri lil Marija fiċ-Ċenaklu titlob flimkien ma' l-Appostli, tistenna l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu (ara *Atti* 1, 13-14). Hemm għandna xhieda ħajja tal-Knisja-Għarusa, moħħa fl-Għarus tagħha, lesta li tilqa' minn għandu d-don tiegħu. F'San Pietru u fl-Appostli l-oħra l-aktar li juri ruħu hu l-aspett tal-frott li se jinkiseb u li hu mfisser mill-ministeru ekklesjali bħala strument ta' l-Ispirtu ħa jitnisslu wlied ġodda bix-xandir tal-Kelma, biċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti, u bil-ħidma pastorali. F'Marija l-aspett ta' l-aċċettazzjoni ta' l-għerusija jidher b'mod tassew ċar: f'dan l-aspett il-Knisja tagħti kotra ta' frott ta' ħajja divina permezz ta' l-imħabba verġinali perfetta tagħha.

Il-ħajja konsagrata dejjem dehret l-aktar fix-xbieha ta' Marija-Verġni u Għarusa. Hu minn din l-imħabba verġinali li l-aktar toħroġ kotra ta' frott li jgħin biex tinbet u tissaħħaħ il-ħajja divina fil-qlub tal-bnedmin.[72] Il-persuna konsagrata hija u timxi wara l-passi ta' Marija, l-Eva l-ġdida, tagħti kotra ta' frott spiritwali meta tilqa' l-Kelma biex tagħti sehemha ħa tiġġedded in-natura tal-bnedmin b'devozzjoni bla ebda kondizzjoni u b'xhieda ħajja. Hekk il-Knisja turi biċ-ċar l-maternità tagħha kemm permezz tal-ħidma divina fdata lil San Pietru u kemm bl-aċċettazzjoni tad-don ta' Alla, imfissra minn Marija.

Min-naħa tiegħu l-Poplu nisrani jsib il-mezzi tas-salvazzjoni fil-ministeru ta' l-Ordni u jsib fil-ħajja konsagrata stedina għal tweġiba kollha mħabba mill-ħafna suriet ta' qadi nisrani.[73]

72. Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, *Manuscrits autobiographiques* B, 2 v. "Nixtieq inkun l-għarusa tiegħek, Ġesù ... inkun marbuta miegħek, omm l-erwieħ".
73. Ara *Perfectae caritatis*, 8, 10, 12.

## IV. IMMEXXIJIN MILL-ISPIRTU TA' MĦABBA

### Eżistenza "trasfigurata"; sejħa għall-qdusija

**35.** "Id-dixxipli, meta semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art" (*Mt* 17, 6). Fil-ġrajja tat-Trasfigurazzjoni, l-Evanġelji sinottiċi, minkejja xi varjazzjonijiet bejniethom, minnufih juru l-biża' li qabadhom lill-Appostli. Il-ġmiel isaħħar tal-wiċċ trasfigurat ta' Kristu ma kienx tfixkil għalihom li jimtlew bil-biża' quddiem il-kobor ta' Alla. Dan għaliex il-bnedmin meta jsibu ruħhom quddiem il-glorja ta' Alla dejjem iħossu d-dgħufija tagħhom u għalhekk iħossu biża' kbir. Dan il-biża' jgħin għas-salvazzjoni. Juri lill-bnedmin l-kobor tal-perfezzjoni ta' Alla u fl-istess waqt jimbuttahom lejn il-"qdusija".

Ulied il-Knisja kollha, imsejħin mill-Missier biex "jisimgħu" 'l Kristu, bilfors iħossu *ħtieġa kbira għall-konversjoni u l-qdusija.* Din il-ħtieġa, kif għallem is-Sinodu, issibha l-ewwel nett fil-ħajja konsagrata. Is-sejħa ta' persuni konsagrati biex ifittxu s-Saltna ta' Alla qabel kollox, hi l-ewwelnett eżortazzjoni għal konverżjoni sħiħa, għaċ-ċaħda tiegħek innifsek ha tgħix kollok kemm int għall-Mulej, biex Alla jkun kollox f'kulħadd. Imsejħin biex jikkontemplaw u jagħtu xhieda tal-wiċċ trasfigurat ta' Kristu, l-persuni konsagrati huma msejħin biex jgħixu ħajja "trasfigurata".

Dwar dan, ifisser ħafna dak li ntqal *fl-aħħar relazzjoni* tat-tieni sessjoni straordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet: "Fiċ-ċirkostanzi l-aktar diffiċli tal-ġrajja tal-Knisja dejjem kienu l-qaddisin irġiel u nisa l-għajn u l-bidu tat-tiġdid. Illum neħtieġu ħafna li jkollna qaddisin jitolbu 'l Alla bla heda. L-Istituti ta' ħajja konsagrata bil-professjoni tal-kunsilli evanġliċi jħossu sewwa x'inhi l-vokazzjoni speċifika tagħhom fil-Knisja ta' llum, u aħna rridu nħeġġuhom f'din il-missjoni tagħhom".[74] L-Isqfijiet li ħadu sehem f'din id-disa' assemblea tas-Sinodu ħassew sewwa din il-ħaġa u qalu: "Tul il-ġrajja twila tal-Knisja, il-ħajja konsagrata kienet ukoll preżenza ħajja tal-ħidma ta' l-Ispirtu, sura ta' ambjent privileġġjat ta' mħabba sħiħa għal Alla u għall-proxxmu, u ta' xhieda tal-pjan ta' Alla

74. Sinodu ta' l-Isqfijiet, II Assemblea ġenerali straordinarja, *Relatio finalis: Ecclesia sub verbo Dei mysteria Christi celebrans pro salute mundi* (7 Diċembru 1985), IIA, 4.

biex il-ġens kollu tal-bnedmin jinġabar fiċ-ċiviltà ta' l-imħabba, u jkun il-familja kbira u waħda ta' wlied Alla".[75]

Il-Knisja dejjem żammet li fil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi hemm sura ta' triq singulari għall-qdusija. Il-kliem stess li bih il-Knisja tfisser din il-ħajja – skola ta' qadi tal-Mulej, skola ta' mħabba u ta' qdusija, triq lejn il-perfezzjoni – juri l-qawwa u l-għana ta' mezzi li huma proprji ta' din is-sura ta' ħajja evanġelika u ta' l-impenn speċjali ta' dawk li jidħlu għaliha.[76] Mhux ta' xejn kien hemm persuni tul iż-żminijiet kollha li taw xhieda mill-aqwa ta' qdusija u wettqu għemejjel tqal u ta' ġenerożità kbira ta' evanġelizzazzjoni u ta' ministeru.

## Fedeltà lejn il-kariżma

**36.** Fil-mixi wara Kristu u fl-imħabba għall-persuna tiegħu hemm mumenti li jinfluwenzaw it-tkatttir tal-qdusija fl-istess ħajja konsagrata u għalhekk jeħtieġ li llum dawn jidħru sewwa.

Qabel xejn hemm il-ħtieġa *tal-fedeltà lejn il-kariżma tal-fundatur* u għalhekk lejn il-wirt spiritwali wkoll ta' kull Istitut. F'din il-fedeltà lejn il-ħsieb tal-fundaturi jew fundatriċi, ħsieb li hu don ta' l-Ispirtu s-Santu, aktar malajr wieħed jara liema huma l-elementi meħtieġa tal-ħajja konsagrata u jgħixhom bil-ħeġġa kollha.

Kull kariżma, fil-bidu tagħha stess turi tliet orjentamenti prinċipali: l-ewwenett *lejn il-Missier* bix-xewqa li tingħaraf bl-imħabba kollha x'inhi r-rieda tiegħu, b'għemil ta' konverżjoni dejjem sejra fejn l-ubbidjenza hi l-għajn tal-libertà vera, fejn il-kastità tfisser il-ħerqa tal-qalb li mhijiex kuntenta b'imħabba li tista' tiġi fix-xejn, u l-faqar imantni l-ġuħ u l-għatx għall-ġustizzja li Alla wiegħed li jissodisfa (*Mt* 5, 6). Għalhekk il-kariżma ta' kull Istitut għandu jimbotta kull persuna konsagrata biex tingħaqad ma' Alla kollha kemm hi u titkellem dwar Alla kif jingħad li tkellem San Duminku,[77] biex tipprova, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja, u tara kemm hu tajjeb il-Mulej (*Salm* 34, 8).

75. Sinodu ta' l-Isqfijiet, IX sessjoni ġenerali ordinarja *Nuntius Synodi* (27 Ottubru 1994), IX.
76. Ara San Tumas ta' Aquino, *Summa Theologiae*, II-II, q. 184, a. 5, ad 2; II-II, q. 186, a. 2, ad 1.
77. Ara *Libellus de principiis Ordinis preaedicatorum. Acta Canonizationis Sancti Dominici: Monumenta Ordinis Praedicatorum historica*, 16 (1935), 30.

Il-kariżmi tal-ħajja konsagrata jġibu magħhom ukoll ġibda lejn *l-Iben* u jħajru għal xirka intima u hienja miegħu, mgħallmin minnu kif jaqdu b'qalb kbira 'l Alla u lil-proxxmu . "Min isir jixbah lil Kristu dejjem aktar jitgħallem b'dan il-mod kif jinfatam mill-ġid tad-dinja, mit-tqanqil tas-sensi, u minn kull ħaga li ma tħallix 'il-bniedem jeħfief biex jinħataf mill-Ispirtu",[78] u hekk ikun jista' jidħol għall-missjoni ma' Kristu u miegħu jitħabat u jbati biex tinxtered is-Saltna ta' Alla.

Fl-aħħarnett kull kariżma jwassal għand l-*Ispirtu s-Santu* għaliex iħalli lil kull persuna konsagrata titmexxa u titwettaq minnu kemm fil-ħajja spiritwali tiegħu u kemm fil-ħajja komunitarja u fil-ħidma ta' l-appostolat, hekk li juri dik is-sura ta' qadi li għandha tispira kull għażla ta' min hu tassew nisrani.

Dawn it-tliet relazzjonijiet minkejja li huma ta' ħafna aspetti fis-suriet differenti tagħhom, issibhom f'kull kariżma ta' fundazzjoni għaliex f'kull kariżma hemm taħkem "ħerqa kbira fir-ruħ għax-xebh ma' Kristu biex tingħata xhieda għal xi aspett tal-misteru tiegħu";[79] dan l-aspett irid jissawwar u jiġi 'l quddiem skond it-tradizzjoni vera ta' l-Istitut kif tidher mill-Kostituzzjonijiet u l-Istatuti tiegħu.[80]

## Fedeltà kreattiva

**37.** L-istituti ta' ħajja konsagrata huma għalhekk imħeġġin biex b'ħerqa liema bħalha jgħixu mill-ġdid il-kreattività u l-qdusija tal-fundaturi jew fundatriċi tagħhom, biex iwieġbu għas-sinjali taż-żminijiet li qed jidhru fid-dinja ta' llum.[81] Huma qabel xejn imħeġġin biex jibqgħu mexjin u ma jaqtgħux qalbhom fit-triq tal-qdusija fost il-ħafna diffikultajiet materjali u spiritwali tal-ħajja ta' kull jum. Hi wkoll twissija biex il-ħidma personali kollha ssir bil-għaqal u tintwera fedeltà xierqa lejn il-missjoni proprja, waqt li s-suriet ta' ħajja, jekk ikun meħtieġ, jiġu adattati għall-kondizzjonijiet u l-ħtiġijiet ġodda, dejjem bi ftuħ sħiħ għall-ispirazzjoni ta' Alla u d-dixxerniment tal-Knisja. Iżda kulħadd irid

78. Papa Ġwanni Pawlu II, Ittra appost. *Orientale lumen* (2 Mejju 1995), 123.
79. Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u għall Istituti sekulari u Kongregazzjoni għall-Isqfijiet, *Mutuae relationes* (14 Mejju 1978), 51.
80. Ara *Propositio* 26.
81. Ara *Propositio* 27.

ikun konvint li hu t-tfittix għal xebh dejjem akbar mal-Mulej, li jiggarantixxi kull tiġdid li jrid jibqa' fidil għall-kariżma tal-bidu.[82]

Skond dan il-ħsieb, kull Istitut llum hu fid-dmir *li jiġġedded skond ir-regula tiegħu*, għaliex fir-regula u fil-Kostituzzjonijiet ukoll wieħed għandu jsib kif jimxi wara Kristu skond il-kariżma mwettaq mill-Knisja. Osservanza aktar sħiħa tar-regola ma tistax ma tagħtix lill-persuna konsagrata kriterju żgur fit-tfittix ta' suriet adatti ta' xhieda li jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' llum u mingħajr ma jitbegħdu mill-ispirazzjoni tal-bidu.

## Talb u axxetiżmu: taqbida spiritwali

**38.** Is-sejħa għall-qdusija tiġi milqugħa u tmur 'il quddiem biss *b'adorazzjoni siekta* tat-traxxendenza infinita ta' Alla: "Irridu nistqarru li aħna lkoll ninħtiġuh dan is-skiet mimli bil-preżenza ta' adorazzjoni: fit-teoloġija, biex tagħraf is-siwi sħiħ tan-natura sapjenzjali u spiritwali tagħha; fit-talb, biex ma ninsew qatt li tara 'l Alla jfisser li tinżel minn fuq il-muntanja b'wiċċek kollu jiddi hekk li jkollok tgħattih b'velu (ara *Eż* 34, 13); fl-impenn, biex jiġi evitat kull periklu li l-ġlieda titqies bla mħabba u bla maħfra ... . Kull min jemmen u kull min ma jemminx irid jitgħallem dak is-skiet li jħalli lill-ieħor jitkellem, meta u kif irid, u nkunu nistgħu nifhmu kliemu".[83] Dan jitlob fedeltà liema bħalha lejn it-talb liturġiku u t-talb privat, bi żmien dedikat għat-talb mentali u għall-kontemplazzjoni, għall-irtiri kull xahar u għall-eżerċizzi spiritwali.

Meħtieġ ukoll li jkun hemm *mezzi axxetiċi* skond it-tradizzjonijiet spiritwali tal-Knisja u ta' kull Istitut. Għall-mixi tassew 'il quddiem fil-qdusija, dawn dejjem urew u għadhom juru għajnuna tassew effikaċi għall-mixi 'il quddiem fil-qdusija. L-axxetiżmu hu meħtieġ fuq li meħtieġ għall-persuni konsagrati, biex irażżnu u jikkoreġu il-ġibdiet tan-natura tal-bniedem imdgħajfa mid-dnub, u hekk jibqgħu fidili għall-vokazzjoni tagħhom u jimxu wara Kristu mit-triq tas-Salib.

Jeħtieġ ukoll li jingħarfu u jingħelbu dawk it-tentazzjonijiet li juru ruħhom bħala xi ħaġa tajba, imqanqlin mill-qerq tax-xitan. Hekk, biex insemmu eżempju, il-ħtieġa leġittima li wieħed ikun jaf sewwa s-soċjetà ta' llum, biex wieħed jista' jwieġeb aħjar għall-isfidi tagħha, tista' tħajjar

82. Ara *Perfectae caritatis*, 2.
83. Ġwanni Pawlu II, Ittra appost. *Orientale lumen* (2 Mejju 1995), 16.

biex wieħed iċedi għad-drawwiet taż-żmien li jkun, u hekk tonqos fih il-ħeġġa spiritwali jew jidħol il-qtigħ il-qalb. Il-formazzjoni spiritwali aktar għolja tista' twassal lill-persuni konsagrati biex iħossu li huma superjuri għall-bqija ta' l-insara u, min-naħa l-oħra, il-ħerqa xierqa għal tħejjija tajba tista' twassal għal tfittix ħerqan ta' effiċjenza bħallikieku l-ħidma appostolika tiddependi aktar mill-ħila tal-bniedem milli minn Alla. Ix-xewqa ta' min ifaħħarha li tkun aktar qrib l-irġiel u n-nisa ta' llum, jemmnu jew ma jemmnux, fqar jew għonja, tista' twassal biex tfitex xi sura ta' ħajja fid-dinja jew biex ġġib 'il quddiem il-valuri umani għar-raġunijiet materjali biss. It-tisħib fl-aspirazzjonijiet leġittimi tal-pajjiż u tal-kultura tiegħu jista' wkoll iħajjar biex jitħaddnu xi suriet ta' nazzjonaliżmu u ta' drawwiet li jeħtiġilhom jiġu msoffija u mwassla għad-dawl ta' l-Evanġelju.

It-triq lejn il-qdusija għalhekk titlob li *tiġi aċċettata ġlieda spiritwali*. Hu dmir iebes li llum mhux dejjem hu magħruf biżżejjed. It-tradizzjoni spiss rat f'din il-ġlieda spiritwali xbieha tal-ġlieda ta' Ġakobb mal-misteru ta' Alla, li tħabat miegħu biex ikollu l-barka tiegħu u jarah (ara *Ġen* 12, 23-31). F'din il-ġrajja tal-bidu ta' l-istorja biblika, il-persuni konsagrati jistgħu jaraw sinjal ta' dak l-axxetiżmu li jeħtieġu biex jiftħu qalbhom u jilqgħu lill-Mulej u lil ħuthom.

## Inġibu 'l quddiem il-qdusija

**39.** Iż-żmien ta' llum, aktar minn żminijiet oħra, jitlob impenn mġedded fil-qdusija mill-persuni konsagrati biex *tiġi 'l quddiem u titwettaq ix-xewqa ta' kull nisrani għall-perfezzjoni.* "Jeħtieġ għalhekk li f'kull nisrani ikun hemm ħerqa għall-qdusija, ħeġġa għall-konversjoni u xewqa għat-tiġdid, waqt li titkattar aktar il-ħerqa għat-talb u għas-solidarjetà mal-proxxmu, l-aktar ma' dawk li huma fil-bżonn".[84]

Il-persuni konsagrati, daqskemm ifittxu li jkabbru l-ħbiberija tagħhom ma' Alla, jiksbu l-ħila li jgħinu lil ħuthom b'inizjattivi spiritwali sodi, bħalma huma l-ħafna suriet ta' skejjel ta' talb, eżerċizzi spiritwali, rtiri, ġranet ta' ġabra fis-skiet, djalogu spiritwali, u direzzjoni spiritwali. B'dan il-mod il-bnedmin jimxu ħafna 'l quddiem fit-talb, aktar malajr jiksbu l-ħila li jagħrfu r-rieda ta' Alla għalihom u li l-fidi titlob minnhom qlubija, meta ma titlobx ukoll eroiżmu. Dan għaliex il-persuni konsagrati "mill-

84. Ġwanni Pawlu II, Ittra appost. *Tertio Millenio adveniente* (10 Novembru 1994), 69.

istess natura tal-ħajja reliġjuża jinħatfu mid-dinamiżmu tal-ħajja tal-Knisja, għatxana għal dak l-Assolut li hu Alla u msejħa għall-qdusija. Huma xhieda ta' din il-qdusija.[85] Kulħadd hu msejjaħ għall-qdusija u dan ma jistax iseħħ jekk ma jwassalx lil dawk li għażlu bħala sura ta' ħajjithom il-missjoni li jfakkru lill-oħrajn b'dan id-dmir.

## **"Qumu, la tibżgħux": fiduċja mġedda**

**40.** "Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom: 'Qumu, la tibżgħux' " (*Mt* 17, 7). L-istess bħat-tliet Appostli tat-Trasfigurazzjoni, il-persuni konsagrati jafu sewwa mill-esperjenza li ħajjithom mhux dejjem tkun mdawwla b'dik il-ħeġġa li twassalna biex ngħidu: "Kemm hu sew li aħna hawn" (*Mt* 17, 4). Iżda ħajjithom dejjem "tmissha" id il-Mulej, u hi ħajja li tisma' dejjem leħen il-Mulej u hi mwettqa bil-grazzja tiegħu.

"Qumu, la tibżgħux". Dan il-kliem il-Mulej jgħidu lil kull nisrani, u din hi ħaġa ċara. Iżda dan il-kliem jiswa wisq aktar għal min ġie msejjaħ biex "iħalli kollox", u għalhekk "jissogra" kollox għal Kristu. Dan aktarx jiġri l-aktar meta wieħed jinżel minn fuq il-muntanja flimkien ma' Kristu, jinżel mit-Tabor biex, immexxi minnu, jaqbad it-triq tal-Kalvarju.

Meta San Luqa jgħid li Mosè u Elija tkellmu ma' Kristu dwar il-misteru ta' l-Għid tiegħu, bil-ħsieb u b'tifsir liema bħalu uża l-kliem "it-tmiem ta' ħajtu" *(exodos): "dehru jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellha sseħħ f'Ġerusalemm* (*Lq* 9, 31). *Exodus* hi kelma fondamentali fir-Rivelazzjoni, kelma li tfakkar il-ġrajja kollha tas-salvazzjoni, u turi l-qawwa kbira tal-misteru ta' l-Għid. Dan il-ħsieb hu għażiż ħafna għall-ispiritwalità konsagrata għaliex tfissirha tajjeb ħafna. Fiha hemm dak kollu li għandu x'jaqsam mal-*misteru tas-Salib*. Dan l-*exodus* meta nħarsu lejh minn fuq il-muntanja tat-Tabor jidher iebes, għax qisu triq bejn żewġt idwal: id-dawl imħabbar minn qabel tat-Trasfigurazzjoni u d-dawl definittiv tal-Qawmien mill-imwiet.

Il-vokazzjoni għall-ħajja konsagrata – jekk inħarsu lejha fid-dawl tal-ħajja nisranija kollha kemm hi – għalkemm titlob ċaħdiet u provi, anzi minħabba dawn iċ-ċaħdiet u provi *hija triq ta' dawl* li fuqha jgħasses bla heda l-Feddej: "*Qumu, la tibżgħux*".

85. Ġwann Pawlu II, Ittra appost. *Evangelii nuntiandi* (8 Diċembru 1975), 69.

KAPITLU II

# SIGNUM FRATERNITATIS

## IL-ĦAJJA KONSAGRATA: SINJAL TA' XIRKA FIL-KNISJA

### I. VALURI LI JIBQGĦU

**Bħal xbieha ta' Trinità**

**41.** Il-Mulej Ġesù, tul ħajtu fid-dinja, sejjaħ lil min ried biex iżommhom miegħu u jgħallimhom bl-eżempju ta' ħajtu ħa jgħixu għall-Missier u għall-missjoni li hu rċieva minn għandu (ara *Mk* 3, 13-15). Hekk ta bidu għall-familja ġdida li fiha tul iż-żminijiet kellhom jidħlu dawk kollha li kienu lesti "jagħmlu r-rieda ta' Alla' (ara *Mk* 3, 13-15). Wara li l-Mulej tela' s-sema, bid-don mogħti mill-Ispirtu s-Santu, twaqfet komunità ta' aħwa ma dwar l-Appostli għat-tifħir ta' Alla u għal xirka bejniethom (ara *Atti* 2, 42-47; 4, 32-35). Din il-ħajja ta' xirka u, wisq aktar, l-esperjenza ta' qsim sħiħ ma' Kristu li kellhom it-Tnax, kienu dejjem *l-eżempju li lejh dejjem ħarset il-Knisja*, kull darba li riedet tħoss mill-ġdid il-ħeġġa ta' l-ewwel żminijiet u ġġedded il-qawwa evanġelika tagħha fil-mixi tagħha tul iż-żminijiet.[86]

Fil-fatt, *il-Knisja hi mill-istess natura tagħha xirka*, poplu miġbur "fl-għaqda tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu".[87] Il-ħajja ta' l-aħwa trid turi l-għoli u l-għana kollu ta' dan il-misteru, qisha toffri ruħha bħala post fejn tgħammar it-Trinità, u b'dan il-mod twassal fil-ġrajja tal-bniedem dawk id-doni tax-xirka li huma proprji tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa. Ħafna huma fil-ħajja tal-Knisja l-oqsma u s-suriet ta' ħajja li fihom isseħħ xirka ta' l-aħwa. Il-ħajja konsagrata bir-raġun kollu għandha titqies bħala dik il-ħajja li effettivament żammet bla mittiefsa

86. Ara *Perfectae caritatis*, 15; Santu Wistin, *Regula ad servos Dei*, I, 1.
87. San Ċiprjan, *De oratione Dominica*, 23; ara *Lumen gentium*, 4.

fil-Knisja x-xirka ta' l-aħwa bħala xhieda tat-Trinità Qaddisa. Il-ħajja konsagrata, hija u ġġib 'il quddiem l-imħabba bejn l-aħwa wkoll f'ħajja ta' komunità, uriet li *tisħib fix-xirka mat-Trinità jista' jwassal għat-tibdil fir-relazzjonijiet bejn il-bnedmin*, bil-ħolqien ta' sura ġdida ta' solidarjetà. B'dan il-mod uriet lin-nies kemm il-ġmiel ta' xirka bejn l-aħwa u kemm it-triq li twassal għal din ix-xirka. Il-persuni konsagrati jgħixu "għal" Alla u "min" Alla u għalhekk jistgħu jagħtu xhieda tal-qawwa tal-grazzja għar-rikonċiljazzjoni li ġġib fix-xejn kull fehma u kull tendenza għall-firda, li tinsab fil-qalb tal-bniedem u fis-soċjetà.

## Ħajja ta' l-aħwa fl-imħabba

**42.** Il-ħajja ta' l-aħwa, li nistgħu nqisuha ħajja ta' tisħib fl-imħabba, hi sinjal ċar tax-xirka fil-Knisja. L-Istituti reliġjużi u s-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika jgħożżuha b'mod speċjali, għax fihom tikseb tifsir speċjali ta' ħajja f'komunità.[88] L-għaqda bejn l-aħwa la hi barranija għall-Istituti sekulari u lanqas għall-ħajja konsagrata li wieħed jgħixha individwalment. L-eremiti, bil-ħajja ta' solitudni sħiħa tagħhom, mhux biss ma jinqatgħux mix-xirka tal-Knisja, imma jaqdu din ix-xirka bil-kariżma speċifiku tal-kontemplazzjoni; il-verġni konsagrati li jgħixu fid-dinja juru l-konsagrazzjoni tagħhom permezz ta' relazzjoni speċjali mal-Knisja partikulari u universali; l-istess nistgħu ngħidu għar-romol konsagrati, irġiel jew nisa.

Dawn il-persuni kollha, huma u jgħixu bħala dixxipli ta' l-Evanġelju, jaqdu l-kmandament ġdid tal-Mulej u "jħobbu lil xulxin bħal ma ħabbna hu' (ara *Ġw* 13, 34). L-imħabba ta' Kristu waslitu għall-għoti tiegħu nnifsu, sas-sagrifiċċju kbir tas-Salib. Fost id-dixxipli *ma jistax ikun hemm vera għaqda jekk ma jkunx hemm imħabba bla tfixkil għal xulxin*, imħabba li titlob ħerqa biex tgħin lill-oħrajn b'qalb kbira, ħeffa biex tilqa' lil ieħor kif inhu, mingħajr ebda preġudizzju (ara *Mt* 7, 1-2), u ħila li taħfer lill-oħrajn, "sa seba' u sebgħin darba" (*Mt* 18, 22). Il-persuni konsagrati, "b'qalb waħda u ruħ waħda' (*Atti* 4, 32), b'din l-imħabba msawwba fi qlubhom mill-Ispirtu s-Santu (*Rum* 5, 5), iħossu ruħhom imbuttati biex *ikollhom kollox flimkien*: kemm il-ġid materjali u kemm il-ġid spiritwali, it-talenti u l-ispirazzjonijiet, l-appostolat u l-għemejjel ta' l-imħabba. "Fil-ħajja konsagrata il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu mogħtija lil individwu

88. Ara *Propositio* 20.

bilfors trid tasal għand l-oħrajn kollha ukoll ... u hekk l-individwu jithenna bid-don tiegħu iżda jgħaddih ukoll lill-oħrajn, u hekk kulħadd jikseb il-frott tad-doni ta' l-oħrajn qisu kienu tiegħu stess.'"[89]

Fil-ħajja flimkien b'xi mod irid jidher li x-xirka bejn l-aħwa aktar milli mezz għal xi missjoni, trid tkun *post teologali* fejn wieħed jista' bl-esperjenza tiegħu stess iġarrab mistikament il-presenza tal-Mulej imqajjem mill-imwiet (ara *Mt* 18, 20).[90] Dan iseħħ permezz ta' l-imħabba li jkollhom għal xulxin dawk kollha li huma membri tal-komunità, imħabba li titmantna mill-Kelma u mill-Ewkaristija, imsoffija mis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, imwettqa mit-talb flimkien, don speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu lil dawk li jħejju ruħhom għas-smigħ bil-qima kollha ta' l-Evanġelju. L-istess Spirtu jwassal lir-ruħ għall-esperjenza ta' l-għaqda mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu (ara *1 Ġw* 1, 3), għaqda li hi l-għajn ta' l-imħabba bejn l-aħwa. Il-komunitajiet ta' ħajja konsagrata jiġu mmexxija mill-Ispirtu s-Santu biex jaqdu il-missjoni tagħhom fil-Knisja u jaqdu l-bnedmin kollha, kull wieħed skond l-ispirazzjoni proprja tiegħu.

F'din il-ħaġa għandhom importanza kbira il-"Kapitli", jew laqgħat oħra bħalhom, kemm partikulari u kemm ġenerali, fejn kull Istitut hu msejjaħ jagħżel is-Superjuri jew il-mexxejja tiegħu skond ir-regoli tal-Kostituzzjonijiet u, imdawwlin mid-dija ta' l-Ispirtu, jaraw il-mod kif iħarsu u jadattaw il-kariżma u l-wirt spiritwali proprju skond iż-żmien u l-kultura li tkun.[91]

## Id-dmir ta' l-awtorità

**43.** Fil-ħajja konsagrata *id-dmir tas-Superjuri*, tas-Superjuri lokali wkoll, dejjem kellu importanza kbira għall-ħajja spiritwali u għall-missjoni tal-komunità. F'dawn is-snin ta' stħarriġ u ta' tibdil xi drabi nħasset il-ħtieġa li dan id-dmir jiġġedded. Iżda wieħed irid jammetti li dawk li għandhom din l-awtorità ma jistgħux jiċċaħdu *minn dan id-dmir* li jkunu

89. San Bażilju, *Regulae fusius tractatae*, Interrogatio 7.
90. San Bażilju, *Regulae brevius tractatae*, Interrogatio 225.
91. Ara l-Istruzzjoni tal-Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u l-Istituti sekulari, *Essential elements in the Church's teaching as applied to institutes dedicated to works of the apostolate*, (31 Mejju 1983), 51; *Codex Iuris Canonici*, kan. 631 §1; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium*, kan. 512 §1.

l-ewwel responsabbli tal-mixi appostoliku u spiritwali ta' l-aħwa fil-komunità.

F'qagħdiet fejn kulħadd jaħseb għal rasu hi ħaġa diffiċli li jingħaraf u jiġi aċċettat d-dmir li jrid ikollu min għandu l-awtorità ħa jġib'l quddiem il-ġid ta' kulħadd. Iżda jeħtieġ li titwettaq l-importanza ta' dan id-dmir, għax hu meħtieġ fuq li meħtieġ biex tissaħħaħ l-għaqda bejn l-aħwa u biex l-ubbidjenza li tkun ġiet imwegħda ma tisfax fix-xejn. Jekk jeħtieġ li l-awtorità tkun qabel xejn awtorità fraterna u spiritwali, u għalhekk dak li jkollu l-awtorità jrid, fi djalogu ma' l-aħwa, jara x'għandu jsir, iżda wieħed qatt ma jrid jinsa li *l-aħħar kelma hi ta' min għandu l-awtorità* u għalhekk għandu d-dritt li jara li jseħħ kull ma jkun ġie deċiż.[92]

## Sehem l-anzjani

**44.** Il-kura ta' l-anzjani u tal-morda għandha importanza kbira fil-ħajja ta' l-aħwa, l-aktar f'dan iż-żmien meta f'ħafna postijiet qed jikber l-għadd ta' persuni konsagrati anzjani. M'huwiex biss sinjal ta' mħabba u ta' gratitudni turihom il-kura ħerqana li tkun tisthoqqilhom, imma hu wkoll għarfien li x-xhieda tagħhom hi ta' servizz kbir għall-Knisja u għal Istituti tagħhom, u li l-missjoni tagħhom għad għandha s-siwi tagħha għax tiswa ukoll meta l-għomor u l-mard iġegħluhom iħallu l-appostolat speċifiku tagħhom. *L-anzjani għandhom ħafna x'jagħtu* bl-għerf u l-esperjenza tagħhom lill-komunità jekk din hi qrib tagħhom, kollha ħerqana u lesta biex tismagħhom.

Fil-fatt il-missjoni appostolika vera aktar minn kull ħidma, tiddependi mix-xhieda ta' l-impenn sħiħ fir-rieda salvifika tal-Mulej, impenn li jitmantna bit-talb bla heda u bil-penitenzi. Għalhekk hemm ħafna raġunijiet għaliex l-anzjani jistgħu jkomplu jgħixu l-vokazzjoni tagħhom: talb bla heda, aċċettazzjoni bis-sabar kollu tal-qagħda li fiha jkunu, ħerqa biex jaqdu l-missjoni ta' diretturi spiritwali, konfessuri, u mexxejja fit-talb.[93]

92. Ara istruzzjoni tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, *La vita fraterna in comunità: "Congregavit nos in unum Christi amor"* (2 Frar 1994), 47-53; *Codes Iuris Canonici*, kan. 618; *Propositio* 19.

93. Ara Istruzzjoni tal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta' Ħajja konsagrata u għas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, *La vita fraterna in communità: "Congregavit nos in unum Christi amor"*, (2 Frar 1994), kan. 68; *Proposito* 21.

## Bħala komunitajiet ta' żmien l-Appostli

**45.** Il-ħajja ta' l-aħwa għandha ħidma fondamentali fil-mixi 'l quddiem tal-persuni konsagrati, sew biex jiġġeddu bla heda u sew biex iwasslu għall-milja tagħha l-missjoni tagħhom fid-dinja: dan joħroġ mirraġunijiet teoloġiċi li huma l-pedament ta' din il-ħajja u li hi mwettqa mill-istess esperjenza. Għalhekk inħeġġeġ lill-persuni konsagrati kollha biex jgħożżu din il-ħajja bil-għaqal kollu, fuq l-eżempju ta' l-ewwel insara ta' Ġerusalemm li kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli, fit-talb flimkien, fl-Ewkaristija mqaddsa, u fil-qsim flimkien tal-ġid kollha tan-natura u tal-grazzja li kien ikollhom (ara *Atti* 2, 42-47). Ir-reliġjużi rġiel u r-reliġjużi nisa, kif ukoll il-membri tas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, inħeġġiġhom bil-qawwa kollha biex b'qalb kbira jgħixu fl-imħabba ta' xulxin, u juruha skond ma titlob in-natura ta' l-Istituti tagħhom biex kull komunità tidher bħala sinjal jiddi ta' Ġerusalemm il-ġdida li hi "l-għamara ta' Alla fost il-bnedmin" (*Apok* 21, 2-3).

Il-Knisja tafda ħafna fix-xhieda tal-komunitajiet, mimlijin "bil-ferħ ta' l-Ispirtu s-Santu" (*Atti* 13, 52). Tixtieq turi lid-dinja kollha l-eżempju ta' dawk il-komunitajiet fejn il-ħerqa għal xulxin tgħin biex tingħeleb is-solitudni, fejn il-komunikazzjoni ma' xulxin tħeġġeġ għall-qsim flimkien ta' kull responsabbiltà, fejn il-maħfra tfejjaq it-tiġrib, u fejn jissaħħaħ l-impenn ta' kull wieħed fl-għaqda bejniethom. F'dawn il-komunitajiet in-natura tal-kariżma tagħhom tmexxi l-enerġiji ta' kulħadd, twettaq l-fedeltà tagħhom u twassal għal għan wieħed l-apostolat ta' kulħadd. Il-Knisja, biex turi l-wiċċ veru tagħha lill-bnedmin ta' llum, teħtieġ komunitajiet ta' aħwa li minnhom infushom jagħtu sehemhom għall-evanġelizzazzjoni l-ġdida, billi juru bil-fatti l-frott ta' dan il-"kmandament ġdid".

## Inħossu mal-Knisja

**46.** Dmir tassew kbir jintalab lill-istess ħajja konsagrata mit-tagħlim dwar il-Knisja *bħala xirka*, kif ġie imfisser bil-qawwa kollha mill-Konċilju Vatikan II. Il-persuni konsagrati, jekk tassew iridu jkollhom l-esperjenza ta' l-ispiritwalità tax-xirka u jgħixuha f'ħajjithom,[94] huma mistednin biex ikunu "xhieda ta' dak il-pjan għall-għaqda, li għandu jkun

94. Ara *Propositio* 28.

l-qofol tal-ġrajja tal-bniedem skond il-pjan ta' Alla, u jwettquh".[95] Il-ħsieb tax-xirka tal-Knisja huwa u jiżviluppa fi spiritwalità tax-xirka, iwassal biex wieħed jaħseb, jitkellem u jagħmel b'mod li l-Knisja dejjem aktar tikber u tinxtered. B'hekk jiġri li "l-ħajja tax-xirka tal-Knisja issir *sinjal* għad-dinja, u *qawwa* li tiġbed u tmexxi lill-bnedmin biex jemmnu fi Kristu ... Hekk ix-xirka, hija u tinfetaħ għall-*missjoni*, issir hi stess missjoni", anzi "għax *xirka ġġib xirka* min-natura tagħha stess issir *xirka missjunarja*".

Fil-fundaturi u fil-fundatriċi *naraw dejjem sens ħaj tal-Knisja*, li juri ruħu fit-tisħib sħiħ tagħhom fil-ħajja kollha tal-Knisja u fl-ubbidjenza ħerqana tagħhom lejn ir-Rgħajja u b'mod speċjali lejn il-Papa. F'din id-deħra ta' mħabba għall-Knisja mqaddsa li hi "kolonna u pedament tal-verità" (*1 Tim* 3, 15) nifhmu malajr u aħjar id-devozzjoni ta' San Franġisk t'Assisi għas-"Sinjur Papa",[97] il-ħerqa ta' Santa Katerina ta' Siena bħala bint ta' dak li kienet issejjaħlu "l-ħelu Kristu fuq l-art",[98] ta' San Injazju ta' Loyola fl-ubbidjenza appostolika u fis-*sentire cum Ecclesia* tiegħu,[99] tal-fidi ferrieħa ta' Santa Tereża ta' Ġesù hija u tistqarr: "Jien bint il-Knisja".[100] Hekk ukoll nistgħu nifhmu ix-xewqa kbira ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù hija u tgħid: "Inkun jien l-imħabba fil-qalb tal-Knisja ommi".[101] Dawn ix-xhieda juru ċar xirka perfetta mal-Knisja, xirka li ġarrbu l-qaddisin irġiel u nisa, il-fundaturi u l-fundatriċi fi żminijiet diversi u spiss diffiċli ħafna. Il-persuni konsagrati jridu jħarsu spiss lejn dawn l-eżempji biex iwarrbu minnhom dawk it-tendenzi li jbegħdu u jifirdu u li tant huma komuni fiż-żminijiet ta' llum.

Dan l-aspett li jfisser ħafna tax-xirka ekklesjali hi rabta sħiħa fil-fehma u fil-qalb mal-Maġisteru ta' l-Isqfijiet, għaqda li l-persuni konsagrati kollha jridu jgħixuha u jagħtu xhieda għaliha quddiem il-Poplu ta' Alla u l-aktar dawk impenjati fir-riċerka teoloġika, fit-tagħlim, fil-kitba, fil-

95. Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u Istituti sekulari, *Vita e missione dei religiosi nella Chiesa: I. Religiosi e promozione umana* (1 Awissu 1980), II, 24.
96. Eżort. post-sinodali *Christifideles laici* (30 Diċembru 1988), 31-32.
97. *Regula bullata* 1, 1.
98. *Epistulae* 109, 171, 196.
99. Ara *Regula* "ad rectam sentiendi rationem de militanti Ecclesia", li qegħdin fl-aħħar tal-volum *Exercitia spiritualia*, u l-aktar ir-*Regula* 13.
100. *Dicta*, n. 217.
101. *Manuscripts autobiographiques* B. 3 v°.

katekeżi u fil-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali.[102] Għaliex il-persuni konsagrati għandhom post speċjali fil-Knisja l-imġiba tagħhom hi ta' importanza kbira għall-Poplu kollu ta' Alla. Il-ħidma appostolika tagħhom tikseb qawwa u saħħa mix-xhieda ta' l-imħabba tagħhom ta' wlied li, fil-qasam tal-missjoni profetika li għandu kull min hu mgħammed, turi sura speċjali ta' koperazzjoni mal-ġerarkija tal-Knisja.[103] B'dan il-mod, l-aktar bl-għana tal-kariżmi tagħhom, il-persuni konsagrati jgħinu l-Knisja turi dejjem aktar fil-fond "l-għaqda intima tagħha ma' Alla u l-għaqda tal-ġens kollu tal-bnedmin".[104]

## Il-fraternità fil-Knisja universali

47. Il-persuni konsagrati huma mistiedna biex ikunu l-ħmira ta' xirka missjunarja fil-Knisja universali, għaliex il-ħafna kariżmi mogħtijin lill-Istituti kollha mill-Ispirtu s-Santu għall-ġid tal-Ġisem mistiku ta' Kristu huma għall-bini ta' dan il-Ġisem (ara *1 Kor* 12, 31). Hi tassew "don ogħla" (*1 Kor* 12, 31) l-imħabba, jgħidilna l-Appostlu, għax "hi l-kbira fosthom" (*1 Kor* 13, 13) għax tgħaqqad *flimkien* il-ħafna doni diversi u ssaħħaħ kull don biex ikun ta' għajnuna fil-ħidma ta' l-appostolat. Dan hu proprju l-għan ta' *dik ir-rabta partikulari* li l-ħafna suriet ta' ħajja konsagrata u ta' Soċjetajiet ta' ħajja appostolika *għandhom mal-ministeru ta' għaqda u mal-missjoni universali li hi proprja tas-Suċċessur ta' San Pietru*. L-istorja ta' l-ispiritwalità tfisser sewwa din ir-rabta u turi il-ħidma provvidenzjali tagħha, biex tħares kemm l-identità speċifika tal-ħajja konsagrata u kemm il-ħidma missjunarja għax-xandir ta' l-Evanġelju. Ix-xandir ħerqan ta' l-Evanġelju u t-twaqqif fis-sod tal-Knisja f'ħafna postijiet tad-dinja u l-mixi 'l quddiem tal-fehmiet insara li qed jaraw il-Knejjes ġodda, ma nistgħux nifhmuhom – kif qalu sewwa l-Isqfijiet tas-Sinodu – kieku ma kienx hemm il-ħidma ta' tant Istituti ta' ħajja konsagrata u ta' Soċjetajiet ta' ħajja appostolika li tul iż-żminijiet baqgħu fidili lejn is-suċċessuri ta' San Pietru li f'dawn l-Istituti u Soċjetajiet sabu ħeġġa ħerqana biex jimpenjaw ruħhom fil-ħidma missjunarja li xi drabi, meta kien meħtieġ, waslet ukoll għall-eroiżmu.

102. Ara Eżort. app. *Redemptionis donum* (25 Marzu 1984), 15.
103. Ara *Propositio* 30A.
104. Ara *Lumen gentium*, 5.

Dan juri *l-karattru universali u komunitarju li hu* proprju ta' l-Istituti ta' ħajja konsagrata u tas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika. Għaliex huma supra-djoċesani, minħabba r-relazzjoni speċjali li għandhom mal-ministeru ta' San Pietru, huma wkoll għall-qadi tal-koperazzjoni bejn il-ħafna Knejjes partikulari,[105] għaliex jistgħu b'mod tassew effikaċi jġibu 'l quddiem "il-bdil tad-doni" u hekk jagħtu sehemhom għall-inkulturazzjoni ta' l-Evanġelju u jsaffu l-kulturi tal-popli kollha, isaħħuhom u jagħtu ġieh lill-għana kollu tagħhom.[106] Illum wkoll, għax fil-Knejjes ġodda qed jiffjorixxu l-vokazzjonijiet għall-ħajja konsagrata, qed jidher ċar kemm il-ħajja konsagrata għanda l-ħila turi fix-xirka kattolika il-ħtiġijiet ta' ħafna popli u kulturi.

## Il-ħajja konsagrata u l-Knisja partikulari

**48.** Il-persuni konsagrati għandhom ukoll ħidma importanti x'jagħmlu *fi ħdan il-Knejjes partikulari.* Hu għalhekk li mit-tagħlim tal-Konċilju dwar il-Knisja bħala xirka u misteru, u mit-tagħlim dwar il-Knejjes partikulari li huma parti mill-Poplu ta' Alla "li fihom tassew tinsab u taħdem il-Knisja Waħda, Qaddisa, Kattolika u Appostolika",[107] dan l-aspett tal-ħajja konsagrata ġie studjat fil-fond u miġbur f'ħafna dokumenti wara l-Konċilju. Minn dawn id-dokumenti jidher ċar li l-koperazzjoni tal-persuni konsagrati ma' l-Isqfijiet tgħin ħafna biex tiżviluppa b'mod organiku l-ħidma pastorali djoċesana. Jgħinu ħafna l-kariżmi tal-ħajja konsagrata għall-bini ta' l-imħabba fil-Knejjes partikulari.

Il-ħafna suriet ta' kif wieħed jgħix il-kunsilli evanġeliċi, juru u huma l-frott ta' doni spiritwali li rċevew il-fundaturi u l-fundatriċi: dawn huma *esperjenzi ta' l-Ispirtu* li għaddew għand id-dixxipli ta' dawn il-fundaturi u fundatriċi, biex jgħixuhom, iħarsuhom, jifhmuhom aktar fil-fond u jkattruhom huma u jikbru fl-istess waqt flimkien mal-Ġisem ta' Kristu".[108] L-identità proprja ta' kull Istitut għandha rabta speċjali ma' sura partiku-

105. Kongr. għad-Duttrina tal-Fidi, Ittra lill-Isqfijiet tal-Knisja kattolika dwar xi aspetti tal-Knisja bħal xirka, *Communionis notio* (28 Mejju 1992).
106. Ara *Lumen gentium*, 13.
107. *Christus Dominus*, 11.
108. Kongr. għar-reliġużi u l-Istituti sekulari u Kongr. għall-Isqfijiet, *Mutuae relationes* (14 Mejju 1978), 11.

lari ta' qdusija u ta' appostolat, li tissaħħaħ bil-mod il-mod u ssir tradizzjoni speċifika, li turi ruħha f'għadd ta' elementi oġġettivi.[109] Minħabba f'dan, il-Knisja tieħu ħsieb tara li l-Istituti jikbru u jitkattru skond il-fehma tal-fundaturi u l-fundatriċi tagħhom u skond it-tradizzjonijiet tajba tagħhom.[110]

Għalhekk lil kull Istitut tingħatalu *awtonomija xierqa*, u hekk kull Istitut ikun jista' jħares id-dixxiplina tiegħu u jgħożż l-wirt spiritwali u appostoliku tiegħu. Hu dmir l-Ordinarji tal-post li jħarsu u jiddefendu din l-awtonomija.[111] L-Isqfijiet għalhekk għandhom jilqgħu u jistmaw l-kariżmi tal-ħajja konsagrata, u jagħtuhom posthom fil-ħidma pastorali tad-djoċesi. Għandhom juru ħerqa speċjali għall-Istituti ta' dritt djoċesan, li huma fdati f'idejn l-Ordinarju biex jieħu ħsiebhom b'mod speċjali. Djoċesi li hi nieqsa mill-ħajja konsagrata, barra li tkun imċaħħda minn tant u tant doni spiritwali, hi mċaħħda wkoll minn tant postijiet adatti għan-nies li qed ifittxu 'l Alla, għall-attivitajiet speċifiċi ta' appostolat u għall-ħidma pastorali, u hemm ukoll il-periklu li jiddgħajjef sewwa dak l-ispirtu missjunarju li jagħni l-kotra l-kbira ta' l-Istituti.[112] Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm tweġiba għad-don tal-ħajja konsagrata li l-Ispirtu s-Santu jqajjem fi Knisja partikulari, għax dan id-don għandu jiġi milqugħ b'qalb kbira u b'radd il-ħajr.

## Xirka ekklezjali li tagħti l-frott u tkun organizzata tajjeb

**49.** L-Isqof huwa l-missier u r-ragħaj tal-Knisja partikulari kollha kemm hi. Dmir tiegħu hu li jagħraf kull kariżma u jħarisha, iġibha 'l quddiem u jara li tkun f'ordni mal-kariżmi l-oħra. Għalhekk għandu jilqa' bl-imħabba pastorali tiegħu l-kariżma tal-ħajja konsagrata bħala grazzja li m'hijiex biss grazzja għal xi Istitut partikulari imma hi grazzja li tinxtered fil-Knisja kollha. Għalhekk l-Isqof għandu jwettaq u jgħin il-persuni konsagrati biex, f'xirka mal-Knisja, ikunu miftuħin għall-inizjattivi spiritwali u pastorali adatti għall-ħtiġijiet pastorali ta' żmienna, waqt li jibqgħu fidili lejn il-fehmiet tal-fundatur. Min-naħa tagħhom,

109. Ara *ibid.*
110. Ara *Codex Iuris Canonici*, kan. 576.
111. Ara *Codex Iuris Canonici*, kan. 586; *Mutuae relationes*, 13.
112. Ara *Ad gentes*, 18.

imbagħad, il-persuni konsagrati ma għandhomx jonqsu li bil-qalb kollha jagħtu sehemhom fil-ħidma tal-Knejjes partikulari, sa fejn jistgħu u skond il-kariżma proprju tagħhom, *huma u jaħdmu f'xirka ma' l-Isqof* fl-oqsma ta' l-evanġelizzazzjoni, tal-katekeżi, u tal-ħajja tal-parroċċi.

Irridu niftakru li l-Istituti ta' ħajja reliġjuża, waqt li jorbtu l-qadi tagħhom fil-Knisja universali ma' l-qadi tagħhom fil-Knisja partikulari, ma għandhomx jinsistu fuq awtonomija xierqa u fuq l-eżenzjonijiet li ħafna minnhom għandhom,[113] biex jiġġustifikaw ċerti għażliet tagħhom li jmorru kontra dawk il-ħtiġijiet li għaqda organika titlob biex il-ħajja ekkleżjali timxi 'l quddiem. Għall-kuntrarju jeħtieġ li l-inizjattivi pastorali tal-persuni konsagrati jingħarfu u jseħħu fi djalogu miftuħ kollu tjieba bejn l-Isqfijiet u s-Superjuri ta' l-Istituti li jkun hemm. L-attenzjoni speċjali li jridu juru l-Isqfijiet għall-vokazzjoni u l-missjoni ta' l-Istituti u r-rispett li dawn għandu jkollhom għall-ministeru ta' l-Isqfijiet, flimkien ma' aċċettazzjoni minnufih tad-direttivi pastorali tagħhom għall-ħajja tad-djoċesi, huma żewġ aspetti ta' dik ix-xirka ekkleżjali fl-imħabba li għandha timbotta lil kulħadd ħa jagħti sehmu għall-bini tax-xirka organika – kariżmatika u ġerarkika fl-istess waqt – tal-Poplu ta' Alla.

## Djalogu dejjem sejjer mogħti l-ħajja mil-imħabba

**50.** Djalogu dejjem sejjer bejn l-Isqfijiet u s-Superjuri ta' l-Istituti ta' ħajja konsagrata u ta' Soċjetajiet ta' ħajja appostolika hu dejjem f'waqtu biex ikun hemm għarfien ta' xulxin, tant meħtieġ minn qabel għal koperazzjoni effettiva flimkien, l-aktar fil-qasam pastorali. B'kuntatti regulari is-Superjuri reliġjużi jistgħu jżommu infurmati l-Isqfijiet bl-inizjattivi ta' appostolat li fi ħsiebhom jagħmlu fid-djoċesijiet tagħhom, biex ikun hemm ftehim dwar kif se jseħħu dawn l-inizjattivi. Min-naħa l-oħra jixraq li delegati tas-Superjuri jiġu mistiedna ħa jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Konferenzi Episkopali u, min-naħa l-oħra, d-delegati tal-Konferenzi Episkopali jiġu mistiedna ħa jieħdu sehem fil-Konferenzi tas-Superjuri maġġuri skond suriet li jridu jiġu definiti sewwa. F'din il-ħaġa tista' tkun ta' għajnuna kbira, jekk għad ma hemmx, *Kummissjoni imħallta ta' Isqfijiet*

113. Ara *Codex Iuris Canonici*, kan. 586 §2; 591; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium*, kan. 412 §2.

*u Superjuri Maġġuri*[114] biex flimkien jiddiskutu problemi kollha li jistgħu jolqtuhom it-tnejn. Jgħin ħafna għall-għarfien ta' xulxin il-fatt li fl-istudji teoloġiċi tal-presbiteri djoċesani tkun imdaħħla t-teoloġija u l-ispiritwalità tal-ħajja konsagrata u, fl-istess waqt, li fl-edukazzjoni tal-persuni konsagrati tingħata attenzjoni xierqa għat-teoloġija tal-Knisja partikulari u għall-ispiritwalità tal-kleru djoċesan.[115]

Hu ta' faraġ għalija niftakar li fis-Sinodu mhux biss kien hemm ħafna diskorsi dwar id-duttrina tax-xirka, imma wkoll kulħadd wera ruħu kuntent bid-djalogu li seħħ, b'sinċerità sħiħa, bejn l-Isqfijiet u r-reliġjużi irġiel u nisa li kienu preżenti. Dan wassal biex intweriet ix-xewqa li "l-esperjenza spiritwali ta' xirka u ta' koperazzjoni tibqa' sejra fil-Knisja kollha", ukoll wara s-Sinodu.[116] Hi xewqa tiegħi li lkoll nikbru fil-fehma u l-ispiritwalità tax-xirka.

## Fraternità f'dinja mifruda u ħażina

**51.** Il-Knisja tafda lill-komunitajiet ta' ħajja konsagrata d-dmir partikulari li *jkattru x-xirka spiritwali*, l-ewwel bejniethom u mbagħad fil-komunità ekkleżjali u, fl-aħħarnett nett, 'l hemm minnha, billi jagħtu bidu jew jkomplu djalogu ta' mħabba l-aktar fejn id-dinja ta' llum hi mġarrba minn mibegħda etnika u vjolenza tassew kiefra. Għas-soċjetajiet tad-dinja ta' llum – soċjetajiet spiss imġarrbin minn passjonijiet u nteressi kontra xulxin, iżda dejjem ħerqana għall-għaqda mingħajr ma jafu kif se jaslu għaliha – il-komunitajiet ta' ħajja nisranija li jinsabu fosthom, huma sinjal għalihom ta' djalogu li dejjem jista' jkun hemm u li jista' jġib armonija fost tant diversitajiet – għaliex fihom jinsabu jgħixu flimkien bħal aħwa persuni ta' etajiet, ilsna u kulturi differenti.

Il-komunitajiet ta' ħajja konsagrata, bix-xhieda ta' ħajjithom, huma mibgħutin iħabbru d-dinjità tal-fraternità nisranija u l-qawwa għat-tiġdid tal-Bxara t-tajba,[117] li twassal biex ilkoll jagħrfu li huma wlied Alla u

114. Ara *Propositio* 29, 4.
115. Ara *Propositio* 49B.
116. Ara *Propositio* 54.
117. Ara Kongr. għall-Istituti tal-ħajja konsagrata u għas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, *La vita fraterna in comunità: "Congregavit nos in unum Christi amor"*, (2 Frar 1994), 56.

timbuttahom biex juru mħabba għal kulħadd u b'mod speċjali għal dawk l-aktar imsejkna. Dawn il-komunitajiet huma postijiet ta' tama u ta' għarfien tal-beatitudnijiet, postijiet fejn l-imħabba li tikseb il-qawwa mit-talb, jiġifieri mill-għajn tax-xirka, hi msejħa biex tkun ir-raġuni tal-ħajja u l-għajn ta' l-hena.

L-Istituti internazzjonali, f'dan iż-żmien tagħna immarkat minn tant kwistjonijiet li jħaddnu d-dinja kollha u li fiha qed jerġgħu jidhru l-idoli tan-nazzjonaliżmu, huma msejħin biex jagħtu ħajja lis-sentiment ta' xirka bejn ġnus, razez u kulturi u jagħtu xhieda għalih. Sakemm issaltan fehma ta' fraternità, il-ftuħ għall-problemi tad-dinja kollha, mhux se jkun bl-ebda mod ta' tfixkil għall-għana tad-doni partikulari, kif l-importanza speċjali mogħtija lil xi don partikulari mhux se tfixkel id-doni l-oħra jew l-istess għaqda. L-Istituti internazzjonali dan jistgħu jiksbuh b'mod tassew effikaċi, għax iridu jħabbtu wiċċhom b'mod kreattiv mal-problema ta' l-inkulturazzjoni waqt li jibqgħu jgħożżu l-identità tagħhom.

## Xirka bejn Istituti differenti

**52.** Is-sentiment tax-xirka ekkleżjali iwettaq u jmantni relazzjonijiet spiritwali fraterni u koperazzjoni bejn il-ħafna Istituti ta' ħajja konsagrata u Soċjetajiet ta' ħajja appostolika. Persuni li huma marbutin ma' xulxin għax mexjin flimkien wara Kristu u mogħtijin il-ħajja mill-istess Spirtu, ma jistgħux ma jurux, bħala friegħi ta' Dielja waħda, il-milja ta' l-Evanġelju. Huma u jiftakru fil-ħbiberija spiritwali li spiss fuq l-art kellhom ma' xulxin ħafna fundaturi u fundatriċi, il-komunitajiet ta' ħajja konsagrata, waqt li jħarsu l-fedeltà lejn il-kariżma proprju tagħhom, huma msejħin biex juru dik il-fraternità għolja li għandha tħeġġeġ lill-membri l-oħra kollha tal-Knisja biex jagħtu xhieda ta' l-Evanġelju fil-ħajja tagħhom ta' kull jum.

Kliem San Bernard lill-membri ta' għadd ta' Ordnijiet reliġjużi jgħoddu għal-lum ukoll: "Infaħħarhom kollha ... jien marbut mal-ħarsien tar-regola ta' Ordni wieħed, iżda marbut ma' l-Ordnijiet kollha bl-imħabba. Ilkoll neħtieġu 'l xulxin; jalla l-imħabba twassal biex jien ma nkunx imċaħħad mill-frott spiritwali ta' dawk l-Istituti li tagħhom m'iniex membru ... Hi xi ħaġa ta' l-għaġeb li f'dan l-eżilju fuq l-art, fil-Knisja li għadha miexja lejn pajjiżha, hemm, f'ċertu sens, pluralità, biex ngħid hekk: pluralità waħdanija u għaqda fil-pluralità. Kif hemm

fis-sema ħafna għamajjar f'dar waħda, hekk hawn fid-dinja hemm ħafna Ordnijiet fi Knisja waħda ... hawn għandna ħafna suriet ta' grazzji, hemm insibu ħafna għażliet ta' glorja ... Fl-aħħar mill-aħħar l-għaqda hemm u hawn tinsab fl-imħabba".[118]

## Kordinament bejn l-Istituti

**53.** Il-Konferenzi tas-Superjuri maġġuri u l-Konferenzi ta' l-Istituti sekulari jistgħu jgħinu ħafna x-xirka tal-Knisja. Dawn l-istituzzjonijiet imwettqin u regulati mill-Konċilju Vatikan II[119] u mid-dokumenti li ħarġu wara,[120] għandhom bħala għan ewlieni tagħhom li jġibu 'l quddiem il-ħajja konsagrata fi ħdan il-missjoni tal-Knisja.

Permezz ta' dawn il-konferenzi l-Istituti juru ix-xirka li hemm bejniethom u jfittxu l-mezzi biex isaħħuha, waqt li jħarsu u jistmaw sewwa il-kariżmi proprji ta' kull Istitut, li juru l-misteru tal-Knisja u l-għerf ta' Alla ta' ħafna suriet.[121] Jien inħeġġeġ lill-Istituti ta' ħajja konsagrata biex jaħdmu flimkien, u l-aktar f'dawk in-nazzjonijiet fejn, minħabba ċirkostanzi diffiċli ħafna, huma mhajrin jingħalqu fihom infushom, bi ħsara kbira għall-ħajja konsagrata u għall-Knisja. Jeħtieġ għall-kuntrarju li huma jgħinu lil xulxin biex jagħrfu x'inhu l-ħsieb ta' Alla f'dan iż-żmien tal-ġrajja tagħna, biex ikunu adatti għal dan iż-żmien l-inizjattivi ta' appostolat li jieħdu.[122] Fid-dawl ta' xirka, miftuħa għat-tamiet ta' żminijietna, is-Superjuri Reliġjużi, "f'ħidma waħda ma' l-Isqfijiet" għandhom iħabirku biex "jutilizzaw l-ħidmiet ta' l-aħjar koperaturi ta' kull istitut u joffru servizzi, mhux biss biex jingħelbu xi limiti li jista' jkun hemm, imma wkoll biex joħolqu sura adatta ta' formazzjoni fil-ħajja konsagrata".[123]

Inħeġġeġ il-Konferenzi tas-Superjuri maġġuri u ta' l-Istituti sekulari biex ikollhom kuntatt dejjem sejjer mal-Kongregazzjoni għall-Istituti ta'

118. *Apologia ad Gulielmum Sancti Theodorici*, IV, 8.
119. .Ara *Perfectae caritatis*, 23.
120. Ara Kongregazzjoni għar-Reliġjużi u Istituti sekulari u Kongr., għall-Isqfijiet, *Mutuae relationes* (14 Mejju 1978), 21, 61; *Codex Iuris Canonici* kan. 708-709.
121. Ara *Perfectae caritatis*, 1; *Lumen gentium*, 46.
122. Ara *Gaudium et spes*, 4.
123. Ara Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II lill-XI-il Assemblea tal-Konferezi Reliġjużi Brażiljani (11 Ġunju 1986); ara *Propositio* 31.

ħajja konsagrata u għas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, bħala sinjal tax-xirka tagħhom mas-Sede Appostolika. Għandu jkun hemm ukoll relazzjonijiet ħajja u kollhom fiduċja mal-Konferenzi Episkopali ta' kull pajjiż.Fid-dawl tad-dokument *Mutuae relationes*, dawn il-kuntatti għandhom ikunu kuntatti regulari biex l-inizjattivi li jittieħdu matul iż-żminijiet, jkunu dejjem koordinati ma' xulxin u f'ħin f'waqtu. B'ħarsien sħiħ tal-fehmiet u tad-direttivi tal-Maġisteru, kull ma jsir biex ikun hemm koordinament u xirka, jkun ta' siwi kbir ħalli jinsabu soluzzjonijiet biex jitwarrbu fil-ġenb kull nuqqas ta' ftehim u kull tensjoni, kemm fit-teorija u kemm fil-prattika.[124] B'dan il-mod, mhux biss jgħinu għall-kobor tax-xirka bejn l-Istituti ta' ħajja konsagrata u l-Isqfijiet, imma wkoll iġibu 'l quddiem il-missjoni tal-Knejjes partikulari.

## Xirka u koperazzjoni mal-lajċi

**54.** Fost il-frott li f'dawn l-aħħar snin ta t-tagħlim dwar il-Knisja bħala xirka, irridu ngħoddu l-għarfien li l-membri kollha tal-Knisja jistgħu u għandhom jgħaqdu ma' xulxin il-forzi tagħhom f'koperazzjoni u fi bdil bejniethom tad-doni tagħhom, u hekk ikun hemm tisħib aktar qawwi fil-missjoni tal-Knisja. Dan iwassal biex ikollna dehra aktar ċara u aktar sħiħa tal-Knisja, u hekk tkun tista' twieġeb b'qawwa akbar għall-isfidi ta' żmienna, bl-għaqda flimkien tad-doni li jġibu dawk li jieħdu sehem fiha.

Ir-relazzjonijiet mal-lajċi fil-każ ta' Istituti monastiċi u kontemplattivi huma aktarx relazzjonijiet ta' karattru spiritwali, waqt li r-relazzjonijiet ma' Istituti impenjati fl-appostolat huma aktar relazzjonijiet ta' koperazzjoni pastorali. Il-membri ta' l-Istituti sekulari, kemm lajċi u kemm kjeriċi, jitħalltu mal-bqija ta' l-insara fis-suriet tal-ħajja ta' kull jum. Illum mhux ftit Istituti, minħabba kondizzjonijiet ġodda, għarfu li *jistgħu jsieħbu l-lajċi mal-kariżma tagħhom*, u dawn jiġu mistiedna ħa jaqsmu b'ħeġġa akbar l-ispiritwalità u l-missjoni ta' dawn l-Istituti. Nistgħu ngħidu li l-esperjenza storika tul iż-żminijiet turina li, kif fl-imgħoddi ħarġu l-Ordnijiet sekulari u terz'Ordnijiet issa qed tinkiteb ġrajja oħra, mimlija b'tamiet kbar, dik tar-relazzjonijiet ta' persuni konsagrati mal-lajċi.

124. Ara Kongr. għar-Reliġjużi u Istituti sekulari u Kongr., għall-Isqfijiet *Mutuae relationes* (14 Mejju 1978), 63, 65.

## Għat-tiġdid ta' dinamiżmu spiritwali u appostoliku

**55.** Dawn is-suriet ġodda ta' xirka u ta' koperazzjoni għandhom jiġu 'l quddiem għal ħafna raġunijiet. Qabel xejn jista' jiġri li minn dawn is-suriet toħroġ dija ta' spiritwalità bi frott kotran li tmur 'l hemm mill-Istitut innifsu, u hekk jiġu żgurati wkoll li jkomplu fil-Knisja dawk is-suriet ta' qadi proprju ta' l-Istitut li jkun. Minn hawn imbagħad tista' tibda sseħħ ħidma qawwija favur il-missjoni ta' l-Istitut bit-tisħib flimkien tal-persuni konsagrati u tal-lajċi. Imqanqlin mill-eżempji ta' qdusija tal-persuni konsagrati, il-lajċi jitwasslu biex ikollhom esperjenza diretta tal-kunsilli evanġeliċi, u qalbhom titqawwa biex jgħixu u jagħtu xhieda ta' l-ispirtu tal-Beatitudnijiet, u hekk ibiddlu d-dinja skond il-qalb ta' Alla.[125]

Is-sehem tal-lajċi spiss jista' jwassal għall-għarfien aktar fil-fond ta' xi aspetti tal-kariżma mhux mistennija, li jwasslu għal tifsir aktar spiritwali tiegħu u għajnuna ħa jinsabu u jitwettqu direttivi ġodda għall-ħeġġa f'appostolat imġedded. Huma liema huma l-ħidmiet u d-dmirijiet li għandhom il-persuni konsagrati, iridu jiftakru dejjem li, qabel xejn, huma esperti fit-tmexxija tal-ħajja spiritwali u, minħabba f'hekk, għandhom jgħożżu "talent ta' siwi kbir, it-talent ta' l-ispirtu".[126] Il-lajċi mbagħad għandhom joffru lill-familji reliġjużi l-aspett sekulari ta' ħajjithom u wkoll is-servizz speċifiku tagħhom.

## Lajċi volontarji u assoċjati

**56.** Mod ta' tisħib li jfisser ħafna tal-lajċi fl-għana tal-ħajja konsagrata hu dik is-sura ġdida ta' tisħib li biha l-lajċi jingħaqdu ma' l-Istituti bħala membri assoċjati, kif isejħulhom, jew jingħaqdu skond kondizzjonijiet li niltaqgħu magħhom f'ċerti kulturi, bħala persuni li għal ċertu żmien jgħixu l-ħajja sħiħa tal-komunità li tkun u għall-ħidma kontemplattiva jew appostolika tagħha, sakemm – u dan hu evidenti – dan ma jkunx ta' ħsara għall-ħajja intima ta' l-Istitut.[127]

125. Ara *Lumen gentium*, 31.
126. S. Anton Marija Zaccaria, *Scritti. Sermone II*, Roma 1975, p. 129.
127. Ara *Propositio* 33A u C.

Bir-raġun kollu din il-ħidma volontarja li toħroġ mill-għana tal-ħajja konsagrata hi ta' siwi kbir; iżda jeħtieġ ukoll li dawn il-volontarji, barra li jkunu kapaċi għaliha, ikunu wkoll mqanqlin minn fehmiet spiritwali għoljin u jkollhom sens kbir tax-xirka fil-Knisja.[128] Irridu wkoll nżommu ċar quddiemna li l-inizjattivi, li jista' jkun hemm u li fihom ikunu mpenjati l-lajċi, meta tkun se tittieħed xi deċiżjoni fuqhom, biex ikunu meqjusa bħala inizjattivi ta' l-Istitut li jkun, iridu jġibu 'l quddiem l-għan ta' l-Istitut u l-Istitut stess ikun responsabbli għalihom. Għalhekk jekk xi lajċi se jmexxu dawn l-inizjattivi, iridu jagħtu kont ta' għemilhom lis-Superjuri leġittimi. Jaqbel li dan kollu jistħarreġ u jitmexxa skond direttivi speċjali mfassla minn kull Istitut u approvati minn awtoritajiet aktar għolja; dawn id-direttivi iridu juru ċar liema huma r-responsabbiltajiet ta' l-Istitut innifsu, tal-komunitajiet, tal-membri assoċjati u tal-voluntieri.

Il-persuni konsagrati li jintbagħtu mis-Superjuri, waqt li jibqgħu soġġetti għalihom, jistgħu *jissieħbu fl-inizjattivi tal-lajċi skond suriet speċifiċi ta' koperazzjoni* u l-aktar f'dawk l-organizzazzjonijiet u dawk l-istituzzjonijiet li qed jaħdmu fost l-imwarrbin mis-soċjetà u jridu jtaffu t-tbatijiet tan-nies. Din il-kollaborazzjoni, jekk imqanqla u mwettqa minn fehmiet insara ċari u qawwija, u tirrispetta n-natura partikulari tal-ħajja konsagrata, tista' twassal l-qawwa tiddi ta' l-Evanġelju fil-qagħdiet l-aktar imdallma tal-ħajja tal-bniedem.

F'dawn l-aħħar snin mhux ftit persuni konsagrati saru membri ta' *dawn il-movimenti ekkleżjali*, li tant żdiedu fi żminijietna. Din id-drawwa kinitilhom ta' ġid, l-aktar jekk inqisu t-tiġdid spiritwali li seħħ. Iżda ma nistgħux niċħdu li f'xi ċirkostanzi, dan it-tisħib fil-movimenti ekkleżjali ġieb inkwiet u taħwid f'xi individwi u f'xi komunitajiet, l-aktar meta ħolqu konflitt ma' dak li titlob il-ħajja komunitarja u l-ispiritwalità ta' l-Istitut. Għalhekk jeħtieġ li t-tisħib f'dawn il-movimenti ma jkunx ta' theddid għall-kariżma u d-dixxiplina ta' l-Istitut li jkun,[129] u kull ma jsir ikun bil-permess tas-Superjuri, b'fehma sħiħa li wieħed joqgħod għad-deċiżjonijiet tagħhom.

128. Ara *Propositio* 33B.

129. Ara Kongr., għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u ta' Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, *La vita fraterna in comunità: "Congregavit nos in unum Christi amor"* (2 Frar 1994), 62; Instr. *Potissimum institutioni* (2 Frar 1990), 92-93.

## Id-dinjità u l-ħidma tal-mara konsagrata

**57.** Il-Knisja turi ċar il-ħafna għana spiritwali li għandha meta twarrab fil-ġenb kull diskriminazzjoni u taċċetta bħala barka dawk id-doni li Alla jxerred kemm fuq l-irġiel u kemm fuq in-nisa, għax tqis li għandhom l-istess dinjità. In-nisa konsagrati huma, b'mod partikulari, mistiedna biex bid-dedikazzjoni tagħhom, li jgħixuha bil-ferħ fil-milja kollha tagħha, jkunu *sinjal tat-tjieba ta' Alla mal-bnedmin*, u xhieda speċjali tal-Knisja verġni, għarusa u omm.[130] Dan id-dmir tagħhom ħareġ ċar ħafna fis-Sinodu li fih ħadu sehem ħafna nisa, u l-fehmiet tagħhom kulħadd semagħhom u apprezzahom. Xi wħud minnhom ukoll ħarġu b'fehmiet li huma ta' siwi kbir għall-ħajja tal-Knisja u għall-ħidma tax-xandir ta' l-Evanġelju. Ma jistax ikun li wieħed jiċħad il-verità ta' ċerti fatti li jolqtu n-nisa f'xi qagħdiet soċjali u fl-istess Knisja. Iżda jeħtieġ ngħidu wkoll li l-għarfien tagħhom infushom tan-nisa, li qed iseħħ illum, qed jgħin l-irġiel biex ibiddlu fehmiethom, il-mod kif iqisu lilhom infushom, posthom fl-istorja tad-dinja, kif jifhmuh, il-mod kif jorganizzaw il-ħajja soċjali, politika, ekonomika reliġjuża u ekkleżjali.

Meta l-Knisja rċeviet minn Kristu aħbar ta' ħelsien, irċeviet ukoll id-dmir li dan l-aħbar tħabbru b'mod profetiku billi trawwem il-ħsieb u l-imġiba tan-nies skond il-ħsieb ta' Alla. F'din il-ħaġa, l-mara konsagrata, mill-esperjenza tagħha fil-Knisja u ta' mara fil-Knisja, tista' tagħti sehmha biex jitwarrbu ċerti fehmiet mgħawġa u nieqsa li la jagħrfu u lanqas juru ċar id-dinjità tagħha u s-sehem tagħha fil-ħajja u fil-ħidma pastorali u missjunarja tal-Knisja. Għalhekk jaqbel li l-mara konsagrata tħabrek biex il-kwalitajiet tagħha, il-fakultajiet tagħha, il-ħidma tagħha, ir-responsabbiltajiet tagħha jingħarfu fil-Knisja u fil-ħajja ta' kull jum.

Il-ġejjieni ta' l-evanġelizzazzjoni u ta' kull sura ta' ħidma missjunarja ma nkunux nistgħu nifhmuhom jekk inwarrbu fil-ġenb l-għajnuna li jagħtu n-nisa, u l-aktar in-nisa konsagrati.

## Tamiet ġodda ta' preżenza u ta' ħidma

**58.** Għalhekk jeħtieġ li jittieħdu xi passi bis-serjetà kollha billi qabel xejn jingħataw *okkażjonijiet ta' tisħib* lin-nisa f'ħafna oqsma u f'kull

130. Ara *Propositio* 9A.

livell, ukoll fl-oqsma fejn jiġu diskussi u jittieħdu deċiżjonijiet, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam man-nisa.

Jeħtieġ ukoll li l-formazzjoni tan-nisa konsagrati, mhux inqas minn dik ta' l-irġiel, tkun adatta għaż-żminijiet ġodda, u jingħata żmien xieraq u okkażjonijiet tajba ta' edukazzjoni sistematika li tħaddan l-oqsma kollha, minn dawk tat-teoloġija u tal-pastorali sa dawk professjonali. Il-formazzjoni pastorali u kateketika, li hi dejjem importanti ħafna, għandha tifsira ta' siwi kbir għall-evanġelizzazzjoni l-ġdida, li titlob suriet ġodda ta' tisħib minn nisa wkoll.

Hi ħaġa żgura wkoll li formazzjoni aktar sħiħa, waqt li tgħin lin-nisa konsagrati biex jagħrfu x'inhuma d-doni proprji tagħhom, twassal biex fil-Knisja wkoll ikun hemm tqassim meħtieġ tad-dmirijiet bejn nisa u rġiel. Fir-riċerka teoloġika, kulturali u spiritwali l-intelliġenza tan-nisa tista' tgħin ħafna mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam man-natura tal-ħajja konsagrata tan-nisa, imma wkoll fl-għarfien tal-fidi fil-aspetti kollha tagħha. F'din il-ħaġa l-istorja ta' l-ispiritwalità kisbet ħafna minn dawk il-qaddisin bħal Santa Tereża ta' Ġesù u Santa Katerina ta' Siena, l-ewwel nisa li ġew mogħtijin ġieħ bit-titlu ta' Dutturi tal-Knisja, u mit-tifsir li ħafna mistiċi oħra taw tal-misteru ta' Alla u tal-ħidma tiegħu f'dawk li jemmnu! Il-Knisja għandha tama qawwija fin-nisa konsagrati li jagħtu kontribut mill-aqwa ħa jiġu 'l quddiem id-duttrina, u l-imġiba nisranija, u l-istess ħajja tal-familja u tas-soċjetà, speċjalment f'dak kollu li jolqot id-dinjità tal-mara u r-rispett għall-ħajja tal-bniedem.[131] *In-nisa* għandu jkollhom spazju, forsi tassew speċjali u deċisiv, għall-ħsieb u għall-ħidma tagħhom: hu dmirhom li jġibu 'l quddiem "femminiżmu ġdid" li jwassal biex tingħaraf in-natura vera tal-mara f'kull qasam tal-ħajja tas-soċjetà, mingħajr ma jkun hemm għalfejn li l-mara tfittex li turi "xbieha esaġerata tar-raġel", hija u tħabrek biex jitwarrbu s-suriet kollha ta' diskriminazzjoni, vjolenza u abbużi".[132]

Hemm għalfejn nittamaw li għarfien aktar sħiħ tal-missjoni tal-mara jwassal biex il-ħajja tan-nisa konsagrati jkollha għarfien aktar għoli tal-ħidma proprja tagħha u dedikazzjoni aqwa għall-kawża ta' Alla. Dan jista' jintwera f'ħafna suriet ta' ħidma, bħalma huma il-ħidma ta' l-

131. Ara *Propositio* 9.
132. Encikl. *Evangelium vitae*, (25 Marzu 1995), 99.

evanġelizzazzjoni, l-attivita edukattivà, sehem fil-formazzjoni tas-saċerdoti u tal-persuni konsagrati ta' għada, għajnuna spiritwali, promozzjoni tal-valuri fondamentali tal-ħajja u tal-paċi.

Mill-ġdid nixtieq nuri l-ħajr u l-ammirazzjoni tal-Knisja kollha għan-nisa konsagrati, u għall-ħila tagħhom biex jiddedikaw ruħhom għall-ħidma li jridu jagħmlu. Il-Knisja tieqaf magħhom biex jgħixu l-vokazzjoni tagħhom fil-milja kollha tagħha u bil-ferħ kollu, u jħossu li huma msejħin biex jgħinu u jedukaw il-mara ta' llum.

## II. IL-HIDMA PERSEVERANTI TA' L-ISPIRTU S-SANTU: FEDELTÀ FIT-TIĠDID

### Il-klawstrali

**59.** Il-ħajja monastika tan-nisa u l-klawsura għandu jkollhom attenzjoni speċjali minħabba l-istima li l-komunità nisranija għandha għal din is-sura ta' ħajja, għax hi xbieha ta' l-għaqda waħdanija tal-Knisja bħala Għarusa ma' Sidha, li tħobbu fuq kull ħaġ'oħra. Il-ħajja tal-klawstrali, li turi ruħha l-aktar fit-talb, fl-axxetiżmu u fi progress għaqli fil-ħajja spiritwali, "m'hijiex ħaġ'oħra ħlief mixi lejn Ġerusalemm tas-sema u tgawdija minn qabel tal-Knisja eskatoloġika li ma tiċċaqlaq qatt fl-għaqda u l-kontemplazzjoni ta' Alla".[133] Fid-dawl ta' din il-vokazzjoni u missjoni tal-Knisja, il-klawsura twieġeb għall-ħtieġa, li ma hemmx oħra aqwa minnha, li tkun mal-Mulej. Il-verġni klawstrali, huma u jagħżlu li jgħixu magħluqin f'monasteru, jissieħbu ma' Kristu li tneżża minn kollox biex iħaddan faqar sħiħ, billi ċċaħħad mhux biss minn kull ħaġa, imma wkoll minn "post", minn kuntatti, mill-ġid kollu tal-ħolqien. Dan il-mod speċjali li bih il-klawstrali joffru 'il "ġisem", twassalhom biex jidħlu aktar fil-fond tal-misteru ewkaristiku. Flimkien ma' Kristu jingħataw għas-salvazzjoni tad-dinja. L-offerta tagħhom, barra hi offerta ta' sagrifiċċju u ta' tpattija, hi wkoll radd ta' ħajr lill-Missier, imsieħeb mar-radd ta' ħajr ta' l-Iben il-maħbub. Il-klawsura, bl-għeruq tagħha f'din l-aspirazzjoni spiritwali,

133. Kongr. għar-Reliġjużi u Istituti sekulari, Istr. dwar il-ħajja kontemplattiva u s-sorijiet tal-klawsura, *Venite seorsum* (15 Awissu 1969), V.

m'hijiex biss għemil axxetiku mill-aqwa, imma hi wkoll *sura ta' għixien ta' l-Għid ta' Kristu.*[134] Minn din l-esperjenza ta' "mewt" toħroġ kotra ta' "ħajja", li hi tħabbira hienja u antiċipazzjoni profetika tas-setgħa li għad tingħata lil kull persuna u l-ġens kollu tal-bnedmin ħa jgħixu biss għal Alla fi Kristu Ġesù (ara *Rum* 6, 11). Il-klawsura tfakkar dik ir-*rokna tal-qalb* fejn kull min hu msejjaħ, jgħix f'għaqda mal-Mulej. Il-klawsura, milqugħa bħala don u magħżula bħala tweġiba ħielsa ta' mħabba, issir il-post ta' xirka spiritwali bejn Alla u l-aħwa, fejn in-nuqqas ta' spazju u r-relazzjonijiet ftit ħafna man-nies iwasslu biex jiżirgħu fil-qlub il-ġid ta' l-Evanġelju (*Ġw* 13, 34; *Mt* 5, 3-8).

Il-komunitajiet tal-klawsura, qishom belt fuq muntanja u dawl fuq imnara (ara *Mt* 5, 14-15); għalkemm qed jgħixu ħajja modesta ħafna, *ifissru b'mod l-aktar ċar l-għan li lejh sejra kull komunità ekkleżjali,* "ħerqana għall-ħidma u mogħtija għall-kontemplazzjoni";[135] timxi 'l quddiem tul iż-żminijiet, moħħha biss fit-tiġdid ta' kollox fi Kristu fil-ġejjieni, tidher mal-Knisja fis-sebħ ta' l-Għarus tagħha (ara *Kol* 3, 1-4),[136] u Kristu "jerħi s-Saltna f'idejn Alla l-Missier wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa ... u Alla jkun kollox f'kollox' (*1 Kor* 15, 24-28). Lil dawn is-sorijiet għeżież jien inrodd ħajr u, fl-istess waqt, inħeġġiġhom biex jibqgħu fidili lejn il-ħajja klawstrali skond il-kariżma proprju tagħhom. Bl-eżempju tagħhom din is-sura ta' ħajja għadha tqajjem ħafna vokazzjonijiet u tħajjar bis-sura għolja ta' "għerusija" dedikata kollha kemm hi għall-kontemplazzjoni ta' Alla. Xi kull tant, bħala sinjal ta' mħabba safja, il-ħajja kontemplattiva tiswa wisq aktar minn kull ħidma għax tnissel qawwa liema bħalha ta' appostolat u ta' missjoni.[137]

L-Isqfijiet fis-Sinodu wrew stima liema bħalha għall-ħajja fil-klawsura, u fl-istess waqt qiesu t-talbiet li waslu minn hawn u minn hemm dwar id-dixxiplina bil-fatti ta' din il-ħajja. Dwar dan is-Sinodu b'mod speċjali wera x-xewqa li lis-Superjuri maġġuri jingħataw aktar awtorità biex jiddispensaw mill-klawsura għal raġunijiet ġusti u serji:[138] dan irid

134. Ara *ibid.* 1.
135. *Sacrosanctum Concilium*, 2.
136. *Lumen gentium*, 6.
137. Ara San Ġwann tas-Salib, *Cantico espiritual*, est. 29, 1.
138. Ara *Codex Iuris canonici*, kan. 667 §4; *Propositio* 22, 4.

jitqies sewwa fid-dawl tat-tiġdid li sa issa sar minn mindu beda l-Konċilju.[139] B'dan il-mod il-klawsura – fis-suriet u l-gradi kollha tagħha – mill-klawsura papali u kostituzzjonali sal-klawsura monastika – tkun taqbel aktar mal-ħafna suriet ta' l-Istituti kontemplattivi u tat-tradizzjonijiet monastiċi.

Kif stqarr is-Sinodu, l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet ta' monasteri tajjeb li jiġu 'l quddiem, ħaġa li rrikmandaha l-Papa Piju XII u l-Konċilju Vatikan II,[140] l-aktar meta jonqsu suriet oħra effettivi ta' koperazzjoni u ta' għajnuna, biex jiġu mħarsa u jmorru 'l quddiem il-valuri tal-ħajja kontemplattiva. Dawn l-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet, waqt li dejjem iħarsu l-awtonomija leġittima tal-monasteri, jistgħu jkunu ta' għajnuna tiswa ħafna biex jinħallu problemi komuni, bħalma huma t-tiġdid xieraq, il-formazzjoni tal-bidu u dik dejjem sejra, għajnuna ekonomika lil xulxin, u riorganizzazzjoni ta' l-istess monasteri.

## Istituti lajkali

**60.** Skond it-tradizzjoni tal-Knisja il-ħajja konsagrata min-natura tagħha stess *la hi lajka u lanqas klerikali*,[141] għalhekk "il-konsagrazzjoni lajkali" kemm ta' rġiel u kemm tan-nisa, hi stat ta' ħajja li fih il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi hi kollha kemm hi sħiħa.[142] Hi għalhekk valur fiha nfisha kemm għal individwu u kemm għall-Knisja, iżda mingħajr il-ministeru mqaddes.

Is-Sinodu, skond it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II,[143] wera stima kbira għal din is-sura ta' ħajja konsagrata li fiha r-reliġjużi li jgħixuha jagħmlu ħafna qadi ta' siwi ta' kull xorta fi ħdan il-komunità u barra minnha, huma u jagħtu b'dan il-mod sehemhom għax-xandir ta' l-Evanġelju u għax-xhieda ta' mħabba fil-ħajja ta' kull jum. Anzi xi ħidmiet tagħhom jistgħu

139. Ara Pawlu VI, motuproprju *Ecclesiae sanctae* (8 Ġunju 1966), II, 30-31; *Perfectae caritatis*, 7 u 16; Kongr. għar-Reliġjużi u Istituti sekulari, Istr. dwar il-ħajja kontemplattiva tas-sorijiet tal-klawsura, *Venite seorsum* (15 Awissu 1969), VI.

140. Ara Piju XII, Kost. app. *Sponsa Christi* (21 Novembru 1950), VII: *Perfectae caritatis* 22.

141. Ara *Codex Iuris Canonici*, kan. 588 §1.

142. Ara *Perfectae caritatis* 10.

143. Ara *ibid.*, 8 u 10.

jitqiesu bħala *ministeri ekkleżjali* li l-awtorità leġittima tħalli f'idejhom. Dan jitlob formazzjoni adatta u sħiħa: formazzjoni umana, spiritwali, teoloġika, pastorali u professjonali.

Illum qed insejħu "Istituti lajkali"[144] dawk l-Istituti li, jew skond ir-rieda tal-fundatur tagħhom jew skond tradizzjoni leġittima, min-natura u l-għan tagħhom, ma jitolbux li l-membri ikollhom l-Ordni Sagri. Iżda fis-Sinodu intqal ċar u tond li dan il-kliem ma jfissirx biżżejjed n-natura partikulari tal-vokazzjoni tal-membri ta' dawn l-Istituti. Dawn, għalkemm jagħmlu ħafna għemil bħal dak tal-lajċi, jagħmluh bħala persuni konsagrati u hekk ifissru l-għoti sħiħ tagħhom lill-Knisja, skond il-karizma proprju tagħhom.

Minħabba f'hekk l-Isqfijiet fis-Sinodu, biex jitwarrab kull dubju u dawn l-Istituti jitqiesu biss ta' natura sekulari bħal lajċi,[145] issuġġerew li jibdew jissejħu *Istituti reliġjużi ta' l-aħwa*.[146] Dan is-suġġeriment jiswa ħafna l-aktar jekk inqisu li l-kelma "aħwa" tfakkar għana bla qjies ta' ġid spiritwali. "Dawn ir-reliġjużi huma mistednin biex ikunu aħwa ma' Kristu b'rabta liema bħalha miegħu li hu 'l-kbir fost ħafna aħwa' (*Rum* 8, 29); biex ikunu aħwa fl-imħabba għal xulxin u fil-ħidma flimkien għall-ġid tal-Knisja; aħwa wkoll ma' kull bniedem bix-xhieda ta' dik l-imħabba li biha Kristu jħaddan lil kulħadd, u l-aktar lil dawk li huma l-aktar imsejknin u foqra; biex fl-aħħarnett ikunu aħwa ħalli l-fraternità tikber dejjem aktar fil-Knisja".[147] "L-aħwa reliġjużi" huma u jgħixu din is-sura ta' ħajja nisranija u konsagrata ifakkru b'mod l-aktar effettiv lill-istess saċerdoti reliġjużi x'inhi d-dimensjoni fondamentali tal-fraternità fi Kristu, li jridu jgħixuha flimkien u ma' l-irġiel u n-nisa kollha, huma u jxandru kliem il-Mulej: "Intom ilkoll aħwa' (*Mt* 23, 8).

F'dawn l-Istituti reliġjużi ta' l-aħwa xejn ma hemm li jżomm li xi membri jirċievu l-Ordni Sagri biex bħala saċerdoti jaqdu l-komunità, sakemm dan ikun approvat mill-Kapitlu Ġenerali ta' l-Istitut.[148] Iżda l-Konċilju Vatikan II ma tant iħajjar għal dan għax xtaq li l-Istituti ta' l-aħwa jibqgħu dejjem fidili lejn il-vokazzjoni u l-missjoni tagħhom.

144. *Codex Iuris Canonici*, kan. 588 §3; *Perfectae caritatis*, 10.
145. Ara *Lumen gentium*, 31.
146. Ara *Propositio* 8.
147. Diskors tal-Papa Ġwann Pawlu II fl-Udjenza ġenerali tat-22 ta' Frar 1995, 6.
148. Ara *Perfectae caritatis*, 10.

Dan jgħodd ukoll għal min jingħata d-dmir ta' Superjur, għax Superjur, b'mod speċjali, jrid juri n-natura ta' l-Istitut innifsu. Iżda l-vokazzjoni ta' l-aħwa f'dawk l-Istituti li jissejħu "klerikali' hi differenti, għaliex, kemm fil-ħsieb tal-fundatur u kemm bil-qawwa tat-tradizzjoni leġittima, dawn l-Istituti jissopponu s-servizz ta' l-Ordni sagri, huma mmexxijin minn kjeriċi, u huma magħrufin bħala "klerikali' mill-awtoritajiet tal-Knisja.[149] F'dawn l-Istituti l-ministeru mqaddes hu parti meħtieġa tal-kariżma ta' l-Istitut u turi n-natura, l-għan u l-ispirtu tiegħu. Il-preżenza ta' l-aħwa f'dawn l-Istituti turi l-missjoni ta' l-istitut permezz ta' suriet differenti ta' tisħib, b'qadi fi ħdan l-Istitut jew barra minnu, flimkien ma' dawk li għandhom il-ministeru saċerdotali f'ħidmiet ta' appostolat.

## Istituti mħallta

**61.** Xi Istituti reliġjużi, skond il-ħsieb oriġinali tal-fundatur huma fraternità li fiha l-membri kollha – kemm saċerdoti u kemm mhux saċerdoti – huma meqjusin indaqs, kisbu sura differenti tul iż-żminijiet. Dawn l-Istituti li jissejħu "mħallta", huma u jżommu ċar quddiemhom il-kariżma tal-fundatur, iridu jqisu sewwa jaqbilx jew jistax ikun li jerġgħu lura għall-ħsieb u r-rieda tal-bidu. L-Isqfijiet tas-Sinodu xtaqu li f'din is-sura ta' Istituti il-membri kollha jkollhom l-istess drittijiet u l-istess dmirijiet ħlief dawk li jiġu mill-Ordni sagri.[150] Twaqqfet kummissjoni biex tistudja l-problema li toħroġ minn din il-ħaġa u ssib soluzzjoni għaliha; wieħed għalhekk irid jistenna l-konklużjonijiet ta' din il-Kummissjoni qabel jieħu xi deċiżjoni biex din tkun skond ma jiġi deċiż leġittimament.

## Suriet ġodda ta' ħajja evanġelika

**62.** L-Ispirtu, li tul iż-żminijiet qajjem ħafna suriet ta' ħajja konsagrata, ma jieqaf qatt iwettaq il-Knisja sew fl-Istituti li hemm illum billi jgħin fil-ħidma għat-tiġdid b'fedeltà sħiħa lejn il-kariżma tal-bidu, u sew billi jagħti kariżmi ġodda lill-irġiel u n-nisa ta' llum ħa jwaqqfu Istituti li jkunu jistgħu jwieġbu għall-ħtiġijiet ta' żminijietna. Sinjal ta' din il-

149. Ara *Codex Iuris canonici* kan. 588 §2.
150. Ara *Propostio* 10; *Perfectae caritatis* 15.

ħidma divina huma *l-Istituzzjonijiet ġodda* li juru karatteristiċi b'xi mod ġodda imqabblin ma' dawk ta' l-Istituti tradizzjonali. L-oriġinalità tal-komunitajiet ġodda spiss tinsab fil-fatt li huma komunitajiet ta' rġiel u nisa, ta' kjeriċi u lajċi, ta' miżżewġin u mhux miżżewġin, li qed ifittxu sura partikulari ta' ħajja, li issa mod u issa ieħor hi ispirata minn sura tradizzjonali ta' ħajja adatta għall-ħtiġijiet tas-soċjetà ta' llum. L-impenn tagħhom fil-ħajja evanġelika jieħu wkoll ħafna suriet, waqt li dejjem juru ħerqa kbira għall-ħajja komunitarja, għall-faqar u għat-talb. Kemm il-lajċi u kemm il-kjeriċi għandhom sehem fit-tmexxija skond il-fakultajiet mogħtija lilhom, u l-appostolat tagħhom hu favur l-evanġelizzazzjoni l-ġdida.

Jekk min-naħa għandna nifirħu bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, min-naħa l-oħra irid ikun hemm *dixxerniment tal-kariżmi*. Jekk irridu nitkellmu dwar il-ħajja konsagrata, irridu niftakru li l-prinċipju fundamentali li rridu nqisu hu dak li l-karatteristiċi ta' dawn il-komunitajiet ġodda u s-sura tal-ħajja ta' dawn il-komunitajiet ġodda jridu jkunu mwettqa minn dawk l-elementi teoloġiċi u kanoniċi li huma proprji tal-ħajja konsagrata.[151] Dan id-dixxerniment hu meħtieġ kemm fil-qasam lokali u kemm fil-qasam universali, biex ikun hemm ubbidjenza għal Ispirtu wieħed. Fid-djoċesijiet l-Isqof għandu jitħarreġ dwar ix-xhieda tal-ħajja u tal-fidi retta tal-fundaturi u tal-fundatriċi ta' dawn il-komunitajiet u dwar il-ħajja spiritwali tagħhom, l-ispirtu ekkleżjali fil-qadi tal-missjoni tagħhom, il-formazzjoni u l-mod tad-dħul f'dawn il-komunitajiet; irid iqis in-nuqqasijiet li jista' jkun hemm, u bis-sabar kollu jistenna l-frott li jistgħu jagħtu (ara *Mt* 7, 16),[152] biex jagħraf il-verità tal-kariżma. B'mod speċjali hu mitlub jagħti ġudizzju, skond il-kriterji ċari li hemm, dwar l-idonejità ta' dawk li f'dawn il-komunitajiet iridu jersqu għall-Ordni sagri.[153]

Skond dan il-prinċipju ta' dixxerniment ma nistgħux inqisu bħala kategorija ta' ħajja konsagrata, dawk l-impenji, ta' min ifaħħarhom ħafna, li jidħlu għalihom xi nsara miżżewġin f'xi assoċjazzjonijiet u movimenti; dan għaliex huma u jfittxu li jwasslu għall-perfezzjoni l-

151. Ara *Codex Iuris Canonici*, kan. 573; *Codex Canonum Ecclesiarum Orientalium*, kan. 410.
152. Ara *Propositio* 13B.
153. Ara *Propositio I* 13C.

imħabba tagħhom ġa "huma konsagrati" bis-Sagrament taż-żwieġ,[154] u qed iwettqu din il-konsagrazzjoni tagħhom billi jħarsu l-kastità proprja tal-ħajja taż-żwieġ, mingħajr ma jonqsu mid-dmirijiet lejn uliedhom u jħaddnu l-faqar u l-ubbidjenza.[155] Din il-kjarifikazzjoni dwar in-natura ta' dawn l-esperjenzi bl-ebda mod ma tfisser nuqqas ta' stima għal din it-triq tal-qdusija li żgur m'hijiex nieqsa hi wkoll mill-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li hu għani ħafna bid-doni u l-ispirazzjonijiet tiegħu.

Minħabba dan l-għana kollu ta' doni u ispirazzjonijiet għall-ħolqien ta' inizjattivi ġodda jidher li jaqbel li *titwaqqaf Kummissjoni biex tqies sewwa l-problemi li jistgħu joħolqu dawn is-suriet ġodda ta' ħajja konsagrata*, biex tħejji u tfassal kriterji dwar l-awtenticità, ħa jgħinu fid-dixxerniment u fil-ġudizzji.[156] Dmir ieħor ta' din il-Kummissjoni ikun dak li tqis fid-dawl ta' l-esperjenza ta' dawn l-aħħar għaxret ta' snin, liema suriet ġodda ta' konsagrazzjoni jistgħu jingħarfu mill-awtoritajiet ekklesjastiċi b'għaqal pastorali u għall-ġid ta' kulħadd, u hekk jiġu suġġeriti lil dawk l-insara li qed ifittxu ħajja nisranija aktar perfetta.

Dawn il-komunitajiet ta' ħajja evanġelika *bl-ebda mod ma jieħdu post* dawk l-istituzzjonijiet imsemmijin aktar 'il fuq, u li t-tradizzjoni tagħtihom post mill-aqwa. L-istituzzjonijiet ġodda wkoll huma don ta' l-Ispirtu s-Santu biex il-Knisja tibqa' mixja wara Sidha b'ġenerożità liema bħalha, dejjem moħħha fis-sejħat tal-Mulej li tarahom fis-sinjali taż-żminijiet. Hekk quddiem id-dinja turi ruħha mlibbsa b'ħafna suriet ta' qdusija u ta' ħidma, bħala "sinjal u strument ta' għaqda intima ma' Alla u ta' l-unità tal-ġens kollu tal-bnedmin". L-Istituti antiki, li ħafna minnhom tul iż-żminijiet għaddew minn tiġrib kbir milqugħ bis-sabar, jistgħu jistagħnu permezz ta' djalogu u ta' bdil ta' doni mal-fundazzjonijiet li qed jitwaqqfu fi żminjietna. B'dan il-mod il-qawwa ta' ħafna istituzzjonijiet ta' ħajja konsagrata, mill-antiki sa dawk l-aktar reċenti, u l-vitalità tal-komunitajiet ġodda jgħinu biex tiġi 'l quddiem il-fedeltà lejn l-Ispirtu s-Santu, li hu l-bidu tax-xirka u tat-tiġdid dejjem sejjer tal-ħajja.

154. Ara *Gaudium et spes*, 48.
155. Ara *Propositio* 13A.
156. Ara *Propositio* 13B.

# III. B'ĦARSA LEJN IL-ĠEJJIENI

## Diffikultajiet u previżjonijiet

**63.** It-tibdil li qed isir fis-soċjetà u n-nuqqas ta' vokazzjonijiet f'xi naħiet tad-dinja, qed itaqqlu l-ħajja konsagrata. Il-ħidma appostolika ta' xi Istituti u l-preżenza tagħhom f'xi Knejjes tal-post jinsabu fi kriżi. U kif ġara drabi oħra fl-istorja, hemm ukoll xi Istituti li jinsabu fil-periklu li fi żmien qasir jiġu fix-xejn. Il-Knisja universali trodd ħajr liema bħalu lil dawn l-Istituti għall-għajnuna li taw għall-bini tagħha u għax-xhieda u għall-qadi tagħha.[158] It-tiġrib ta' llum ma jnaqqas xejn mill-merti u l-frott tal-ħidma kollha li għamlu.

Għall-Istituti oħra hemm il-problema ta' kif se jkunu l-ħidmiet ġodda tagħhom. Din il-ħidma, li bl-ebda mod ma hi ħidma ħafifa imma kemm-il darba hi ta' tiġrib kbir, titlob studju u għaqal kbir fid-dawl ta' xi kriterji. Biex jissemmew xi eżempji: is-sens tal-kariżma tagħhom irid jibqa' mħares, il-ħajja ta' l-aħwa trid tkompli sejra 'l quddiem, iridu jkunu mħarsa l-ħtiġijiet tal-Knisja kemm universali u kemm partikulari, irid jiġi mħares dak li d-dinja qed twarrab fil-ġenb, irid ikun hemm tweġiba qalbiena u sinċiera għas-suriet ġodda ta' faqar, l-aktar f'postijiet l-aktar imwarrba, permezz ta' tħabrik bil-fatti wkoll jekk dan ikun biss xi ħaġa żgħira.[159]

Il-ħafna diffikultajiet li hemm minħabba nuqqas ta' nies u ta' ħidma, *ma għandhomx iwasslu għan-nuqqas ta' fiduċja fis-siwi evanġeliku tal-ħajja konsagrata* li dejjem tinsab u qed taħdem fil-Knisja. Għalkemm ebda istitut ma hu għal dejjem, il-ħajja ikkonsagrata fiha nfisha tkompli tmantni fost l-insara l-imħabba għal Alla u għall-aħwa. Għalhekk id-*destin storiku* ta' kull Istitut u ta' kull sura ta' ħajja konsagrata trid tingħażel mill-missjoni ekklesjali għall-ħajja konsagrata fiha nfisha. Ix-xorti ta' l-Istitut tista' tinbidel meta jinbidlu ċ-ċirkostanzi, iżda l-missjoni ekklesjali għall-ħajja konsagrata qatt ma tista tispiċċa.

157. Ara *Lumen gentium*, 1.
158. Ara *Propositio* 24.
159. Ara Kongr. għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, Istr. *La vita fraterna in comunità: 'Congregavit nos in unum Christi amor'*, (2 Frar 1994), 67.

Dan jgħodd kemm għall-ħajja konsagrata ta' sura kontemplattiva u kemm għall-ħajja konsagrata mpenjata f'ħidma ta' appostolat. Kullimkien, taħt l-ispirazzjoni dejjem sejra ta' l-Ispirtu s-Santu, il-ħajja konsagrata tibqa' timxi 'l quddiem bla waqfien, bħala xhieda mill-aqwa ta' l-għaqda li ma tiġi nieqsa qatt bejn l-imħabba ta' Alla u l-imħabba tal-proxxmu, bħala frott ta' l-imħabba ta' Alla fil-bniedem u fis-soċjetà. Il-qadiet ta' diffikultà li magħhom niltaqgħu llum, għandna nilqgħuhom b'dik il-hena tal-qalb ta' bniedem li jaf li dak li hu meħtieġ m'huwiex *is-suċċess imma l-fedeltà fid-dmir*. Wieħed irid joqgħod attent ħafna li l-ħajja konsagrata ma tiġix fix-xejn, mhux għax jonqos l-għadd ta' l-aħwa, imma għax tiddgħajjef l-għaqda spiritwali ma' Alla u mal-vokazzjoni proprja u mal-missjoni. Għall-kuntrarju il-persuni konsagrati, huma u juru fedeltà lejn il-ħajja konsagrata tagħhom, jistqarru bil-qawwa kollha quddiem id-dinja, l-fedeltà sħiħa tagħhom lejn il-Mulej ta' l-istorja, li f'idejh hemm il-ġrajjiet u d-destin ta' l-individwi, l-istituzzjonijiet u l-popli, u għalhekk ukoll is-sħuħija tad-doni tiegħu fiż-żmien. Iċ-ċirkostanzi ħżiena u kritiċi iġegħlu il-persuni konsagrati iħabbru bil-qawwa kollha l-fidi tagħhom fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, biex huma stess isiru sinjal ħaj tal-mogħdija mill-mewt għall-ħajja.

## Sforzi ġodda biex jiġu 'l quddiem il-vokazzjonijiet

**64.** Il-missjoni tal-ħajja konsagrata u s-saħħa ta' l-Istituti żgur jiddependu mill-fedeltà li -persuni konsagrati juru lejn il-vokazzjoni tagħhom, iżda l-ġejjieni tagħhom jiddependi mill-fatt li jkun hemm *irġiel u nisa oħra li jilqgħu bil-qalb is-sejħa tal-Mulej.* Il-problema tal-vokazzjonijiet hi tassew sfida li tolqot direttament l-ħafna istituzzjonijiet u l-istess Knisja wkoll. Għall-pastorali tal-vokazzjonijiet huma meħtieġa sforsi kbar spiritwali u materjali, iżda l-effetti li jinkisbu mhux dejjem jaqblu mat-tamiet u l-isforzi li jkun hemm. Qed jiġri li l-vokazzjonijiet għall-ħajja konsagrata qed jiffjorixxi fil-Knejjes ġodda u fil-Knejjes li sofrew persekuzzjoni minn setgħat totalitarji, waqt li f'dawk il-pajjiżi li kien ikollhom għana ta' vokazzjonijiet, ukoll ta' vokazzjonijiet missjunarji, illum il-vokazjonijiet naqsu ħafna.

Din il-qagħda xejn sabiħa tolqot ukoll il-persuni konsagrati u xi kull tant twassalhom biex jistaqsu lilhom infushom: "Tlifna l-ħila li niġbdu lejna vokazzjonijiet oħra?" Iridu jittamaw fil-Mulej Ġesù li ma jieqaf qatt

isejjaħ għall-mixi warajh, u jridu jafdaw fl-Ispirtu s-Santu li jispira u jagħti l-kariżma tal-ħajja konsagrata. Waqt li nifirħu bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu li jagħti ż-żogħżija lill-Għarusa ta' Kristu, billi jwassal biex il-ħajja konsagrata tiffjorixxi f'ħafna nazzjonijiet, irridu nitolbu ħafna lil sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema fil-Knisja tiegħu, minħabba l-ħtiġijiet ta' l-evanġelizzazzjoni l-ġdida (ara *Mt* 9, 37-38). Barra t-talb għall-vokazzjonijiet, hi meħtieġa wkoll ħidma, permezz tat-tħabbira ċara u katekeżi xierqa, biex il-persuni msejħin għall-ħajja reliġjuża jagħtu dik it-tweġiba ħielsa, mħeġġa u ħerqana li biha seħħ il-grazzja tal-vokazzjoni.

L-istedina ta' Ġesù: "Ejjew u araw" (*Ġw* 1, 39) fiż-żminijiet ta' llum ukoll hija r-*regula tad-deheb* tal-ħidma pastorali għall-vokazzjonijiet. Trid turi, skond l-eżempju tal-fundaturi u l-fundatriċi, *il-ġibda li għandha l-persuna tal-Mulej Ġesù* u l-ġmiel ta' l-għoti sħiħ tiegħek innifsek f'ġieħ l-Evanġelju. Id-dmir ewlieni tal-persuni konsagrati hu li juru bil-kelma mħeġġa u bl-eżempju tagħhom l-ideal tal-mixi wara Kristu, u mbagħad jgħinu biex tingħata tweġiba għall-ispirazzjonijiet ta' l-Ispirtu s-Santu fi qlub dawk imsejħin.

Wara l-ewwel laqgħa kollha ħeġġa ma' Kristu, irid ikun hemm sforz – u dan hu evidenti – biex wieħed kull jum ikompli iwieġeb għall-vokazzjoni, li mbagħad tinbidel fi ġrajja ta' ħbiberija mal-Mulej. Minħabba f'dan, il-ħidma pastorali favur il-vokazzjonijiet irid ikollha mezzi adatti, bħalma hi d-*direzzjoni spiritwali*, biex titmanta t-tweġiba personali lill-Mulej li hi ta' siwi kbir ħalli wieħed isir dixxiplu u appostlu tal-Mulej. Jekk it-tkattir ta' ħafna vokazzjonijiet f'ħafna partijiet tad-dinja joħloq fiduċja u jwettaq it-tama, in-nuqqas tagħhom f'partijiet oħra tad-dinja, għall-kuntrarju m'għandux jaqta' l-qalb u jwassal għall-għażla ta' kandidati bl-għaġla kollha u bla tħejjija ta' xejn. Jeħtieġ li l-ħidma għall-vokazzjonijiet issir b'mod li tidher bħala *ħidma u mpenn tal-Knisja kollha.*[160] Dan jitlob il-koperazzjoni attiva ta' l-isqfijiet, tar-reliġjużi, tal-familji u ta' l-għalliema, kif hu meħtieġ f'ħaġa li hi parti integranti tal-ħidma pastorali ta' kull Knisja partikulari. F'kull djoċesi għalhekk għandu jkun hemm dan *il-ministeru flimkien* li jgħaqqad u jkattar l-isforzi ta' kulħadd, iżda mingħajr ħsara għall-ħidma vokazzjonali ta' kull Istitut, imma b'għajnuna għalih.[161]

160. Ara *Propositio* 48A.
161. Ara *Propositio* 48B.

Din il-koperazzjoni attiva tal-Poplu kollu ta' Alla mwettqa mill-Providenza, ma tistax ma tiksibx kotra ta' doni mis-sema. Is-solidarjetà nisranija trid tagħmel minn kollox biex tgħin il-formazzjoni vokażżjonali f'pajjiżi li huma ekonomikament ifqar. F'dawn in-nazzjonijiet il-kordinament tal-vokazzjonijiet mill-Istituti kollha irid isir flimkien mal-Knejjes tal-post permezz ta' mpenn attiv u fit-tul fil-ħidma pastorali kollha tagħhom.[162] Imbagħad tkun qed issir tweġiba tassew għall-ispirazzjonijiet ta' l-Ispirtu, meta dawn jagħtu l-aħjar forzi tagħhom f'ħidma għall-vokazzjonijiet u l-aktar b'ħidma impenjattiva fost ż-żgħażagħ.

## L-impenn fil-fomazzjoni tal-bidu

**65.** L-Assemblea tas-Sinodu wriet attenzjoni speċjali lill-*formazzjoni* ta' dawk li xtaqu jikkonsagraw ruħhom lill-Mulej.[163] *L-għan ewlieni tal-formazzjoni* hu li l-bniedem jissawwar b'mod li jkun jista' jikkonsagra ruħu kollu kemm hu lil Alla fil-mixi wara Kristu, huwa u jaqdi l-missjoni tal-Knisja. L-"Iva" bi tweġiba għas-sejħa tal-Mulej u l-aċċettazzjoni personali konxja tad-dinamiżmu tal-ħidma vokazzjonali huma parti mir-responsabbiltà li kull min hu msejjaħ ma jistax jeħles minnha, għax ħajtu kollha trid tkun miftuħa għall-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu u b'qalb kbira jrid jaqbad it-triq tal-formazzjoni huwa u jilqa' bil-fidi l-mezzi li joffrulu l-Mulej u l-Knisja.[164] Għalhekk il-formazzjoni trid tinżel fil-fond tal-persuna li tkun, hekk li kull imġiba tagħha, kull ġest, kemm fil-mumenti l-aktar importanti tal-ħajja u kemm fil-mumenti ordinarji tal-ħajja ta' kull jum, juru ċar li l-qagħda sħiħa u ferrieħa tagħha hi kollha kemm hi ta' Alla.[165] Għaliex l-għan tal-ħajja konsagrata hu x-*xebh mal-Mulej Ġesù* sa *l-offerta kollha sħiħa tiegħu*,[166] il-formazzjoni dan trid tiksbu qabel kollox. Dan mhux ħaġ'oħra ħlief il-mixi pass pass wara Kristu fil-mixi tiegħu lejn il-Missier.

162. Ara *Propositio* 48C.
163. Ara *Propositio* 49A.
164. Ara Kongr. għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u għas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, Istr. *Potissimum institutioni* (2 Frar 1990), 29.
165. Ara *Propositio* 49B.
166. Ara Kongr. għar-reliġjużi u l-Istituti sekulari, Istr. *Essential elements in the Church's teaching as applied to Institutes dedicated to works of the apostolate* (31 Mejju 1983), 45.

Jekk dan hu l-għan tal-ħajja konsagrata, il-mod li jrid iwassal għaliha għandu jkollu *karattru ta' sħuħija*. Il-formazzjoni trid tħaddan il-persuna kollha kemm hi,[167] fl-aspetti individwali kollha tagħha, sew fl-imġiba u sew fir-rieda. Barra dan, għax il-formazzjoni trid tbiddel il-persuna kollha kemm hi, jidher ċar li *l-ħidma ta' formazzjoni ma tista' tieqaf qatt*. Jeħtieġ li l-persuni konsagrati jkollhom tul ħajjithom kollha l-mezzi kollha biex jimxu 'l quddiem fir-rabta tagħhom mal-kariżma u l-missjoni ta' l-Istitut proprju tagħhom.

Il-formazzjoni, biex tkun tassew sħiħa, trid tħaddan l-oqsma kollha tal-ħajja nisranija u tal-ħajja konsagrata. Għalhekk trid tagħti tħejjija umana, kulturali, spiritwali u pastorali, u, fuq kollox, attenzjoni biex ikun hemm rabta sħiħa u xierqa bejn dawn l-aspetti kollha. L-ewwel formazzjoni, li għandha titqies bħala proċess ta' żvilupp lejn il-kobor sħiħ tal-persuna – mill-aspett psikoloġiku u spiritwali sa l-aspett teoloġiku u pastorali – teħtieġ żmien twil biżżejjed. Għal dawk imsejħin għall-presbiterat, imbagħad, il-formazzjoni tal-bidu trid tkun taqbel mal-prgrammi speċifikati ta' studju, bħala programm ta' formazzjoni aktar wesgħa.

### Ħidma ta' għalliema fil-formazzjoni

**66.** Alla l-Missier, b'don bla heda ta' Kristu u ta' l-Ispirtu, hu l-aqwa għalliem ta' dak li se jikkonsagra lilu nnifsu lilu. Iżda Alla l-Missier imexxi din il-ħidma permezz ta' bnedmin li jkunu strumenti f'idejh, billi jqiegħed qrib dawk li jsejjaħ xi aħwa maġġuri.

Il-formazzjoni hi mela sehem fil-ħidma ta' l-istess Missier li, bl-Ispirtu s-Santu, isawwab fi qlub iż-żgħażagħ is-sentimenti ta' l-Iben. Għalhekk l-għalliema, irġiel jew nisa, iridu jkunu persuni esperti fl-għarfien ta' triqat il-Mulej, biex ikunu jistgħu jissieħbu ma' l-oħrajn f'dan il-mixi. Huma u jqisu l-ħidma tal-grazzja ta' Alla, jagħrfu juru wkoll liema hu t-tfixkil moħbi, iżda fuq kollox iridu juru l-ġmiel tal-mixi wara Kristu u l-kobor tal-kariżma li fih jidher. Il-mezzi umani jridu jorbtuhom mad-dawl ta' l-għerf spiritwali, biex ikunu ta' għajnuna fl-għarfien tal-vokazzjonijiet, u fil-formazzjoni tal-bniedem il-ġdid, sa ma jkun tassew ħieles. L-aqwa mezz ta' formazzjoni hu l-kollokwju personali, li jrid jsir regolament u kull ċertu żmien, bħala drawwa meħtieġa, effettiva u m'hemmx aħjar minnha.

167. Ara *Codex Iuris Canonici*, kan. 607 §1.

Għal din il-ħidma ta' importanza hekk kbira hi meħtieġa fuq li meħtieġa l-formazzjoni ta' għalliema adatti li bil-ħerqa kollha jaqdu dmirhom fi qbil mal-Knisja kollha. Jaqbel li jkun hemm struttura għall-*formazzjoni ta' dawn l-għalliema*, l-aktar f'dawk il-postijiet fejn hemm relazzjonijiet mal-kultura li fiha għad trid isseħħ il-ħidma pastorali ta' kull wieħed. F'din il-ħidma ta' formazzjoni, l-Istituti li huma mwaqqfin aktar fis-sod għandhom jgħinu l-Istituti li twaqqfu dan l-aħħar billi jisilfuhom xi wħud mill-aħjar membri tagħhom.

**Thejjija komunitarja u appostolika**

**67.** Il-formazzjoni trid tkun ukoll *komunitarja* u l-aħjar post għaliha hi l-komunità fl-Istituti ta' ħajja reliġjuża u s-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika. F'komunità wieħed jibda jissieħeb fit-tbatija u l-hena tal-ħajja flimkien. Kull wieħed jidra jgħix ma' dak l-ieħor li Alla qegħidlu ħdejh, u jilqa' minn għandu dak li hu tajjeb tiegħu, kif ukoll d-diversitajiet u l-istess limiti tiegħu. L-ewwelnett jitgħallem jaqsam ma' l-oħrajn d-doni li hu rċieva għall-bini ta' kulħadd, għax lil kull wieħed "tingħata r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd" (*1 Kor* 12, 7).[169] Fl-istess waqt, sa mill-bidu tal-formazzjoni, il-ħajja komunitarja trid turi d-dimensjoni missjunarja essenzjali tal-konsagrazzjoni. Għalhekk fl-ewwel żmien tal-formazzjoni, fl-Istituti ta' ħajja konsagrata tiswa ħafna xi esperjenza konkreta li l-għalliema mbagħad jistħarrġu bil-għaqal kollu, ħalli permezz ta' djalogu mal-kultura ta' l-ambjent, iqisu l-ħila fl-appostolat, il-kapaċità għall-adattament, l-ispirtu ta' l-inizjattiva.

Jekk min-naħa l-oħra jaqbel ħafna li persuna konsagrata bil-mod il-mod tikseb kuxjenza evanġelika li tgħinha tagħraf x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin, kemm fil-kultura tagħha u kemm f'dik li fiha 'il quddiem trid taħdem; min-naħa l-oħra trid tkun imħarrġa fil-ħidma iebsa ħa toħloq għaqda fil-ħajja, armonija bejn l-imħabba għal Alla u għall-aħwa, waqt li tifhem li t-talb hu r-ruħ ta' l-appostolat u wkoll li t-talb jitmantna u jitħeġġeġ mill-appostolat.

168. Ara *Propositio* 50.

169. Ara Kongr. għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, Istr. *La vita fraterna in comunità: "Congregavit nos in unum Christi amor"*, (2 Frar 1994), 32-33.

**Formazzjoni sħiħa u adatta għal żminijietna.**

**68.** Ċertu żmien ta' formazzjoni li jwassal sal-professjoni perpetwa tal-voti, hu meħtieġ, fl-Istituti kemm ta' rġiel u kemm tan-nisa, meta niġu għall-formazzjoni ta' l-aħwa lajċi. L-istess ħaġa nistgħu ngħidu għall-komunitajiet tal-klawstrali, li għandu jkollhom għal qalbhom programmi adatti għal dak li għandu x'jaqsam mal-formazzjoni awtentika għall-ħajja kontemplattiva u għall-missjoni speċjali tagħha fil-Knisja.

L-Isqfijiet fis-Sinodu bil-qawwa kollha riedu li kull Istitut ta' ħajja konsagrata u kull Soċjetà ta' ħajja appostolika, mill-aktar fis iħejju *programm ta' formazzjoni* li jkun jaqbel mal-karizma li wassal għat-twaqqif ta' l-istitut, juri kif għandha tkun il-mixja ċara u dinamika lejn l-ispiritwalità sħiħa ta' l-Istitut li jkun. Illum dan *il-programm* hu meħtieġ tassew illum: min-naħa jrid juri kif għandu jitwassal l-ispirtu ta' l-Istitut ħa jibqa' jingħaraf fit-tjieba tiegħu tal-bidu u jgħixuh fis-sħuħija tiegħu wkoll fil-ġejjieni, f'kulturi u ambjenti differenti; min-naħa l-oħra l-programm irid juri lill-persuni konsagrati l-mezzi li jeħtieġu biex jgħixu dan l-istess spirtu skond kif jinbidel iż-żmien tal-ħajja fil-mixja lejn il-kobor sħiħ tal-fidi fi Kristu.

Jekk hu minnu li t-tiġdid tal-ħajja konsagrata jiddependi l-aktar mill-formazzjoni, hu veru wkoll li din il-formazzjoni, min-naħa tagħha, hi marbuta mal-ħila li tiħejja sistema li tagħti għerf spiritwali u pedagoġiku, li twassal bil-mod il-mod lil dak li jrid jiġi kkonsagrat biex ikollu l-istess sentimenti ta' Kristu l-Mulej. Ma jistax jgħaddi mingħajr dan il-proċess ta' formazzjoni min irid jinbidel fil-persuna tal-Verb ta' Alla sal-fond ta' qalbu u, fl-istess waqt, jitgħallem jara s-sinjali ta' Alla fid-dinja. F'dan iż-żmien, li fih il-valuri reliġjużi dejjem aktar qed jitbegħdu mill-kultura, dan il-proċess ta' formazzjoni hu importanti għal żewġ raġunijiet: bih il-persuna konsagrata mhux biss tkompli "tara" 'l Alla fid-dinja, li tiċħad il-preżenza tiegħu, imma wkoll tagħmel li b'xi mod "tinħass" il-preżenza tiegħu premezz tax-xhieda tal-karizma tagħha.

**Formazzjoni dejjem sejra**

**69.** Kemm l-Istituti ta' ħajja appostolika u kemm dawk ta' ħajja kontemplattiva jitolbu formazzjoni dejjem sejra bħala kondizzjoni essenzjali għall-konsagrazzjoni reliġjuża. Kif ingħad aktar 'il fuq, il-proċess ta' formazzjoni m'huwiex limitat biss għall-bidu, għaliex il-persuna

konsagrata, minħabba d-dgħufija tal-bniedem, qatt ma tista' tqies li waslet għall-kobor sħiħ tal-bniedem il-ġdid, li, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja, iħoss fih innifsu l-istess sentimenti ta' Kristu. L-ewwel formazzjoni għalhekk trid tintrabat mal-formazzjoni *dejjem sejra*, b'mod li wieħed ikun qed jiġi ffurmat kull jum tul ħajtu kollha.[170]

Għalhekk hu importanti ħafna li kull Istitut ikollu, bħala parti mill-*programm ta' formazzjoni*, pjan kemm jista' jkun preċiż u ordnat ta' formazjoni dejjem sejra, li bħala għan ewlieni joffri programm ta' formazzjoni lil kull persuna konsagrata ħa jolqot il-ħajja kollha tagħha. Ħadd ma jista' jeżenta ruħu milli jħabrek biex jikber umanament u spiritwalment; u ħadd ma għandu jaħseb li jista' jmexxi 'l ħajtu hu waħdu. F'ebda mument tal-ħajja ħadd ma jista' jħoss ruħu żgur u mpenjat tant li ma għandux għalfejn jara huwiex jonqos mill-fedeltà; kif ma hemm ebda żmien li fih wieħed jista' jgħid li laħaq il-kobor sħiħ tiegħu.

### Fi tħabrik dejjem sejjer għall-fedeltà

**70.** Hemm żogħżija ta' l-ispirtu li tibqa' dejjem ma' tul iż-żmien kollu li jgħaddi; din iż-żogħżija tikkonsisti filli kull bniedem, f'kull mument ta' ħajtu, ifittex u jsib ħidma oħra x'jagħmel, u sura partikulari ta' eżistenza, ta' ħajja u ta' mħabba.[171]

Fil-ħajja konsagrata, *l-ewwel snin, li fihom wieħed jimpenja ruħu għal kollox fil-ħajja ta' appostolat*, minnhom infushom huma diffiċli, għaliex wieħed minn ħajja li fiha kien immexxi minn oħrajn, jgħaddi għall-ħajja *ta' responsabbiltà sħiħa fil-ħidma tiegħu*. Jiswa ħafna għalhekk li l-persuni konsagrati ġodda jkollhom l-għajnuna ta' xi ħadd mill-aħwa li jissieħeb magħhom, ħalli jgħinhom jgħixu fil-milja kollha tagħha ż-żogħżija ta' l-imħabba u ta' l-entużjasmu tagħhom għal Kristu.

Fi żmien ta' wara jista' jkun hemm il-*periklu tad-drawwa*, titfaċċa wkoll it-tentazzjoni tal-qtigħ il-qalb minħabba il-ftit frott li jkun inkiseb. Il-persuni konsagrati li jkunu f'nofs għomorhom għandu jkollhom għajnuna biex fid-dawl ta' l-Evanġelju u tal-kariżma ta' l-Istitut tagħhom iġeddu l-għażla tal-bidu, mingħajr ma jħawdu flimkien is-sħuħija tad-dedikazzjoni tagħhom mal-frott kollu li jkunu kisbu. Dan joħloq fihom

170. Ara *Propositio* 51.

171. Ara Enċikl. *Evangelium vitae* (25 Marzu 1995), 78-101.

ħeġġa ġdida u raġunijiet oħra għall-għażla li jkunu għamlu. Huwa ż-żmien li fih jiġi mfittex dak li hu esenzjali.

*Iż-żmien li fih wieħed jilħaq l-kobor sħiħ tiegħu* u l-kobor fil-personalità tiegħu, jista' jwassal għall-*periklu li jaħseb biss fih innifsu*, periklu li jew iġib miegħu l-biża' li mhux miexi maż-żmien jew ikollu fehmiet ta' intolleranza, ta' egoiżmu u ta' nuqqas ta' entużjasmu. Il-formazzjoni dejjem sejra mhux biss trid tgħin biex jerġa' jinkiseb grad aktar għoli ta' ħajja spiritwali u appostolika, imma wkoll trid tgħin biex ikun magħruf l-karattru ta' dan iż-żmien. Tul dan iż-żmien, wara tisfija xierqa ta' xi aspetti tal-personalità, l-għoti lil Alla jsir aktar safi u aktar ġeneruż, u l-għoti lill-oħrajn ikun aktar hieni u aktar għaqli, aktar sempliċi u għani bi grazzji. Dan hu don u esperjenza ta' paternità u maternità spiritwali.

*Ix-xjuħija* ġġib problemi oħra, li wieħed irid jitħejja għalihom b'ċerta ħidma spiritwali kollha għaqal. L-irtirar bil-mod il-mod mill-ħidma, xi drabi minħabba l-mard jew minħabba waqfien bilfors mill-ħidma, iwasslu għall-esperjenza li tista' tgħallem ħafna. Din il-qagħda hi spiss qagħda ta' tbatija, iżda lill-persuni konsagrati anzjani tagħtihom l-okkażżjoni li jgħaddu mill-esperjenza ta' l-Għid tal-Mulej,[172] għaliex isiru jixbhu lil Kristu msallab li jtemm għal kollox ir-rieda tal-Missier u jħalli ruħu f'idejh sakemm jroddlu ruħu. dan ix-xebh hu sura ġdida ta' kif wieħed jgħix il-konsagrazzjoni tiegħu, li m'hijiex marbuta ma' xi ħidma ta' responsabbiltà, ta' tmexxija jew ta' appostolat.

Meta *jasal il-waqt* l-persuna konsagrata *tingħaqad ma' l-aħħar siegħa tal-passjoni tal-Mulej*, u tagħraf li l-Missier qed iwassal għat-tmiem il-proċess misterjuż ta' formazzjoni mibdi snin ilu. Imbagħad il-mewt wieħed jistenniha u jħejji ruħu għaliha bħala l-aħħar att ta' mħabba u ta' għoti tiegħu nnifsu.

Ta' min jgħid ukoll li, mhux biss il-mumenti kollha tal-ħajja, iżda kull żmien jista' jkun kritiku minħabba ħafna ċirkostanzi esterni – bħal meta jkun hemm tibdil tal-post jew tax-xogħol, diffikultajiet fix-xogħol jew nuqqas ta' suċċess fl-appostolat, inkwiet, jew twarrib mill-ħajja soċjali, u ħwejjeġ oħra bħal dawn – jew meta jkun hemm raġunijiet aktar personali, bħal mard fisiku u mentali, nixfa spiritwali, imwiet, problemi

172. Ara Kongr. għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, Istr. *Potissimum intitutioni* (2 Frar 1990), 70.

ta' relazzjonijiet bejn persuni, tentazzjonijiet kbar, kriżijiet ta' fidi u ta' identità, sentiment li int ma tiswa għal xejn, u ħwejjeġ oħra bħal dawn. Meta l-fedeltà ssir aktar iebsa, il-persuna għandha ssib għajnuna minn fiduċja akbar u minn imħabba aktar imħeġġa, kemm fuq livell tal-persuni u kemm fuq dak tal-komunità. Jeħtieġ ukoll qabel kollox li s-superjur ikun qrib b'tjieba liema bħalha; faraġ kbir jista' jiġi min xi ħadd mill-aħwa li, bil-preżenza ħerqana u kollha mħassba tiegħu, jista' jwassal għal-għarfien mill-ġdid tat-tifsir tal-patt li sar ma' Alla fil-bidu, u li Alla mhux se jikser. Il-persuna li tkun għaddejja minn din il-prova tissaffa u taċċetta t-tbatija bħala għemil meħtieġ għall-mixi wara Kristu msallab. L-istess tentazzjoni imbagħad tidher bħala strument providenzjali ta' formazzjoni f'idejn il-Missier, bħala ġlieda li m'hijiex biss ġlieda *psikoloġika* ta' l-"Jien" miegħu nnifsu u mad-dgħufijiet tiegħu, imma wkoll ġlieda *reliġjuża* li kull jum tidher fiha l-preżenza ta' Alla u tal-qawwa tas-Salib.

**Il-karattru tal-formazzjoni dejjem sejra**

**71.** Jekk is-suġġett tal-formazzjoni hu dejjem l-individwu fil-mumenti kollha ta' ħajtu, l-oġġett tagħha hu l-persuna umana kollha kemm hi, msejħa biex tfittex u tħobb lil Alla b'qalbha kollha, b'ruħha kollha u bil-qawwa tagħha kollha (ara *Dewt* 6 5), u l-proxxmu bħalha nnifisha (ara *Lev* 19, 18; *Mt* 22, 37-39). L-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu hi qawwa kbira li bla heda tmexxi l-proċess kollu tal-kobor u tal-fedeltà.

*Il-Ħajja fl-Ispirtu* hi żgur ta' importanza liema bħalha. F'din il-ħajja, il-persuna konsagrata terġa ssib l-identità tagħha u hena bla qjies, issir dejjem aktar attenta għall-isfidi li jiġuha mill-Kelma ta' Alla u tħalli jmexxiha l-ħsieb oriġinali ta' l-Istitut tagħha. Immexxija mill-Ispirtu, il-persuna konsagrata żżomm sewwa l-ħinijiet tat-talb, tas-skiet, tas-solitudni, u qatt ma tieqaf titlob mis-sema d-don ta' l-għerf għall-ħajja ta' kull jum (ara *Għerf* 9, 10).

*Id-dimensjoni umana u fraterna* tal-ħajja konsagrata titlob li int tagħraf lilek innifsek u l-limiti tiegħek, bħala ispirazzjoni u għajnuna fil-mixi ħa tikseb ħelsien sħiħ. Għandhom importanza speċjali, fiċ-ċirkostanzi ta' llum, il-ħelsien tal-persuna konsagrata fiha nfisha, il-maturità effettiva tagħha, il-ħila li tkkomunika ma' oħrajn u l-aktar mal-membri tal-komunità tagħha, spirtu hieni, mogħdrija għal min qed ibati, imħabba għall-verità, qbil bejn il-kliem u għemil.

*Id-dimensjoni appostolika* tiftaħ il-qalb u l-moħħ tal-persuna konsagrata u tħejjija għall-sforz dejjem sejjer fl-appostolat, bħala sinjal li hi l-imħabba ta' Kristu li qed timbuttaha (ara 2 *Kor* 5, 14). Fil-prattika dan ifisser aġġornament tal-metodi u ta' l-għanjiet tal-ħidma ta' l-appostolat, b'fedeltà sħiħa għall-ispirtu u l-ħsieb tal-fundatur jew il-fundatriċi u skond it-tradizzjonijiet li ġew wara, waqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet storiċi u kulturali, li dejjem qed jitbiddlu, fl-oqsma lokali u universali fejn qiegħed isir l-appostolat.

*Id-dimensjoni kulturali u professjonali* mibnija fuq taħriġ teoloġiku sod li jagħti dixxerniment xieraq, titlob aġġornament dejjem sejjer u interess speċjali fl-oqsma differenti li lejhom miexi kull kariżma. Jeħtieġ għalhekk li persuna konsagrata tkun moħħha miftuħ u, sa fejn jista' jkun, jkollha l-ħila tadatta ruħha, biex il-qadi ta' appostolat jitħejja u jseħħ skond il-ħtiġijiet taż-żmien, bl-użu ta' mezzi li l-progress kulturali jista' joffri.

Fl-aħħarnett dawn il-ħtiġijiet kollha *jinġabru fid-dimensjoni tal-kariżma,* qishom sintesi li titlob dħul dejjem aktar fil-fond tal-konsagrazzjoni ta' dak li jkun, fl-aspetti kollha tagħha, mhux biss f'dak ta' l-appostolat, imma wkoll f'dawk tal-mistika u ta' l-axxetika. Dan jitlob li kull membru ta' Istitut irid jistudja n-natura, l-istorja, u l-missjoni ta' l-Istitut tiegħu bla waqfien, biex itejjeb dejjem aktar l-għarfien personali u komunitarju tal-kariżma.[173]

173. Ara *ibid.*, 68.

KAPITLU III

# SERVITIUM CARITATIS

## IL-ĦAJJA KONSAGRATA: DEHRA TA' L-IMĦABBA TA' ALLA GĦAD-DINJA

### Konsagrati għall-missjoni

**72.** B'xebħ ma' Kristu, l-Iben maħbub li l-Missier "ikkonsagra u bagħat fid-dinja" (ara *Ġw* 10, 36), dawk li Alla jsejjaħ biex jimxu warajh huma wkoll ikkonsagrati u mibgħutin fost il-bnedmin biex ikunu jixbhu 'l Kristu u jkomplu l-missjoni tiegħu. Fondamentalment, dan jgħodd għal kull dixxiplu tal-Mulej, iżda jgħodd b'mod singulari għal dawk li, fis-sura proprja tal-ħajja konsagrata, huma imsejħin biex jimxu "aktar fil-qrib" wara Kristu u jagħmlu ħajjithom "kollha kemm hi tiegħu". Għalhekk fil-vokazzjoni tagħhom hemm ukoll *id-dedikazzjoni sħiħa tagħhom għall-missjoni;* anzi, bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, li minnu tiġi kull vokazzjoni u kull kariżma, l-istess ħajja konsagrata ssir missjoni, l-istess kif kienet il-ħajja kollha ta' Ġesù. Il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi, li tagħti ħelsien sħiħ lil persuna ħa taqdi l-Evanġelju, turi l-importanza tagħha wkoll f'din il-ħaġa. Għalhekk irridu ngħidu *li din il-missjoni hi meħtieġa f'kull Istitut,* mhux biss fl-Istituti ta' ħajja attiva fl-apostolat, imma wkoll fl-Istituti ta' ħajja kontemplattiva.

Qabel stess ma l-missjoni sseħħ f'ħidma fid-dinja, trid isseħħ billi turi 'l Kristu lid-dinja permezz ta' xhieda personali fost il-bnedmin. Din hi l-isfida, dan hu d-dmir ewlieni tal-ħajja konsagrata. Aktar ma persuna konsagrata ssir tixbah lil Kristu, aktar tagħmlu preżenti bil-ħidma tagħha fid-dinja għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Għalhekk nistgħu ngħidu li persuna konsagrata ġa qiegħda "f'missjoni" bis-saħħa ta' l-istess konsagrazzjoni tagħha u li tagħha tagħti xhieda skond l-għan ta' l-Istitut tagħha. Meta l-kariżma tal-fundazzjoni ta' l-Istitut jitlob ħidma pastorali, hi meħtieġa hemm ix-xhieda tal-ħajja u kemm ix-xhieda tal-appostolat u tal-progress tal-bniedem; Kristu juri dawn iż-żewġ aspetti: għax fl-istess

waqt juri ruħu bħala dak li ġie konsagrat għall-glorja tal-Missier u dak li intbagħat fid-dinja għas-salvazzjoni ta' ħutu.[174]

Il-ħajja reliġjuża tkompli l-missjoni ta' Kristu, wkoll proprju minħabba l-aspett proprju tagħha jiġifieri *minħabba l-ħajja ta' l-aħwa fil-komunità għall-missjoni*. Għalhekk aktar ma l-ħajja reliġjuża tkun appostolika, aktar tkun dedikata internament lil Kristu l-Mulej, u aktar ma tkun fraterna l-ħajja komunitarja aktar tkun dedikata għall-għan proprju ta' l-Istitut.

## Għall-qadi ta' Alla u tal-ġens tal-bnedmin

**73.** Il-ħajja konsagrata għandha d-dmir profetiku li *tfakkar il-pjan ta' Alla għal bnedmin u taqdih*, kif hu mħabbar fil-Kotba mqaddsa u kif jidher minn stħarriġ attent tas-sinjali tal-ħidma provvidenzjali ta' Alla fil-ġrajja tal-bniedem. Dan huwa l-pjan tas-salvazzjoni u tar-rikonċiljazzjoni tal-ġens kollu tal-bnedmin (ara *Kol* 2, 20-22). Biex jaqdu b'mod xieraq dan il-ministeru l-persuni konsagrati jrid jkollhom esperjenza kbira ta' Alla u jagħarfu sewwa l-isfidi ta' żmienhom u jifhmu t-tifsir teoloġiku għoli ta' dawn l-isfidi b'dixxerniment, li jaslu għalih bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu. Fil-fatt fil-ġrajjiet ta' l-istorja spiss hemm moħbija s-sejħa ta' Alla biex il-bnedmin iħabirku skond il-pjan tiegħu b'mod effikaċi fil-ġrajjiet ta' żmienna.[175] Is-sinjal taż-żminijiet, kif qal il-Konċilju, iridu jistħarrġu fid-dawl ta' l-Evanġelju biex tkun tista' tingħata tweġiba għall-mistoqsijiet li dejjem jagħmlu l-bnedmin dwar it-tifsir tal-ħajja ta' issa u tal-ħajja fil-ġejjieni u dwar ir-relazzjonijiet bejniethom.[176] Jeħtieġ għalhekk li jkollna fehmietna miftuħa għall-ispirazzjonijiet ta' l-Ispirtu s-Santu, li jsejħilna biex nagħarfu l-ħsibijiet għoljin tal-Provvidenza ta' Alla. Hu jsejjaħ il-persuni konsagrati biex jagħtu tweġib ġdid għall-problemi tad-dinja ta' llum. Hi stedina minn Alla li biss erwieħ li mdorrijin ifittxu r-rieda ta' Alla f'kollox huma kapaċi jilqgħuha bil-fedeltà kollha u mbagħad bil-qawwa kollha ibiddluha f'għażliet li jkunu jaqblu mal-kariżma tagħhom tal-bidu u ma' dak li tkun titlob l-qagħda storika tal-mument.

174. Ara *Lumen gentium*, 46.
175. *Propositio* 35A.
176. *Gaudium et spes*, 4.

Quddiem tant problemi kbar, li jistgħu jheddu, anzi jeqirdu l-ħajja konsagrata, dawk li huma msejħin ma jistgħux ma jħossux l-impenn li jkollhom f'qalbhom u fit-talb tagħhom, il-ħtiġijiet tad-dinja kollha u fl-istess waqt iħabirku bil-ħeġġa kollha fl-oqsma li huma proprji tal-kariżma tagħhom. Hi ħaġa ċara li d-dedikazzjoni tagħhom għandha tkun regolata minn *dixxerniment sopranaturali*, biex jingħaraf dak li jkun ġej mill-Ispirtu u dak li hu kuntrarju għalih (ara *Gal* 5, 16.17.22; *1 Ġw* 4, 6). B'fedeltà lejn ir-Regola u l-Kostituzzjonijiet, dan id-dixxerniment irid ikun f'xirka sħiħa mal-Knisja.[177] B'dan il-mod il-ħajja konsagrata ma taqrax biss is-sinjali taż-żminijiet, imma tagħti sehemha wkoll għat-tfassil u t-twettiq ta' *inizjattivi ġodda għall-evanġelizzazzjoni* skond iċ-ċirkostanzi ta' llum. Dan kollu jrid isir b'dik il-fidi żgura li ġġiegħelek temmen li l-Ispirtu jista' jagħti tweġib adatt għall-problemi li huma mill-aktar diffiċli. F'din il-ħaġa jaqbel dejjem niftakru dak li dejjem għallmu l-aqwa ħaddiema fl-appostolat: nafdaw f'Alla dejjem bħallikieku kollox jiddependi minnu, u fl-istess waqt nimpenjaw ruħna u nħabirku b'qalb kbira qisu kollox jiddependi minna.

## Koperazzjoni ekkleżjali u spiritwalità appostolika

**74.** Kollox irid isir *f'xirka u djalogu* mas-sezzjonijiet l-oħra tal-Knisja. L-isfidi tal-missjoni huma ta' sura li ma jistgħux jintrebħu mingħajr il-ħidma tal-membri l-oħra tal-Knisja, kemm biex jingħarfu x'inhuma u kemm fil-ħidma biex jintrebħu. Hi ħaġa tqila biex individwu waħdu jwieġeb definitivament għall-isfidi li jkun hemm, iżda din it-tweġiba tista' tiġi minn laqgħat u djalogu ma' oħrajn. Xirka bil-fatti bejn dawk li għandhom kariżmi differenti twassal mhux biss biex jistagħnu b'xulxin, imma wkoll biex il-missjoni li għandhom issir b'mod aktar effikaċi. L-esperjenza ta' dawn l-aħħar snin turi li "d-djalogu hu l-isem ġdid llum ta' l-imħabba",[178] u l-aktar ta' l-imħabba ekkleżjali, għax id-djalogu jgħin biex jingħarfu sewwa x'inhuma l-problemi u jwassal biex jinsab tarf għalihom b'tama akbar ta' suċċess. Għalhekk il-ħajja konsagrata, għax tfittex il-ġid tal-ħajja ta' l-aħwa, turi li hi esperjenza mill-aqwa

177. Ara *Lumen gentium*, 12.
178. Pawlu VI, Enċikl. *Ecclesiam suam* (6 Awissu 1964), III.

tad-djalogu. Għalhekk tista' tgħin biex toħloq ambjent ta' tollerenza għal xulxin, fejn il-ħafna membri tal-Knisja, huma u jħossu li qegħdin jiġu stmati kif jixraq għal dak li huma, jingħaqdu, aktar konvinti, f'xirka ekkleżjali ħa jaqdu d-dmir tal-missjoni universali.

Jixraq għalhekk li tiġi 'l quddiem *spiritwalità soda ta' ħidma* f'dawk l-Istituti li, b'mod jew ieħor, huma mpenjati fl-appostolat, waqt li jaraw 'l Alla f'kollox u kollox f'Alla. Għalhekk "għandna nkunu nafu li, kif ħajja tajba tfittex li tgħaddi minn ħajja attiva għal ħajja kontemplattiva, hekk ukoll, kemm-il darba, il-qalb mill-ħajja kontemplattiva tgħaddi għal dik attiva biex hekk l-ħidma attiva titjieb b'dak li bih il-ħajja kontemplattiva tkebbes il-qalb. Għalhekk il-ħajja attiva għandha twassalna għall-ħajja kontemplattiva, u xi kull tant dak li fina nfusna ksibna bil-ħajja kontemplattiva jwassalna aħjar għall-ħajja attiva".[179] Ġesù stess ħallielna eżempju ta' kif tista' tingħaqad f'xirka mal-Missier ħajja ta' ħidma attiva liema bħalha. Jekk wieħed ma jfittixx dejjem din ir-rabta, ikun dejjem mhedded mill-periklu li l-bniedem jiġġarraf fih innifsu, jitħawwad u jitfarrak.

Rabta sħiħa bejn kontemplazzjoni u azzjoni twassal biex wieħed jkun jista' jaffaċċja problemi diffiċili ħafna, illum l-istess bħal fl-imgħoddi.

## I. IMĦABBA SA L-AĦĦAR

### Imħabba il-qalb ta' Kristu

**75.** Ġesù "li ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar ... Kienu għall-ikel ... qam ... u beda jaħseb saqajn id-dixxipli u jixxottahomlhom fil-fardal li kellu ma' qaddu" (*Ġw* 13, 1-2.4.5).

Fil-ħasil tas-saqajn Ġesù wera ċar l-kobor ta' l-imħabba ta' Alla għall-bnedmin: f'Ġesù Alla ta lilu nnifsu bħala qaddej tal-bnedmin! U fl-istess waqt wera li s-sens tal-ħajja nisranija, u wisq aktar dak tal-ħajja konsagrata, hu ħajja *ta' mħabba bl-offerta tiegħek innifsek*, permezz ta' qadi mill-qalb u bil-fatti. Fl-impenn fil-mixi wara Bin il-bniedem li "ġie mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi" (*Mt* 20, 28), il-ħajja konsagrata, almenu

179. San Girgor il-Kbir, *Homiliae in Ezechielem*, II, II, II.

fl-aħjar żminijiet tal-ġrajja twila tagħha, dejjem intweriet fil-"ħasil tas-saqajn", jiġifieri fil-missjoni, l-aktar fost il-foqra u l-imsejkna. Jekk min-naħa l-ħajja konsagrata turi l-misteru għoli tal-Verb fi ħdan il-Missier (ara *Ġw* 1, 1), min-naħa l-oħra tmur wara l-Verb magħmul bniedem (ara *Ġw* 1, 14), li ċekken u xejjen lilu nnifsu biex jaqdi l-bnedmin. Il-persuni li jimxu wara Kristu mit-triq tal-kunsilli evanġeliċi illum ukoll jridu jmorru fejn Kristu mar qabilhom u jagħmlu dak li għamel hu. Bla heda jsejjaħ dixxipli ġodda, irġiel u nisa, biex, bit-tiswib ta' l-Ispirtu s-Santu (ara *Rum* 5, 5) jagħtihom sehem fl-*agape* divina u fil-mod kif iħobb hu, u jinbuttahom biex jaqdu lill-oħrajn ħalli bl-għoti umli tagħhom infushom jaqdu lill-oħrajn, ħielsa minn kull interess għalihom infushom. San Pietru li msaħħar mid-dija tat-Trasfigurazzjoni, qal: "Kemm hu tajjeb li aħna hawn" (*Mt* 17, 4) ġie mistieden biex jerġa' lura fid-dinja biex ikompli jaqdi s-Saltna ta' Alla. "Inżel, Pietru, xtaqt tistrieħ fuq il-muntanja, inżel, xandar il-Verb, sus f'ħin waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim, ħabrek, għereq, bati xi tiġrib; biex dak li hu mfisser bil-bjuda ta' lbies il-Mulej int tiksbu bis-safa u l-ġmiel ta' l-għemil tajjeb tiegħek bl-imħabba".[180] Il-ħarsa lejn wiċċ il-Mulej ma tnaqqasx fl-appostlu id-dmir tiegħu lejn il-bnedmin; għall-kuntrarju tagħti saħħa ġdida lil dan id-dmir li jinfluwenza l-ġrajja tal-bniedem u jeħlisha minn dak kollu li qed iħassarha. It-tfittix tal-ġmiel ta' Alla iħeġġeġ lill-persuni konsagrati biex jieħdu ħsieb il-wiċċ imħassar ta' Alla fl-aħwa, wiċċ imħassar mill-ġuħ, wiċċ imqarraq minn wegħdiet politiċi fiergħa, wiċċ imċekken għax jara mmaqdra l-kultura tiegħu, uċuħ imwerwrin minħabba vjolenza addoċċ u bla waqfien, uċuħ ta' tfal imnikkta, uċuħ ta' nisa mġarrbin u mmaqdrin, uċuħ ta' emigranti għajjiena mingħajr kenn xieraq, uċuħ ta' anzjani neqsin ukoll mill-ftit meħtieġ biex jgħixu ħajja li tixraq il-bniedem.[181] B'hekk il-ħajja konsagrata titkellem bl-għemejjel tagħha, u turi li hi l-imħabba ta' Alla l-pedament ta' mħabba ħabrieka murija mill-qalb, li hi l-imħabba ta' Alla li tqanqal din l-imħabba bla nteress u ħabrieka. Minn dan kien konvint San Vinċenz de Paul, meta lis-Sorijiet tal-Karità tiegħu tahom dan il-għan: "L-ispirtu tas-Soċjetà jinsab

180. Santu Wistin, *Sermo* 78, 6.

181. Ara IV Konferenza Ġenerali ta' l-Isqfijiet Latino-amerikani, id-dokument *Nova envagelizatio, progressio humana et cultura christiana,* Conclusio n. 178.

filli jiddedikaw ruħhom lil Alla ħa jħobbu l-Mulej u jaqduh materjalment u spiritwalment fil-foqra, fi djarhom jew f'postijiet oħra, biex jgħallmu it-tfajliet foqra, it-tfal, u lil kull min tibgħatilhom il-Provvidenza".[182] Fost il-ħafna suriet ta' għemejjel ta' mħabba li jistgħu jsiru, li b'mod speċjali juru il-bnedmin imħabba "sa l-aħħar" illum hu żgur it-tħabbira mħeġġa ta' Ġesù Kristu lil dawk li għad ma jafux bih, jew insewh, imma l-aktar lill-foqra.

## Il-kontribut speċifiku tal-ħajja konsagrata għall-evanġelizzazzjoni

**76.** Is-sehem proprju tal-persuni konsagrati fl-evanġelizzazzjoni hu l-ewwelnett ix-xhieda ta' ħajja mogħtija kollha kemm hi lil Alla u lill-aħwa b'xebħ mal-Feddej li għall-imħabba tal-bnedmin sar qaddej tagħhom. Fil-ħidma tas-salvazzjoni kollox joħroġ mit-tisħib fl-*agape* divina. Il-persuni konsagrati, bil-konsagrazzjoni u d-dedikazzjoni sħiħa tagħhom, juru l-preżenza kollha mħabba ta' Kristu l-Feddej li, kkonsagrat hu stess mill-Missier, intbagħat jaqdi l-missjoni tiegħu.[183] Meta l-persuni konsagrati jħallu lilhom infushom jintrebħu minn Kristu (ara *Fil* 3, 12) iħejju ruħhom biex b'xi mod ikomplu n-natura umana tiegħu.[184] Il-ħajja konsagrata, bil-qawwa kollha, tixhed li, daqskemm aktar tgħix bi Kristu, daqshekk ieħor taqdih aħjar fl-oħrajn, ukoll fiċ-ċentri l-aktar imbegħdin tal-missjoni u fejn hemm l-akbar perikli.[185]

## L-ewwel evanġelizzazzjoni: tħabbar Kristu lill-ġnus

**77.** Min iħobb lil Alla, il-Missier tal-bnedmin kollha, ma jistax ma jħobbx lill-bnedmin bħalu, li jagħrafhom bħala ħutu. Għalhekk ma jistax ikun li ma jimpurtahx li tant irġiel u nisa għad ma jafux sewwa l-kobor ta' l-imħabba ta' Alla għalihom fi Kristu. Minn hawn toħroġ il-ħidma

182. *Corréspondance, Entretiens, Documents,* Conference sur "l'esprit de la Compagnie" (9 ta' Frar 1653).
183. Ara Kongr. għall-Istituti ta' ħajja konsagrata u għas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, *Essential elements in the Church's teaching on religious life as applied to Institutes dedicated to the works of the apostolate* (31 ta' Mejju 1983), 23-24.
184. Ara Beata Elizabetta tat-Trinità, *O mon Dieu, Trinité que t'adore.*
185. Ara Pawlu VI, Eżort. app. *Evangelii nuntiandi* (8 Diċembru 1975), 69.

missjunarja *ad gentes*, b'ubbidjenza għall-kmandament tal-Mulej, l-ewwelnett il-ħidma missjunarja *ad gentes*, li kull nisrani mpenjat iħossha flimkien mal-Knisja, li min-natura tagħha hi Knisja missjunarja. Din il-ħeġġa missjunarja jħossuha l-aktar il-membri ta' l-Istituti kemm dawk kontemplattivi u kemm dawk attivi.[186] Dan għaliex il-persuni konsagrati huma fid-dmir li juru 'l Kristu lil dawk li m'humiex insara,[187] u juruh safi, fqir, ubbidjenti, missjunarju u jitlob.[188] Huma u jħarsu bil-fedeltà kollha l-kariżma proprju tagħhom, permezz tal-konsagrazzjoni intima tagħhom lil Alla,[189] huma għandhom iħossu li huma mpenjati li jagħtu s-sehem proprju tagħhom fil-ħidma missjunarja tal-Knisja. Ix-xewqa li spiss wriet Santa Tereża tal-Bambin Ġesù li "nħobbok u nġiegħel oħrajn iħobbuk", il-ħerqa mħeġġa ta' San Franġisk Saverju li ħafna, "huma u jimmeditaw fuq dak li l-Mulej Alla tagħna jistenna minnhom u mit-talenti li tahom, jitqanqlu biex jagħmlu użu minn mezzi xierqa u mill-Eżerċizzi spiritwali ħa jagħarfu u jħossu fil-fond ta' qalbhom ir-rieda ta' Alla u hekk jadattaw ruħhom aktar għal din ir-rieda milli għall-inklinazzjonijiet proprji tagħhom, jgħidu: Mulej, hawn jien, xi tridni nagħmel? Ibgħatni fejn trid",[190] u tant u tant xhiediet oħra bħal dawn ta' tant erwieħ qaddisa juru x'ħerqa li ma tintemm qatt għandhom għall-missjoni dawk li jħaddnu l-ħajja konsagrata, ħerqa li tagħżilha u turi n-nobiltà tagħha.

## Preżenti kullimkien fid-dinja

**78.** "L-imħabba ta' Kristu ġġiegħelna naħsbu dan" (*2 Kor* 5, 14). Il-membri ta' kull istitut jistgħu jtennu dan il-kliem flimkien ma' l-Appostlu għax id-dmir ta' kull ħajja konsagrata hu li taħdem f'kull qasam tad-dinja biex twettaq u xxerred is-saltna ta' Kristu kullimkien ukoll sa l-aktar naħiet imbegħda tad-dinja.[191] Fil-fatt l-istorja tal-missjonijiet tixhed l-ġid kbir li taw il-persuni konsagrati huma u jxandru l-Evanġelju lill-ġnus:

186. Ara *Propositio* 37 A.
187. Ara *Lumen gentium*, 46; Pawlu VI, Eżort. app. *Evangelii nuntiandi* (8 Diċembru 1975), 69.
188. Ara *Lumen gentium*, 44, 46.
189. Ara *Ad gentes*, 18, 40.
190. *Epistula ad socios Romae incolentes*, minn Cochin, 15 ta' Jannar 1544.
191. Ara *Lumen gentium*, 44.

mill-familji monastiċi l-aktar antiki sa l-Istituzzjonijiet ta' dawn l-aħħar żminijiet, mill-Istituti ta' ħajja attiva għal dawk ta' ħajja kontemplattiva,[192] huma u jaħdmu fil-missjoni *ad gentes*, għadd bla qjies ta' persuni offrew ħajjithom kollha għal din "il-ħidma ewlenija tal-Knisja, ħidma essenzjali u li ma tintemm qatt",[192] għaliex hi għal dak l-għadd dejjem jikber ta' nies li ma jafux bi Kristu.

Illum ukoll dan id-dmir għadu jsejjaħ l-Istituti ta' ħajja konsagrata u s-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika għax huma mistennija jagħtu l-aqwa sehem għax-xandir ta' l-Evanġelju. L-Istituti ġodda li qed jitwaqqfu u l-Istituti li qed jaħdmu fil-Knejjes ġodda huma mistednin biex jinfetħu għall-missjoni fost dawk li m'humiex insara, f'pajjiżhom u barra minnu. Għalkemm hemm diffikultajiet, li wieħed jifhimhom sewwa, li xi Istituti qed isibu quddiemhom, ilkoll għandhom jilqgħu f'waqtha t-twissija li "il-fidi issaħħaħ billi tingħata lill-oħrajn";[194] u hekk l-istess missjoni ssaħħaħ il-ħajja konsagrata għaliex tagħtiha raġunijiet oħra għall-ħidmiet tagħha u hekk tqanqal il-fedeltà tal-persuni konsagrati. Min-naħa tagħha l-attività missjunarja toffri ħafna oqsma fejn jistgħu jsibu posthom il-ħafna suriet tal-ħajja konsagrata.

Il-missjoni *ad gentes* toffri lix-xebbiet konsagrati u lill-aħwa reliġjużi lajċi u wkoll lill-membri ta' l-Istituti sekulari ħafna okkażjonijiet speċjali u straordinarji għall-ħidma tagħhom biex tkun tassew effikaċi. Imbagħad l-Istituti sekulari, fil-ħafna oqsma aktar adatti għall-vokazzjoni lajkali tagħhom, jistgħu jkollhom ħidma tassew importanti ħa jxandru l-Evanġelju fl-oqsma kollha tas-soċjetà u fl-istrutturi u l-liġijiet li jmexxuha. Jistgħu wkoll jagħtu xhieda ta' l-Evanġelju fost nies li għad ma għarfux lil Kristu u hekk jagħtu kontribut speċifiku għall-missjoni tagħhom.

Wieħed irid joqgħod attent li f'dawk in-nazzjonijiet fejn reliġjonijiet mhux insara għamlu l-għeruq tagħhom, għandha importanza kbira il-preżenza tal-ħajja konsagrata kemm b'ħidmiet u attivitajiet edukattivi, karitattivi u kulturali, u kemm bl-istess ħajja kontemplattiva. Għalhekk jeħtieġ ħafna li jitwaqqfu fil-knejjes ġodda komunitajiet dedikati għall-kontemplazzjoni, "għax il-ħajja kontemplattiva hi parti mill-qofol tal-

192. Ara enċikl. *Redemptoris missio* (7 Diċembru 1990); Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 927.
193. Ara *Redemptoris missio* (7 Diċembru 1990), 31.
194. *Ibid.*, 2.

preżenza tal-Knisja.[195] B'mezzi adatti għandu jsir tqassim xieraq tal-ħafna suriet tal-ħajja konsagrata, biex ikun hemm ħeġġa ġdida għax-xandir ta' l-Evanġelju, jew billi jintbagħtu missjunarji, irġiel u nisa, jew b'għajnuna minn istituti ta' ħajja konsagrata lid-djoċesijiet l-aktar fqar.[196]

## It-tħabbira ta' Kristu u l-inkulturazzjoni

**79.** It-tħabbira ta' Kristu għandu jkollha "post ewlieni fil-missjoni"[197] tal-Knisja, u trid tfittex il-konverżjoni nisranija jiġifieri qima sħiħa u sinċiera ta' Kristu u l-Evanġelju tiegħu".[198] Fost l-attivitajiet tal-missjoni hemm il-proċess ta' l-inkulturazzjoni u d-djalogu mar-reliġjonijiet. Il-persuni konsagrati għandhom jilqgħu l-isfida ta' l-inkulturazzjoni bħala stedina biex jissieħbu mal-grazzja ħalli jinkiseb frott mil-laqgħa mal-ħafna kulturi diversi tal-bniedem. Dan jitlob tħejjija serja minn kulħadd, don ta' dixxerniment li jilħaq il-kobor sħiħ tiegħu, qbil perfett mal-kriterji ta' l-ortodossija duttrinali, mal-verità u max-xirka tal-Knisja.[199] Bl-għajnuna tal-kariżma tal-fundaturi ħafna persuni konsagrati rnexxilhom jersqu lejn varjetà ta' kulturi b'dik l-imġiba li biha Kristu "xejjen lilu nnifsu u ħa s-sura ta' lsir" (*Fil* 2, 7), u bis-sabar u l-kuraġġ kollu taw bidu għal djalogu ma' ħafna popli, huma u jħabbru lil kull wieħed t-triq tas-salvazzjoni. Illum ukoll ħafna persuni konsagrati qed ifittxu u jsibu fil-ġrajja ta' individwi u ta' popli sħaħ sinjali tal-preżenza ta' Alla, li qed tmexxi il-ġens kollu tal-bnedmin biex jagħraf is-sinjali tar-rieda tiegħu għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Dan l-istħarriġ jiswa ħafna wkoll għall-istess persuni konsagrati: il-valuri li jinstabu fil-ħafna kulturi jistgħu jħajruhom biex jistudjaw aktar fil-fond il-kontemplazzjoni nisranija, il-ħajja komunitarja, il-laqgħa tal-barranin, ir-rispett għall-persuni, u l-istess ħarsien ta' l-ambjent.

Biex ikun hemm inkulturazzjoni tassew wieħed irid ikollu l-istess sentimenti li kellu l-Mulej meta sar bniedem u għammar fostna kollu mħabba u umiltà. B'dan il-mod il-ħajja konsagrata twassal lil dawk

195. *Ad gentes,* 18; ara enċikl. *Redemptoris missio* (7 Diċembru 1990), 69.
196. Ara *Propositio* 38.
197. Enċikl. *Redemptoris missio,* (7 Diċembru 1990), 44.
198. Ara *ibid.,* 46.
199. Ara *ibid.,* 52-54.

impenjati fl-inkulturazzjoni biex ikunu persuni adatti għax iddarrihom jinqatgħu minn kollox u saħansitra mill-aspetti kollha tal-kultura proprja tagħhom. Huma u jiddedikaw ruħhom b'dawn il-kwalitajiet ħa jifhmu sewwa u aħjar kulturi oħra, jaslu biex jagħrfu l-valuri veri ta' dawn il-kulturi, u l-aħjar mod kif jilqgħuhom u jtejbuhom bl-għajnuna tal-kariżma proprju tagħhom.[200] Iżda ma għandniex ninsew li fost ħafna kulturi antiki r-reliġjon hi hekk imħallta magħhom li spiss hi l-istess reliġjon li turi l-aspett traxxendentali tal-kultura. F'dan il-każ inkulturazzjoni vera bilfors titlob djalogu miftuħ bejn ir-reliġjonijiet, li "ma jmurx kontra l-missjoni *ad gentes* u lanqas jeżenta mill-evanġelizzazzjoni".[201]

## L-inkulturazzjoni tal-ħajja konsagrata

**80.** Il-ħajja konsagrata minnha nfisha, għax twassal il-valuri ta' l-Evanġelju, meta wieħed jgħixha fil-verità kollha tagħha, tista' tkun ta' għajnuna speċjali biex tintrebaħ l-isfida ta' l-inkulturazzjoni. Għaliex il-ħajja konsagrata hi sinjal tal-primat ta' Alla u ta' Saltnatu, minnha nfisha tħeġġeġ biex permezz tad-djalogu tqanqal il-kuxjenzi tan-nies. Jekk il-ħajja konsagrata tħares il-qawwa profetika tagħha issir f'kultura sura ta' ħmira ta' l-Evanġelju biex issaffiha u ttejjibha. Dan tixhdu il-ġrajja ta' tant qaddisin li fi żminijiet differenti tal-ġrajja tal-bniedem daħlu fil-fond sewwa ta' żmienhom, mingħajr ma ġew mirbuħin minnu, anzi fetħu triqat ġodda għal żmienhom. Is-sura tal-ħajja evanġelika hi għajn tassew importanti għall-wiri ta' sura ġdida ta' kultura. Ħafna fundaturi u fundatriċi, minkejja il-limitazzjonijiet li raw li kellhom, għarfu l-ħtiġijiet ta' żmienhom u taw tweġiba għalihom, tweġiba li saret proposta għal tiġdid kulturali.

Il-komunitajiet ta' l-Istituti reliġjużi u tas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika jistgħu joffru proposti ta' kultura ċerta li tfisser ħafna meta jagħtu xhieda għall-mod kif jgħixu l-Evanġelju, huma u jaċċettaw lil xulxin minkejja l-ħafna differenzi bejniethom, u kif iħaddmu l-awtorità, meta jaqsmu bejniethom il-ġid materjali u spiritwali li jkollhom, meta jkollhom mentalità tassew internazzjonali, meta jissieħbu fil-ħidma ma' Istituti oħra, meta jisimgħu x'għandhom x'jgħidu l-irġiel u n-nisa ta' llum. Il-mod kif wieħed li jimxi wara Kristu aktar mill-qrib jaħseb u jgħix, *joħloq*

200. Ara *Propositio* 40A.

*kultura ċerta u vera* li turi ċar dak li hu kontra l-bniedem, u li Alla waħdu isaħħaħ u jtejjeb kull valur. Min-naħa l-oħra inkulturazzjoni vera twassal biex tkun ta' għajnuna għall-persuni konsagrati ħa jgħixu b'mod radikali l-Evanġelju skond il-kariżma proprju ta' l-Istitut u skond il-karattru tal-poplu li miegħu għandhom relazzjoni. Dawn ir-relazzjonijiet, li jħallu kotra ta' frott, jagħtu bidu għal suriet ta' ħajja u għall-ħidmiet pastorali li jistgħu jagħnu lill-Istitut kollu kemm hu, jekk ikunu jaqblu mal-kariżma tal-fundaturi u bil-ħidma li tgħaqqad ta' l-Ispirtu s-Santu. F'dan il-proċess, li jitlob dixxerniment, kuraġġ, djalogu u sfida evanġelika, is-Santa Sede, tiżgura li l-mixi għaddej minn triq tajba: dan għax is-Santa Sede bħala dmir għandha li tħeġġeġ għall-evanġelizzazzjoni tal-kulturi, twettaq il-progress li jsir, u tapprova dak li jseħħ fil-qasam ta' l-inkulturazzjoni:[202] "dan hu dmir iebes ħafna u jitlob għaqal kbir, għaliex hu dwar il-fedeltà tal-Knisja għall-Evanġelju u t-tradizzjoni ta' l-Appostli, fi ħdan il-progress dejjem sejjer tal-kulturi".[203]

## L-evanġelizzazzjoni l-ġdida

**81.** Biex jirnexxilna neħduha kontra l-isfidi ta' żmienna għall-evanġelizzazzjoni l-ġdida, jeħtieġ l-ewwelnett li l-ħajja konsagrata tkun dejjem lesta tilqa' s-sejħa tal-Kelma rivelata u s-sinjali taż-żminijiet.[204] It-tifkira ta' l-evanġelizzaturi kbar, irġiel u nisa, li ġew qabel evanġelizzati huma stess, turi l-ħtieġa li jkun hemm bnedmin kollhom kemm huma dedikati lill-Mulej u lill-Evanġelju tiegħu, jekk irridu mmorru niltaqgħu mal-bnedmin ta' llum. "Il-persuni konsagrati, huma mħeġġin mill-istess vokazzjoni tagħhom biex juru għaqda bejn l-evanġelizzazzjoni tagħhom infushom u x-xhieda li jagħtu, bejn it-tiġdid fihom infushom u l-ħerqa ta' l-appostolat tagħhom, bejn dak li huma u dak li għamlu, u hekk juru li din il-qawwa ġejja dejjem mill-ewwel wieħed taż-żewġ elementi li ssemmew hawn fuq".[205]

201. Enċikl. *Redemptoris missio* (7 Diċembru 1990), 55; ara Kunsill Pontifiċju għad-Djalogu mar-Reliġjonijiet u Kongr. għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus, Istr. *Dialogo e annuncio. Riflessioni e orientamenti* (19 Mejju, 1991), 45-46.
202. Ara *Propositio* 40B.
203. Eżort. app. post-sinodali, *Ecclesia in Africa* (14 Settembru 1955), 62.
204. Ara Pawlu VI, Eżort. app. *Evangelii nuntiandi* (8 Diċembru 1975), 15.
205. IX assemblea ġenerali ordinarja tas-Sinodu ta' l-isqfijiet, *Relatio ante disceptionem* 22.

L-evanġelizzazzjoni l-ġdida, mhux inqas minn dik tas-soltu, tkun effikaċi jekk tħabbar minn fuq il-bjut dak li tkun ħasset qabel minn laqgħa intima mal-Mulej. L-evanġelizzazzjoni l-ġdida titlob mill-irġiel u n-nisa konsagrati *għarfien sħiħ tas-sens teoloġiku ta' l-isfidi ta' żmienna.* Dawn l-isfidi jridu jiġu meqjusa permezz ta' dixxerniment għaqli minn kulħadd, biex l-istess missjoni tiġġedded. Fit-tħabbira tal-Mulej Ġesù il-qlubija trid tkun imsieħba ma' fiduċja fil-ħidma tal-Provvidenza, li taħdem fid-dinja u "tqassam kollox, it-tiġrib tal-bnedmin ukoll, bl-għerf kollu, għall-ġid tal-Knisja".[206]

Biex l-Istituti jagħtu kotra ta' frott fil-proċess ta' l-evanġelizzazzjoni l-ġdida, irid ikun hemm fedeltà sħiħa għall-kariżma tal-fundatur, b'rabta sħiħa ma' dawk li fil-Knisja huma mpenjati fl-istess ħidma, u l-aktar ma' l-Isqfijiet, u tisħib sħiħ mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba. Dan jitlob għarfien ta' dak li l-Ispirtu qed jitlob lil kull Istitut, kemm f'oqsma fejn mhux mistenni li jkun hemm progress kbir minnufih, u kemm f'oqsma oħra fejn tiġdid sħiħ hu mistenni sewwa. Kullimkien u fiċ-ċirkosatnzi kollha, il-persuni konsagrati jridu jkunu ħabbara kollhom ħeġġa tal-Mulej Ġesù, b'fedeltà sħiħa lejn il-ħsieb tal-fundaturi tagħhom, lesti biex iwieġbu bil-għerf kollu ta' l-Evanġelju għall-mistoqsijiet li qed joħorġu minn qalb il-bnedmin bla mistrieħ, li ġejjin minn qtigħ il-qalb u mill-ħtiġijiet kbar tal-qalb tal-bniedem illum.

## Ħerqa u mħabba għall-foqra u promozzjoni tal-ġustizzja

**82.** Fil-bidu tal-missjoni tiegħu, fis-sinagoga ta' Nazaret, Ġesù ħabbar li ġie konsagrat mill-Ispirtu biex iħabbar il-Bxara t-tajba lill-fqajrin, ixandar il-ħelsien lill-imjassrin, jagħti d-dawl lill-għomja, irodd il-ħelsien lill-maħqurin, u jħabbar is-sena tal-grazzja tal-Mulej (ara *Is* 4, 16-19). Il-Knisja hija u tagħmel tagħha il-missjoni tal-Mulej, tħabbar l-Evanġelju lil kull raġel u lil kull mara u titgħabba bid-dmir li salvahom ilkoll. Iżda b'ħerqa liema bħalha, b'imħabba tassew preferenzjali, iddur lejn dawk li *jinsabu f'qagħda ta' dgħufija akbar,* u għalhekk b'aktar ħtiġijiet. "Il-foqra" huma mġarrbin minn ħafna suriet ta' faqar: im-warrbin, xjuħ, morda, tfal u dawk kollha li fis-soċjetà huma, u jitqiesu

206. Diskors tal-Papa Ġwanni XXIII fil-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II (11 Ottubru, 1962).

bħala, "l-inqas" fost kulħadd. Din l-għażla favur il-foqra tinsab f'dik il-qawwa dinamika ta' l-imħabba li wieħed jgħixha fi Kristu. Għalhekk id-dixxipli kollha ta' Kristu huma marbutin b'din l-għażla, iżda dawk li tassew iridu jimxu aktar fil-qrib wara l-Mulej, billi jkunu jixbħuh fl-imġiba kollha tiegħu, ma jistgħux ma jkunux impenjati b'mod tassew singulari. It-tweġiba sinċiera tagħhom għall-imħabba ta' Kristu timbuttahom biex jgħixu fil-faqar u jħaddnu l-kawża tal-foqra. Għal kull Istitut dan ifisser li jagħżel *sura ta' ħajja umli u iebsa,* kemm għal kull membru ta' l-Istitut u kemm għall-komunità kollha. Il-persuni konsagrati im-wettqin b'din ix-xhieda ħajja u ħielsa minn kull ideoloġija politika minħabba l-għażla ta' ħajja li jagħmlu, jistgħu jikkundannaw l-inġustizzji li jsiru kontra tant u tant ulied Alla u jimpenjaw ruħhom biex iġibu 'l quddiem il-ġustizzja fis-soċjetà fejn jgħixu.[207] Hekk fiż-żminijiet ta' llum, ukoll permezz tax-xhieda ta' tant persuni konsagrati, isseħħ mill-ġdid dik id-dedikazzjoni li kienet il-karatteristika ta' tant fundaturi u fundatriċi li għaddew ħajjithom jaqdu l-Mulej fil-foqra tiegħu. Kristu "hawn fid-dinja hu fqir fil-foqra tiegħu ... Għani bħala Alla, fqir bħala bniedem. Bħala bniedem tela' għani fis-sema, u qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tal-Missier, iżda għadu fqir hawn fid-dinja, bil-ġuħ, bil-għatx u għeri".[208]

L-Evanġelju jaħdem permezz ta' l-imħabba u dan hu ġieħ tal-Knisja u sinjal tal-fedeltà tagħha lejn il-Mulej. Dan turih il-ġrajja kollha tal-ħajja konsagrata, li tista' titqies bħala tifsira ħajja ta' kliem Ġesù: "Kull ma għamiltu ma' l-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi" (*Mt* 25, 40). Ħafna Istituti, l-aktar f'dawn l-aħħar żminijiet, twaqqfu biex jieħdu ħsieb dawn u dawk il-ħtiġijiet tal-foqra. Iżda wkoll meta mhux dan hu l-għan ewlieni ta' l-Istitut, il-ħsieb u l-ħerqa għall-foqra, li juru ruħhom fit-talb, fl-għajnuna u l-ospitalità għalihom, huma parti normali tal-ħafna suriet ta' ħajja konsagrata, ukoll tas-suriet tal-ħajja kontemplattiva. Kif jista' jkun mod ieħor, meta Kristu li miegħu niltaqgħu fil-kontemplazzjoni, huwa dak stess li qed jgħix u jbati fil-foqra? L-istorja tal-ħajja konsagrata stagħniet f'din il-ħaġa b'eżempji li huma tassew ta' l-għaġeb u xi kull tant ukoll maħsuba sewwa. San Pawlinu ta' Nola li qassam ġidu kollu lill-foqra biex jikkonsagra lilu nnifsu kollu kemm hu lill-Mulej, bena ċ-

207. *Propositio 18.*
208. Santu Wistin, *Sermo* 123, 3-4.

ċelel tal-monasteru tiegħu fuq ospizju għall-foqra. Feraħ b'dan il-ħsieb tiegħu ta' "bdil ta' doni": il-foqra li tagħhom kien qed jieħu ħsieb, bittalb tagħhom kienu qed joffru "pedament" sod għad-dar tiegħu, dedikata kollha kemm hi għat-tifħir ta' Alla.[209] U min-naħa tiegħu San Vinċenz de Paul, kien iħobb jgħid li kull darba li kien ikollu jħalli t-talb biex jgħin xi wieħed fqir, it-talb ma kienx jieqaf, għaliex " 'l Alla kien qed iħallih għal Alla".[210]

L-għajnuna lill-foqra hu għemil ta' evanġelizzazzjoni u fl-istess waqt hu siġill tal-verità ta' l-Evanġelju, u ħajra liema bħalha għall-konverżjoni dejjem sejra tal-ħajja konsagrata għax, kif jgħid San Girgor il-Kbir, b'mod ta' l-għaġeb tasal għal-ogħla mħabba meta kollha ħniena titbaxxa sal-fond tal-ħtiġijiet tal-proxxmu, u daqs kemm titbaxxa b'tjieba kbira daqshekk ieħor titla' fl-għoli nett".[211]

## L-għajnuna lill-morda

**83.** Kotra kbira ta' persuni konsagrati, l-aktar nisa, huma u jkomplu tradizzjoni tassew ta' ġieħ, jaqdu l-appostolat tagħhom fil-qasam tassaħħa bil-kariżma proprju ta' l-Istitut tagħhom. Tul iż-żminijiet ħafna kienu l-persuni konsagrati li taw ħajjithom biex jaqdu lil dawk imġarrbin minn mard jittieħed, u hekk wrew li d-dedikazzjoni sa l-eroiżmu hi parti mill-karattru profetiku tal-ħajja konsagrata.

Il-Knisja tħares kollha mistagħġba u b'radd ta' ħajr lejn dawk il-persuni konsagrati li huma u jduru bil-morda u b'dawk li qed ibatu, jgħinu ħafna l-missjoni tal-Knisja. Hekk ikomplu l-ministeru tal-ħniena ta' Kristu li "kien jgħaddi jagħmel il-ġid u jfejjaq lil kulħadd" (ara *Atti* 10, 38). Il-persuni konsagrati, mexjin fuq il-passi tas-Samaritan divin, "tabib tar-ruħ u l-ġisem",[212] u fuq l-eżempju tal-fundaturi u l-fundatriċi tagħhom, im-mexxijin mill-kariżma ta' l-Istitut tagħhom, għandhom iżommu sħiħ fix-xhieda li jagħtu ta' l-imħabba għall-morda, li jiddedikaw ruħhom għalihom b'imħabba u mogħdrija kbira. Barra dan għandu jkollu post speċjali l-ministeru tagħhom mal-morda l-aktar foqra, u l-aktar mitluqin

209. Ara *Carmen* XXI.
210. *Corréspondance, Entretiens, Documents.* Conference sur les Regles (30 Mejju 1647).
211. *Regula pastoralis,* 2-3.
212. Ara ittra app. *Salvifici doloris* (11 ta' Frar 1984), 28-30.

waħedhom, bħalma huma l-anzjani, u l-ħandikappati, l-imwarrbin u l-inkurabbli, id-drogati u l-imġarrbin bil-mard ġdid. Il-persuni konsagrati għandhom iħajru lill-morda biex joffru t-tbatijiet tagħhom flimkien ma' Kristu msallab u glorifikat għas-salvazzjoni ta' kulħadd,[213] anzi għandhom iqawwu fil-morda l-għarfien li huma li *qed jaqdu ministeru pastorali proprju tagħhom* permezz tal-kariżma tas-Salib bit-talb u xhieda tagħhom bil-kliem u l-għemil.[214]

Barra dan il-Knisja trid tfakkar lill-persuni konsagrati li parti mill-missjoni tagħhom hi wkoll *l-evanġelizzazzjoni taċ-ċentri tas-saħħa* fejn jaħdmu, billi jħabirku ha jwasslu d-dawl ta' l-Evanġelju fil-mod kif in-nies ta' llum qed jgħixu, jbatu u jmutu. Hu dmir tagħhom ukoll jagħmlu aktar umana l-prattika tal-mediċina, u jidħlu aktar fil-fond tal-bio-etika għall-qadi ta' l-Evanġelju tal-ħajja. Għalhekk qabel kollox iridu jġibu 'l quddiem ir-rispett għall-ħajja tal-bniedem mit-tnissil tagħha sat-tmiem naturali tagħha, bi qbil sħiħ mad-duttrina morali tal-Knisja;[215] għalhekk għandu jkollhom ċentri ta' formazzjoni[216] u jikkoperaw sewwa ma' dawk l-istituti ekkleżjastiċi mpenjati fil-ministeru pastorali tal-kura tas-saħħa.

## II. XHIEDA PROFETIKA QUDDIEM SFIDI KBAR

### Il-karattru profetiku tal-ħajja konsagrata

**84.** L-Isqfijiet fis-Sinodu insistew bil-qawwa kollha fuq il-karattru profetiku tal-ħajja konsagrata, għax qisha *sura speċjali ta' kif iseħħ tisħib mal-ministeru profetiku ta' Kristu,* li l-Ispirtu s-Santu jagħti lill-Poplu kollu ta' Alla. Din id-dimensjoni profetika tinsab fil-ħajja konsagrata fiha nfisha, għax hi mixi b'mod radikali wara Kristu, u minn dan il-mixi tiġi d-dedikazzjoni għal dik il-missjoni li hi proprja tal-ħajja konsagrata. Il-valur ta' sinjal li l-Konċilju Vatikan II jara fil-ħajja konsagrata,[217] hu mfisser mix-xhieda profetika tal-primat ta' Alla u ta' l-Evanġelju fil-ħajja

213. Ara *ibid.*, 18; Eżort. app. *Christifideles laici* (30 Diċembru 1988), 52.53.
214. Ara Eżort. app. post-sinodali *Pastores dabo vobis* (25 Marzu 1992), 77.
215. Ara Enċikl. *Evangelium vitae* (25 Marzu 1995), 78-101.
216. Ara *Propositio* 43.
217. Ara *Lumen gentium*, 44.

nisranija. Minħabba dan il-primat xejn ma jista' jiġi qabel l-imħabba speċjali għal Kristu u għall-foqra li fihom jinsab.[218]

Fil-profeta Elija, profeta qalbieni u ħabib ta' Alla, Missirijiet il-Knisja jaraw eżempju tal-ħajja reliġjuża monastika,[219] għex quddiem Alla u ikkontemplah għaddej fis-skiet; talab għall-poplu u bil-qawwa kollha ħabbar ir-rieda tiegħu; iddefenda d-drittijiet ta' Alla u biex iħares il-foqra, ħadha kontra s-setgħanin tad-dinja (ara *1 Slat* 18-19). Fil-ġrajja tal-Knisja, flimkien ma' l-insara l-oħra qatt ma naqsu rġiel u nisa konsagrati lil Alla, li b'don singulari ta' l-Ispirtu, qdew ministeru tassew profetiku, huma u jitkellmu f'isem Alla ma' kulħadd, u wkoll mar-Rgħajja tal-Knisja. *Minn Alla tiġi l-profezija vera,* mill-ħbiberija miegħu, mis-smigħ ħerqan ta' kelmtu fiċ-ċirkostanzi kollha ta' l-istorja. Il-profeta iħoss f'qalbu nar iħeġġeġ għall-qdusija ta' Alla, jisma' l-kelma fi djalogu ta' talb, iħabbarha b'ħajtu b'fommu u b'għemilu, u jitkellem f'isem Alla kontra l-ħażen u d-dnub. Ix-xhieda profetika titlob bla heda stħarriġ ħerqan tar-rieda ta' Alla, xirka meħtieġa u sinċiera mal-Knisja, tħaddim ta' dixxerniment spiritwali, u mħabba għall-verità. Tidher ukoll fiċ-ċaħda ta' dak kollu li hu kontra r-rieda ta' Alla u fit-tfittix ta' triqat ġodda biex l-Evanġelju jinfluwenza l-istorja bit-tama tas-Saltna ta' Alla li ġejja.[220]

## L-importanza tal-profezija għad-dinja ta' llum

**85.** Fid-dinja tagħna, li fiha ta' spiss ħafna jidher li qed jintilef kull sinjal ta' Alla, ix-xhieda profetika tal-persuni konsagrati hi meħtieġa ħafna. Qabel xejn titlob l-*istqarrija tal-primat ta' Alla u tal-ġid li għandu jiġi,* kif jidher fil-mixi wara Kristu u fix-xebħ miegħu, hu li kien safi fqir u ubbidjenti mogħti biss għall-glorja ta' Alla u għall-imħabba ta' ħutu.*Il-profezija* hija l-istess ħajja ta' l-aħwa fis-soċjetà li tixtieq ħafna l-fraternità bla xkiel ta' xejn, għalkemm mhux dejjem tintebaħ b'dan. Il-fedeltà lejn il-kariżma proprju qed tħeġġeġ il-persuni konsagrati biex kullimkien jagħtu xhieda mill-isbaħ b'qawwa ta' profeta li ma jibżax jissogra sa ħajtu stess.

Il-qawwa perswasiva tal-profezija tiġi wkoll mill-*qbil li jkun hemm*

218. Diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II waqt il-konċelebrazzjoni f'għeluq id-IX assemblea ordinarja tas-Sinodu ta' l-Isqfijiet (28 Ottubru 1994), 3.

219. Ara San Atanasju *Vita Antonii,* 7.

220. Ara *Propositio* 39A.

*bejn il-kelma li tħabbar u l-ħajja li l-profeta jgħix.* Il-persuni konsagrati jkunu fidili għad-dmir tagħhom fil-Knisja u fid-dinja jekk bis-sinċerità kollha bla heda jagħarfu x'inhuma fid-dawl tal-Verb ta' Alla.[221] B'dan il-mod jistgħu jagħnu l-bqija ta' l-insara bid-don tal-kariżma li rċevew, waqt li huma mbagħad min-naħa tagħhom jħallu jqanqluhom l-isfidi profetiċi li jiġuhom minn oqsma oħra tal-Knisja. B'dan il-bdil ta' doni, f'*armonija sħiħa mal-Maġisteru u d-dixxiplina tal-Knisja*, tiddi b'ħidma ta' l-Ispirtu li "jgħaqqad il-Knisja fix-xirka u l-ministeru, huwa u jgħallimha u jmexxiha permezz ta' ħafna doni ġerarkiċi u kariżmatiċi."[222]

## Fedeltà sal-martirju

**86.** F'dan is-seklu, l-istess bħal fi żminijiet oħra ta' l-istorja, il-persuni konsagrati taw xhieda għal Kristu l-Mulej, *bid-don ta' ħajjithom.* Eluf minnhom kellhom isibu kenn fil-katakombi minħabba l-persekuzzjoni ta' reġimi totalitarji jew minn gruppi ta' nies vjolenti, jew ġew imfixklin huma u jaqdu il-ħidma missjunarja tagħhom, fil-ħidmiet tagħhom fost il-foqra, fil-kura tagħhom tal-morda u tal-imwarrbin, iżda għexu u qed jgħixu il-konsagrazzjoni tagħhom fi tbatija qalbiena u bla waqfien, u spiss bit-tixrid ta' demmhom, b'xebh sħiħ mal-Mulej imsallab. Il-Knisja għarfet pubblikament bl-awtorità tagħha lil xi wħud minnhom u tathom ġieh bħala martri ta' Kristu. Lilna jdawwluna bl-eżempju tagħhom, jitolbu għalina biex nibqgħu fidili lejn Kristu u qed jistennewna fil-glorja. Hemm xewqa kbira li t-tifkira ta' tant xhieda tibqa' ħajja fil-kuxjenza tal-Knisja bħala stedina ħa niċċelebraw it-tifkira tagħhom u nimitawhom. Għal dan il-għan l-Istituti ta' ħajja konsagrata u Soċjetajiet ta' ħajja appostolika jistgħu jgħinu *billi jiġbru l-ismijiet u x-xhieda* ta' dawn il-persuni konsagrati kollha li jistħoqqilhom jinkitbu fil-martiroloġju tas-seklu għoxrin.[223]

## L-isfidi ewlenin tal-ħajja konsagrata

**87.** Il-ħidma profetika tal-ħajja konsagrata turi ruħha fit-*tliet sfidi* li l-Knisja għandha quddiemha; huma l-isfidi ta' dejjem li jidhru f'suriet ġodda

221. Ara *Propositiones* 15A u 39C.
222. Ara *Lumen gentium*, 4; *Presbyterorum ordinis*, 2.
223. Ara *Propositio* 53; Ittra app. *Tertio millenio adveniente* (10 Novembru 1994), 37.

u forsi b'mod aktar radikali, fis-soċjetà ta' llum, almenu f'xi partijiet tad-dinja. Jolqtu direttament il-kunsilli evanġeliċi tal-faqar, tas-safa u ta' l-ubbidjenza waqt li jġiegħlu lill-Knisja, u lill-persuni konsagrati b'mod partikulari biex jiċċaraw u jagħtu xhieda *tat-tifsir antropoloġiku għoli* tal-kunsilli. L-għażla ta' dawn il-kunsilli mhux biss ma tnaqqasx bl-ebda mod l-valuri tal-bniedem, imma għall-kuntrarju twassal biex tbiddilhom għal kollox. Il-kunsilli evanġeliċi m'għandhomx jitqiesu bħala ċaħda tal-valuri tas-sesswalità, lanqas bħala ċaħda tar-rieda leġittima li jkollox tiegħek xi ġid materjali, jew bħala ċaħda tad-dritt li tiddeċiedi int stess għalik innifsek. Dawn l-inklinazzjonijiet, għax jinsabu fin-natura stess tal-bniedem, huma tajbin fihom infushom. Iżda n-natura umana, midruba mid-dnub tan-nisel, tinsab fil-periklu li tużahom b'mod ma jaqbilx mal-liġi morali. Il-professjoni tal-kastità, tal-faqar u ta' l-ubbidjenza hi twissija biex ma nistmawx bħala xejn il-ġerħat li ġieb id-dnub tan-nisel, u waqt li nagħarfu l-valur tal-ġid maħluq, *inqisuh biss bħala xi ħaġa relattiva* quddiem Alla li hu l-ġid assolut tagħna. Hekk, waqt li dawk li qed iħaddnu l-kunsilli evanġeliċi iridu l-qdusija għalihom infushom, qed joffru, biex ngħidu hekk, "terapija" spiritwali għall-ġens kollu tal-bnedmin, għax qed jiċħdu l-idolatrija tal-ħlejjaq u qed juru b'xi mod lil Alla l-ħaj. Il-ħajja konsagrata hi barka għall-ħajja tal-bniedem, u barka wkoll għall-ħajja ekkleżjali, speċjalment fi żminijiet l-aktar ta' tiġrib.

## L-isfida tal-kastità konsagrata

**88.** L-ewwel sfida tiġi *minn kultura edonistika* li twarrab l-użu tas-sess minn kull regola morali oġġettiva, u tqis is-sesswalità biss bħala xi gost u pjaċir u, bl-għajnuna tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, tagħtiha sura ta' idolatrija tas-sess. L-effetti ta' din il-qagħda kulħadd qed jarahom: kull sura ta' għemil kontra sesswalità li qed joħloq għadd bla qies ta' tbatijiet spiritwali u materjali fl-individwi u fil-familji. Il-ħajja konsagrata twieġeb għal dan l-aktar *billi tħaddan bil-ferħ il-kastità perfetta* bħala xhieda tal-qawwa ta' l-imħabba ta' Alla fid-dgħufija tal-qagħda tal-bniedem. Il-persuna konsagrata tixhed u turi li dak li ħafna jaħsbu li hu impossibli, bl-għajnuna tal-grazzja ta' Alla jista' jseħħ u verament jagħti l-ħelsien lill-bniedem. Iva, wieħed jista' jħobb 'l Alla fi Kristu b'qalbu kollha, u jħobbu fuq kull imħabba oħra, u hekk iħobb il-ħlejjaq kollha bil-ħelsien ta' Alla. Illum aktar milli fl-imgħoddi, hi meħtieġa din ix-

xhieda għax ftit jifhmuha n-nies ta' llum. Tingħata lill-bnedmin kollha – żgħażagħ u għarajjes, miżżewġin u familji nsara – biex turi li *l-imħabba ta' Alla tista' tagħmel għeġubijiet kbar* fi ħdan l-istess imħabba tal-bnedmin. Din ix-xhieda wkoll tissodisfa x-xewqa dejjem aktar kbira ta' onestà fil-qalb fir-relazzjonijiet tal-bnedmin bejniethom. Jeħtieġ li l-ħajja konsagrata tagħti lin-nies ta' żmienna eżempji tal-kastità li qed jgħixu tant irġiel u nisa huma u juru li kollox qed jagħmlu bil-qies, jafu irażżnu lilhom infushom, juru spirtu intraprendenti, laħqu kobor sħiħ psikoloġikament u affettivament.[224] B'din ix-xhieda l-imħabba umana għandha għan li lejh tista' tħares biex lejh tersaq, l-għan li l-persuna konsagrata, tilħaq hija u tikkontempla l-imħabba tat-Trinità Qaddisa, rivelata minn Kristu. Il-persuna konsagrata għax tidħol fil-fond ta' dan il-misteru, tħoss li għandha l-ħila li tħobb b'imħabba radikali u universali, imħabba li tagħtiha l-qawwa trażżan lilha nfisha u jkollha dik id-dixxiplina meħtieġa biex ma tiġix maħkuma mis-sensi u l-istitni tagħha. Hekk il-kastità konsagrata tidher bħala esperjenza ferrieħa u ħielsa. Imdawwla mill-fidi fi Kristu rxoxt u bit-tama ta' art ġdida u smewwiet ġodda (*Apok* 21, 1) toffri ispirazzjonijiet mill-aqwa għall-ħidma ta' edukazzjoni fil-kastità fis-suriet l-oħra tal-ħajja ukoll.

## L-isfida tal-faqar

**89.** *Sfida oħra* llum *tiġi mill-ħerqa materjalistika* għall-ġid ta' l-art, li ma jimpurtahiex mill-ħtiġijiet u t-tbatijiet tad-dgħajfin, u ma titħasseb xejn dwar il-qjies fir-riżorsi naturali. Kontra dan *twieġeb* il-ħajja konsagrata li tħaddan *il-faqar evanġeliku* li jista' jkun ta' ħafna suriet, iżda spiss ħafna juri ruħu f'impenn attiv ħa jiġu 'l quddiem is-solidarjetà u l-imħabba.

Kemm Istituti jiddedikaw ruħhom għall-edukazzjoni, għat-tħarriġ u għat-tħejjija ta' tant żgħażagħ u ta' kbar ukoll biex ikunu l-bennejja tal-ġejjieni tagħhom! Kemm persuni konsagrati jinfnew bla ebda ħsieb għal saħħithom biex jgħinu l-ifqar fost in-nies tad-dinja! Kemm fosthom jaħdmu biex iħarrġu l-edukaturi ta' għada u l-mexxejja tas-soċjetà biex huma mbagħad jimpenjaw ruħhom ukoll biex iwarrbu l-istrutturi tal-

224. Ara *Perfectae caritatis*, 13.

moħqrija u fl-istess waqt iġibu 'l quddiem proġetti ta' solidarjetà malfoqra! Il-persuni konsagrati jitħabtu biex jintrebaħ il-ġuħ u dak kollu li jwassal għalih; jispiraw l-attivitajiet tal-volontarjat u ta' l-organizzazzjonijiet umanitarji, huma u jissieħbu ma' għaqdiet pubbliċi jew privati biex jġibu 'l quddiem tqassim xieraq ta' kull għajnuna internazzjonali. Innazzjonijiet jafu sewwa x'siwi kbir huma għalihom dawn l-attivitajiet kollha ta' mħabba ta' tant irġiel u nisa u kemm għenu u qed jgħinu biex id-dinja tkun aktar umana.

### Il-faqar evanġeliku u l-qadi tal-foqra

**90.** *Il-faqar evanġeliku*, qabel ma hu tassew qadi tal-foqra, *hu ġa ġid fih innifsu*, ghax ifakkar l-ewwel fost il-Beatitudnijiet f'xebħ ma' Kristu l-fqir.[225] L-ewwel dmir tiegħu hu li jixhed illi Alla hu l-veru għana talbniedem. U minħabba f'hekk il-faqar evanġeliku jisfida bil-qawwa kollha l-idolatrija tal-flus, u joqgħod bħala sejħa profetika quddiem dik issoċjetà li, b'tant oqsma ta' nies għonja, tinsab fil-periklu li titlef kull sens ta' moderazzjoni u saħansitra l-istess tifsira ta' kollox. Minħabba f'hekk, illum aktar minn dari, is-sejħa tal-faqar evanġeliku qed tiġi milqugħha minn dawk ukoll li huma u jifhmu li l-ġid u l-għana kollha tad-dinja hu limitat, jitolbu li l-ħlejjaq kollha jkunu mħarsin u jitnaqqas l-isfruttament tagħhom b'ħajja aktar sempliċi u b'kontroll xieraq fuq ix-xewqat kollha tal-bniedem.

Għalhekk il-persuni konsagrati huma mitlubin jagħtu xhieda evanġelika mġedda u ħerqana ta' ċaħda u kontroll, f'sura ta' ħajja bejn l-aħwa immexxija b'sempliċità u ospitalità, wkoll bħala eżempju għal dawk li ma jimpurtahom xejn mill-ħtiġijiet ta' għajrhom. Din ix-xhieda trid tkun imsieħba ma' *mħabba liema bħalha għall-foqra* u trid turi ruħha b'mod speċjali b'tisħib fil-qagħda tal-ħajja ta' dawk l-aktar abbandunati. Hemm ħafna komunitajiet li qed jgħixu u jaħdmu fost il-foqra u l-imwarrbin, iħaddnu l-qagħda tagħhom, u jaqsmu magħhom in-niket, it-tiġrib u d-diffikultajiet.

Ma jispiċċaw qatt il-paġni tas-solidarjetà evanġelika u tad-dedikazzjoni erojka tal-persuni konsagrati li f'dawn l-aħħar snin ta' tibdiliet kbar

225. Ara *Propositio* 18A.

fid-dinja u ta' inġustizzji bla qjies, ta' tamiet u ta' qerq, ta' rebħiet kbar u ta' disgrazzji kollha mrar. Mhux inqas importanti huma l-paġni li nkitbu u għad jinkitbu minn għadd bla qies ta' persuni konsagrati li qed jgħixu l-milja ta' ħajjithom "moħbijin ma' Kristu f'Alla" (*Kol* 13, 3) għas-salvazzjoni tad-dinja li offrew ruħhom minn rajhom biex jgħixu ħajja għall-għanijiet ftit magħrufa u wisq inqas imfaħħra. B'dawn il-ħafna suriet li jikkomplimentaw lil xulxin, il-ħajja konsagrata tissieħeb sewwa fil-faqar tal-Mulej u taqdi d-dmir speċifiku tagħha fil-misteru salvifiku ta' l-Inkarnazzjoni u fil-misteru tal-Mewt għall-fidwa tad-dinja.[226]

## L-isfida tal-libertà fl-ubbidjenza

**91.** *It-tielet sfida* tiġi *mill-fehma tal-libertà* li tagħżel dan il-ġid fondamentali mir-relazzjoni essenzjali tagħha mal-verità u man-normi morali.[227] Fil-fatt il-promozzjoni tal-libertà hi valur veru li hu marbut mar-rispett għall-persuna tal-bniedem. Imma min ma jintebaħx għal-liema għemejjel kbar ta' inġustizzja, anzi ta' vjolenza fil-ħajja ta' l-individwi u ta' popolazzjonijiet sħaħ, iwassal l-użu ħażin tal-libertà?

Għal dan twieġeb bil-qawwa kollha *l-ubbidjenza li hi karatteristika tal-ħajja konsagrata.* Din l-ubbidjenza fil-ħajja konsagrata tfakkar b'mod mill-aqwa l-ubbidjenza ta' Kristu lill-Missier; u mill-misteru ta' Kristu toħroġ ix-xhieda *li bejn ubbidjenza u libertà m'hemmx kontradizzjoni.* Il-qagħda ta' l-Iben innifsu turi l-misteru tal-libertà tal-bniedem bħala t-triq lejn l-ubbidjenza għar-rieda tal-Missier, u l-misteru ta' l-ubbidjenza bħala t-triq li twassal pass pass għall-kisba ta-libertà vera. Hu proprju dan il-misteru li l-persuna konsagrata trid tagħraf bil-vot tagħha ta' ubbidjenza. B'din l-istess ubbidjenza l-persuna konsagrata trid turi l-għarfien tar-relazzjoni filjali tagħha mal-Missier, li tqisha bħala l-ħobża tagħha ta' kull jum (ara *Ġw* 4, 34), bħala l-blata tagħha, l-hena tagħha, l-kenn tagħha, t-tarka tagħha (ara *Salm* 18/17, 2). Barra dan turi li qed tikber fil-verità sħiħa tagħha nfisha, waqt li tibqa' marbuta mal-bidu ta' l-eżistenza tagħha, u hekk tagħti aħbar ta' feraġ kbir: "Sliem bil-kotra għal min iħobb il-liġi tiegħek, ma hemm ebda tfixkil għalihom" (*Salm* 119/118, 165).

226. Ara *Perfectae caritatis,* 13.
227. Ara enċikl. *Veritatis splendor* (6 Awissu 1993), 31-35.

**Flimkien biex isseħħ ir-rieda tal-Missier**

**92.** Din ix-xhieda tal-persuni konsagrati fil-ħajja reliġjuża tieħu tifsir speċjali minħabba *l-karattru komunitarju tagħha.* Il-ħajja bejn l-aħwa hu l-post ewlieni fejn tingħaraf ir-rieda ta' Alla u tiġi milqugħa, waqt li lkoll jimxu 'l quddiem b'qalb waħda u ruħ waħda. L-ubbidjenza mwettqa mill-imħabba tgħaqqad flimkien il-membri ta' Istitut biex jagħtu l-istess xhieda u jagħmlu l-istess missjoni, għalkemm hemm varjetà ta' doni u kulħadd għandu l-karattru tiegħu. Fi ħdan il-fraternità li jqajjem l-Ispirtu kull wieħed iżomm djalogu ma' l-oħrajn, djalogu li hu ta' siwi kbir biex tingħaraf ir-rieda tal-Missier, u lkoll jagħarfu f'min imexxi dehra tal-paternità ta' Alla u t-tħaddim ta' awtorità li ġejja minn Alla għall-qadi tad-dixxerniment u tax-xirka.[228]

Il-ħajja tal-komunità hi wkoll sinjal mill-aqwa quddiem il-Knisja u s-soċjetà ta' dik ir-rabta li toħroġ mill-istess vokazzjoni u mix-xewqa ta' kulħadd li jobdi din il-vokazzjoni, minkejja differenzi ta' razza, lsien u kultura. Kontra l-ispirtu ta' firdà u tad-diviżjoni, l-awtorità u l-ubbidjenza jiddu qishom sinjal ta' dik il-paternità waħdanija li tiġi minn Alla, tal-fraternità li tasal mill-Ispirtu, ta' ħelsien fil-qalb ta' min jafda biss f'Alla, minkejja n-nuqqasijiet umani ta' dawk li huma floku. Permezz ta' din l-ubbidjenza, li xi wħud jagħmlu regola ta' ħajjithom, l-hena mwiegħed minn Ġesù "lil dawk li jisimgħu l-Kelma ta' Alla u jagħmluha" (*Lq* 11, 28) jinħass u jitħabbar għall-ġid ta' kulħadd. Barra dan min jobdi żgur jaf li għandu sehem fil-missjoni, jiġifieri li miexi wara l-Mulej u mhux skond ix-xewqat u t-tamiet tiegħu. Hekk jista' jagħraf li hu mmexxi mill-Ispirtu tal-Mulej u huwa mwettaq, ukoll fost ħafna diffikultajiet kbar, minn id soda (ara *Atti* 20, 22-23).

**Impenn deċisiv fil-ħajja spiritwali**

**93.** Herqa fost il-ħafna li ssemmew fis-Sinodu kienet dik li l-ħajja konsagrata titmantna *minn spiritwalità għolja u soda.* Din hi ħtieġa ewlenija, li nsibuha fl-essenza stess tal-ħajja konsagrata għax, l-istess bħal kull min hu mgħammed, minħabba raġunijiet aktar għolja dawk li

228. Ara *Propositio* 19; *Perfectae caritatis,* 14.

jħaddnu l-kunsilli evanġeliċi huma fid-dmir li jħabirku bil-qawwa u l-imħabba kollha ħa jiksbu l-perfezzjoni.[229] Dan id-dmir juruh tant eżempji ta' fundaturi u fundatriċi qaddisin u ta' tant persuni konsagrati li taw xhieda għal Kristu sal-martirju. Tħabrek għall-qdusija: dan fil-qosor hu l-programm ta' kull ħajja konsagrata, b'mod partikulari fid-dawl tat-tiġdid li jrid iseħħ fuq l-għatba tat-tielet elf sena. Minn hawn ukoll jiġi l-programm tal-ħajja ta' min iħalli kollox għal Kristu (ara *Mt* 4, 18-22; 19, 21.27; *Lq* 5, 11), programm li jrid jintgħażel 'il fuq minn kull ħaġ'oħra biex ikun hemm tisħib sħiħ fil-misteru ta' l-Għid.

Dan għarfu sewwa San Pawl meta qal: "Jien ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbar li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi ... lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet" (*Fil* 3, 8.10). Din hi t-triq li ntweriet sa mill-bidu mill-Appostli, u li hi mfakkra mit-tradizzjoni tal-lvant u tal-punent: "Dawk li llum mexjin wara Kristu, u jħallu kollox minħabba fih, ifakkruna fl-Appostli li ħallew kollox biex iwieġbu għas-sejħa tiegħu. Għalhekk hi ħaġa tradizzjonali llum li nitkellmu dwar il-ħajja reliġjuża bħala *sura ta' ħajja appostolika*".[230] Din it-tradizzjoni tagħti importanza kbira fil-ħajja konsagrata għall-patt speċjali ma' Alla, anzi għall-patt ta' għerusija ma' Kristu li San Pawl wera bl-eżempju tiegħu stess (ara *1 Kor* 7, 7) u wassal bl-istess tagħlim tiegħu, immexxi mill-Ispirtu (ara *1 Kor* 7, 40). Nistgħu ngħidu li l-ħajja spiritwali hija ħajja fi Kristu jew ħajja skond l-Ispirtu, qisha triq ta' fedeltà dejjem akbar li fiha l-persuna konsagrata titmexxa mill-Ispirtu u ssir tixbah lil Kristu f'rabta liema bħalha miegħu u fil-qadi tal-Knisja. Dan kollu, li jieħu sura fil-ħafna forom differenti ta' ħajja konsagrata, jagħti bidu għall-*ispiritwalità speċifika*, jiġifieri programm ċert ta' relazzjonijiet ma' Alla u ma' l-ambjent kollu, li jiġi mmarkat mill-aspetti spiritwali proprji u mill-ħidmiet ta' l-appostolat li b'mod jew ieħor idawwlu u juru il-misteru waħdani ta' Kristu. Meta l-Knisja tagħraf xi sura ta' ħajja konsagrata jew xi Istitut, turi li fih jinsabu l-aspetti meħtieġa kollha tal-kariżma spiritwali u ta' l-appostolat biex tintlaħaq il-perfezzjoni evanġelika ta' kull membru u tal-komunità kollha.

Jeħtieġ għalhekk li l-ħajja spiritwali jkollha l-ewwel post fil-programm

229. *Propositio* 15.
230. Diskors tal-Papa Ġwanni Pawlu II fl-Udjenza ġenerali tat-8 ta' Frar 1995, 2.

tal-familji ta' ħajja konsagrata biex kull Istitut u kull komunità tkun skola ta' vera spiritwalità evanġelika. Minn din l-għażla ewlenija li ssir minn kull membru u minn kull komunità jiddependu l-frott ta' l-appostolat, il-ġenerożità fl-imħabba għall-foqra, u wkoll il-ħila li tiġbed vokazzjonijiet mill-ġenerazzjonijiet ta' għada. Din *il-kwalità spiritwali tal-ħajja konsagrata* tista' tħajjar in-nies ta' żmienna li huma wkoll mxenkin għall-valuri assoluti u x-xhieda tagħha tiġbidhom lejha.

## Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla

**94.** L-ewwel għajn ta' kull spiritwalità nisranija hi l-Kelma ta' Alla. Tmantni relazzjoni singulari ma' Alla l-ħaj u mar-rieda tiegħu li ssalva u tqaddes. Għalhekk sa mill-bidu stess ta' l-Istituti ta' ħajja konsagrata, u l-aktar tal-ħajja monastika, dejjem kienet stmata ħafna il-*lectio divina.* Biha l-Kelma ta' Alla tidħol fil-ħajja u fuqha titfa' d-dawl ta' l-għerf li hu don ta' l-Ispìrtu s-Santu. Għalkemm l-Iskrittura "tiswa biex wieħed jitgħallem" (*2Tim* 3, 16) u hi "għajn safja li ma tiġi nieqsa qatt",[231] il-kitba tat-Testment il-Ġdid, u l-aktar l-Evanġelji, għandu jkollhom venerazzjoni speċjali, għaliex huma "il-qalba ta' l-Iskrittura kollha".[232] Jiswa ħafna għalhekk li l-persuni konsagrati għall-meditazzjoni regolari tagħhom jużaw is-siltiet ta' l-Evanġelju u tal-kitba l-oħra tat-Testment il-Ġdid li jwasslulna l-kliem u l-eżempji ta' Kristu u tal-Verġni Marija u *s-sura wkoll tal-ħajja appostolika.* Il-fundaturi u l-fundatriċi ġew ispirati minn dawn is-siltiet biex aċċettaw il-vokazzjoni tagħhom u għarfu l-kariżma u l-ħidma ta' l-Istitut tagħhom.

Tiswa ħafna mbagħad il-meditazzjoni *komunitarja tal-Bibbja.* Meta ssir skond il-kwalitajiet tal-ħajja u l-qagħda tal-komunità tista' twassal għall-qsim fi ħdan il-komunità ta' l-għana kollu li jistà' jinkiseb mill-Kelma ta' Alla u li b'dan il-għana lkoll jikbru flimkien, jgħinu lil xulxin u jimxu 'l quddiem fil-ħajja spiritwali. Anzi jixraq li din id-drawwa tiġi suġġerita wkoll lill-membri oħra tal-Poplu ta' Alla, lill-presbiteri u lil-lajċi, u hekk jiġu 'l quddiem skejjel ta' spiritwalità, ta' talb, ta' qari ta' l-Iskrittura bħala talb, skejjel li jkunu jaqblu mal-kariżma ta' dak li jkun,

231. *Dei Verbum,* 21; *Perfectae caritatis,* 6.
232. Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 125; ara *Dei Verbum* 18.

li fihom Alla "jitkellem bħala ħabib mal-bnedmin" (ara *Eż* 33, 11; *Ġw* 15, 14-15) u jgħix magħhom (ara *Bar* 3, 38) biex jistedinhom u jilqagħhom fl-għaqda miegħu".[233]

Bil-meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla u l-aktar tal-misteri ta' Kristu, kif tgħallimha t-tradizzjoni spiritwali, tikber il-ħeġġa fil-kontemplazzjoni u l-ħeġġa fl-appostolat. Kemm fil-ħajja reliġjuża kontemplattiva u kemm f'dik appostolika, dejjem għamlu għeġubijiet irġiel u nisa mogħtijin għat-talb, huma u jfittxu x'inhi r-rieda ta' Alla u jagħmluha. Miċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma ta' Alla kisbu dawl għal dak id-dixxerniment singulari u komunitarju li għenhom biex jagħrfu t-triqat tal-Mulej mis-sinjali taż-żminijiet. Hekk kisbu *sura ta' istint soprannaturali* li permezz tiegħu jevitaw li joqogħdu għall-mentalità tad-dinja, imma jġeddu fehmithom biex jagħrfu "x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu li jogħġbu, x'inhu perfett" (*Rum* 12, 2).

## F'xirka ma' Kristu

**95.** L-aqwa mezz li bih titmantna b'mod mill-aktar effikaċi l-għaqda mal-Mulej hu żgur *il-liturġija mqaddsa,* u l-aktar iċ-ċelebrazzjoni ewkaristika u l-Liturġija tas-Sigħat. Qabel kollox "fl-Ewkaristija mqaddsa jinsab il-ġid spiritwali kollu tal-Knisja, Kristu l-Għid tagħna, il-ħobż ħaj li jagħti l-ħajja b'Ġismu u jitmantna mill-Ispirtu s-Santu".[234] L-Ewkaristija hi l-qalba tal-ħajja tal-Knisja u tal-ħajja konsagrata wkoll. Kif tista' persuna imsejħa biex bil-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi tagħżel lil Kristu bħala it-tifsir ewlieni ta' ħajjitha, ma tixtieqx ikollha miegħu relazzjoni aktar għolja b'tisħib kull jum f'dak is-Sagrament li jagħmlu preżenti, f'dak is-sagrifiċċju li jtemm id-don ta' mħabbtu mogħti fuq il-Kalvarju, b'dik l-ikla li tmantni u twettaq il-Poplu ta' Alla fil-mixi tiegħu lejn is-sema? Min-natura tagħha l-Ewkaristija hi fiċ-ċentru tal-ħajja konsagrata, kemm ta' kull membru u kemm ta' l-Istitut kollu kemm hu. L-Ewkaristija hi l-"vjatku" ta' kull jum u għajn spiritwali għal kull membru u għall-Istitut kollu. Fl-Ewkaristija il-persuni konsagrati kollha huma msejħin biex jgħixu l-misteru ta' l-Għid ta' Kristu billi miegħu jissieħbu fl-offerta tal-ħajja lill-Missier bl-Ispirtu s-Santu. L-adorazzjoni regolari

233. *Dei Verbum,* 2.
234. *Presbyterorum ordinis,* 5.

u fit-tul ta' Kristu preżenti fl-Ewkaristija tħalli lill-persuna konsagrata ġġarrab b'xi mod l-esperjenza li kellu San Pietru waqt it-trasfigurazzjoni. "Kemm hu sew li aħna hawn". Fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteru tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej titwettaq u tissaħħaħ l-għaqda u l-imħabba ta' dawk kollha li ddedikaw ħajjithom lil Alla.

Flimkien ma' l-Ewkaristija, u b'rabta liema bħalha magħha, *il-Liturġija tas-Sigħat* kemm f'ċelebrazzjoni komunitarja u kemm individwalment skond in-natura ta' l-Istitut, f'rabta sħiħa mat-talba tal-Knisja kollha, turi s-sejħa proprja tal-persuni konsagrati biex ifaħħru u jitolbu 'l Alla.

Ir-rabta intima ma' l-Ewkaristija tidher ukoll fil-konverżjoni dejjem sejra u fit-tisfija meħtieġa li l-persuni konsagrati jagħmlu fis-*Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.* B'din il-laqgħa ta' spiss mal-ħniena ta' Alla, jsaffu u jġeddu lil qalbhom u bl-istqarrija umli ta' dnubiethom juru r-rabta tagħhom miegħu; l-esperjenza ferrieħa tal-maħfra sagramentali fil-mixi flimkien ta' l-aħwa twassal għat-tjieba fil-qalb u tħajjar għall-fedeltà aqwa fil-qadi tad-dmirijiet.

Hi għajnuna mill-aqwa għal min hu miexi 'l quddiem fit-triq ta' l-Evanġelju, l-aktar fiż-żmien tal-formazzjoni u fi żminijiet oħra importanti tal-ħajja, hi t-tfittxija umli u fiduċjuża tad-*direzzjoni spiritwali,* li biha l-persuna jkollha l-għajnuna ħa twieġeb bil-ħeġġa għat-tqanqil ta' l-Ispirtu u tfittex il-qdusija bil-qawwa kollha. Il-persuni konsagrati kollha huma mħeġġin biex skond it-tradizzjonijiet proprji tagħhom, kuljum iġeddu l-għaqda spiritwali tagħhom mal-Verġni Marija, u jgħixu magħha l-misteri ta' Binha l-aktar billi jgħidu r-*Rużarju mqaddes.*

## III. OQSMA ĠODDA GĦALL-MISSJONI

### Fid-dinja ta' l-edukazzjoni

**96.** Il-Knisja dejjem fehmet li *l-edukazzjoni hi dimensjoni essenzjali tal-missjoni tagħha.* L-imgħallem fil-ħajja intima tagħha hu l-Ispirtu s-Santu li jidħol fil-qiegħ nett tal-qalb ta' kull bniedem u jaf kif timxi 'l quddiem l-ġrajja misterjuża ta' l-istorja. Il-Knisja kollha hi mogħtija l-ħajja mill-Ispirtu s-Santu u miegħu taqdi l-ħidma edukattiva tagħha. Iżda fil-Knisja, il-persuni konsagrati għandhom dmir speċifiku għax

għandhom iwasslu fil-qasam ta' l-edukazzjoni ix-xhieda radikali tal-valuri tas-Saltna li jridu jwasslu lil kull bniedem u lill-bnedmin kollha, huma u jistennew l-laqgħa ta' l-aħħar mas-Sid ta' l-istorja. Minħabba l-konsagrazzjoni singulari tagħhom, minħabba l-esperjenza partikulari tad-doni ta' l-Ispirtu, minħabba s-smigħ regolari tagħhom tal-Kelma ta' Alla, u minħabba d-dixxerniment tagħhom, minħabba l-wirt għani tat-tradizzjoni edukattiva miksub mill-Istituti tagħhom tul iż-żminijiet, minħabba għarfien aktar għoli tal-verità spiritwali (ara *Ef* 1, 17), il-persuni konsagrati huma kapaċi jagħmlu ħidma edukattiva b'mod l-aktar effikaċi, u jagħtu kontribut speċifiku għall-ħidma edukattiva ta' l-oħrajn.

Imwettqin b'dan il-kariżma, il-persuni konsagrati jistgħu jagħtu ħajja liċ-ċentri ta' edukazzjoni mimlijin mill-ispirtu ta' l-Evanġelju u ta' l-imħabba fejn iż-żgħażagħ jsibu għajnuna ħa jiksbu l-kobor sħiħ tagħhom, taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu.[235] B'dan il-mod komunità mpenjata fl-edukazzjoni, mill-esperjenza tagħha stess, issir post ta' xirka u ta' grazzja fejn il-ħidma pedagoġika tgħin biex tgħaqqad flimkien f'għaqda liema bħalha dak li hu tal-bniedem u dak li hu ta' Alla, l-Evanġelju u l-kultura, il-fidi u l-ħajja.

Il-ġrajja tal-Knisja mill-ewwel żminijiet sa żminijietna mimlija eżempji tassew ta' l-għaġeb ta' persuni konsagrati li għexu u qed jgħixu l-ħerqa tagħhom għall-qdusija bl-istess ħidma edukattiva tagħhom, huma u jfittxu l-qdusija bl-impenn edukattiv tagħhom. Ħafna minnhom kisbu l-perfezzjoni fl-imħabba huma u jedukaw. Dan huwa wieħed mid-doni l-aktar għeżież li l-persuni konsagrati llum ukoll qed jagħtu liż-żgħażagħ huma u jgħallmuhom b'mod kollu mħabba skond it-twissija ta' San Ġwann Bosco: "Iż-żgħażagħ m'ghandhomx biss jinħabbu, imma għandhom jifhmu wkoll li huma maħbubin".[236]

## Il-ħtieġa ta' tiġdid fl-impenn fil-qasam ta' l-edukazzjoni

**97.** Il-persuni konsagrati huma u jgħaqqdu flimkien l-impenn għaqli tagħhom mal-ħeġġa li jaqdu l-missjoni tagħhom, juru li l-fidi tagħhom f'Ġesù Kristu iddawwal il-qasam kollu ta' l-edukazzjoni, mingħajr ebda

235. Ara *Gravissimum educationis* 8.
236. *Scritti pedagogici e spirituali*, Roma 1987.

tmaqdir tal-valuri tal-bniedem, iżda għall-kuntrarju twettaqhom u tgħollihom. B'dan il-mod il-persuni konsagrati jsiru xhieda u strumenti tal-qawwa ta' l-Inkarnazzjoni u tas-setgħa ta' l-Ispirtu. Dan id-dmir tagħhom hu waħda mill-manifestazzjonijiet l-aktar li jfissru tal-maternità li l-Knisja, fuq l-eżempju ta' Marija, turi ma' wliedha kollha.

Is-Sinodu għalhekk bil-qawwa kollha ħeġġeġ lill-persuni konsagrati biex jerġgħu jidħlu, fejn dan jista' jkun, għall-ħidma ta' edukazzjoni f'kull sura u grad ta' skola, fl-Universitajiet u fl-Istituti ta' studji aktar għolja.[237] Jiena u nagħmel tiegħi din il-proposta tas-Sinodu nħeġġeġ bil-qawwa kollha lill-membri ta' l-Istituti edukattivi biex jibqgħu fidili għall-kariżma tagħhom, tal-bidu u għat-tradizzjonijiet tagħhom huma u jħossu li l-imħabba favur il-foqra tista' tintwera f'sura liema bħalha fl-għażla tal-mezzi adatti għall-ħelsien minn dak il-faqar kiefer li hu n-nuqqas ta' edukazzjoni kulturali u reliġjuża.

L-Universitajiet u l-fakultajiet kattoliċi u ekkleżjastiċi għandhom influwenza kbira fl-oqsma ta' l-edukazzjoni u l-evanġelizzazzjoni, għalhekk l-Istituti responsabbli għat-tmexxija tagħhom iridu jkunu jafu sewwa r-responsabbiltajiet tagħhom biex, fi djalogu mal-kultura tal-qagħda tal-bniedem illum, jaraw li jkun mħares il-karattru kattoliku tagħhom b'fedeltà sħiħa lejn Maġisteru tal-Knisja. Barra dan, il-membri ta' dawn l-Istituti u Soċjetajiet, skond iċ-ċirkostanzi, għandhom ikunu lesti jidħlu fl-istrutturi edukattivi tas-soċjetà ċivili. Għal din il-ħidma huma msejħin, b'mod partikulari, minħabba l-vokazzjoni proprja tagħhom, il-membri ta' l-Istituti sekulari.

## L-evanġelizzazzjoni tal-kultura

**98.** L-Istituti ta' ħajja konsagrata dejjem kellhom influwenza kbira fil-fondazzjoni u t-tixrid tal-kultura. Dan seħħ fiż-żminijiet tan-nofs meta l-monasteri saru l-postijiet għall-istudju ta' l-għana kulturali ta' l-imgħoddi u fejn żviluppat kultura ġdida umanistika u nisranija. Dan seħħ kull darba li d-dawl ta' l-Evanġelju xtered fost nazzjonijiet ġodda u daħal f'suriet oħra ta' kultura. Hafna persuni konsagrati ġiebu 'l quddiem il-kultura, u spiss studjaw u ħarsu l-kulturi indiġeni. Illum ukoll il-Knisja tħoss sewwa

237. Ara Kost. app. *Sapientia christiana* (15 April 1979), II.
238. Ara *Propositio* 41.

il-ħtieġa li l-kultura timxi 'l quddiem u jkun hemm djalogu bejn il-kultura u l-fidi.[239]

Il-persuni konsagrati ma jistax ikun li ma jħossux l-isfida ta' dan. Huma wkoll imwissijin biex, waqt li jħabbru l-Kelma ta' Alla, jaraw liema metodi huma l-aktar adatti għall-ħtiġijiet ta' gruppi soċjali diversi u għall-kategoriji professjonali kollha, biex id-dawl ta' Kristu jidħol f'kull qasam tal-ħajja tal-bniedem, ħalli bħall-ħmira ta' salvazzjoni ibiddel is-soċjetà minn ġewwa, waqt li jgħin fil-bini ta' kultura mimlija kollha kemm hi bil-valuri ta' l-Evanġelju.[240] B'dan l-impenn ukoll il-ħajja konsagrata, hi u toqrob it-tielet elf sena nisranija, tista' ġġedded it-tweġiba tagħha lir-rieda ta' Alla, li qed jersaq lejn il-bnedmin kollha li, jafu jew ma jafux, qegħdin ifittxu pass pass il-Verità u l-ħajja (ara *Atti* 17, 27).

Barra minn dan il-qadi lill-oħrajn, fi ħdan il-ħajja konsagrata stess hemm il-ħtieġa ta' *sura ta' mħabba mġedda għall-ħidma kulturali,* qalb mogħtija għall-istudju quddiem tant diversità ta' kulturi. Nuqqas fl-impenn għall-edukazzjoni jista' jħalli konsegwenzi kbar fil-ħidma ta' l-appostolat, għax joħloq sens ta' twarrib u ta' inferjurità, jew iħajjar għas-superfiċjalità u għall-inizjattivi bla għaqal. Fost il-ħafna kariżmi u r-riżorsi li għandu kull Istitut, l-impenn għall-edukazzjoni ma jistax jiġi limitat biss għall-formazzjoni tal-bidu jew għall-kisba biss ta' gradi akkademiċi jew ukoll biex tinkiseb biss tħejjija professjonali. L-edukazzjoni aktar tfisser xewqa li qatt ma tonqos ta' għarfien dejjem aktar ta' Alla li hu għajn ta' dawl u ta' kull verità umana. Għalhekk din il-ħidma ma twassalx biex tagħlaq il-ħajja konsagrata f'individwaliżmu astratt jew iżżommha fix-xkiel ta' narċiżiżmu li joħnoq, imma timbuttaha biex permezz ta' djalogu u koperazzjoni, tikseb il-ħila li tiġġudika, timbuttaha għall-kontemplazzjoni u għat-talb, hija u dejjem tfittex lil Alla u l-ħidma tiegħu fir-realtajiet komplessi tal-ħajja ta' llum.

Jekk il-persuna konsagrata tħalli li tiġi mibdula mill-Ispirtu, tkun tista' toħroġ barra mil-limiti dojoq tax-xewqat tal-bniedem u fl-istess waqt tifhem aktar fil-fond kull bniedem u ġrajjietu, 'l hemm ħafna minn dak li jidher u spiss hu. Illum hemm ħafna sfidi bla qjies, ġejjin minn ħafna kulturi li, xi wħud ġodda u oħrajn li l-persuni konsagrati ilhom iħabbtu wiċċhom magħhom: jeħtieġ li jinżammu kuntatti li jagħtu frott ma' dawn

239. Ara Kost. app. *Sapientia christiana* (15 April 1979), II.
240. Ara *Propositio* 36.

l-isfidi kulturali f'qagħda kritika u attenta imma wkoll b'fiduċja u attenzjoni lejn dawk li qed iħabirku biex jegħelbu d-diffikultajiet intellettwali tagħhom l-aktar meta, minħabba l-problemi għal kollox ġodda ta' żminijietna, huma meħtieġa sforzi oħra ta' analiżi u sintesi.[241] Evanġelizzazzjoni serja u effikaċi ta' l-oqsma ġodda fejn qed tiżviluppa u titwassal il-kultura ma jistax ikun hemm mingħajr l-għajnuna attiva tal-lajċi li huma mpenjati fihom.

## Preżenti fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali

**99.** Kif fl-imgħoddi l-persuni konsagrati għarfu jużaw tajjeb kull sura ta' mezzi għax-xandir ta' l-Evanġelju, u għelbu b'ħila liema bħalha d-diffikultajiet li magħhom iltaqgħu, hekk illum l-istess ħtieġa li tingħata xhieda ta' l-Evanġelju permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali qed tqanqalhom mod ieħor. Dawn il-mezzi ġa kisbu għalihom is-setgħa li jaslu sat-trufijiet kollha ta' l-art permezz ta' progress tekniku mill-aqwa. Il-persuni konsagrati li, l-aktar dawk li għandhom il-kariżma ta' l-Istitut tagħhom biex jaħdmu f'dan il-qasam, huma fid-dmir li jkollhom tagħrif sħiħ tal-lingwaġġ ta' dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, biex ikunu jistgħu jitkellmu b'mod effikaċi dwar Kristu man-nies ta' llum ħa jfissrulhom "il-ferħ u t-tama, in-niket u l-qtigħ il-qalb"[242] li jaħkmuhom, u hekk jgħinu għall-bini ta' soċjetà li fiha l-bnedmin kollha, huma u mexjin lejn Alla, iħossu li huma lkoll aħwa.

Iżda wieħed irid jgħasses fuq użu ħażin ta' dawn il-mezzi, minħabba l-qawwa kbira li għandhom ħa jipperswadu lin-nies. Ma jixraqx li jinħbew id-diffikultajiet li minn dawn il-mezzi jista' jkollha l-ħajja konsagrata; iżda dawn id-diffikultajiet wieħed irid jaffrontahom permezz ta' dixxerniment għaqli.[243] It-tweġiba tal-Knisja hi qabel xejn edukattiva: trid twassal biex jingħaraf tajjeb id-dinamiżmu tal-medja u jitqies sewwa l-aspett morali tal-programmi, flimkien ma' żvilupp ta' użu tajjeb tagħhom.[244] Għal din il-

241. Ara *Gaudium et spes*, 5.
242. *Ibid.*, 1.
243. Ara Kongr. għall-Istituti ta' ħajja reliġjuża u għas-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika, *La vita fraterna in comunità: "Congregavit nos in unum Christi amor"* (2 Frar 1994), 34.
244. Ara Messaġġ tal-Papa Ġwanni Pawlu II għat-XXVIII Jum il-Komunikazzjoni soċjali (24 Jannar 1994).

ħidma edukattiva li trid twassal għall-użu bil-għaqal ta' dawn il-mezzi u għall-ħila ta' dawk li jħaddmuhom, il-persuni konsagrati huma mistiedna biex joffru ix-xhieda speċifika tagħhom dwar il-karattru relattiv ta' kull ħaġa maħluqa biex jgħinu lil ħuthom jużaw tajjeb dawn il-mezzi skond il-pjan ta' Alla u fl-istess waqt jeħilsuhom minn kull ħajra qarrieqa "ta' din id-dinja li tgħaddi" (ara *1 Kor* 7, 31). Kull sforz f'dan il-qasam ġdid u hekk importanti irid jiġi 'l quddiem biex l-Evanġelju ta' Kristu jitħabbar ukoll b'dawn il-mezzi ġodda. Jeħtieġ li kull Istitut ikun lest jgħin f'din il-ħidma billi joffri mezzi u nies ħa jseħħu proġetti flimkien fl-oqsma kollha tal-komunikazzjoni soċjali. Barra dan, il-persuni konsagrati, u l-aktar il-membri ta' l-Istituti sekulari, bil-qalb joffru l-għajnuna tagħhom, meta dan jaqbel pastoralment, biex jagħtu formazzjoni reliġjuża lill-mexxejja u lill-ħaddiema fl-oqsma pubbliċi u privati tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Dan irid isir biex tinżamm 'il bogħod il-ħsara li tiġi minn użu ħażin ta' dawn il-mezzi, min-naħa, u biex min-naħa l-oħra tingħata għajnuna lill-aħjar programmi li jxandru l-liġi morali u għandhom għana ta' valuri umani u nsara.

## IV. DJALOGU MA' KULĦADD

### Għall-qadi ta' l-għaqda ta' l-insara

**100.** It-talba ta' Kristu lill-Missier qabel il-Passjoni tiegħu biex id-dixxipli tiegħu kollha jkunu ħaġa waħda bejniethom (ara *Ġw* 17, 21-23) għadha sejra sa llum fit-talb u l-ħidma tal-Knisja. Kif jista' jkun li dawk li huma msejħin għall-ħajja konsagrata ma jħossux li huma mpenjati f'din il-ħaġa? Il-ġerħa tal-firda li għadha teżisti sa llum fost l-insara u l-ħtieġa tat-talb u tal-ħidma għall-għaqda ta' l-insara kollha inħassu sewwa fis-Sinodu. Is-sentiment ekumeniku qawwi tal-persuni konsagrati qed jissaħħaħ bl-għarfien li fil-Knejjes u l-Komunitajiet ekkleżjastiċi l-oħra wkoll jeżisti u qed jiffjorixxi il-monakiżmu, kif insibuh fil-Knejjes Orjentali, u qed tiġġedded il-professjoni tal-kunsilli evanġeliċi kif qed jiġri fil-Knisja anglikana u fil-Komunitajiet li ħarġu mir-Riforma.

Ir-rabta intima tal-ħajja konsagrata mal-kawża ta' l-ekumeniżmu, uriha s-Sinodu flimkien ma' ħtieġa aktar qawwija ta' xhieda f'dan il-qasam.

Jekk ir-ruħ ta' l-ekumeniżmu huma t-talb u l-konverżjoni,[245] m'hemmx dubju li l-Istituti ta' ħajja konsagrata u s-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika għandhom id-dmir li jġibu 'l quddiem dan l-impenn. Għalhekk jeħtieġ li l-persuni konsagrati kollha jagħtu aktar żmien għat-talb ekumeniku u għal xhieda vera ta' l-Evanġelju, biex bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu jistgħu jinħattu l-ħitan tal-firda u tal-preġudizzji li hemm fost l-insara.

## Suriet ta' djalogu ekumeniku

**101.** *Il-lectio divina* flimkien fil-komunità biex tingħaraf il-verità, sehem fit-talb flimkien, li fih il-Mulej wiegħed li jkun preżenti (ara *Mt* 18, 20), djalogu ta' ħbiberija u ta' mħabba li bih wieħed jintebaħ kemm hi ħaġa sabiha li l-aħwa jgħammru flimkien (ara *Salm* 133/132), ospitalità kollha tjieba li biha jiġu milqugħin aħwa ta' ħafna komunitajiet insara oħra, għarfien ta' xulxin u bdil ta' doni ma' xulxin, ħidma flimkien f'inizjattivi ta' qadi u ta' xhieda - dawn huma ftit mill-ħafna suriet ta' djalogu ekumeniku, għemil li jogħġob lill-Missier ta' kulħadd, u prova tar-rieda li lkoll flimkien nimxu 'l quddiem fit-triq tal-verità u ta' l-imħabba.[246] L-istudju ta' l-istorja, tad-duttrina, tal-liturġija, u wkoll il-ħidmiet karitattivi u appostoliċi ta' l-insara l-oħra ma jistgħux ma jgħinux biex il-ħidma ekumenika tagħti dejjem aktar frott.[247] Nixtieq inħeġġeġ lil dawk l-Istituti li, jew għax twaqqfu għal dan il-għan jew għax aktar tard ġiethom din is-sejħa, huma mpenjati biex iġibu 'l quddiem l-għaqda ta' l-insara, u għalhekk qed ifittxu inizjattivi ta' studju u ta' ħidma bil-fatti. Ebda Istitut ta' ħajja konsagrata ma għandu jħoss ruħu ħieles mill-ħidma li jaħdem għall-għaqda ta' l-insara. Ħsiebi jmur lejn il-Knejjes kattoliċi orjentali bix-xewqa li permezz tal-ħajja monastika ta' tant irġiel u nisa – il-prosperità tagħhom hi grazzja li ma għandna nieqfu qatt nitolbuha – jgħinu biex isseħħ l-għaqda mal-Knejjes ortodossi, permezz ta' djalogu fl-imħabba u ta' tisħib fi spiritwalità komuni, li l-wirt ta' l-ewwel elf sena meta ma kienx hemm firda bejn il-Knejjes.

B'mod speċjali nafda lill-monasteri tal-ħajja kontemplattiva l-ekumeniżmu spiritwali tat-talb, tal-konverżjoni tal-qlub, u ta' l-imħabba.

245. Ara enċikl. *Ut unum sint* (25 Mejju 1995), 21.
246. Ara *ibid.*, 28.
247. Ara *Propositio* 45.

Għal dan il-għan inħeġġiġhom biex ikunu preżenti fejn komunitajiet insara ta' konfessjonijiet diversi jinsabu f'post wieħed biex id-devozzjoni kollha tagħhom għal "dik il-ħaġa waħda biss meħtieġa" (ara Lq 10, 42), il-qima tagħhom ta' Alla u t-talb tagħhom għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, flimkien max-xhieda tal-ħajja evanġelika skond il-kariżma proprju tagħhom, tħeġġeġ lil kulħadd biex, f'xebħ mat-Trinità Qaddisa, jgħixu f'dik l-għaqda li Kristu ried u li talab lill-Missier għad-dixxipli tiegħu kollha.

## Id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet

**102.** Għaliex "id-djalogu wkoll mal-membri ta' reliġjonijiet oħra hu parti mill-missjoni evanġelizzatriċi tal-Knisja,[248] l-Istituti ta' ħajja konsagrata ma jistgħux jiċħdu li jagħmlu ħidma f'dan il-qasam ukoll, skond il-kariżma proprju tagħhom u skond il-ħsieb ta' l-awtoritajiet ekkleżjastiċi. L-ewwel triq għall-evanġelizzazzjoni ta' l-aħwa ta' reliġjonijiet oħra hi x-xhieda ta' ħajja fqira, umli u safja, kollha mħabba fraterna għal kulħadd. Fl-istess waqt il-libertà ta' l-Ispirtu li hi proprja tal-ħajja konsagrata, tgħin id-"djalogu tal-ħajja'[249] li hu l-eżempju ewlieni ta' dik li hi l-missjoni u t-tħabbira ta' l-Evanġelju ta' Kristu. L-Istituti reliġjużi, fl-għarfien, fir-rispett u fl-imħabba ta' xulxin, jistgħu jfittxu *suriet adatti għad-djalogu* kollu ħbiberija sinċiera għal xulxin, mal-komunitajiet monastiċi ta' reliġjonijiet oħra. Qasam ieħor għall-ħidma flimkien ma' rġiel u nisa ta' tradizzjonijiet reliġjużi oħra, hu *t-tħassib flimkien għall-ħajja tal-bniedem,* li tibda mill-ħniena għal dawk li huma mġarrbin minn tbatijiet spiritwali u korporali u tasal għat-tħabrik favur il-ġustizzja, il-paċi u l-ħarsien ta' l-ambjent. F'dawn l-oqsma l-Istituti ta' ħajja attiva għandhom ifittxu l-ewwelnett ftehim mal-membri ta' reliġjonijiet oħra permezz ta' djalogu ta' ħidma",[250] li jiftaħ it-triq għal relazzjonijiet aqwa.

Qasam tassew importanti għall-ħidma flimkien ma' nies ta' tradizzjonijiet reliġjużi oħra huma *l-isforzi biex tiġi 'l quddiem id-dinjità tal-mara.*

248. Enċikl. *Redemptoris missio,* (7 Diċembru 1990), 55.
249. Kunsill Pont. għad-Djalogu bejn ir-Reliġjonijiet u Kongr. għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus, Ist. *Dialogo e annuncio. Riflessioni e orientamenti* (19 Mejju 1991), 42.
250. *Ibid,* 42B.

In-nisa konsagrati jistgħu jagħtu servizz mill-aqwa fid-dawl ta' l-ugwaljanza u l-komplementarjetà vera tar-raġel u l-mara.[251] F'dan u f'oqsma oħra fejn il-persuni konsagrati jkunu mpenjati fil-qadi tad-djalogu bejn ir-reliġjonijiet hi meħtieġa formazzjoni adatta, kemm formazzjoni fil-bidu u kemm formazzjoni dejjem sejra; u hu meħtieġ ukoll studju u riċerka,[252] għax f'dan il-qasam hekk diffiċli hu meħtieġ għarfien sħiħ tal-Kristjaneżmu u għarfien ukoll tar-reliġjonijiet l-oħra, flimkien ma' fidi qawwija u kobor sħiħ fil-ħajja umana u spiritwali.

## Spiritwalità bħala tweġiba għat-tfittxija ta' dak li hu qaddis u għax-xewqa ta' Alla

**103.** Dawk kollha l-irġiel u nisa li jħaddnu l-ħajja konsagrata, mill-istess natura ta' l-għażla tagħhom, juru ruħhom bħala persuni ewlenin fit-tfittix ta' Alla, li sa minn dejjem qanqal il-qalb tal-bniedem u wassal għal ħafna suriet ta' axxetiżmu u spiritwalità. Illum ukoll f'ħafna postijiet dan it-tfittix qed juri ruħu bil-qawwa kollha bħala tweġiba għall-qawwiet kulturali li qed jippruvaw iwarrbu fil-ġenb, meta ma jiċħduhiex għal kollox, id-dimenzjoni reliġjuża tal-ħajja.

Il-persuni konsagrati huma u jaqdu b'mod ħieles kontinwament u fil-milja kollha tiegħu l-impenn li daħlu għalih, jistgħu jagħtu tweġiba għat-tamiet tan-nies ta' żmienhom, huma u jeħilsuhom minn soluzzjonijiet li kemm-il darba huma soluzzjonijiet qarrieqa għax spiss jiċħdu l-Inkarnazzjoni salvifika ta' Kristu (ara *1 Ġw* 4, 2-3): dawn is-soluzzjonijiet huma dawk, biex insemmu eżempju, li joffru s-setet. Il-persuni konsagrati, huma u jgħixu axxetiżmu personali u komunitarju li jsaffi u jbiddel il-ħajja kollha kemm hi, jagħtu xhieda ta' dak li hu verament it-tfittix ta' Alla, 'il bogħod mill-frugħat ta' l-egoiżmu u s-sesswaliżmu, u fl-istess waqt iwissu biex dan it-tfittix ma hu bl-ebda mod tfittix fin tiegħek innifsek u lanqas xi ħarba fin-njostiċiżmu. Kull persuna konsagrata hi mpenjata li ssaħħaħ il-ħajja tar-ruħ, iżda dan ma jfissirx li tmur barra mir-realtà u lanqas li tingħalaq fik innifsek. Il-persuna konsagrata, hija u tippersevera fis-smigħ ubbidjenti tal-Kelma ta' Alla li l-Knisja tħares u

251. Ara *Propositio* 46.

252. Kunsill Pont. għad-Djalogu bejn ir-Reliġjonijiet u Kong. għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus, Istr. *Dialogo e Annuncio. Riflessioni e orientamenti* (19 Mejju 1991), 42.

tfisser, turi 'l Kristu, maħbub fuq kollox, fil-misteru tat-Trinità bħala tweġiba għax-xewqat l-aktar għoljin tal-qalb tal-bniedem u l-għan aħħari ta' kull mixja reliġjuża miftuħa għal dak li hu traxxendenti.

Mela dmir il-persuni konsagrati hu li jilqgħu bil-ġenerożità kollha u jgħinu spiritwalment lil dawk kollha li, mqanqlin minn Alla u ħerqana li jagħmlu dak li titlob minnhom il-fidi, qed ifittxuhom.[253]

253. Ara *Propositio* 47.

## GHELUQ

### Ġenerożità bla qjies

**104.** Illum ħafna qed jiddubitaw u jistaqsu lilhom infushom: "X'inhi l-ħajja konsagrata? Għalfejn titħaddan din is-sura ta' ħajja, meta hawn tant ħtiġijiet kbar fl-oqsma ta' l-imħabba u ta' l-evanġelizzazzjoni li għalihom wieħed jista' jwieġeb minħajr ma jintrabat bl-impenji partikulari tal-ħajja konsagrata? Tgħid m'hijiex il-ħajja konsagrata sura ta' "ħala" ta' l-enerġiji tal-bniedem, li jistgħu jiġu wzati aħjar għall ġid aqwa, f'ġieħ il-ġens kollu tal-bnedmin u tal-Knisja?"

Dawn il-mistoqsijiet qed isiru llum aktar ta' spiss, minħabba l-utilitarizmu u t-teknokrazija tal-kultura li trid tqies l-importanza ta' kull ħaġa u ta' l-istess persuni mis-"siwi" tagħhom tal-mument. Izda dawn il-mistoqsijiet kienu minn dejjem, kif tfakkarna bil-qawwa kollha l-ġrajja evanġelika tad-dlik tas-saqajn li sar f'Betanja. "Marija ħadet libbra fwieħa ta' nard pur, jiswa ħafna, u dilket biha riġlejn Ġesù u xxuttathomlu b'xagħarha u d-dar imttliet bir-riħa tfuh." (*Ġw* 12, 3). Iżda Ġuda bl-iskuza tal-foqra gerger dwar dak il-ħala, iżda Ġesù wieġbu: "Ħalliha" (*Ġw* 12, 7).

Din it-tweġiba dejjem tiswa għall-mistoqsija li llum ukoll b'fehma tajba qed issir dwar is-siwi tal-ħajja konsagrata: "Ma jistax wieħed juża aħjar ħajtu b'mod aktar effiċjenti u raġjonevoli, biex itejjeb s-soċjetà?" U Ġesù jwieġeb: "Ħalliha".

Lil min jingħata d-don ta' siwi kbir li jimxi wara l-Mulej aktar mill-qrib jifhem b'mod l-aktar ċar li għandu jħobb lilu biss u joffrilu ħajtu kollha, u mhux biss xi ħidma jew xi mumenti jew xi għemil. Il-fwieħa tiswa ħafna li ġiet imxerrda bħala għemil l-aktar safi ta' mħabba, u għalhekk 'il fuq minn kull siwi "utilitarju" tagħha, hi *sinjal ta' ġenerożità liema bħalha* li turi ruħha f'ħajja li twassal għall-imħabba u l-qadi tal-Mulej u għad-dedikazzjoni sħiħa lejh u lejn il Ġisem mistiku tiegħu. Minn din il-ħajja "mxerrda" bla qjies, toħroġ fwieħa li timla d-dar kollha. Id-

Dar ta' Alla, jiġifieri l-Knisja, illum mhux inqas minn dari, tiżżejjen u tistagħna bil-preżenza tal-ħajja konsagrata.

Dak li f'għajnejn in-nies jidher qisu ħala, għal dawk li fil-fond ta' qalbhom inħatfu mill-ġmiel u t-tjieba tal-Mulej, hi tweġiba ċara ta' mħabba, għemil ħieni ta' ħajr għaliex b'mod tassew partikulari ġew imwassla għall-għarfien ta' l-Iben u għal tisħib fil-missjoni tiegħu fid-dinja.

"Jekk xi iben ta' Alla jagħraf u jintebaħ bl-imħabba ta' Alla u b'Alla mhux maħluq, Alla magħmul bniedem, Alla qed ibati, Alla li hu l-ogħla ġid, jagħti kollox u jitwarrab mhux biss mill-ħlejjaq l-oħra, imma wkoll minnu nnifsu, u bil-personalità kollha tiegħu iħobb lil dan Alla ta' l-imħabba biex jinbidel għal kollox f'Alla-bniedem li hu l-Ogħla maħbub".[254]

## Il-ħajja konsagrata hi qadi tas-Saltna ta' Alla

**105.** "X'jiġri mid-dinja jekk ma jkunx hawn reliġjużi?"[255] Lil hemm kull stima superfiċjali tas-siwi tal-ħajja konsagrata, l-ogħla stima nsibuha fil-fatt li l-ħajja konsagrata hi *għadd bla qjies ta' ġenerożità u mħabba* u dan l-aktar meta hemm il-periklu li l-bnedmin jegħrqu fit-tqallib ta' dak kollu li jgħaddi. "Imwarrab dan is-sinjal hekk ċar ta' mħabba, jitfaċċa l-periklu li l-istess imħabba li biha l-Knisja kollha kemm hi titmanta, tiksaħ u l-paradoss salvifiku ta' l-Evanġelju jitlef il-qawwa tiegħu, il-'melħ' tal-fidi jitlef it-togħma tiegħu f'dinja li qed tissekularizza ruħha".[256] Il-ħajja tal-Knisja u l-istess soċjetà tal-bnedmin jeħtieġu dawk il-persuni lesti biex jiddedikaw ruħhom kollhom kemm hu lil Alla u lill-oħrajn għall-imħabba ta' Alla. Bl-ebda mod il-Knisja ma tista' tiċċaħħad mill-ħajja konsagrata *għax din b'qawwa liema bħalha tfisser n-natura tagħha ta' "għerusija".* Fil-ħajja konsagrata il-Knisja ssib ħeġġa u qawwa ġdida għax-xandir ta' l-Evanġelju lill-bnedmin kollha. Jeħtieġ li jkun hemm persuni li b'ħajjithom juru d-dehra paterna tal-Missier u d-dehra materna tal-Knisja biex il-bnedmin l-oħra jiksbu ħajja u tama. Il-Knisja teħtieġ persuni

254. Beata Angela ta' Foligno, *Liber Beatae Angelae a Fulginia* p. 683.
255. Santa Tereża ta' Ġesù *Libro de la vida,* c.32, 11.
256. Pawlu VI, Eżort. app. *Evangelica testificatio* (29 Ġunju, 1971), 3.

konsagrati li qabel stess ma jimpenjaw ruħhom f'xi kawza jew oħra ta' ġieħ liema bħalu, iħallu ruħhom li jinbidlu mill-grazzja ta' Alla u jiksbu xebh sħiħ ma' l-Evanġelju.

Il-Knisja ssib f'idejja dan id-don hekk kbir u b'radd il-ħajr liema bħalu timpenja ruħha li ġġibu 'l quddiem, b'rispett sħiħ, bit-talb u wkoll bi stedina ċara ha jiġi milqugħ. Jiswa ħafna li l-Isqfijiet, il-presbiteri u d-djakni li huma konvinti li din is-sura ta' ħajja evanġelika hi l-ogħla ħajja, iħabirku biex jagħarfu u jġibu 'l quddiem bil-predikazzjoni u d-dixxern-iment u d-direzzjoni spiritwali ż-żerriegħa ta' dawn il-vokazzjonijiet. Barra dan il-Knisja tistenna li l-fidili kollha jitolbu bla heda għall-persuni konsagrati kollha, biex il-ħeġġa u l-ħila tagħhom għall-imħabba hekk jikbru li jaslu biex ixerdu l-fwieħa ta' Kristu (ara 2 *Kor* 2, 15) fis-soċjetà ta' llum. Fl-aħħarnett il-komunità nisranija kollha – ragħajja, lajċi, persuni konsagrati – hi responsabbli għall-ħajja konsagrata u wkoll billi tilqa' u tgħin vokazzjonijiet ġodda.[257]

**Liż-żgħażagħ**

**106.** Lilkom żgħażagħ, ngħidilkom: Jekk tintebħu bis-sejħa tal-Mulej, twarbuhiex! Minnflok ingħaqdu bil-qawwa kollha mal-movimenti kbar ta' qdusija għal wara Kristu, li taw bidu għalihom tant qaddisin irġiel u nisa magħrufin. Għożżu l-ideali għoljin ta' żogħżitkom, u bil-ħeġġa kollha wkoll ħaddnu l-pjan ta' Alla għalikom, jekk qed jistedinkom biex titqaddsu f'ħajja konsagrata. Ammiraw l-għemejjel kollha ta' Alla fid-dinja, iżda kunu lesti li titfgħu l-ħarsa ta' għajnejkom fuq dak li qatt ma se jintemm.

It-tielet elf sena qed tistenna l-ġid li se jiġi mill-fidi u mit-tħabrik ta' kotra kbira ta' żgħażagħ konsagrati, biex id-dinja tkun aktar fis-sliem u aktar mħejjija biex tilqa' lil Alla u fih 'l uliedu kollha.

**Lill-familji**

**107.** U issa nkellem lilkom familji nsara. Ġenituri, roddu ħajr lil Alla jekk sejjaħ xi ħadd minn uliedkom għall-ħajja konsagrata. Għandu jitqies, kif kien min dejjem, ġieħ kbir jekk fuq xi familja Alla xeħet ħarstu u għażel xi membru minnha biex imexxih għall-ħajja hienja tal-kunsilli evanġeliċi. Għożżu x-xewqa li tagħtu lil xi ħadd minn uliedkom, biex

hekk l-imħabba ta' Alla tikber fost il-bnedmin. Xi frott isbaħ minn dan jista' jkun hemm ta' l-imħabba fiż-żwieġ?

Jeħtieġ li wieħed jiftakar li jekk il-ġenituri ma jgħixux skond il-valuri ta' l-Evanġelju, iż–żgħażagħ isibuha bi tqila li jagħrfu l-vokazzjoni, li jifhmu l-ħtieġa tas-sagrifiċċji li jridu jagħmlu u jifhmu l-ġmiel ta' l-għan li jrid jintlaħaq. Hu fil-familja li ż-żgħażagħ jiksbu l-ewwel esperjenzi tal-valuri ta' l-Evanġelju u ta' dik l-imħabba li tingħata lil Alla u lill-oħrajn. Jeħtieġ ukoll li jkunu mħarrġin sewwa kif jużaw b'mod responsabbli l-libertà tagħhom, biex ikunu mħejjija jgħixu skond l-ogħla realtajiet spiritwali, jekk dan titolbu minnhom il-vokazzjoni tagħhom.

Nitlob lilkom, familji nsara, biex bit-talb tagħkom u b'rabta ma' Alla bil-ħajja sagramentali tagħkom tkunu post adatt fejn jintlaqgħu l-vokazzjonijiet.

## Lill-irġiel u n-nisa ta' rieda tajba

**108.** Lill-irġiel u lin-nisa kollha li jridu jisimgħu l-kelma tiegħi, nixtieq nagħmlilhom stedina biex ifittxu t-triqat li jwaslu għand Alla ħaj u veru, it-triqat ukoll tal-ħajja konsagrata. Din hi x-xhieda li jagħtu l-persuni konsagrati: "Dawk kollha li jimxu wara Kristu, il-Bniedem perfett, issiru aktar bnedmin".[258] Kemm persuni konsagrati tbaxxew u għadhom jitbaxxu bħas-Samaritan it-tajjeb fuq il-ġerħat bla qjies ta' ħuthom li magħhom jiltaqgħu fit-triq!

Ħarsu lejn dawn il-persuni, maħtufin minn Kristu li juru, fit-trazzin tagħhom infushom, imwettaq mill-grazzja u l-imħabba ta' Alla, li hemm id-duwa kontra r-regħba għall-ġid, għall-pjaċiri u għall-ħakma. Tinsewx il-kariżmi li sawwru lil dawk in-nies li fittxew lil Alla b'mod tassew ta' l-għaġeb, u lil dawk li kienu benefatturi tal-bnedmin u wrew triqat żguri lil dawk li bis-sinċerità kollha kienu qed ifittxu lil Alla. Ħarsu lejn l-għadd hekkk kbir ta' qaddisin li laħqu l-kobor tagħhom f'din is-sura ta' ħajja. qisu l-ġid kollu li l-bieraħ u llum waslu għand il-bnedmin minn dawk li ddedikaw ruħhom lil Alla. Tgħid, din id-dinja tagħna ma teħtieġ xejn dawn ix-xhieda hienja u dawn il-profeti tal-qawwa benefika ta' l-imħabba ta' Alla? U tgħid id-dinja ma teħtieġ xejn dawk l-irġiel u n-nisa li

257. Ara *Propositio* 48.
258. *Gaudium et spes*, 41.

b'ħajjithom u ħidmiethom għarfu jiżirgħu ż-żerriegħat tas-sliem u tal-fraternità?[259]

**Lil-persuni konsagrati**

**109.** U lilkom l-ewwelnett, irġiel u nisa konsagrati, rrid nwassal bil-fiduċja kollha din l-eżortazjoni tiegħi: għajxu fil-milja kollha tagħha id-dedikazzjoni tagħkom lil Alla, biex mid-dinja qatt ma jonqos dak ir-raġġ tal-ġmiel ta' Alla, li jdawwal il-mixi ta' l-eżistenza tal-bniedem. L-insara, li jinsabu f'nofs il-ħidmiet u l-ħsibijiet kollha tad-dinja, imma msejħin għall-qdusija, għandhom jaraw fikom qlub safja li bil-fidi "jaraw" lil Alla, bnedmin qegħdin dejjem għal dak li jagħmel fihom l-Ispirtu s-Santu, huma u jħaffu 'il quddiem b'fedeltà lejn il-kariżma tal-vokazzjoni u l-missjoni tagħhom. Tafu tajjeb li dħaltu fit-triq tal-konverżjoni dejjem sejra, ta' dedikazzjoni biss għall-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, biex tagħtu xhieda aqwa għall-grazzja li tbiddel il-ħajja nisranija. Id-dinja u l-Knisja qed ifittxu dawn ix-xhieda veri ta' Kristu. Il-ħajja konsagrata hi don li Alla jqiegħed quddiem għajnejn kulħadd biex kulħadd jagħraf li "ħaġa waħda biss hi meħtieġa" (ara *Lq* 10, 42). Ix-xhieda għal Kristu bil-ħajja u bl-għemil u bil-kliem hu d-dmir speċjali tal-ħajja konsagrata fil-Knisja u fid-dinja.

Kunu afu f'min emmintu (ara 2 *Tim* 1, 12): offrulu kollox! Iż-żgħażagħ ma jitqarrqux: huma u jersqu lejkom jixtiequ jaraw fikom dak li ma jarawx f'ħadd ieħor. Dmir li ma jintemm qatt qed jistenniekom fil-ġejjieni: l-aktar iż-żgħażagħ konsagrati, bix-xhieda tal-konsagrazzjoni tagħhom, jistgħu iħajru lil dawk ta' mparhom għat-tiġdid ta' ħajjithom.[260] Imħabba kollha ħeġġa għal Ġesù Kristu tiġbed bil-qawwa kollha lil dawk iż-żgħażagħ li fit-tjieba tiegħu qed isejjaħ biex jimxu warajh mill-qrib għal dejjem. In-nies ta' żmienna jixtiequ jaraw fil-persuni konsagrati dak il-ferħ li jiġi mill-fatt li qegħdin mal-Mulej.

Għixu bil-fedeltà kollha, intom persuni konsagrati, l-impenn tagħkom lil *Alla*, anzjani u żgħażagħ, biex tinbnew flimkien u tgħinu lil xulxin. Għalkemm hemm diffikultajiet li xi kull tant ikollkom tiltaqgħu

259. Ara Pawlu VI, Eżort. app. *Evangelica testificatio* (29 Ġunju 1971), 53; Eżort. app. *Evangelii nuntiandi* (8 Diċembru 1975), 59.
260. Ara *Propositio* 16.

magħhom, u minkejja li l-istima għall-ħajja konsagrata qed tonqos fil-fehma ta' xi nies, jibqagħlkom dejjem id-dmir li tħeġġu n-nies ta' żmienna jerfgħu għajnejhom 'il fuq u ma jħallux jegħlbuhom l-ħsibijiet tal-ħajja ta' kull jum, imma jħallu 'l Alla u l-Evanġelju ta' Ibnu jaħtfuhom. Tinsewx li b'mod li hu proprju tagħkom li intom għandkom tkunu mhux biss ta' Kristu, imma li tkunu "intom Kristu"![261]

## Ħarsa lejn il-ġejjieni

**110.** M'għandkomx biss xi ġrajja glorjuża li tiftakru fiha u tħabbruha lill-oħrajn, imma *hemm ukoll ġrajja li għad trid issir.* Ħarsu lejn il-ġejjieni li lejh qed jimbuttakom l-Ispirtu biex tagħmlu ħwejjeġ ogħla.

Agħmlu ħajjitkom sura ta' stennija ħerqana fi Kristu Ġesù. Morru ltaqgħu miegħu bħala xebbiet għaqlin sejrin lejn l-Għarus, kunu dejjem imħejjin, fidili lejn Kristu u l-Knisja, lejn l-Istitut tagħkom u lejn in-nies ta' llum.[262] Hekk minn jum għall-ieħor tiġġeddu fi Kristu u bl-Ispirtu tiegħu ibnu komunitajiet biex miegħu taħslu saqajn il-foqra u tgħinu għat-tibdil tad-dinja bil-mod proprju tagħkom, li ma hemmx wieħed aħjar minnu. Din id-dinja, fdata f'idejn il-bnedmin, li waslet biex ma ddumx ma tagħti bidu għall-elf sena oħra, jalla tkun aktar umana u ġusta, tagħti tifsir u ħjiel minn qabel tad-dinja li għad trid tiġi fejn Hu, il-Mulej umli u glorjuż, fqir u mtella' 'l fuq, ikun il-ferħ sħiħ għal dejjem tagħna u ta' ħutna mal-Missier u l-Ispirtu s-Santu.

## Talba lit-Trinità

**111.** Ifraħ, Trinità Qaddisa, imbierka u għajn ta' kull barka, ferraħ lil uliedek kollha, li sejjaħt biex jistqarru l-kobor ta' mħabbtek, u wkoll tat-tjieba kollha ħniena tiegħek u ta' ġmielek.

*Missier qaddis,* qaddes 'l uliedek li huma tiegħek u konsagrati għall-glorja ta' Ismek. Kun magħhom bis-setgħa tiegħek biex ikunu jistgħu jagħtu xhieda tiegħek, bidu ta' kollox u għajn ta' mħabba u ħelsien

261. Santu Wistin, *In Ioannis Evangelium* XXI, 8.
262. Ara Kongr. għar-Reliġjużi u għall-Istituti sekulari, Dok. *Religiosi e promozione umana* (2 Awissu 1980), 13-21.

kullimkien. Inroddulek ħajr għad-don tal-ħajja konsagrata li tfittex bil-fidi u bil-missjoni universali tagħha tistieden lil kulħadd biex jimxi lejk.

*Ġesù Feddej,* Verb magħmul bniedem, li fdajt is-sura ta' ħajtek lil dawk li sejjaħt, kompli sejjaħ u iġbed lejk nies li, għan-nies ta' llum, ikunu amministraturi tal-ħniena tiegħek, ħabbâra minn qabel tal-miġja tiegħek, sinjali ħajja tal-Qawmien u ta' kull ġid. Ħalli ma jifridhom qatt minnek ebda tiġrib.

*Spirtu Qaddis,* imħabba msawwba fil-qlub, li tagħti grazzja u ispirazzjoni lill-fehmiet tagħna, għajn ta' ħajja li ma tiġi nieqsa qatt, li twassal għat-tmiem tagħha il-missjoni ta' Kristu permezz ta' ħafna kariżmi, nitolbuk għall-persuni konsagrati kollha. Imlielhom qalbhom biċ-ċertezza li ntgħażlu biex iħobbu, ifaħħru u jaqdu, agħtihom li jgawdu l-ħbiberija tiegħek, imliehom bil-ferħ u l-faraġ, għinhom jegħelbu mumenti ta' diffikultà u mimlijin fiduċja jerġgħu jqumu jekk jaqgħu, ħa jkunu xbihat tal-ġmiel ta' Alla. Agħti qawwa lil dawk li għandhom quddiemhom l-isfidi ta' żmienna, u agħtihom il-grazzja li jwasslu lill-bnedmin kollha t-tjieba u l-imħabba ta' Alla s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu (ara *Tit* 3, 4).

## Talba lill-Verġni Marija

**112.** Marija xbieha tal-Knisja, l-Għarusa bla tebgħa u bla tikmixa, li f'xebħ miegħek "ħarset xbubitha, b'fidi sħiħa, tama żgura, imħabba sinċiera"[263] wettaq il-persuni konsagrati biex ifittxu biss dik il-Beatitudni waħdanija u għal dejjem.

Verġni tal-Viżitazzjoni, lilek nafdaw il-persuni konsagrati kollha biex jagħrfu jersqu lejn il-ħtiġijiet tal-bnedmin, imma qabel xejn iwasslulhom 'l Kristu. Għallimhom iħabbru l-għeġubijiet li l-Mulej jagħmel fid-dinja, biex il-ġnus kollha jgħollu lill-isem qaddis tiegħu. Wettaqhom fil-ħerqa tagħhom favur il-foqra, l-imġewħin, ma' dawk li tilfu kull tama, l-abbandunati kollha, u ma' dawk kollha li b'safa ta' qalb qed ifittxu lil Ibnek. Lilek, o Omm, li tixtieq it-tiġdid spiritwali u appostoliku ta' wliedek bi tweġiba ta' Imħabba u ta' dedikazzjoni sħiħa lil Kristu, noffrulek din it-talba kollha fiduċja. Int li għamilt ir-rieda tal-Missier, dejjem lesta li tagħmel ir-rieda tiegħu, qawwija fil-faqar, għajn ta' fertilità

263. *Lumen gentium,* 64.

u ta' ospitalità fil-verġinità tiegħek, aqla' minn għand Ibnek li dawk kollha li kisbu id-don li jimxu warajh f'ħajja konsagrata, ikunu jistgħu jagħtu xhieda ta' dan id-don bil-ħajja mibdula tagħhom, biex bil-ferħ ikunu jistgħu jkomplu mexjin 'il quddiem flimkien ma' ħuthom kollha lejn pajjiżna tas-sema u lejn id-dawl li qatt ma jgħib.

Dan nitolbuk li f'kulħadd u f'kull wieħed tingħata glorja, ġieħ u mħabba li Dak li Hu s-Sid Għoli ta' kollox, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

Minn Ruma, minn San Pietru fil-25 ta' Marzu, f'jum is-solennità tat-Tħabbira tal-Mulej, 1996, fit-tmintax-il sena tal-pontifikat.

***Ioannes Paulus pp. II***

## WERREJ

### Daħla


2. Radd il-ħajr għall-ħajja konsagrata 3
3. Il-ħajja konsagrata hi don mogħti lill-Knisja 4
4. Niġbru l-frott tas-Sinodu 5
5. Il-ħidma ta' l-Ispirtu fil-ħafna suriet tal-ħajja konsagrata 6
6. Il-ħajja monastika fil-lvant u fil-punent 7
7. L-ordni tal-verġni, ta' l-eremiti, tar-romol 8
8. Istituti dedikati kollhom kemm huma għall-kontemplazzjoni 9
9. Il-ħajja reliġjuża appostolika 9
10. L-Istituti sekulari 10
11. Is-Soċjetajiet ta' ħajja appostolika 11
12. Suriet ġodda ta' ħajja konsagrata 11
13. L-għan ta' din l-eżortazzjoni appostolika 12


Kapitlu I

### Confessio Trinitatis

Il-Bidu tal-Ħajja Konsagrata fil-Misteru ta' Kristu u tat-Trinità Qaddisa


14. Xbihat ta' Kristu trasfigurat 14
15. "... tbiddel quddiemhom ..." 15
16. "Dan hu Ibni l-għażiż: isimgħu lilu" 16


I. B'tifħir lit-Trinità Qaddisa


17. Mill-Missier għall-Missier: l-inizjattiva ta' Alla 18
18. L-Iben: fil-passi ta' Kristu 19
19. Fl-Ispirtu: konsagrati mill-Ispirtu s-Santu 20
20. Il-kunsilli evanġeliċi, don tat-Trinità qaddisa 21

21. Il-kunsilli evanġeliċi huma rifless tal-ħajja tat-Trinità qaddisa 22
22. Konsagrati bħal Kristu għas-saltna ta' Alla 23

II. Bejn l-Għid u t-Tmiem ta' Kollox

23. Mit-Tabor sal-Kalvarju 24
24. Il-ħajja konsagrata u l-misteru ta' l-Għid 25
25. Xhieda ta' Kristu fid-dinja 26
26. Id-dimensjoni eskatoloġika tal-ħajja konsagrata 27
27. Tama ħajja, impenn u għassa 28
28. Il-Verġni Marija, eżempju ta' konsagrazzjoni u ta' mixi wara l-Mulej 29

III. Fil-Knisja u għall-Knisja

29. "Kemm hu sew li aħna hawn" – Il-ħajja konsagrata fil-misteru tal-Knisja 31
30. Konsagrazzjoni ġdida u speċjali 31
31. Ir-relazzjonijiet bejn is-suriet diversi tal-ħajja nisranija 33
32. Il-ġid spiritwali tal-ħajja konsagrata 34
33. Xhieda ta' l-Evanġelju tal-Beatitudnijiet 36
34. Ix-xbieha ħajja tal-Knisja-Għarusa 37

IV. Immexxijin mill-Ispirtu ta' Mħabba

35. Eżistenza "trasfigurata": sejħa għall-qdusija 38
36. Fedeltà lejn il-kariżma 39
37. Fedeltà kreattiva 40
38. Talb u axxetiżmu: taqbida spiritwali 41
39. Inġibu 'l quddiem il-qdusija 42
40. "Qumu. La tibżgħux": fiduċja mġedda 43

Kapitlu II
**Signum Fraternitatis**
Il-Ħajja Konsagrata: Sinjal ta' Xirka fil-Knisja

I. Valuri li jibqgħu

41. Bħal xbieha tat-Trinità 44
42. Ħajja ta' l-aħwa fl-imħabba 45

43. Id-dmir ta' l-awtorità 46
44. Sehem l-anzjani 47
45. Bħall-komunitajiet ta' żmien l-Appostli 48
46. Inħossu mal-Knisja 48
47. Il-fraternità fil-Knisja universali 50
48. Il-ħajja konsagrata u l-Knisja partikulari 51
49. Xirka ekkleżjali li tagħti l-frott u tkun organizzata tajjeb 52
50. Djalogu dejjem sejjer, mogħti l-ħajja mill-imħabba 53
51. Fraternità f'dinja mifruda u ħażina 54
52. Xirka bejn Istituti differenti 55
53. Kordinament bejn l-Istituti 56
54. Xirka u koperazzjoni mal-lajċi 57
55. Għat-tiġdid ta' dinamiżmu spiritwali u appostoliku 58
56. Lajċi volontarji u assoċjati 58
57. Id-dinjità u l-ħidma tal-mara konsagrata 59
58. Tamiet ġodda ta' preżenza u ta' ħidma 59

II. Il-Ħidma perseveranti ta' l-Ispirtu s-Santu
Fedeltà fit-Tiġdid

59. Il-klawstrali 62
60. Istituti lajkali 64
61. Istituti mħallta 66
62. Suriet ġodda ta' ħajja evanġelika 66

III. B'ħarsa lejn il-ġejjieni

63. Diffikultajiet u previżjonijiet 69
64. Sforzi ġodda biex jiġu 'l quddiem il-vokazzjonijiet 70
65. L-impenn fil-formazzjoni tal-bidu 72
66. Ħidma ta' l-għalliem fil-formazzjoni 73
67. Tħejjija komunitarja u appostolika 74
68. Formazzjoni sħiħa u adatta għal żminijietna 75
69. Formazzjoni dejjem sejra 75
70. Fi tħabrik dejjem sejjer għall-fedeltà 76
71. Il-karattru tal-formazzjoni dejjem sejra 78

Kapitlu III
**Servitium Caritatis**
Il-Ħajja Konsagrata
Dehra ta' l-Imħabba ta' Alla għad-Dinja

72. Konsagrati għall-missjoni 80
73. Għall-qadi ta' Alla u tal-ġens tal-bnedmin 81
74. Koperazzjoni ekkleżjali u spiritwalità appostolika 82

I. Imħabba sa l-aħħar

75. Imħabba bil-qalb ta' Kristu 83
76. Il-kontribut speċifiku tal-ħajja konsagrata għall-Evanġelizzazzjoni 85
77. L-ewwel Evanġelizzazzjoni: tħabbar 'l Kristu lill-ġnus 85
78. Preżenti kullimkien fid-dinja 86
79. It-tħabbira ta' Kristu u l-inkulturazzjoni 88
80. L-inkulturazzjoni tal-ħajja konsagrata 89
81. L-evanġelizzazzjoni l-ġdida 90
82. Ħerqa u mħabba għall-foqra u promozzjoni tal-ġustizzja 91
83. Għajnuna lill-morda 93

II. Xhieda profetika quddiem sfidi kbar

84. Il-karattru profetiku tal-ħajja konsagrata 94
85. L-importanza tal-profezija għad-dinja ta' llum 95
86. Fedeltà sal-martirju 96
87. L-isfidi ewlenin tal-ħajja konsagrata 96
88. L-isfida tal-kastità konsagrata 97
89. L-isfida tal-faqar 98
90. Il-faqar evanġeliku u l-qadi tal-foqra 99
91. L-isfida tal-libertà fl-ubbidjenza 100
92. Flimkien biex isseħħ ir-rieda tal-Missier 101
93. Impenn deċisiv fil-ħajja spiritwali 101
94. Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla 103
95. F'xirka ma' Kristu 104

III. Oqsma ġodda għall-Missjoni

96. Fid-dinja ta' l-edukazzjoni 105
97. Il-ħtieġa tat-tiġdid fl-impenn għall-qasam ta' l-edukazzjoni 106
98. L-evanġelizzazzjoni tal-kultura 107
99. Preżenti fil-qasam tal-komunikazzjoni soċjali 109

IV. Djalogu ma' kulħadd

100. Għall-qadi ta' l-għaqda ta' l-insara 110
101. Suriet ta' djalogu ekumeniku 111
102. Id-djalogu bejn ir-reliġjonijiet 112
103. Spiritwalità bħala tweġiba għat-tfittix ta' dak li hu qaddis u għax-xewqa ta' Alla 113

**Għeluq**

104. Ġenerożità bla qjies 115
105. Il-ħajja konsagrata hi qadi tas-Saltna ta' Alla 116
106. Liż-żgħażagħ 117
107 Lill-familji 118
108. Lill-irġiel u nisa ta' rieda tajba 118
109. Lill-persuni konsagrati 119
110. Ħarsa lejn il-ġejjieni 120
111. Talba lit-Trinità 120
112. Talba lill-Verġni Marija 121

# Quddiesa Votiva tal-Ħniena ta' Alla

## *Ib IL-ĦNIENA TA' ALLA*

**Antifona ta' l-introjtu** ara Ġer 31,3; 1 Ġw 2,2

B'imħabba ta' dejjem Alla ħabbna;
Bagħat lil Ibnu l-waħdieni biex iħallas għal dnubietna,
mhux għal tagħna biss, imma wkoll għal dawk tad-dinja kollha.

**Kolletta**

O Alla, il-ħniena tiegħek hi bla għadd,
u t-tjieba tiegħek hi bla qjies:
fil-ħniena tiegħek,
kabbar il-fidi tal-poplu qaddis tiegħek,
biex ilkoll jifhmu b'għarfien xieraq
b'liema mħabba nħolqu,
b'liema demm ġew mifdija,
b'liema Spirtu twieldu mill-ġdid.
B'Ibnek.

**Talba fuq l-offerti**

Fit-tjieba tiegħek, Mulej, ilqa' l-offerti tagħna,
u ibdilhom fis-sagrament tal-fidwa tagħna,
li hu t-tifkira tal-mewt u l-qawmien mill-imwiet ta' Ibnek,
biex bil-qawwa ta' dan is-sagrifiċċju,
b'fiduċja sħiħa fi Kristu,
naslu għall-ħajja ta' dejjem.
Bi Kristu Sidna.

**Antifona tat-tqarbin** Salm 103,17

It-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem
ma' dawk li għadhom il-biża' tiegħu.

*jew* Ġw 19,34

Wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza,
u minnufih ħareġ demm u ilma.

**Talba wara t-tqarbin**

O Alla ħanin, agħtina
li mwettqin bil-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek,
li mwettqin bil-Ġisem d-Demm ta' Ibnek,
bil-fiduċja kollha nimlew l-ilma mill-għejun tal-ħniena,
u dejjem aktar nuru ħniena ma' ħutna.
Bi Kristu Sidna.

## QARI GĦAL-LITURĠIJA TAL-KELMA

**Lezzjoni I mit-Testment il-Ġdid**

1 Piet 1,3-9: *Fil-ħniena tiegħu wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.*
Ikun imbierek Alla u Missier ...

**Salm responsorjali** Salm 117, 2-4. 13-15. 22-24

R) Faħħru l-Mulej għax hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

Hallelujah u vers qabel l-Evanġelju

Ara Salm 144,9: Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej,
tjubitu fuq kull ma jagħmel.

**Evanġelju**

1. Mt 20,25b-28: *Bin il-bniedem ġie biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra:*

   F'dak iż-żmien Ġesù sejjaħ lid-dixxipli tiegħu, u qalilhom: "Tafu intom li l-kbarat qegħdin hemm biex jikkmandaw ..."

2. Ġw 15,9-14: *Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu:*

   F'dak iż-żmien Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Kif ħabbni Missieri ..."

*Jista' jintuża wkoll il-qari tal-Quddiesa votiva tad-Demm Għażiż ta' Ġeżu Kristu, jew tal-Quddiesa votiva tal-Qalb ta' Ġesù.*

# Quddies ta' Qaddisin Ġodda li daħlu fil-Kalendarju Liturġiku tal-Knisja Universali

23 ta' April

## San Adalbertu, Isqof u Martri

Mill-Komun tar-Ragħajja ta' l-erwieħ, jew ta' Martri wieħed.

**Kolletta**

O Alla, int żejjint bil-kuruna tal-martirju
lill-isqof San Adalbertu, kollu ħeġġa għall-erwieħ:
agħmel li, bit-talb tiegħu,
la tonqos l-ubbidjenza tal-merħla lir-ragħajja,
u lanqas il-ħerqa tar-ragħajja għall-merħla.
B'Ibnek.

**Liturġija tal-Kelma**

Lezzjoni I: 2 Kor 6,4-10 *Bħala nies f'xifer il-mewt, għad li aħna ħajjin*
Salm resp.: Salm 30, 3cd-4.5 u 8ab. 16bc-17: *F'idejk, Mulej, jien nerħi ruħi*
Hallelujah: Ġw 17,19: *Jien minħabba fihom nikkonsagra lili nnifsi, biex huma wkoll ikunu ikkunsagrati permezz tal-verità.*
Evanġelju: Ġw 10,11-16: *Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-ngħaġ tiegħu.*

LITURĠIJA TAS-SIGĦAT

23 ta' April

*San Adalbertu, Isqof u Martri*

Twield fil-Boemja (Lidice) qrib is-sena 956. Studja f'Magdeburg u hemm, fil-Konfermazzjoni, ħa l-isem ta' Adalbertu. Lura f'pajjiżu, ġie ordnat saċerdot u fis-sena 983 ġie nominat bħala t-tieni isqof ta' Praga; ħabrek ħafna biex jeqred id-drawwiet pagani. Meta ra li t-tħabrik tiegħu ftit kien

qed jagħti frott, mar Ruma u sar raheb. Imbagħad biex jirbaħ erwieħ għal Kristu mar fil-Prussja. Ġie milqugħ ħażin u fit-23 ta' April 997 kiseb il-kuruna tal-martirju.

Mill-Komun tar-Ragħajja ta' l-erwieħ, jew ta' Martri wieħed.

LEZZJONI II

## Mill-ħajja, miktuba minn kittieb ta' żmienu
## *(Acta Sanctorum, Aprilis III, pp. 186-187)*

### *Ħaddan is-Salib b'ġismu kollu*

Il-poplu baxx u bla ħila nġabar minn kullimkien, jistenna b'leħen ta' qilla u b'ħalq miftuħ bħal klieb x'kien se jagħmel sid il-belt. Imbagħad dak il-bniedem qaddis, mistoqsi minn fejn kien u għalfejn kien mar hemm, għal dak l-għajat wieġeb bil-ħlewwa kollha: "Twelidt fil-Boemja, jisimni Adalbertu, ta' professjoni raheb, Isqof mill-Ordni li għandi, u issa dmiri hu li nkun appostlu tagħkom. Ir-raġuni tal-vjaġġ tiegħi hi s-salvazzjoni tagħkom, biex tħallu x-xbihat tagħkom torox u mbikkma, u tagħrfu lil Dak li ħalaqkom, li waħdu hu Alla u ma hemmx Alla ieħor għajru, biex, jekk temmnu f'ismu ikollkom il-ħajja, u jkun jistħoqqilkom tiksbu l-premju fl-għamajjar li qatt ma jiġu nieqsa ta' l-hena tas-sema". Hekk tkellem San Adalbertu. Iżda huma li kienu ilhom kollhom qilla għalih, b'ħafna għajat u kliem ta' dagħa kontrih heddewh bil-mewt.

Fl-aħħar faret il-qilla pagana u b'qawwa kbira inxteħtu fuqu u fuq sħabu u tefgħuhom fil-ħabs bil-ktajjen. San Adalbertu bil-wieqfa, quddiem Gawdenz u wieħed ieħor mill-aħwa marbut bil-ktajjen, qal: "Ħuti, titnikktux. Kunu afu li qed inbatu dan għall-isem il-Mulej, li l-qawwa tiegħu hi aqwa minn kull qawwa oħra, li ġmielu hu 'l fuq minn kull ġmiel ieħor, ta' setgħa li ma titfissirx bi kliem, ta' tjieba liema bħalha: x'hemm aqwa, x'hemm isbaħ, x'hemm aktar ħelu milli tagħti ħajtek għal Ġesù ħelu?"

Hareġ minn nofs il-ġemgħa mgħaddba, kollu qilla, Siggo, ixejjer b'ħiltu kollha gavellot kbir, u bih nifidlu qalbu. Ċarċar id-demm ħamrani mill-feriti fuq iż-żewġ naħat ta' ġenbu. Hu b'għajnejh u idejh merfugħin lejn is-sema kien jitlob. Ħarġet xmara ħamra minn għajn għonja, u malli l-gavelott nqala' dehru seba' feriti kbar.

Maħlul mill-ktajjen fetaħ idejh qisu fuq salib u ħerqan talab lill-Mulej b'talb bla heda għas-salvazzjoni tiegħu u ta' dawk li kienu jippersegwitawh. Hekk dik ir-ruħ qaddisa ħarġet mill-ħabs tagħha, hekk dak il-ġisem nobbli qisu fuq salib ħa post fuq l-art; u hekk ukoll offra ħajtu b'ħafna

tixrid ta' demm, u issa qed igawdi fl-hena tas-sema, 'l Kristu dejjem maħbub minnu.

RESPONSORJU 1 Tes 2,8; Gal 4,19

R) Aħna għożżejnikom hekk li ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju imma ħajjitna stess: * Daqskemm ħabbejnikom.
V) Uliedi, għal darb'oħra qiegħed inħoss l-uġigħ tal-ħlas sakemm Kristu jissawwar fikom. * Daqskemm ħabbejnikom.

*Talba*

O Alla, int żejjint bil-kuruna tal-martirju
lill-Isqof San Adalbertu, kollu ħeġġa għall-erwieħ;
agħmel li bit-talb tiegħu
la tonqos l-ubbidjenza tal-merħla lir-ragħajja
u lanqas il-ħerqa tar-ragħajja għall-merħla.
B'Ibnek.

**2 ta' Awissu**

# San Pietru Ġiljan Eymard, presbiteru

**Kolletta**

O Alla, int żejjint lil San Pietru Ġiljan Eymard
b'imħabba ta' l-għaġeb
għall-misteri qaddisa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek:
fit-tjieba tiegħek agħtina
li jkun jistħoqqilna niksbu dik il-qawwa u s-saħħa
li hu kien jikseb minn din l-ikla tal-Mulej.
B'Ibnek,

**Liturġija tal-Kelma**

Lezzjoni I: Atti 4,32-35: *Qalb waħda u ruħ waħda*
Salm resp.: Salm 33, 2-3.4-5.6-7.8-9.10-11: *Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej*
Hallelujah: Ġw 15, 4a.5b: *Ibqgħu fija u jiena nibqa' fikom; min jibqa' fija, dan jagħmel ħafna frott*
Evanġelju: Ġw 15,1-8: *Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott*

LITURĠIJA TAS-SIGĦAT

2 ta' Awissu

## *San Pietru Ġiljan Eymard, presbiteru*

Twieled fil-belt ta' La Mure fi Franza fl-1811. Ordnat saċerdot, wara xi snin impenjat f'ħidma pastorali, daħal fis-Soċjetà ta' Marija. Devot tassew ta' l-għaġeb tal-misteru ewkaristiku, waqqaf kongregazzjonijiet ta' reliġjużi, irġiel u nisa, dedikati għall-qima ta' l-Ewkaristija; ta bidu għal ħafna attivitajiet mill-aktar adatti biex iġib 'il quddiem l-imħabba lejn l-Ewkaristija fost nies ta' kull kondizzjoni. Miet fl-1 ta' Awissu 1868, fil-belt fejn twiled.

Mill-Komun tar-Ragħajja ta' l-erwieħ, jew tal-Qaddisin irġiel, għar-reliġjużi.

LEZZJONI II

Mill-Kitbiet ta' San Pietru Ġiljan Eymmard, presbiteru *La Presence réelle, Paris 1950, pp. 270-272 iu 308-309)*

## *L-Ewkaristija, sagrament tal-ħajja*

L-Ewkaristija hi l-ħajja tal-ġnus kollha. L-Ewkaristija tagħtihom il-bidu tal-ħajja. Kulħadd, mingħajr ebda tfixkil minħabba n-nazzjon jew l-ilsien tiegħu, jista' jieħu sehem fil-festi mqaddsa tal-Knisja. L-Ewkaristija tagħtihom il-liġi tal-ħajja u ta' l-imħabba wkoll, li tagħha dan is-sagrament hu l-għajn: għalhekk b'dan il-mod l-Ewkaristija tħejji u toħloq fihom rabta bejniethom, tagħtihom sura ta' qraba ta' xulxin bħala nsara. Ilkoll jieklu mill-istess ħobża waħda; ilkoll mistednin għall-ikla ta' Ġesù Kristu, li joħloq fosthom b'mod sopranaturali għaqda ta' drawwiet bejn l-aħwa. Aqraw l-Atti ta' l-Appostli, li jgħidu li l-kotra ta' l-ewwel insara, Lhud konvertiti u pagani mgħammdin, ġejjin minn ħafna naħat kienu lkoll *qalb waħda u ruħ waħda*. Għaliex? għax kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-Appostli u fil-qsim tal-ħobż.

L-Ewkaristija hi l-ħajja tar-ruħ u tas-soċjetà tal-bnedmin, kif ix-xemx hi l-ħajja ta' l-iġsma u tad-dinja. Mingħajr xemx l-art hi ħawlija; tferraħa, iżżejinha, tagħniha; tagħti ħila, saħħa u ġmiel lill-iġsma. Quddiem fatti ta' l-għaġeb bħal dawn, m'għandniex għax nistgħagbu li l-pagani taw qima lix-xemx bħala alla tad-dinja. Ix-xemx ta' bi nhar tobdi u toqgħod għar-rieda tax-Xemx tielgħa, tal-Verb ta' Alla, ta' Ġesù Kristu, li jdawwal kull bniedem li jiġi fid-dinja u li jaħdem permezz ta' l-Ewkaristija, is-

sagrament tal-ħajja, fil-fond tal-qlub, hekk li jsawwar familji u nazzjonijiet, b'ruħ hienja u hienja fuq li hienja, li ssib dan it-teżor moħbi, li taqta' l-għatx mill-għajn tal-ħajja, li spiss tiekol dan il-Ħobż tal-ħajja.

Il-komunità ta' l-insara hi wkoll familja. Ġesù-Ewkaristija jorbot flimkien il-membri tagħha. Hu l-missier li jhejji din il-mejda tal-familja. Il-fraternità nisranija ġiet imħabbra fl-Aħħar Ikla flimkien mal-paternità ta' Ġesù Kristu; hu jsejjaħ *filioli* lill-Appostli, jiġifieri uliedi u jikkmandahom li jħobbu lil xulxin kif ħabbhom hu.

Madwar il-mejda mqaddsa lkoll aħna wlied li qed nieħu l-istess ikel, u minn dan San Pawl jasal biex jgħid li aħna familja waħda, ġisem wieħed, għax ilkoll nieħdu sehem minn ħobża waħda, li hi Ġesù Kristu. Fl-aħħarnett l-Ewkaristija tagħti lill-komunità nisranija l-qawwa biex tħares il-liġi tal-ġieh u ta' l-imħabba għall-proxxmu. Ġesù jikkmandana nagħtu ġieh u nħobbu lil ħutu. Għalhekk hu jagħmel tiegħu l-persuna tagħhom: *Kull ma għamiltu ma' l-iċken minn dawn ħuti, għamiltuh miegħi:* hu jagħti lilu nnifsu lil kull wieħed fit-tqarbin imqaddes.

RESPONSORJU Ara 1 Kor 10.17; Gw 6,58a

R) Il-ħobża hi waħda u aħna, li aħna ħafna, nagħmlu ġisem wieħed, għax ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda. * Dan hu l-ħobż li niżel mis-sema.
V) Il-Mulej temagħna b'qamħ mill-aħjar. * Dan hu l-ħobż.

## *Nitolbu*

O Alla, int żejjint lil San Pietru Ġiljan Eymard
b'imħabba ta' l-għaġeb
għall-misteri tal-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek:
fit-tjieba tiegħek agħtina
li jkun jisthoqqilna niksbu dik il-qawwa u s-saħħa.
li hu kien jikseb minn din l-ikla tal-Mulej.
B'Ibnek.

**9 ta' Settembru**

# San Pietru Claver, Presbiteru

Mill-Komun tar-Ragħajja ta' l-erwieħ, jew tal-qaddisin irġiel li għamlu opri ta' ħniena

**Kolletta**

O Alla, int għamilt lil San Pietru Claver qaddej ta' l-ilsiera,
u saħħaħtu b'imħabba u sabar ta' l-għaġeb
biex jagħtihom l-għajnuna:
bit-talb tiegħu agħtina
li, aħna u nfittxu dak li hu ta' Ġesù Kristu,
inħobbu l-proxxmu tagħna b'għemil u bil-verità.
B'Ibnek.

**Liturġija tal-Kelma**

Lezzjoni I: Is 58,6-11: *Aqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ.*
Salm resp. Salm 1,1.2-3.4 u 6: *Fil-liġi tal-Mulej hi l-għaxqa tiegħu.*
Hallelujah: 13,34: *Nagħtikom kmandament ġdid li tħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien.*
Evanġelju: MT 25, 31-40: *Kull ma għamiltu ma' wieħed minn dawn l-iżgħar fost ħuti, għamiltuh miegħi.*

LITURĠIJA TAS-SIGĦAT

9 ta' Settembru

*San Pietru Claver, presbiteru*

Pietru Claver twieled f'Verdun fi Spanja fis-sena 1580 u studja l-letteratura fl-Università ta' Barcellona; wara ngħaqad mas-Soċjetà ta' Ġesù. Ħass il-vokazzjoni missjunarja l-aktar bil-ħidma ta' San Alfons Rodriguez, purtinar tal-Kulleġġ ta' Majorka. Ordnat saċerdot fil-missjoni tal-Kolombja hemm qeda l-appostolat tiegħu sal-mewt fost l-ilsiera suwed, marbut bil-vot li jkun "dejjem ilsir ta' l-Etjopji". Mifni minn saħħtu miet f'Kartagena, fil-Kolombja fit-8 ta' Settembru 1654.

Mill-Komun tar-Ragħajja ta' l-erwieħ, jew tal-Qaddisin irġiel li għamlu opri ta' ħniena

## LEZZJONI II

Mill-Ittri ta' San Pietru Claver, presbiteru
*(Epist. die 31 Maii 1627: A. Valterra S.J. San Pedro Claver, Cartagena 1964, pp. 140-141)*

*Inħabbar il-bxara t-tajba lill-fqajrin,*
*indewwi l-qalb miksura*
*inxandar il-ħelsien lill-imjassrin*

Il-bieraħ, 30 ta' Mejju tas-sena 1627, nhar il-festa tat-Trinità Qaddisa, niżlu minn bastiment kbir ħafna suwed miġjubin mix-xmajjar ta' l-Afrika. Morna niġru 'l quddiem, inġorru żewġ ġwielaq mimlijin tuffieħ mill-aħjar, ċitru, biskuttini ħelwin u ma nafx x'aktar. Dħalna fejn kienu. Rajna li kienet daħlet Guinea oħra. Kellna nimbuttaw minn nofs folla kbira sakemm wasalna ħdejn il-morda, li kienu ta' għadd kbir, mixħutin fl-art kollha umdità; jew aħjar kollha ħmieġ – biex ma jkunx hemm umdità żejda kien hemm il-ħsieb li jimbena ħajt wiesgħa magħmul minn madum u frak ta' madum imħalltin ma' xulxin – dan il-ħajt kien is-sodda tagħhom, sodda tassew skomda mhux għalhekk biss iżda wkoll minħabba li kienu għarwenin, bla ebda għata fuqhom.

Neħħejt il-mantar, u ħriġna mill-maħżen kull ma stajna biex narmaw tavlar; hekk hejjejna mezz biex bih inġorru l-morda minn nofs gruppi ta' nies igħaffġu fuqna. Imbagħad qassamnihom f'żewġ gruppi: sieħbi resaq lejn xi wħud flimkien ma' interpreti, u jien ersaqt lejn il-bqija. Żewġ suwed, aktar mejtin milli ħajjin, kienu ġa kesħu, u l-polz tagħhom bilkemm kien jinħass. Ġbarna faham imkebbes bejn ftit madumiet u ressaqnihom fin-nofs ħdejn il-moribondi; imbagħad fin-nar tfajna fwejjaħ li tagħhom kellna żewġ boroż mimlija, li tista' tgħid ħlejnihom kollha dak in-nhar. Imbagħad, bl-imnatar tagħna, għax huma ma kellhom xejn minn dan u għax għalxejn tlabna xi ħaġa oħra mis-sidien tagħhom, wassalnielhom xi ftit fwieħa li kienet ħierġa mill-fwejjaħ li tfajna fin-nar: dehru li kienu qed iħossu s-sħana ta-nar u l-fwieħa li kienet ħierġa minnu. Trid tara b'liema ħarsa ta' ferħ bdew iħarsu lejna.

Hekk kellimnihom, mhux bil-kliem iżda b'idejna u għemilna; kull sura oħra ta' diskors kien ikun kollu għal xejn għax huma kienu żguri li nġiebu hawn biex jittieklu. Imbagħad qagħdna hemm jew inżilna għarkobbtjena ħdejhom, ħsilnilhom wiċċhom u ġisimhom bl-inbid; b'żegħil ippruvajna nagħmluhom hienja u semmejnielhom raġunijiet naturali li b'xi mod jiswew biex iferrħu l-morda.

Wara dan bdejna nfissru l-katekiżmu għall-Magħmudija, jiġifieri x'inhuma l-effetti ta' l-għaġeb li l-Magħmudija tagħmel fil-ġisem u r-ruħ: meta, mit-tweġib li kienu jagħtu għall-mistoqsijiet tagħna, dehrilna li kienu fehmu biżżejjed, għaddejna biex nagħtuhom tagħlim aktar għoli, jiġifieri tagħlim dwar Alla wieħed li jagħti l-premju u l-kastig skond ma jisthoqqlu kull wieħed, u l-bqija. Tlabnihom jisgħob bihom u juru stmerrija għall-għemil ħażin tagħhom. fl-aħħar, meta rajna li kienu mhejjijin sewwa, ħabbarnielhom il-misteri tat-Trinità, ta' l-Inkarnazzjoni u l-Passjoni, u wrejnihom lil Kristu msallab, kif jinsab impinġi fuq il-fonti tal-Magħmudija fejn jinżlu xmajjar ta' demm mill-pjagi ta' Kristu, u flimkien magħhom għedna l-att ta' ndiema, bl-ilsien tagħhom.

RESPONSORJU Mt 25,35.40; Ġw 15,12

R) Kont bil-ġuħ u tmajtuni; kont bil-għatx u sqejtuni; kont barrani u lqajtuni. * Tassew ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti għamiltuh miegħi.

V) Dan hu l-kmandament tiegħi, li tħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien. Tassew.

## *Nitolbu*

O Alla, int għamilt lil San Pietru Claver qaddej ta' l-ilsiera,
u saħħaħtu b'imħabba u sabar ta' l-għaġeb
biex jagħtihom l-għajnuna:
bit-talb tiegħu agħtina
li, aħna u nfittxu dak li hu ta' Ġesù Kristu,
inħobbu l-proxxmu tagħna bl-għemil u bil-verità
B'Ibnek.

# Il-Mass Media u l-Mara

## *Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġ.Mercieca Fl-okkażjoni ta' Jum il-Mass Media*

F'messaġġ fl-okkażjoni ta' Jum il-Komunikazzjoni Soċjali, din is-sena l-Papa Ġwann Pawlu II jitkellem dwar kif il-Mass Media jistgħu jkunu forum ħalli jinġieb 'il quddiem ir-rwol tal-mara fis-soċjetà.

Il-Mass Media, biex jilħqu dan il-għan, iridu jipprovdu opportunitajiet lin-nisa mhux biss bħala mistiedna tal-media, imma wkoll bħala ħaddiema u professjonisti fl-aspetti kollha tal-ħidma tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. B'hekk, in-nisa jistgħu wkoll jipprovdu lill-komunità tagħrif dejjem iżjed siewi dwar ix-xogħol u d-diffikultajiet tagħhom fis-soċjetà.

Wieħed jinnota b'sodisfazzjon li dan qed isir f'pajjiżna. Insibu numru dejjem akbar ta' nisa Maltin li qed jersqu, jew qed iħejju ruħhom, biex jipparteċipaw fil-media u wkoll jiksbu pożizzjonijiet ta' responsabbiltà u ta' kreattività fid-dinja tal-komunikazzjoni soċjali.

Nistgħu nsemmu s-sehem dejjem akbar u aktar attiv tan-nisa Maltin f'kitba fil-ġurnali u fl-hekk imsejħa *talk-shows* fuq it-televiżjoni u r-radju, li tant saru popolari f'pajjiżna wkoll. Dan ukoll huwa pass, sakemm ikun mwettaq b'mod xieraq, fit-triq it-tajba.

### Sejħa u bżonn

In-nisa għandhom iħossu din is-sejħa u dan il-bżonn mhux biex jagħmlu bħalma jagħmlu l-irġiel, imma biex b'hekk ikunu jistgħu juru l-ġenju personali tagħhom fix-xogħol proprju tagħom u fil-ħidma professjonali tagħhom.

Meta jagħtu opportunitajiet lin-nisa u lill-irġiel biex isemmgħu leħinhom dwar kwistjonijiet li jolqtu l-ħajja tan-nies komuni, il-Mass Media jkunu qed jgħinu biex ikunu magħrufa aħjar ir-realtajiet u l-uġigħ ta' dawk l-iżjed milquta u batuti.

Huma jkunu wkoll inisslu sodisfzzjon f'ħafna nies li b'hekk iħossu li hemm min qed jismagħhom u jagħti każhom, waqt li jiġġeneraw interess, sensibbiltà u ħeġġa dejjem akbar fi ħdan il-komunità dwar is-soluzzjoniiet jew ir-rimedji li jkunu meħtieġa.

Il-kitbiet u l-programmi fuq il-problemi bħalma huma dawk ta' swat jew moħqrija fuq nisa minn żwieġhom, sfruttament jew inbix sesswali fuq ix-xogħol, nuqqas ta' rispett lejn il-persuna jew id-dinjità tal-mara u diskriminazzjoni man-nisa, wieħed irid iħares lejhom f'dan il-kontest.

Naturalment, però, is-saħħa tal-ġid li jistà joħroġ minn inizjattivi bħal dawn tiddependi ħafna mis-sens ta' direzzjoni tagħhom. Fejn dak li jsir ikollu rabta sħiħa u ġenwina ma' l-interess fil-bniedem u l-għola ġid tiegħu, wieħed ikun miexi fit-triq tal-kostruttività. Iżda jekk biex ikabbar l-udjenza wieħed jaqa' fit-tentazzjoni tas-sensazzjonaliżmu, l-esaġerazzjoni jew aptiti oħrajn simili, jekk wieħed jispiċċa biex joffri prodott "divertenti" u xejn iżjed, allura jinbtu riskji ta' deni serju, fosthom dawk tat-taħwid u l-konfużjoni.

### Emozzjonijiet u responsabbiltajiet

Dan id-deni jista' jkun kbir u mifrux jekk, biex nagħtu eżempju, wieħed jilgħab bl-emozzjonijiet u s-sentimenti tan-nies. Ma tkunx ħaġa tajba jekk fost il-media jkun hemm min bl-għażliet tiegħu, minflok iwassal lin-nies biex jibnu għemilhom u ħajjithom fuq dak li hu verament tajjeb, jipproponi li wieħed għandu jimxi biss fuq dak li jħoss li hu tajjeb għalih.

Kwistjonijiet ta' natura delikata fil-ħajja tal-bniedem, speċjalment kwistjonijiet li jolqtu fil-laħam il-ħaj, valuri ta' importanza akbar, ma jistgħux jiġu trattati b'leġġerezza. Id-diskussjoni dwar suġġetti simili hija meħtieġa. Iżda fl-istess ħin trid tkun diskussjoni li titmexxa b'responsabbiltà, serjetà, u maturità. B'hekk biss inkunu nistgħu nserħu rasna li l-kontribut tagħna jkun wieħed li jgħin lill-bniedem jinbena dejjem iżjed u aħjar bħala bniedem sħiħ.

Dan jgħodd tista' tgħid għax-xogħol kollu tal-Mass Media.

Meta l-media jittrattaw kwistjonijiet morali, filwaqt li fiż-żmien ta' studju u riċerka huma għandhom jipprovdu opportunitajiet għal disskussjonijiet u dibattiti serji, fejn il-verità tkun diġà magħrufa u mwassla lilna mill-awtorità kompetenti l-media jridu jkunu komunikaturi ta' din il-verità.

Il-Mass Media saru parti mill-proċess li permezz tiegħu l-kultura tagħna tagħrbel, tesprimi u tagħġen il-valuri tagħha. Ghaldaqstant, il-Mass Media għandhom responsabbiltajiet sensittivi ħafna. Id-doveri tal-media, f'ċerti żminijiet, per eżempju dawk tat-tħejjija għal elezzjonijiet ġenerali, isiru iktar delikati. F'ċirkustazi u żminijiet bħal dawn, mingħand il-Mass Media l-pajjiż ikollu bżonn ta' informazzjoni kompleta u objettiva kemm jista' jkun kemm fuq il-pożizzjoni u l-kwalifiki tal-partiti u tal-kandidati, kif ukoll fuq ir-realtajiet ewlenin tan-nazzjon.

### Il-Kwalitajiet speċjali offerti mill-mara

Fil-messaġġ tiegħu għal Jum il-Komunikazzjoni Soċjali, il-Papa stieden lill-Mass Media biex jirrispettaw u juru s-sehem u l-kwalitajiet speċjali li

l-mara toffri u tnissel fil-familja, fis-soċjetà u l-postijiet tax-xogħol, inkluż fl-istess media.

Tkun diżgrazzja kbira, per eżempju, jekk ma nibqgħux nifhmu u napprezzaw kif imiss il-valur tal-maternità.

Li n-nisa jkollhom tassew u effettivament il-possibbiltà li jimxu 'l quddiem fil-qasam tax-xogħol, professjonali, soċjali u kulturali, jibqa' importanti u essenzjali ħafna. Madankollu, tkun inġustizzja kbira jekk ma nibqgħux ngħożżu verament ukoll id-deċiżjoni ta' dawk in-nisa li jagħżlu li jiżżewġu u jkunu ommijiet. Tkun inġustizzja kbira jekk inħarsu lejn dawn in-nisa bħallikieku kienu inferjuri għall-oħrajn.

Il-Mass Media għandhom ikunu fuq quddiem fl-enfasi dwar il-bżonn li x-xogħol li l-ommijiet jagħmlu fil-familja – fejn il-missier għandu d-doveri tiegħu wkoll – ikun rikonoxxut u apprezzat tassew.

Il-ħidma essenzjali ta' l-omm li, wara t-twelid tat-tarbija, tiddedika lilha nfisha, speċjalment fl-ewwel snin tat-tfulija, għat-trobbija tal-wild, hija ħidma tant kbira li għandha l-istess importanza daqs kull xogħol professjonali.

Għaldaqstant, il-Mass Media jagħmlu sew meta jinkuraġġixxu u japprezzaw miżuri li jirrikonoxxu b'mod ħaj u prattiku l-valur soċjali ta' dan ix-xogħol kbir ta' l-omm.

Il-Mass Media, li għandhom influwenza tant qawwija, għandhom iħabirku bla heda biex jgħinu lis-soċjetà tagħraf u tapprezza dejjem aħjar il-kwalifiki speċifiċi tal-mara f'kull qasam.

Il-Mass Media għandhom ukoll iħabirku biex il-mara tiġi trattata dejjem bħala persuna b'dinjità li qatt ma tista' tiġi mċaħħda minnha. Huma għandhom ikunu fuq quddiem nett fir-reżistenza għal u t-trażżin ta' l-isfruttament tal-mara u t-trattament tagħha bħallikieku kienet xi ħaġa tajba biss biex tissodisfa l-pjaċir u s-setgħa ta' l-oħrajn!

Pajjiżna, fortunatament, jinsab f'qagħda ferm differenti minn dawk il-pajjiżi fejn il-libertà nbidlet f'libertinaġġ jew laxkezza kbira. Madankollu, ma nistgħux ngħidu, per eżempju, li aħna ħielsa minn tixrid maskerat ta' videos li jbaxxu lill-mara u lill-bniedem – videos li minkejja l-liġijiet xorta waħda jirnexxilhom jgħaddu minn id għal oħra bil-ħsara kollha li jistgħu jikkaġunaw f'moħħ u qalb min jarahom speċjalment iż-żgħażagħ u t-tfal.

Il-Knisja ma tistax ma tħeġġiġx it-trażżin effettiv tal-wiri u tat-tixrid ta' materjal oxxen, indiċenti u vjolenti, speċjalment fejn jidħlu t-tfal.

## Il-kontribut tan-nisa nfushom

M'għandna nistrieħu qatt fit-tħabrik tagħna biex in-nisa jkollhom sehem prominenti kemm jista' jkun fil-ħidma għal iżjed onestà u verità u inqas vjolenza u degradazzjoni.

In-nisa nfushom, għandhom jistinkaw biex jgħinu ħalli l-Mass Media jitrattaw l-mara aħjar. Kif spjega l-Papa fil-messaġġ tiegħu, in-nisa jistgħu jagħmlu dan, fost ħwejjeġ oħrajn, billi jġibu 'l quddiem, permezz tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, programmi edukattivi; billi jgħallmu lill-oħrajn, speċjalment lil qrabathom, jużaw b'mod kritiku l-mass media; billi juru lill-kumpaniji tal-produzzjoni, lill-edituri, lill-istazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni, lil dawk li jagħmlu r-reklami, kif jaħsbuha dwar programmi u pubblikazzjonijiet li jinsultaw id-dinjità tal-mara jew ibaxxu s-sehem tagħha fis-soċjetà.

In-nisa għandhom ikunu fuq quddiem fit-tħabrik biex jogħlew u jitjiebu l-livelli morali fil-Mass Media u biex jiżdiedu l-kontributi u l-programmi li jkunu mibnijin fuq valuri tajbin.

Laqgħa Soċjali ma' Ġurnalisti u Xandara
Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana
17 ta' Mejju 1996

# Xogħol b'wiċċ uman għal dinja aħjar

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

Fil-Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem, il-Knisja tfakkarna fid-dmir li għandna aħna lkoll li naħdmu. Irridu naħdmu biex nibnu flimkien dinja aħjar.

Hu dan li Alla jrid minna fuq din l-art. Din hija r-rieda ta' Alla.

Din ir-rieda ta' Alla nistgħu nwettquha biss billi nimpenjaw irwieħna biex ix-xogħol ikollu dejjem u tassew wiċċ uman.

Dan huwa mpenn li jrid ikun minn kulħadd.

Huwa mpenn li, fuq il-post tax-xogħol, għandhom responsabbiltà dwaru kemm min iħaddem, kif ukoll il-ħaddiema nfushom.

Din ir-responsabbiltà rridu nwettquha lejn kulħadd fil-post tax-xogħol. L-iktar li rridu nwettquha huwa lejn il-ħaddiema ġodda, l-iktar dawk żagħżagħ li jkunu għadhom ġejjin mill-bank ta' l-iskola.

**Id-dover ta' min iħaddem**

Min iħaddem irid jassigura li fil-post tax-xogħol ikun hemm kundizzjonijiet li jiffavorixxu u jgħinu l-iżvilupp tal-bniedem sħiħ.

Dan ifisser li min iħaddem ma jridx biss jipprovdi pagi xierqa għax-xogħol li jkunu qed jagħmlu l-ħaddiema. Min iħaddem irid fuq kollox jara li l-ħaddiema jħossu li huma rispettati ta' bniedem. Irid jagħti lill-ħaddiema kundizzjonijiet ta' xogħol li jgħinuhom jgħixu tassew ta' bnedmin.

Dan jitlob li fuq il-post tax-xogħol il-bniedem jiġi l-ewwel. Jitlob li l-ambjent kollu tax-xogħol ikun wieħed li jagħti każ tal-bniedem sħiħ permezz ta' ħarsien xieraq għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, ħin biżżejjed għall-mistrieħ tiegħu, u spazju sodisfaċenti għall-ħajja tiegħu familjari, soċjali, kulturali u reliġjuża.

Il-produzzjoni hija mportanti. Mingħajrha ma jkunx hemm xogħol, progress u żvilupp. Madankollu, il-bniedem jibqa' prezzjuż ferm aktar minn kull produzzjoni.

Diffikultajiet jinqalgħu, għax id-dinja tax-xogħol hija komplessa ħafna. Iżda l-bniedem u l-għola post. Altrimenti, il-qawwa tax-xogħol tiddgħajjef, bi ħsara kbira wkoll għall-istess produzzjoni.

Jekk, biex nagħtu eżempju, l-enfasi fuq il-kwantità tal-produzzjoni tkun tali li ġġiegħel lill-ħaddiema jħossu qisu robot, dan ikun ħażin. L-ebda enfasi fuq ġenerazzjoni ta' qligħ ta' flus ma tiġġustifika li l-ħaddiem nittrattawh qisu magna, xi drabi bill nqegħdulu l-lixka tal-bonus!

Il-*unions* tal-ħaddiema jagħmlu sew meta barra milli jħabirku għal

pagi aħjar, iħabirku wkoll biex l-ambjent tax-xogħol ikollu tassew u f'kull sens wiċċ uman.

## Id-dover tal-ħaddiema

Ir-respobsabbilitajiet tal-ħaddiema, f'dan il-kontest, huma kbar ukoll.

Kultant jidher li għal xi ħaddiema x-xogħol għandu biss is-sura ta' mezz kif jaqilgħu flus kemm jistgħu, bl-inqas sforz possibli!

L-ewwelnett, fid-diskors dwar il-pagi, id-dritt huwa għal paga ġusta. Naturalment, tkun ħaġa tajba li l-paga tibqa' titjieb biex tgħin lill-ħaddiem jgħix ħajja dejjem aħjar. Izda dan ma jfissirx li fit-talbiet għal żidiet jista' jintilef is-sens tal-bilanċ u tal-moderazzjoni, speċjalment jekk l-azjenda li tkun jew il-pajjiż ma jkunux jifilħu għal pizijiet akbar fil-mument li jkun.

Fi kwalunkwe każ, ix-xogħol mhux ta' kif wieħed jaqla' l-flus. Ix-xogħol hu ferm iżjed minn hekk.

Il-ħaddiema jridu jżommu quddiem għajnejhom li x-xogħol li jkunu qed iwettqu ma jkunx biss servizz għall ħaddieħor, imma wkoll xogħol ta' ġid għalihom infushom, li jrid jgħinhom jiksbu sodisfazzjon u jgħixu dejjem iżjed id-dinjità tagħhom. B'dan il-mod, ix-xogħol jgħin lill-ħaddiema jiżvilluppaw bħala bnedmin u hekk il-ħidma tagħhom ttikseb wiċċ uman.

Ħaddiem li jifhem dan, iħabrek biex ix-xogħol tiegħu jagħmlu sewwa u jkun ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn.

Ħaddiem bħal dan ikun responsabbli u ma jingħeleb qatt mit-tentazzjoni ta' skartar, tlajjar, xogħol ħażin, serq, ħsara f'għodda jew f'makkinarju, tfixkil lil ħaddiema oħra jew deni ieħor simili li l-effetti ħżiena tiegħu fl-aħħar mill-aħħar ibatuhom ukoll l-istess ħaddiema.

Daqskemm hu ħażin li l-ħaddiem jinqabad mis-sunnara tal-bonus għal produzzjoni sfrenata jew inkella minn dik tal-flus minn sahra esaġerata li tħallih bla nifs, daqstant ieħor hu ħażin li l-ħaddiem jaqa' fit-traskuraġni jew qadi ħażin ta' dmirijietu.

Wieħed irid iżomm ukoll quddiem għajnejh li hekk kif min iħaddem ikun qed jidneb jekk jisraq lill-ħaddiem billi ma jagħtihx pagi u kundizzjonijiet xierqa tax-xogħol, hekk ukoll il-ħaddiem ikun qed jidneb jekk jieħu minn fuq ix-xogħol dak li ma jkunx tiegħu jew jagħmel xogħol ħażin.

Dnubiet bħal dawn jitolbu r-radd lura ta' dak li wieħed ikun seraq jew kumpens ġust għad-dannu li jiġi kkaġunat.

## Il-ħaddiema jridu jgħinu lil xulxin

Ix-xogħol b'wiċċ uman għal dinja aħjar jitlob li fuq il- post tax-xogħol il-ħaddiema jgħinu lil xulxin fuq livell personali.

Din l-għajnuna trid tieħu l-forma ta' solidarjetà bejn il-ħaddiema.

Fost ħwejjeġ oħrajn, dan jitlob li meta ħaddiem jonqos minn dmiru, sħabu jgħinuh jiftaħ għajnejh u jirranġa. Ikun żball kbir jekk minflok jgħinu lil seħibhom jibdel triqtu, il-ħaddiema sħabu jagħmlu bħalu u jonqsu huma wkoll.

Fuq ix-xogħol il-ħaddiema jridu jqisu u jirrispettaw lil xulxin bħal aħwa. Id-differenzi fil-fehmiet, speċjalment f'kontest politiku, huma minn ewl id-dinja. Madanakollu, l-ebda differenza ta' fehma jew kulur politiku m'għandha tnissel u tkabbar xi feles bejn il-ħaddiema. Huma jridu jħobbu lil xulxin u jaqbżu għal xulxin, mhux bil-maqlub!

Dan jgħodd ukoll fir-rigward tas-sħubija tal-ħaddiema fil-*unions*. Kull ħaddiem għandu l-libertà li jidħol jew ma jidħolx f'union u, fil-każ, li jidħol f'liema *union* irid hu.

Il-ħaddiema nfushom, din il-libertà ta' kull wieħed u waħda minnhom iridu jirrispettawha, jinkuraġġuha u jħarsuha. Altrimenti, il-wiċċ uman fl-ambjent tax-xogħol isofri. Jiġi li flok solidarjetà u għaqda, bejn il-ħaddiema jinbtu diviżjoni u firda, b'dannu materjali u morali kbir.

Il-wiċċ uman tax-xogħol jitlob li l-ħaddiema nfushom jaħdmu biex ħadd fosthom ma jbati xi konsegwenzi koroh għax ikun għażel li jidħol f'xi *union* partikolari li forsi ma tkunx il-*union* tal-maġġoranza, jew li ma jidħol fl-ebda *union*.

Filwaqt li hu sabiħ u sewwa li l-ħaddiema jissieħbu fil-*unions*, huma jridu jgawdu l-libertà kollha dovuta fid-deċiżjoni tagħhom.

Ir-responsabbiltà li għandhom il-ħaddiema f'dan kollu hija ta' kull wieħed u waħda minnhom u wkoll ta' ilkoll flimkien.

L-għola responsabbiltà taqa' fuq spallejn il-ħaddiema bl-akbar esperjenza, li jridu jkunu mudell tajjeb għall-ħaddiema żgħażagħ.

Min-naħa tagħhom, il-ħaddiema żgħażagħ għandhom ifittxu l-eżempju tal- ħaddiema serji u responsabbli.

L-appell li nixtieq nagħmel f'din l-okkażjoni liż-żagħzagħ li qed iħejju rwieħhom għall-ħajja tax-xogħol hu li l-valuri tajbin li jiġu edukati fihom fiż-żmien ta' l-iskola, iġorruhom magħhom fl-ambjent tax-xogħol u jfittxu li jgħixuhom f'armonija mal-ħaddiema sħabhom.

Hu biss b'dan il-mod li x-xogħol li nagħtu jkollu verament wiċċ uman li jgħinna nibnu dinja aħjar.

Quddiesa fil-Garage tal-Gvern
Ħal Kirkop
30 ta' April 1996

# Il-funzjoni tal-*unions* tal-ħaddiema

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca fi Żjara lill-General Workers' Union*

Nirringrazzjakom ħafna għal din l-istedina li għamiltuli biex niltaqa' u nitkellem magħkom il-Kunsill Nazzjonali tal-General Workers' Union.

Inrodd ħajr ukoll lil dawk kollha li, spiss b'ħafna sagrifiċċji personali, ħadmu jew qed jaħdmu fil-qasam trejd-unjonistiku, li għandu funzjoni importanti ħafna x'jaqdu fil-ħajja tal-pajjiż.

Ix-xogħol tal-General Workers' Union f'dan il-qasam hu kbir u mifrux.

**L-importanza ta' l-*unions* u ta' l-għaqda**

Il-Knisja temmen fl-importanza ta' l-*unions*. Hija tgħallem li l-ħaddiema għandhom dritt jingħaqdu flimkien fl-*unions* biex jiddefendu l-interessi tagħhom fil-qasam tax-xogħol.

Il-ħidma ta' l-*unions* hi dik li jiddefendu l-interessi tal-ħaddiema fl-oqsma kollha li jolqtu d-drittijiet tagħhom.

L-istorja turina li l-*unions* huma meħtieġa ħafna għall-ħajja soċjali.

Ħtieġa fundamentali fil-ħidma ta' l-*unions* hija li fit-tħabrik tagħhom għad-drittijiet ġusti tal-ħaddiema u għall-ġustizzja soċjali jfittxu li jibnu u jsaħħu l-għaqda.

Il-ġrajjiet ta' l-*unions* kultant ipinġuhom bħallikieku l-funzjoni tal-*unions* tibda u tispiċċa f'li jiġġieldu ma' min iħaddem biex jiksbu pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-ħaddiema.

Madankollu, fil-ħidma tagħhom, barra li jistinkaw biex jinkisbu d-drittijiet ġusti tal-ħaddiema, il-*unions* iridu jħabirku wkoll biex isseħħ il-ġustizzja soċjali fi spirtu ta' solidarjetà bejn kulħadd: l-ewwelnett bejn il-ħaddiema nfushom u ma' min iħaddimhom.

L-esperjenza fil-postijiet tax-xogħol turi li x-xogħol, min-natura tiegħu jitlob l-għaqda bejn il-bnedmin. Hu f'dan li nsibu l-qawwa tax-xogħol. Ix-xogħol għandu l-qawwa li jwaqqaf komunità u li jiġbor lill-bnedmin f'familja waħda.

F'din il-familja, fl-aħħar mill-aħħar, jingħaqdu kemm il-ħaddiema ta' l-id u tal-moħħ, kif ukoll min joffri jew jorganizza x-xogħol. Huma jridu jimxu 'l quddiem flimkien, imħeġġin minn spirtu ġenwin ta' mpenn għas-solidarjetà.

**Is-solidarjetà trid tinbena kuljum**

Dan l-impenn bla heda għas-solidarjetà hu indispensabbli, għaliex is-solidarjetà mhix xi ħaġa li tiġi waħidha, iżda ħaġa li rridu naħdmu għaliha individwalment u lkoll flimkien.

Is-solidarjetà trid tinbena u tissaħħaħ jum wara l-ieħor, għaliex hija mhix xi ħaġa li darba tiksibha tibqa' għandek fiż-żgur u għal dejjem.

Is-solidarjetà rridu nieħdu ħsiebha, nikkurawha u niżviluppawha l-ħin kollu, ukoll jekk dan jitlob minna t-tbatija u s-sagrifiċju.

Dan jgħinna nifhmu li l-iskop aħħari ta' l-*unions* m'għandux ikun limitat għall-akkwist ta' dak li hu materjali, jiġifieri dak li għandu rabta ma' l-aspett ekonomiku u soċjali tal-ħaddiema membri tagħhom.

Mingħajr dubju, dan għandu l-importanza tiegħu. Madankollu, l-*unions* ma jistgħux jieqfu hawn. L-*unions* iridu jħarsu 'l bogħod ferm iżjed minn hekk. L-iskop aħħari ta' l-*unions* – bħal kulħadd – għandu jkun is-solidarjetà, li permezz tagħha jiġi assigurat il-ġid komuni.

Fit-tagħlim soċjali tal-Knisja nsibu li l-ġid komuni jiġbor fih dawk il-kundizzjonijiet tal-ħajja soċjali li bihom l-individwu, il-familja u l-għaqdiet jistgħu jiksbu l-perfezzjonament tagħhom b'mod aktar sħiħ u aktar malajr.

Fit-tħabrik għall-ġid komuni rridu nkunu verament nies li ma niddefendux biss l-interessi tagħna nfusna jew tal-grupp tagħna, imma nagħtu każ ukoll, ġenwinament, ta' l-interessi ta' l-oħrajn u tal-komunità kollha.

Dan ifisser li aħna qatt ma nqisu l-ġid privat tagħna bħallikieku dan hu kontra l-ġid ta' l-oħrajn jew tal-komunità. Il-ġid privat tagħna, il-ġid ta' l-oħrajn u dak tal-komunità għandhom rabta sħiħa ma' xulxin. Huma jiddependu minn xulxin. Ma jistgħux jimxu kulħadd għal rasu. Iridu jgħixu u jikbru flimkien u bl-għajnuna ta' xulxin.

Kull ħaġa li tagħmel *union* tal-ħaddiema hija u tħabrek għall-progress tal-membri tagħha, trid tkun imfassla u mwettqa f'rispett sħiħ u f'għożża vera lejn il-ġid u l-progress tal-komunità kollha kemm hi.

**Il-*unions* u l-partiti politiċi**

It-tħabrik tagħna għall-ġid komuni jitlob minna wkoll, aħna min aħna, imġiba morali u spiritwali korretta, ħajja u ġenwina.

Mill-*unions* tal-ħaddiema dan jitlob, fost ħwejjeġ oħrajn, għassa kontinwa u sinċiera biex fil-ħidma tagħhom ma jħallu qatt li huma jinqabdu fin-nassa ta' xi influwenzi li m'għandux ikun hemm post għalihom.

F'dan il-kontest, inħoss li għandi ntenni dak li l-Papa Ġwann Pawlu II jgħid fl-Enċiklika tiegħu dwar "Ix-Xogħol tal-Bniedem", rigward il-funzjoni ta' l-*unions* wiċċ imb'wiċċ mal-partiti politiċi.

In-natura u l-funzjoni ta' l-*unions* hi differenti minn dik tal-partiti politiċi li, minnhom infushom, huma f'tellieqa kontinwa għall-poter.

Ix-xogħol ta' l-*unions* – li kif rajna diġà hu l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema waqt li jitqies il-ġid ta' kulħadd fis-soċjetà kollha kemm hi – mhuwiex dak li jagħmlu ħidma politika kif ħafna jifhmuha llum.

Il-*unions* m'għandhomx ikunu suġġetti għad-deċiżjonijiet ta' partiti politiċi jew ikollhom rabtiet stretti ħafna – fil-beraħ jew fil-mistur – magħhom. Meta jiġri dan, il-*unions* faċilment jitbegħdu mill-ħidma proprja tagħhom.

## Mezz ta' edukazzjoni

Nemmen b'qawwa li iktar ma l-*unions* tal-ħaddiema jifhmu u jimxu fuq dan it-tagħlim li tipproponi l-Knisja, iktar huma jirnexxilhom jaqdu dmirhom kif imiss.

Dan ngħidu waqt li nittama b'ħerqa li l-*unions* kollha f'pajjiżna jagħrfu dejjem iżjed li biex jaħdmu tassew għall-ogħla ġid komuni, minnhom infushom l-*unions* iridu jkunu mezz għat-tagħlim u l-edukazzjoni tal-ħaddiem.

Nawgura mill-qalb li bit-tħabrik ta' l-*unions* tagħhom, il-ħaddiema tagħna mhux biss ikollhom aktar, imma fuq kollox ikunu aktar dak li huma: fi kliem ieħor, li l-ħaddiema jilħqu, dejjem aktar u f'kollox, il-milja tan-natura tagħhom ta' bnedmin li huma, bid-dinjità li tahom Alla nnifsu.

Mill-ġdid, inroddilkom ħajr talli tajtuni din l-opportunità li nżurkom, insir nafkom iżjed mill-qrib u naqsam magħkom dawn il-ftit ħsibijiet.

Nawguralkom ilkoll ħafna ħidma fejjieda b'riżq il-membri kollha tal-General Workers' Union, il-ħaddiema kollha tal-gżejjer Maltin u l-poplu kollu tagħna.

Workers' Memorial Building
30 ta' April 1996

# *Messaġġ ta' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca lil Rappreżentanti ta'* Unions *u Għaqdiet b'Rabta mal-Qasam tax-Xogħol*

Kultant, jiena nistaqsi lili nnifsi: X'inhi l-funzjoni ta' dawn il-laqgħat tiegħi, bħala mexxej spiritwali, magħkom rappreżentanti ta' l-*unions* tal-ħaddiema u għaqdiet li għandhom rabta mal-qasam tax-xogħol?

Naħseb li din il-mistoqsija tagħmluha intom ukoll.

Xi ħadd jista' jaħseb li l-Knisja qegħda hemm biss biex tikkritika, jiġifieri tħares lejn l-istrutturi jew il-kundizzjonijiet soċjali u politiċi attwali tal-pajjiż u tagħti l-ġudizzju tagħha.

## Kontribut pożittiv

Is-sehem tal-Knisja fis-soċjetà ċivili mhux biss li titkellem jekk tara d-dinjità tal-bniedem u tas-soċjetà neżlin 'l isfel.

Il-funzjoni essenzjali tal-preżenza tal-Knisja fi ħdan l-ambjent soċjali u politiku hija qabel xejn funzjoni pożittiva; jiġifieri li toffri kontribut pożittiv kemm fuq livell ta' riflessjoni etiko-soċjali kif ukoll fuq il-*policies* soċjali u politiċi li jistgħu joħorġu minnha.

Biex il-Knisja tkun tista' taqdi din il-funzjoni tagħha, hija trid tinteressa ruħha fl-aspetti kollha tal-ħajja tal-bniedem. Fil-fatt, il-Knisja għandha d-dritt u d-dover li barra li tinkuraġġixxi l-pożittiv, tesprimi t-tħassib serju tagħha fuq dak kollu li jkun dgħajjef jew ta' ħsara fl-ordni soċjali u politiku.

It-twettiq ta' din il-missjoni hekk importanti tal-Knisja jiddependi ħafna mill-kontribut tagħkom bħala nsara mpenjati fil-qasam soċjali u politiku.

Dan jitlob minnkom, quddiemnett, li intom temmnu tassew fit-tagħlim soċjali tal-Knisja u tħabirku biex timxu fuqu.

Il-punt tat-tluq f'din id-direzzjoni jiddependi mis-saħħa tar-rieda tagħkom li bejnietkom tibnu relazzjonijiet korretti mibnijin fuq il-fiduċja f'xulxin.

## L-imġiba bejn il-mexxejja

L-istedina li nixtieq nagħmlilkom illum hija għal eżami ta' kuxjenza.

Fil-kuntatti u n-negozjati li jsiru ta' kuljum f'pajjiżna, hu żgur li l-bniedem qed jiġi dejjem l-ewwel? Hu żgur li l-ogħla ġid komuni qatt

mhux jiġi ssagrifikat għal interessi oħrajn privati jew ta' natura partiġġjana li m'għandux ikun hemm post għalihom?

L-imġiba ta' min għandu xi responsabbiltà fl-oqsma diversi tad-dinja tax-xogħol, speċjalment f'sitwazzjonijiet ta' differenzi u diffikultajiet, kemm qed tkun dejjem waħda ta' eżempju tajjeb u li ssaħħaħ il-fiduċja tal-ħaddiema fil-mexxejja tagħhom u fosthom?

Jiddispjaċini ħafna meta f'pajjiżna jkollna esperjenzi ta' tgħajjir, kliem iebes, konfrontazzjoni, suspetti f'xulxin u deni ieħor simili. Dan hu ħażin. Dan iġib biss ħsara.

Mill-banda l-oħra, nifraħ ħafna meta nara lil min iħabrek għad-djalogu, il-bon sens, il-bilanċ u l-maturità.

L-esperjenza turi li kull inkwiet jista' jiġi solvut biss għall-ġid ta' kulħadd permezz tan-negozjati u l-impenn li nibnu fuq is-sens ta' ġustizzja u ta' l-irġulija f'xulxin.

Inħeġġiġkom ħafna biex bejnietkom ikollkom dejjem dik il-fiduċja f'xulxin li tagħtikom il-kuraġġ biex taħdmu dejjem id f'id għall-ġid tal-poplu kollu tagħna.

Il-Kurja ta' l-Arċisqof
Floriana
Il-Ġimgħa, 26 ta' April 1996

# Quddiesa għall-Membri ta' l-Għaqda tal-Pensjonanti tal-GWU

*Sintesi ta' l-Omelija ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

*Din li ġejja hija sinteżi ta' Omelija ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca waqt Quddiesa li ċċelebra għall-membri ta' l-Għaqda tal-Pensjonanti tal-General Workers' Union, fil-Kattidral ta' l-Imdina, illum l-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 1996. Iċ-ċelebrazzjoni saret fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier:*

**Radd il-ħajr**

Illum iltqajna biex flimkien inroddu ħajr lill-Mulej, li hu dejjem magħna u ma jitlaqna qatt.

Il-Mulej iħobbna dejjem. Huwa qatt ma jnaqqas mill-imħabba tiegħu lejna.

Qed inroddu ħajr lill-Mulej għal dak kollu li għamel u għadu jagħmel magħna, kif ukoll talli qed iżommna ħajjin.

Il-Mulej, min-naħa tiegħu, jirringrazzjakom ukoll. Alla jara x-xogħol kollu li intom, irġiel u nisa, għamiltu tul il-ħajja tagħkom u japprezzah.

Il-Mulej japprezza wkoll is-sagrifiċċji kollha li intom għamiltu, inkluż fil-familji tagħkom.

Kontu appostli. Għaliex kull min fil-ħajja jagħmel ħaġa tajba jkun qed juri lil ħaddieħor kif jagħmel ħaġa tajba.

Intom ma ħrabtux mix-xogħol. Ma bżajtux mix-xogħol. Batejtu. Għaddejtu minn żmenijiet ta' prova fi żmien meta x-xogħol ħafna drabi kien iktar iebes għax kien hemm inqas mezzi u faċilitajiet.

Tajtu eżempju tajjeb. Kultant it-tajjeb jidher inqas. Imma t-tajjeb hu ikbar mill-ħażin. U intom għadkom tistgħu tagħmlu ħafna tajjeb. It-tajjeb li intom writtu mingħand missirijietkom tistgħu tkomplu tgħadduh lil uliedkom u lil ulied uliedkom.

**L-imħabba u l-għaqda fil-familja**

L-eżempji tajba tagħkom jistgħu jħallu ħafna ġid.

Hemm, fost oħrajn, l-eżempju tajjeb dwar l-imħabba u l-għaqda fil-familja.

Kulħadd jgħaddi minn diffikultajiet fil-ħajja. Kulħadd jgħaddi minn

esperjenzi ta' inkwiet. Imma dan ma jfissirx li ma' l-iċken maltemp għandu jisfaxxa kollox.

L-eżempju ta' dawk kollha li quddiem il-provi mpenjaw irwieħhom favur l-imħabba u l-għaqda tal-familja, għandu jkun dawl u gwida għal kulħadd.

Ħafna drabi dan jitlob is-sagrifiċċju u t-tbatija. Iżda kif żgur tafu b'esperjenza, huma proprju s-sagrifiċċju u t-tbatija li jgħinuna nirbħu u nagħmlu t-tajjeb.

Tagħmlu sew meta titkellmu dwar dan ma' l-oħrajn, speċjalment mal-koppji żgħażagħ. Wieħed m'għandux jindaħal fil-ħajja ta' l-oħrajn. Imma l-kelma t-tajba, imsaħħa mill-esperjenza ta' min jgħidha, tiswa ħafna.

Hemm ukoll il-fiduċja tagħna fil-Mulej, imħeġġa mill-eżempju tajjeb tat-talb fil-familja. Lill-oħrajn uruhom li ħadd mhu waħdu u li hemm dejjem Alla li jgħinna.

## Teżor kbir ta' eżempju tajjeb

Il-fatt li bniedem jikber u jsir pensjonant ma jfissirx li m'hemmx iżjed x'wieħed jista' jagħmel. L-anzjani tagħna huma teżor kbir ta' eżempju tajjeb għax ħajjithom għexuha fl-imħabba lejn il-pajjiż u b'sens ta' servizz. L-anzjani tagħna huma xhieda ta' l-onestà u tal-bżulija.

Iż-żgħażagħ ta' llum huma tajbin. Madankollu, isibu min idur magħhom u jagħmlilhom il-ħsara bħal bid-droga jew billi jħajjarhom għal affarijiet li bihom jiħdulhom il-flus mill-but.

Hemm il-misħut vizzju tal-logħob. Quddiem it-tentazzjoni tal-logħob, li hija kbira, il-problema mhux li wieħed jilgħab darba, jew kultant. Il-problema hija meta l-logħob isir vizzju u meta jikber f'kultura.

Liż-żgħażagħ għandna nifthulhom għajnejhom dwar dan, bil-kelma u bl-eżempju.

L-Istat innifsu għandu jħoss il-bżonn li jimmodera dwar opportunitajiet ta' logħob.

Inħeġġiġkom biex lil Alla, li jħobbna lkoll, nitolbuh jgħinna nkunu lkoll ta' għajnuna għas-soċjetà tagħna.

Inħeġġiġkom ukoll tibqgħu tħaddmu l-eżempju tajjeb tagħkom u l-kelma ħelwa tagħkom, mingħajr ma wieħed jindaħal fil-ħajja tal-familji ta' l-oħrajn.

# L-Arċisqof jiltaqa' mal-Missjunarji Maltin

*Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca lbieraħ (it-Tnejn, 9 ta' Lulju 1996) iltaqa' mal-missjunarji Maltin li bħalissa qegħdin Malta għal btala. Il-laqgħa, organizzata mis-Segretarjat Emigrazzjoni u Turiżmu, saret f'Dar l-Emigrant, Valletta. Għaliha attendew saċerdoti, sorijiet u lajċi li qed jagħtu servizz lill-Knisja fi 18-il pajjiż differenti. Wara introduzzjoni li fiha l-missjunarji fissru fil-qosor min huma u x-xogħol li qed iwettqu, Mons. Mercieca tkellem dwar il-ħidma missjunarja. Din li ġejja hija sinteżi tad-diskors ta' Mons. Ariċisqof:*

## Xogħol kbir u mifrux

Nirringrazzjakom ħafna għax-xogħol kbir u mifrux li intom qed tagħmlu, f'isem il-Knisja, fil-ħidma missjunarja tagħkom.

Inroddu ħajr lill-Mulej. Permezz tagħkom aħna nistgħu naraw kemm il-Mulej hu dejjem magħna. Nistħajjel li San Pawl, lill-Mulej jgħidlu li fil-miġja tiegħu f'Malta huwa ħawwel siġra tajba, dik tal-Vanġelu, li għadha tagħti frott: siġra li ma qdimitx, iżda għadha mimlija saħħa.

Dak li intom irrakkuntajtu juri kemm il-Mulej hu tajjeb magħna u kemm qed jinqeda bikom biex juri l-ġenerożità kbira tiegħu permezz tal-ġenerożità tagħkom.

Il-ġenerożità tagħkom, aktar milli fiż-żmien u fis-snin ta' kemm ilkom tagħtu servizz missjunarju, jiena naraha fid-disponibbilità u l-impenn tagħkom li xxerrdu l-Bxara t-Tajba f'kull parti tad-dinja.

Il-kontribut missjunarju tagħkom juri li, minkejja s-sinjali żgħar ta' piki individwali jew partikolari, bħal fil-każ ta' ċerti festi fil-parroċċi, il-poplu Malti jifhem l-universalità tal-Knisja. L-akbar festa l-poplu tagħna jagħmilha lill-Mulej. Għandna ħafna rikkezzi fostna.

## Maturità Spiritwali

L-Isqfijiet Maltin minn dejjem kienu favur li saċerdoti, reliġjużi u lajċi jmorru jagħtu servizzi missjunarji. Dan ifisser li l-Isqfijiet huma *concerned* ukoll, jagħtu attenzjoni xierqa għall-ħtiġiet tal-Knisja 'l hemm mid-djoċeżi tagħhom. Dan hu sinjal ta' maturità spiritwali li bih nuru xi tifsser in-natura missjunarja tal-Knisja u l-vokazzjoni tal-Knisja li xxandar il-Vanġelu kullimkien. Qed naqsmu r-rigali tajbin tagħna ma' kulħadd.

Issa qed noqorbu lejn it-Tielet Millennju. Jalla dan l-ispirtu missjunarju jkompli jikber fostna.

Personalment kelli l-okkażjoni nżur għadd ta' missjunarji Maltin u nara x-xogħol kbir li qed iwettqu b'tant inħabba. Il-ġid li qed isir il-Mulej biss jaf kemm hu kbir u mifrux.

Il-missjunarji nfushom jiggwadanjaw ukoll. Ix-xogħol missjunarju jagħti lil dak li jkun l-okkażjoni li jippurifika wkoll il-motivi tiegħu. Meta dak li jkun ikollu qalbu miftuħa għal ħaddieħor, jikber fid-disponibilità.

Ix-xiehda tal-missjunarji hija importanti ħafna għal kulħadd, inkluż għal min qed jgħix fil-pajjiżi tal-punent fejn il-ġirja għall-ġid materjali qed twassal biex Alla jingħata l-ġemb.

Din ix-xiehda u dan is-servizz li intom qed tagħtu b'tant ġenerożità, jgħinu wkoll biex ikun hemm oħrajn li tinbet u tissaħħaħ fihom il-ħerqa li jersqu għal ħidma missjunarja. Iż-żerriegħa tagħkom, is-sagrifiċċji li intom tagħmlu b'tant imħabba u ġenerożità, jgħinu biex jiżdiedu dawk li jwieġbu għas-sejħa missjunarja.

Nitlob lill-Mulej biex fis-Seminarju tagħna titħeġġeġ mill-ġdid il-ħerqa missjunarja li fl-imgħoddi tant qanqlet saċerdoti biex imorru jaqdu lill-Mulej f'artijiet tal-missjoni.

Mill-ġdid inroddu ħajr lill-Mulej għall-ġenerożità kbira tiegħu. F'isem il-Knisja ngħidilkom grazzi għal dak kollu li qed tagħmlu fis-servizz tal-Bxara t-Tajba.

*Il-missjunarji Maltin li ħadu sehem fil-laqgħa qed jagħtu servizz fl-Afrika, l-Alġerija, l-Awstralja, il-Brażil, iċ-Chad, il-Filippini, il-Ġamajka, il-Greċja, l-Etijopja, l-Ingilterra, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-Italja, il-Kenja, il-Liberja, il-Palestina, il-Perù, ir-Rumanija u s-Sudan.*

# Servizz ta' Fedeltà

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*
*Fl-okkażjoni tal-182 Anniversarju tal-Korp tal-Pulizija*

Nirringrazzjakom ħafna talli għal darb'oħra qed tagħtuni l-okkażjoni li niltaqa' magħkom u hekk intenni kemm l-istituzzjoni tal-Korp tal-Pulizija, bħal kull istituzzjoni oħra fil-pajjiż, tinħtieġ kull stima u rikonoxxenza minn kull min hu onest.

Din hija wkoll okkażjoni, għalina lkoll, biex flimkien nitolbu lil-Mulej jagħti lil din l-istituzzjoni dak kollu li hu meħteġ biex is-servizz tagħkom ikun tassew ta' fejda għal kulħadd.

Biex ikun jista' jintlaħaq dan il-għan, dan is-servizz tagħkom irid ikun mibni fuq il-fedeltà lejn Alla u lejn pajjiżna. Hija biss din il-fedeltà sħiħa tagħkom lejn Alla u lejn artna li tiggarantixxi dan is-servizz veru lill-poplu.

Għall-grazzja ta' Alla, fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija mhumiex wieħed u tnejn dawk li taw jew qed jagħtu servizz magħġun ma' dawn il-valuri ta' fedeltà lejn Alla u lejn il-pajjiż. Ta' dan, hu xieraq li llum inroddu ħajr lill-Mulej.

Persuni bħal dawn jaqdu dmirijiethom b'impenn u b'kuraġġ, ukoll meta dan jitlob minnhom sagrifiċċji kbar kemm personali kif ukoll familjari.

### Il-fiduċja fl-istituzzjonijiet

L-istima kbira li dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija jgawdu f'għajnejn il-komunità tagħna, turi kemm il-poplu tagħna jistenna li l-Korp tal-Pulizija, bħal kull istituzzjoni oħra fil-pajjiż, ikollu l-fiduċja ta' kulħadd; fi kliem ieħor ikun istituzzjoni serja, kredibbli u trasparenti.

Il-poplu jħossu sod daqs sur meta jkollu l-fiduċja fl-istituzzjonijiet. Għalhekk, filwaqt li hu dmir ta' kull membru tal-Korp tal-Pulizija, ta' kull ċittadin, li jaħdem biex dejjem ikun hemm u tissaħħaħ dejjem iżjed il-fiduċja fl-istituzzjonijiet, daqshekk ieħor hu dmir ta' kulħadd li jibża' għal din il-fiduċja.

Ħadd m'għandu, per eżempju, jimmina din il-fiduċja f'xi istituzzjoni billi jitfa' fuqha xi dell ikrah b'tixrid ta' għidut foloz jew billi jgħawweġ il-fatti. Min-naħa l-oħra, jekk u fejn xi ħaġa ma tkunx miexja sewwa, ma nistgħux naħbu l-verità. Jekk naħbu l-verità, inkunu qed nirriskjaw li l-

fidjuċja tal-poplu tibda titnaqqas u tiddgħajjef daqs meta jixterdu xnigħat foloz.

Dan iqiegħed fuq spallejn kull ċittadin responsabbilitajiet kbar. Iċ-ċittadin ma jistax jaħbi l-verità jekk irid jgħin biex tikber u tissaħħaħ il-fiduċja fil-Korp tal-Pulizija. L-omertà, jiġifieri n-nuqqas taċ-ċittadin li jwassal lill-awtoritajiet kompetenti dak li fil-kuxjenza tiegħu jkun jaf li hu ta' deni għas-soċjetà u għall-pajjiż, iddgħajjef idejn il-pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom.

Min-naħa tiegħu, kull membru tal-Korp tal-Pulizija għandu d-dover sagrosant li jassigura li s-servizz li jagħti jkun denn tal-fiduċja tal-poplu fil-Korp tal-Pulizija.

Dan jitlob li kull membru tal-Korp tal-Pulizija jgħix il-fedeltà tiegħu lejn Alla u lejn pajjiżu bis-serjetà.

## Tiġdid fil-fedeltà

Illum inġbarna hawn ukoll biex intom tiġġeddu u titħeġġu f'din il-fedeltà tagħkom, bħala pulizija, lejn Alla u lejn il-pajjiż.

B'hekk biss intom, il-pulizija, fil-ħajja u fix-xogħol tagħkom ta' kuljum tistgħu tkunu onesti u ġenerużi fl-istess ħin.

Din il-fedeltà mhix xi oġġett li wieħed jista' jixtrieh. Din il-fedeltà hija virtù. Hija qawwa interjuri li tinkiseb billi wieħed jimpenja ruħu ta' kuljum biex jgħix b'għożża kbira r-rabta tiegħu, il-fedeltà tiegħu lejn Alla.

Il-bniedem, minħabba d-dnub, iħossha tqila biex jagħmel it-tajjeb. Madankollu, Ġesù, permezz tal-mewt u l-qawmien tiegħu, ġab mill-ġdid lill-bniedem il-qawwa li jirbaħ id-deni bit-tajjeb. Din il-qawwa interjuri l-bniedem jista' jikkuntivaha permezz tat-talb u l-għaqda tiegħu ma' Alla u mal-proxxmu.

## L-Għaqda fil-familja

Żewġ forom ta' għaqda li jrid jgħożż kull membru tal-Korp tal-Pulizija biex jgħix tassew il-fedeltà tiegħu lejn Alla u lejn pajjiżu, huma l-għaqda fi ħdan il-familja tiegħu, l-għaqda ma' sħabu fil-Korp.

Nitlobkom u nħeġġiġkom ilkoll biex fl-għaqda fil-familja tagħkom tgħixuha b'ħeġġa u entużjasmu.

Nistedinkom iżżommu dejjem quddiem għajnejkom il-fatt fundamentali li l-familji tagħkom – ir-raġel jew il-mara, flimkien ma' l-ulied – huma s-sostenn natrali tas-servizz diffiċli u delikat tagħkom.

Nitlobkom u nħeġġiġkom biex il-fedeltà dejjiema taż-żwieġ u d-doveri tagħkom ta' ġenituri lejn l-ulied, tgħożżuhom u tgħixuhom b'mod awtentiku quddiem Alla u wkoll quddiem is-soċjetà, jiġifieri quddiem kulħadd u kullimkien – fil-familja, fuq ix-xogħol, fis-soċjetà u ma' kull min tiltaqgħu fil-ħajja.

Is-soċjetà tifraħ ħafna meta fil-pulizija tara din ix-xiehda ta' għaqda mal-familja tiegħu u ta' fedltà lejha. Mill-banda l-oħra, is-soċjetà titnikket u titħasseb meta tara li mhux il-membri kollha tal-Korp tal-Pulizija jkunu qed jagħtu din ix-xiehda.

Il-pulizija li jgħix b'armonija l-għaqda u l-fedeltà fil-familja tiegħu barra li jkun qed jagħti xiehda tajba, ikun f'qagħda ferm aħjar biex jaqdi dmiru ta' pulizija b'mod seren u skond kif mistenni minnu.

Ix-xogħol tal-pulizija jsir ferm iżjed diffiċli meta jkunu neqsin l-għaqda u l-fedeltà fil-familja. Pulizija bħal dan ikun iktar vulnerabbli. Huwa jista' jkun f'riskju ferm akbar li, forsi minħabba xi rikatt jogħtor u jispiċċa biex ma jaqdix dmiru sew.

**L-għaqda fil-Korp**

L-għaqda u l-fedeltà tal-pulizija fil-familja jgħinuh jikber ukoll fl-għaqda mal-pulizija sħabu fuq il-post tax-xogħol u fil-qadi ta' dmirijiethom.

Din l-għaqda titlob li intom, il-pulizija, tkunu bħal familja waħda bejnietkom. Titlob li ma jkunx hemm firdiet fostkom, per eżempju qsim fostkom bħalma ġieli jiġri fost xi membri ta' komunitajiet insara tagħna fejn fi kliem San Pawl fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, ikun hemm min f'qalbu u f'moħħu jgħid: "Jiena ta' Pawlu", "U jiena ta' Apollo", "U jiena ta' Kefa", "U jiena ta' Kristu".

Il-fedeltà tagħkom lejn Alla u lejn pajjiżna hija waħda u m'għandha qatt tkun mifruda jew maqsuma, għaliex fejn isseħħ din il-firda ma jinġibidx ħabel wieħed. Ma tkunux ispirati u mħeġġin mill-istess ideal.

L-għaqda bejnietkom bħala Korp tal-Pulizija tgħinkom u twassalkom biex tassew tkunu ta' servizz ħaj u kontribut għall-poplu tagħna u għal pajjiżna.

L-għaqda fostkom il-pulizija twassal biex fil-qadi ta' dmirijietkom, speċjalment fit-taqbidiet li l-Korp ikun qed jagħmel kontra l-kriminalità, intom ma tħarsu lejn wiċċ ħadd u tiġbdu lkoll ħabel wieħed.

Dmir il-pulizija huwa lejn Alla u lejn pajjiżu. Għaldaqstant, pulizija jiżbalja jekk fil-qadi ta' dmirijietu jimxi skond l-irbit jew il-ġibdiet tal-politika partiġġjana. Pulizija li jagħmel dan l-iżball ikun qed ifixkel il-ġid komuni tal-poplu u għalhekk ikun qed jimxi kontra r-rieda ta' Alla.

**Tisħiħ tal-fiduċja**

Il-poplu tagħna, għall-grazzja ta' Alla, għad għandu ħafna fiduċja fl-istituzzjonijiet tiegħu, fosthom il-Korp tal-Pulizija.

Nitolbu lil Alla jgħinna lkoll biex din il-fiduċja nirrispettawha u nsostnuha billi kull membru tal-Korp tal-Pulizija jħabrek biex jagħti tassew u bla heda servizz ta' fedeltà lejn Alla u lejn pajjiżu.

*Quddiesa fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana*
*12 ta' Lulju 1996.*

# President Ġdid tal-Forum ta' l-Għaqdiet Kattoliċi jiltaqa' ma' l-Arċisqof

Dr. André J. Camilleri, il-President il-ġdid tal-Forum ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi Maltin, iltaqa' ma' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Dr. Camilleri kien akkompanjat minn Dun Victor Cilia, Delegat ta' l-Arċisqof għal-Lajċi, u mis-Sur Nikol Baldacchino, li għadu kemm temm il-kariga tiegħu bħala President tal-Forum.

Fil-laqgħa, Mons. Arċisqof fisser l-appoġġ tiegħu għax-xogħol li qed jagħmel il-Forum biex ikun dejjem iżjed ħolqa li ġġib flimkien lill-għaqdiet u l-movimenti Kattoliċi fid-djoċesi.

Mons. Mercieca qal li din l-għaqda fid-diversità hija importanti ħafna. Hemm xogħol li l-għaqdiet u l-movimenti huma msejħin biex jagħmluh skond il-kariżma proprja tagħhom, u hemm ukoll xogħol li huma jridu jwettquh id f'id.

Mons. Arċisqof tkellem ukoll favur il-preżenza u l-involviment dejjem iktar b'saħħithom tal-membri ta' l-għaqdiet u l-movimenti, fil-ħajja u l-attivitajiet tad-djoċesi fuq bażi nazzjonali.

Il-ħatra tal-President tal-Forum hija għal sentejn.

Dr. Camilleri huwa qrib il-Moviment tal-Fokolari.

**Arċidjoċesi ta' Malta**

## Ċirkolari Numru 338

# Offerta għall-Papa – 1996

Fil-Quddies kollu ta' nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 15 u 16 ta' Ġunju, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi tagħna se ssir il-ġabra, magħrufa bħala l-"Offerta ta' San Pietru", li nagħmlu kull sena biex ngħinu 'l Papa ħalli jkun jista' jagħmel il-ħidmiet tiegħu ta' Karità.

Nappellaw lil ħutna kollha biex inkunu tassew ġenerużi fl-offerti tagħna.

Bil-ġenerożità li nuru nkunu b'xi mod qed nieħdu sehem f'din il-ħidma fejjieda tal-Papa għal ħutna fil-bżonn. Inkunu fl-istess ħin nuru l-għaqda ta' mħabba u l-lejaltà tagħna lejn il-Papa. Nuru wkoll li napprezzaw is-sagrifiċċji kbar li hu jagħmel fil-qadi tal-missjoni kbira tiegħu bħala Ragħaj tal-Knisja Universali għall-ġid tagħna u ta' ħutna l-bnedmin kollha.

## * Festa Nazzjonali 7 ta' Ġunju

Fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-festa Nazzjonali nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju 1996:

1) Fil-Quddies kollu, fit-Talba tal-Fidili tiżdied din l-invokazzjoni: "Nissel, Mulej, fil-qlub tagħna l-Maltin kollha, ħsibijiet ta' paċi, ġustizzja u mħabba, biex naħdmu flimkien għall-ġid u progress materjali, soċjali u spiritwali ta' pajjiżna".
2) Wara kull Quddiesa jitkanta l-Innu Malti.
3) Dakinhar, issir mixgħela tal-frontispizji u tas-slaleb tal-knejjes minn inżul ix-xemx sal-11.00 pm,
4) Fuq il-knejjes li għandhom l-arblu tittajjar il-bandiera Maltija.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 27 ta' Mejju 1996.

Annetto Depasquale
Vigarju Ġenerali

Alfred Muscat
Kanċillier

* Din il-parti taċ-Ċirkolari m'hemmx għalfejn tinqara fil-knejjes

**Arċidjoċesi ta' Malta**

## Ċirkolari Numru 339

# Invokazzjoni ġdida fil-Litanija tal-Madonna

Il-Qdusija tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II ried li fil-Litanija tal-Madonna tiżdied invokazzjoni oħra lill-Verġni Marija biex tagħti l-ħarsa tagħha fuq il-familja li llum tinsab mhedda minn tant tiġrib.

L-invokazzjoni hi **Sultana tal-Familja**, trid tingħad wara l-invokazzjoni "Sultana tar-Rużarju Mqaddes" u qabel l-invokazzjoni "Sultana tal-Paċi".

Din l-invokazzjoni għandha tiżdied fil-Litanija tal-Madonna meta tingħad it-talba tar-Rużarju fil-pubbliku mill-ġurnata li din iċ-Ċirkolari tasal għand id-destinatarji tagħha.

Inħeġġu lil kulħadd biex ukoll fir-reċita privata tar-Rużarju nsegwu r-rieda tal-Papa u nżidu din l-invokazzjoni bil-ħsieb li nitolbu lill-Omm ta' Ġesù u Ommna biex interċedi għall-ħarsien u għall-qdusija tal-familji kollha.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 4 ta' Ġunju 1996.

Mons. Annetto Depasquale
Vigarju Ġenerali

Dun Alfred Muscat
Kanċillier

## Eżempju ta' omeliji

### L-24 Ħadd tas-sena

# Il-Maħfra tal-Ħtijiet

### Kemm-il darba għandi naħfer?

Kull jum meta aħna ngħidu t-talba li għallimna l-Mulej għas-salvazzjoni tagħna ngħidu: "Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina". Ma nafx jekk qatt ħsibna sewwa fuq din l-invokazzjoni lil Alla li nagħmlu almenu tliet darbiet kull jum, kif kienu jagħmlu l-insara ta' l-ewwel żminijiet, iżda jekk xi darba ħsibna sewwa fuq il-kliem ta' din it-talba żgur tiġi f'moħħna l-mistoqsija li għamel San Pietru lil Ġesù: "Xi kemm-il darba irid jonqosni ħija biex naħfirlu? xi seba' darbiet?" Seba' darbiet narawhom ħafna, kif rahom ħafna San Pietru, u żbalja, tant li Ġesù wieġbu "Ma ngħidlekx seba' darbiet, imma sa sebgħa u sebgħin darba", u Ġesù wettaq kliemu bil-parabbola li tħabbritilna fl-Evanġelju ta' llum, biex turina li għandna naħfru dejjem il-ħtijiet li jsirulna għaliex il-ħtijiet li nagħmlu lil xulxin ma huma xejn, imqabblin ma' l-offiżi li bihom inżebilħu lil Alla; imma Alla fil-kobor bla qjies tal-ħniena u ta' l-imħabba tiegħu għalina lest dejjem biex jaħfrilna jekk niedma u sogħbiena nersqu lejh nitolbu maħfra.

### Il-maħfra tad-dnubiet hi għemil ta' mħabba

Alla lest dejjem biex jaħfrilna ħtijietna, għax iħobbna, u ma jridx li xi ħadd minna jintilef għal dejjem; il-maħfra tad-dnubiet hu għemil ta' mħabba ma' għajrna, u qatt ma għandu jkun hemm limiti għall-imħabba, għax inkella ma tkun imħabba xejn imma tfittixx biss ta' dak li jaqblilna. Għandna naħfru lil min jonqosna għaliex hu ħuna, wieħed minn ħutna fi Kristu, wieħed mifdi bħalna bid-demm għażiż ta' Kristu, u bejn l-aħwa, bejn dawk li huma wlied adottivi ta' Alla, ma għandu jkun hemm xejn xi jxekkel għemil l-imħabba.

Meta naħfru lil min hu ħati għalina nkunu nixbhu lill-Mulej fl-imħabba tiegħu għalina: Alla l-Missier, għani fil-ħniena, jtella' x-xemx tiegħu għat-tajbin u għall-ħżiena, u jistabar bina midinbin, u jagħtina ż-żmien kollu li neħtieġu biex nindmu u niksbu l-maħfra ta' dnubietna. Iżda din il-maħfra jagħtihielna biss b'kondizzjoni: jaħfrilna daqskemm aħna lesti naħfru lil min hu ħati għalina. Il-parabbola dan turihulna b'mod l-aktar ċar: il-qaddej ħażin li ma riedx jaħfer id-dejn żgħir li wieħed minn sħabu

kellu miegħu, wara li sidu kien ħafirlu d-dejn kbir li kellu miegħu, ġie kastigat bl-aħrax, proprju minħabba dan in-nuqqas ta' mħabba li wera ma' sieħbu midjun miegħu għal ftit soldi, għal ftit ċenteżmi, mitt dinar, meta sidu kien ħafirlu somom kbar ta' flus, mijiet ta' liri, għaxart elef talent.

## Kemm nonqsu meta ma naħfrux

Kliem Bin Sirak ukoll li tħabbrilna fl-ewwel qari ta' llum juru kemm jonqos mill-imħabba għal għajru min mhux lest jaħfer il-ħtijiet li jsirulu. Bin Sirak jurina b'kemm suriet nonqsu mill-imħabba meta ma naħfrux lil min hu ħati għalina. Min mhux lest jaħfer il-ħtijiet li jsirulu hu mimli mibegħda u għadab għax ma jafx x'inhi l-imħabba, u fl-għama tiegħu lanqas lil Alla ma jħobb li hu l-Imħabba fih innifsu, anzi jasal biex jobgħod lil Alla u joffendih bi kliemu proprju minħabba l-imħabba tiegħu għalina l-bnedmin. Min ifittex li jivvendika ruħu b'idejh l-offiżi li jsirulu, min iżomm f'qalbu l-korla għal ħaddieħor, min m'għandux ħniena għal Alla, dan ma jafx x'inhi l-imħabba u għalhekk mhux lest jaħfer l-iċken offiża li ssirlu.

Iżda min iħobb is-sliem, min irid jgħix fil-paċi l-jiem kollha ta' ħajtu, ħabib ma' kulħadd, jeħtieġlu jħares il-kmandamenti, irażżan il-korla tiegħu, iwarrab minnu l-ġlied u l-għadab tiegħu, huwa u jiftakar li hawn fid-dinja ma għandniex għamara għal dejjem, u jrid jasal il-waqt li fih irridu nagħtu kont ta' għemilna kollu lil Alla li ħalaqna u fdiena.

## Nagħtu kont lil Alla

Dan il-kont ta' għemilna irridu nagħtu aħna, aktar minn bnedmin oħra, għaliex aħna m'aħniex ngħixu għalina nfusna, imma għal Alla, li kisibna għalih biex inkunu l-poplu qaddis tiegħu. Kisibna għalih fil-Magħmudija tagħna u għalhekk ħajjitna kollha trid tkun għalih: sew jekk ngħixu u sew jekk immutu aħna tal-Mulej, qalilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum. Aħna tal-Mulej, u għalhekk għandu jkollna l-istess sentimenti tiegħu: naħfru bħalma jaħfrilna hu, inħennu bħalma jħenn għalina hu, nagħdru bħalma jagħdirna hu: hekk biss inkunu tassew nixbħuh, hekk biss inkunu insara tassew.

### Il-25 Ħadd tas-sena

# Il-Fehmiet ta' Alla u l-fehmiet tagħna

## Biex naħsbu kif jaħseb Alla

Bi kliem il-profeta Isaija llum Ġesù qed jgħidilna li l-ħsibijiet tiegħu m'humiex bħal ħsibijiet tagħna u l-fehmiet tiegħu m'humiex bħal fehmiet tagħna, għaliex Alla dejjem lest biex jaħfer lill-midneb li jdur lura lejh sogħbien u niedem, waqt li aħna m'aħniex kapaċi naħfru lil min hu ħati għalina, minkejja li Ġesù qalilna li għandna dejjem naħfru lil min hu ħati għalina biex inkunu tassew nixbħu lil Alla.

Meta naħsbu bħala bnedmin inkunu rridu npattu l-ħtijiet li jsirulna "sinna sinna", bla ħniena, mingħajr ma nqisu xejn ħlief l-offiża li tkun saritilna. Iżda dan mhux skond l-ispirtu ta' l-Evanġelju, mhux għemil ta' mħabba; u meta dan, ma nkunux qed inġibu ruħna bħala ulied dak Alla li jtella' x-xemx fuq it-tajbin u l-ħżiena, mhux skond l-ispirtu li għandu jmexxi kull għemil tagħna, għaliex aħna għażilna li nkunu ta' Kristu, u għalhekk irridu nġibu ruħna kif jixraq lill-Evanġelju ta' Kristu.

## Jekk naħsbu kif jaħseb Alla, inħallu f'idu ħajjitna kollha

Meta dan, l-imġiba kollha ta' ħajjitna fid-dinja ma toħloqilniex problemi, għax sew jekk ngħixu u sew jekk immutu aħna tal-Mulej. Dan il-paradoss ifissirulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum: jekk aħna ta' Kristu, hu l-istess għalina li nibqgħu fid-dinja jew li nħallu d-dinja: jekk nibqgħu fid-dinja, qegħdin hawn biex nagħtu kotra ta' frott ta' għemejjel tajba u nagħtu ġieh u glorja lill-Mulej; jekk inħallu din id-dinja immorru mal-Mulej għal dejjem. Qisu għandna żewġ għażliet quddiemna. San Pawl quddiem din l-għażla ħass ruħu bejn ħaltejn: xtaq iħalli d-dinja bit-tiġrib u t-taħbit kollha tagħha biex igawdi l-hena ta' dejjem fis-sema, u xtaq ukoll jibqa' fid-dinja biex iwassal 'l Kristu lil dawk kollha li kienu lesti jilqgħuh. Din hi x-xewqa ta' kull min iħobb tassew lil Ġesù; u min iħobb tassew lil Ġesù jħalli f'idejh il-ġejjieni tiegħu: jekk il-Mulej iridu jibqa' fid-dinja biex jaħdem għalih fil-ħsad tiegħu, iroddlu ħajr ta' dan; hekk ukoll iroddlu ħajr jekk il-Mulej jogħġbu jsejjaħlu biex jagħtih il-premju tal-ħajja ta' dejjem.

## Parabbola dwar il-ħajja fid-dinja

Dan joħroġ ċar ħafna mill-parabbola ta' l-Evanġelju ta' llum, il-parabbola tal-ħaddiema li daħlu jaħdmu fl-għalqa ta' sidhom tul ħinijiet differenti

tal-jum, u fl-aħħar tal-ġurnata kull wieħed irċieva l-istess dinar wieħed tax-xogħol tiegħu. Kien hemm min gerger għax għamel sigħat sħaħ ta' xogħol iebes tul il-jum kollu u rċieva dinar wieħed biss, daqskemm irċieva minn ħadem siegħa biss, l-aħħar siegħa tal-jum!

Din il-parabbola ta' Ġesù nistgħu nifmuha ħażin; Ġesù mhux qed ikellimna dwar il-ħlas li jmiss lill-ħaddiema tax-xogħol li jagħmlu: il-ġustizzja titlob li min ħadem il-jum kollu u tgħabba bil-piż tal-jum u bis-sħana jistħoqqlu ħlas aktar minn min ħadem siegħa biss u din is-setgħa għamilha meta l-jum kien riesaq lejn it-tmiem tiegħu. Mhux din il-verità tal-ġustizzja li Ġesù ried jgħallimna llum, imma l-verità tal-ħajja ta' dejjem li l-Mulej jagħti lil dawk kollha li jtemmu ħajjithom f'din id-dinja bi ħbiberija mal-Mulej. Il-parabbola nifhmuha aħjar jekk naqraw dak li Isaija qal dwar il-ħniena ta' Alla. Jekk bniedem ħażin fi tmiem ta' ħajtu jindem minn dnubietu u jisgħob bih minnhom, dawn jintesew għal kollox u jikseb l-hena ta' dejjem, iżda jekk bniedem ġust fl-aħħar ta' ħajtu jinsa l-ġustizzja tiegħu u jagħmel kull xorta ta' ħażen u ma jisgħob bih minnu, it-tjieba kollha li għamel tintesa u jmur fit-telfien ta' dejjem. Dan mhux sewwa, ngħidu aħna, imma aħna naħsbu mhux kif jaħseb Alla, li jrid il-bnedmin kollha jsalvaw, dawk ukoll li jduru lejh fl-aħħar ta' ħajjithom.

**It-tifsir tal-parabbola**

Fil-ħaddiema li daħlu jaħdmu fl-għalqa tal-Mulej f'ħinijiet differenti tal-jum huma l-bnedmin kollha li f'xi mument ta' ħajjithom daru lejn Alla biex jaqduh: hemm xi wħud li qdew il-Mulej minn tfulithom u għaddew ħajjithom kollha jgħixu ħajja ta' sagrifiċċji u ta' ċaħdiet għall-Mulej; hemm oħrajn li jibdew ifittxu l-Mulej fil-bidu ta' żogħżithom, u oħrajn meta jkunu għaddew nofs ħajjithom fid-dinja, u fl-aħħarnett hemm dawk li jfittxu l-Mulej fi xjuħithom meta jintebħu li waslu għat-tmiem ta' ħajjithom: ilkoll jirċievu mingħand il-Mulej fit-tmiem ta' kollox id-dinar tal-ħajja ta' dejjem imwiegħed lilhom, iżda dan ma jfissirx li l-għemejjel kollha tajba li jkunu għamlu tul ħajjithom kollha, jew tul iż-żmien tal-fedeltà tagħhom lejn il-Mulej ma jkollhomx l-premju tagħhom fis-saltna tas-smewwiet: fil-Ktieb ta' l-Apokalissi San Ġwann ra qtajja ta' qaddisin lebsin ilbiesi twal bojod bil-palm f'idejhom, mexjin aktar mill-qrib wara l-Haruf: huma dawk li qdew il-Mulej tul ħajjithom kollha u issa qed igawdu glorja akbar għall-fedeltà tagħhom fl-għalqa tal-Mulej. Jalla nkunu minn dawn, waqt li naħsbu wkoll f'ħutna li għadhom 'il bogħod mill-Mulej biex huma wkoll jilqgħu l-istedina tiegħu ta' l-aħħar siegħa u jmorru jaħdmu fl-għalqa tiegħu biex ma jibqgħux fid-dlamijiet ta' dejjem.

**Is-26 Ħadd tas-sena**

# Il-Maħfra tad-dnubiet

## Il-ħsieb tal-bnedmin tad-dinja dwar l-imġiba ta' Alla

Kliem il-profeta Eżekjel jurina ċar kif naħsbu aħna l-bnedmin li nippretendu li nistgħu niġġudikaw lil Alla u ngħidu: "Mhux sewwa l-imġiba ta' Alla li jagħti l-kastig ta' dejjem lil xi ħadd li wara li jkun għex ħajja tajba, fl-aħħar ta' ħajtu jitbiegħed minn Alla u jmut fi dnubietu. U lanqas hu sewwa li bniedem, għas-sewwa u l-ġustizzja li jagħmel fl-aħħar ta' ħajtu, Alla jinsielu l-ħażen kollu li jkun għamel.

Din l-imġiba ta' Alla Ġesù jfissirilna sewwa bil-parabbola taż-żewġt aħwa, l-ewwel wieħed jwiegħed li se jmur jaħdem fl-għalqa ta' missieru iżda ma jmur xejn, u t-tieni wieħed jirrifjuta li jmur iżda mbagħad imur jagħmel dak li riedu missieru. Il-qassisin il-kbar u x-xjuħ fehmu x'ried jgħallem Ġesù tant li meta staqsiehom liema wieħed mill-aħwa għamel ir-rieda tal-missier weġbuh li kien dak li l-ewwel qal le lil missieru iżda mbagħad għamel dak li riedu jagħmel.

Meta Ġesù ra lill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu kienu fehmu l-parabbola tiegħu, urihom x'inhi l-imġiba ta' Alla li fuqha tkellem il-profeta Eżekjel anzi urihom li l-imġiba tagħhom kienet kollha kemm hi kontra l-ħsieb u r-rieda ta' Alla.

## Ma nafux ngħaqqdu l-ħniena mal-ġustizzja

X'kien qed iċanfar Ġesù fl-imġiba tal-qassisin il-kbar u tax-xjuħ tal-poplu? Kienu nies li kellhom is-setgħa jgħallmu l-ġustizzja u s-sewwa ta' Alla, iżda mbagħad huma la kienu jħarsu l-ġustizzja u lanqas is-sewwa ta' Alla, u għalhekk kienu se jsibu ruħhom barra mis-saltna ta' Alla. Għaliex? Għax meta Ġwanni l-Battista beda jistieden lil kulħadd biex jindem minn dnubietu u jagħmel is-sewwa, ħa jħejju ruħhom għall-miġja tal-Messija, il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu ma tawx każ ta' kliemu, ma emmnuhx, ma biddlux ħajjithom; waqt li l-midinbin – il-pubblikani u n-nisa tat-triq, imqanqlin minn kliem San Ġwann Battista, sogħob bihom mill-ħażin tagħhom u daru lejn Alla jitolbu maħfra u hekk kisbu s-salvazzjoni: il-ħtijiet tagħhom kollha ta' l-imgħoddi Alla nisehom, qishom qatt ma kienu għax ħassruhom bl-indiema u s-sogħba tagħhom, għax Alla ħanin u ma jridx il-mewt ta' dejjem tal-midneb, iżda li jindem u jgħix għal dejjem fis-saltna tas-smewwiet.

Aħna l-bnedmin ma nafux ngħaqqdu flimkien il-ħniena u l-ġustizzja:

irridu li ssir ġustizzja ma' min jagħmel il-ħażin, iżda ma nafux nuru ħniena ma' min niedem u sogħbien għall-ħażen li jagħmel jitlob maħfra. Iżda dan Alla jagħmlu għax hu għani bil-ħniena. Għaliex aħna bnedmin dgħajfa ngħidu li m'hijiex sewwa l-imġiba ta' Alla, kif fakkarna il-profeta, iżda jekk aħna naħsbu kif kien jaħseb Kristu Ġesù ma nsibuhiex bi tqila biex nifhmu kemm hi sewwa u skond il-ħaqq l-imġiba ta' Alla.

### Naħsbu bħal Ġesù

Kif se naħsbu kif kien jaħseb Kristu Ġesù? Jgħidulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum, qari li hu stedina ħerqana għalina lkoll biex bl-imġiba kollha tagħna nħabbru 'l Kristu lid-dinja li tant teħtieġ sentimenti ta' tjieba, ħniena, mogħdrija, sabar u fuq kollox imħabba. San Pawl għalhekk huwa u jara t-tiġrib u l-inkwiet u t-tilwim li qatt ma jonqsu fid-dinja, fost l-insara wkoll, jitlobna b'qalbu maqsuma biex infarrġuh billi nuru almenu sinjali żgħar ta' ħniena u mogħdrija għal xulxin, billi nħabirku ħa nżommu spirtu wieħed bejnietna bir-rabta tas-sliem, billi nwarrbu minna kull kliem iebes ta' tpattija u ta' vendetta, imma nfittxu biss kliem ta' ħlewwa u ta' mħabba. Dan naslu biex nagħmluh jekk nbegħdu minna kull sura ta' ambizzjoni, kull frugħa, kull egoiżmu, kull sura ta' suppervja li ġġiegħelna naħsbu li ħadd ma hu aħjar minna, li ħadd ma hu aqwa minna. Is-suppervja u l-kburija huma l-għeruq ta' kull għemil ħażin, għalhekk San Pawl iħeġġiġna biex inkunu umli bħalma kien Kristu Ġesù, li ċekken lilu nnifsu u sar bniedem bħalna u tgħabba bil-miżerji kollha tagħna, u obda sal-mewt tas-salib, il-mewt l-aktar infami li l-bnedmin ta' dak iż-żmien kienu jistgħu jagħtu.

### Niċċeknu bħal Ġesù

Ġesù ċekken lilu nnifsu sal-mewt tas-salib, iżda Alla igglorifikah u tah l-isem li hu fuq kull isem, għax Alla jeqfilhom il-kburin u jgħolli ċ-ċkejknin, l-umli. Għalhekk jekk aħna rridu li jkollna l-ħajja ta' dejjem u nsaltnu ma' Kristu fil-glorja tiegħu, jeħtiġilna niċċeknu bħalu; nagħarfu x-xejn tagħna, nagħarfu li aħna midinbin, nagħarfu li aħna bħall-pubblikani u n-nisa tat-triq, li neħtieġu li nikkonvertu kontinwament, u ma nqisux ruħna xi qaddisin mexjin fuq l-art u ħbieb ta' Alla, meta aħna bl-imġiba tagħna qed immorru kontra dik li hi l-imġiba ta' Alla ma' kull midneb li jindem u jikseb is-salvazzjoni. Aħna wkoll irridu nindmu mis-suppervja tagħna li ġġiegħelna naħsbu li aħna xi qaddisin, meta aħna wkoll midinbin u neħtieġu l-ħniena ta' Alla biex nintrefgħu mill-miżerji tagħna u meta jasal il-waqt insaltnu miegħu għal dejjem.

**Is-27 Ħadd tas-sena**

# Il-Misteru tal-Knisja

## Xbihat tal-Knisja fil-Kotba Mqaddsa

Fil-Kotba Mqaddsa nsibu ħafna xbihat tal-Knisja: San Ġwann ixebbah il-Knisja għall-merħla li tagħha l-Mulej huwa r-ragħaj; San Pawl jgħidilna li l-Knisja hi l-Ġisem ta' Kristu li tagħha Kristu huwa r-Ras; il-ktieb ta' l-Apokalissi isejjaħ lill-Knisja il-belt il-ġdida, Ġerusalemm tas-sema, nieżla mis-sema bħal Għarusa mżejna għall-Għarus tagħha; il-Knisja wkoll hija d-dar ta' Alla u l-għamara ta' l-Ispirtu s-Santu; u l-knisja hi wkoll l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej. Hu fuq din ix-xbieha li kellimna l-qari tal-Quddiesa ta' llum.

Hi xbieha li nsibuha fil-Ktieb tas-Salmi u fil-Ktieb ukoll tal-profeta Isaija, u nsibuha wkoll f'waħda mill-parabboli ta' Ġesù, dik il-parabbola li biha Ġesù ried ifiehem lill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu li Alla kien se jieħu s-Saltna tiegħu minn idejhom għax warrbuh, biex jagħtiha lil min jagħmel frott minnha.

## L-għalqa tad-dwieli tal-Mulej

Taħt it-tixbiħa ta' l-għalqa tad-dwieli, il-kotba tat-Testment il-Qadim juruna b'liema mħabba Alla ħabb il-poplu li kien għażel għalih, poplu li minnu kien jistenna kotra ta' frott. Alla ħa ħsieb il-poplu tiegħu: ħarġu mill-jasar ta' l-Eġittu, mexxih mid-deżert tul erbgħin sena, ipprovdielu ilma x'jixrob minn blata samma u bagħtlu l-manna bħala ikel mis-sema; wasslu fl-art imwegħda lill-missirijietu. Dan kollu l-profeta jfissru meta jgħid: "li l-għalqa għażaqha u naddafha miż-żrar, bena torri f'nofsha u ħaffer magħsar fiha. Iżda ma ħax frott minnha u abbandunaha għaliex stenna li tagħtih għeneb tajjeb f'waqtu u kull ma tagħtu kien għeneb qares".

Dan ħabbru il-profeta Isaija fl-ewwel qari tal-Quddiesa u immeditajnih aħna u ntennu kliem is-salm dwar l-għalqa tal-Mulej. Dan ħabbru wkoll Ġesù bil-parabbola ta' l-Evanġelju; anzi Ġesù jgħid xi ħaġa aktar milli qal il-profeta Isaija. Dan ħabbar li Alla b'kastig kien se jabbanduna l-poplu tiegħu minħabba l-infedeltajiet tiegħu, iżda Alla mbagħad kemm-il darba reġa' ħabbeb miegħu l-poplu tiegħu kull darba li reġa' lura lejh niedem u sogħbien.

## It-twarrib tal-Lhud

Ġesù bil-parabbola tiegħu jħabbar li Alla se jabbanduna l-poplu tiegħu darba għal dejjem, għax l-infedeltà tiegħu ma felaħx aktar għaliha: ma ridux jemmnu fih bħala l-Mibgħut tal-Missier, ċaħduh quddiem Ponzju Pilatu, riduh imsallab, u hekk seħħ dak li ħabbar wieħed mis-salmi ta' David: "il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka, bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan". Il-Lhud warrbu lil Ġesù, u ġew ikkundannati għax warrbu lil Dak li hu l-pedament li fuqu mibnija l-Knisja, kif tgħallimna l-Iskrittura.

Iżda San Pawl jiżgurana li dan it-twarrib tal-Lhud m'huwiex għal dejjem imma sa meta il-Lhud jintebħu bl-iżball tagħhom u jagħrfu lil Ġesù bħala l-Messija mwiegħed mill-profeti. Alla, jgħidilna San Pawl, ma jonqos qatt mill-wegħdiet tiegħu, u l-wegħdiet li għamel lill-poplu ta' Israel ma sfawx fix-xejn: il-Lhud ukoll meta jasal il-waqt għad jingħaqdu magħna fl-għarfien ta' Ġesù l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għas-salvazzjoni tagħna.

Bil-parabbola tiegħu Ġesù tkellem ċar ħafna u l-Lhud fehmuh sewwa: taħt ix-xbihat tal-parabbola għandna mfissra l-infedeltajiet kollha tal-Lhud tul il-ġrajja kollha tagħhom: il-profeti qaddejja tal-Mulej li Alla kien jibgħatilhom biex ireġġagħhom għall-fedeltà sħiħa lejh, lil xi wħud sawtuhom, lill-oħrajn ħaġġruhom, lill-oħrajn qatluhom, u fl-aħħar waslu biex joqtlu lill-istess Iben ta' sidhom, l-Iben ta' Alla li sallbu barra l-belt.

## Twissija għalina

Il-parabbola u l-qari kollu ta' llum għandu jkun ta' twissija għalina, għaliex aħna wkoll nistgħu nonqsu mill-fedeltà tagħna lejn Alla u nagħmlu bħalma jagħmlu bennejja boloh li jwarrbu l-ġebla li hi l-ġebla tax-xewka, li nwarrbu, bi kliem ieħor, lil Ġesù, li minnu biss tiddependi s-salvazzjoni tagħna ta' dejjem. Xi rridu nagħmlu biex neħilsu mill-kundanna tal-Lhud? Jgħidulna San Pawl fit-tieni qari ta' llum. L-ewwelnett irridu nitolbu ħafna u ma nieqfu qatt mir-radd ta' ħajr lil Alla, imbagħad ma għandniex nagħmlu ħaġ'oħra ħlief infittxu dak li hu veru, ġust, xieraq, qaddis u safi, li nfittxu kull ma jixraq li nħobbuh, kull ma hu virtù, kull ma ħaqqu t-tifħir. Meta dan, is-sliem ta' Alla jkun magħna, biex iwettaqna fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna.

### It-28 Ħadd tas-sena

# L-Ikla Eskatoloġika tal-Mulej

## Il-Knisja eskatoloġika

Il-Ħadd li għadda il-qari tal-Quddiesa kellmitna fuq il-Knisja bħala l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej; u llum tkoompli tkellimna fuq il-misteru tagħha. Il-Ħadd li għadda kellimna fuq il-misteru tal-Knisja tul il-ġrajja tal-bniedem fid-dinja, u dwar l-infedeltajiet tal-bniedem fi ħdan il-Knisja. Illum il-qari jrid ikellimna fuq il-misteru tal-Knisja, fil-glorja ta' dejjem meta il-fidili kollha tal-Knisja jkunu mistednin għall-ikla tat-tieġ tal-Ħarfuf fis-saltna tas-sema. Il-profeta jħabbrilna din l-ikla u jgħid li għaliha huma mistednin il-ġnus kollha ta' l-art, u li seħħ fil-milja kollha tagħha meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja; waqt li Ġesù bil-parabbola tiegħu ta' llum jgħidilna min huma dawk li jistħoqqilhom jieħdu sehem f'din l-ikla.

## Il-Mulej qed imexxi l-ġnus kollha lejn l-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf

Taħt ix-xbieha ta' mejda b'ikel fin u nbejjed fini, il-profeta jħabbar din l-ikla tal-Mulej li għalija jistieden il-popli kollha, għax iċarrat minn wiċċhom il-velu li ma kienx qed iħallihom jaraw il-verità sħiħa: dan għad jiġri meta tgħaddi s-sura ta' din id-dinja tad-dnub, meta Alla jeqred il-mewt għal dejjem u jixxotta kull demgħa minn fuq kull wiċċ u jħassar l-għajb tal-popli kollha u lkoll jgħarfu lil Alla tas-salvazzjoni tagħna.

Tul iż-żminijiet Alla, bħala r-ragħaj it-tajjeb, qed imexxi lill-ġnus kollha lejn il-mergħat ta' dejjem, lejn din l-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf; mingħajr ma jafu, iwettaqhom fit-triq, u jgħaddihom mill-widien mudlama tad-dnub biex iwassalhom għall-mejda li għandu mħejjija għall-popli kollha fis-sema. Il-bnedmin kollha ta' rieda tajba huma mexjin, mingħajr ma jafu, lejn din l-ikla tal-Mulej għax il-Mulej fil-kobor bla qjies tat-tjieba u tal-ħniena tiegħu jieqaf ma' dawk kollha li tul ħajjithom fuq l-art jimxu skond ma tgħidilhom il-kuxjenza tagħhom u jaħarbu l-ħażin u jagħmlu t-tajjeb, għalkemm qatt ma semgħu bit-tħabbira ta' l-Evanġelju tal-Mulej.

## It-tifsir tal-parabbola tal-Mulej

Iżda, nistaqsu, kif nistgħu nkunu nafu aħniex nagħmlu t-tajjeb u naħarbu l-ħażin? kif jafuh dan dawk li ma għandhomx ix-xorti tagħna u ma jafux bl-Evanġelju tal-Mulej? Tweġibna l-parabbola ta' llum.

Is-Saltna tas-smewwiet tixbah ikla li wieħed ħejja għall-mistednin tiegħu, iżda meta wasal il-waqt ta' l-ikla, il-mistednin kollha sabu xi skuża u ma marrux għall-ikla, u għalhekk is-sultan daħħal għall-ikla lil dawk kollha li l-qaddejja sabu fit-triq, iżda mbagħad keċċa 'l barra dak li daħal għall-ikla mhux liebes għall-festa. Xi jfisser dan kollu?

Minn kienu dawk il-mistednin li ma marrux għall-ikla tas-sultan? dawk li kienu aktar moħħhom fil-ġid ta' l-art, fin-negozju tagħhom, dawk li żebilħu u qatlu l-qaddejja tas-sultan. Fi kliem ieħor, Ġesù bil-parabbola tiegħu qed jgħidilna li jekk norbtu qalbna iż-żejjed mal-ġid li jgħaddi u nwarrbu fil-ġenb il-ġid li jibqa' għal dejjem aħna nkunu nipperikolaw li nsibu ruħna barra mill-ikla ta' tieġ tal-Ħaruf.

## L-imwarrbin mill-ikla

Ġesù għall-ikla tiegħu jistieden lil kulħadd, lil kull min hu miexi fit-triqat tad-dinja – hekk għamlu l-qaddejja tas-Sultan, ħarġu fit-triqat u daħħlu lil kull min sabu tajjeb jew ħażin, iżda kull min daħal għall-ikla kien mistenni li jkun liebes għall-festa, inkella isib ruħu mkeċċi 'l barra. Xi jfisser dan?

X'inhu l-ilbies tal-festa li jrid ikollna biex nieħdu sehem mill-ikla tat-tieġ tal-Ħaruf? Hu dak kollu li n-nuqqas tiegħu jtelfilna l-hena ta' dejjem, hu dak in-nuqqas li minħabba fih insibu ruħna imwaddbin fid-dlam, fil-post fejn m'hemmx ħlief biki u tgħeżżiż ta' snien, fi kliem ieħor it-telfien ta' dejjem. U min huma dawk li huma ħatja ta' dan in-nuqqas u li għalhekk se jmorru fit-telfien ta' dejjem? Huma dawk li jidinbu kontra l-Ispirtu s-Santu, li jgħalqu qalbhom għall-ħidma tal-grazzja ta' Alla fihom, u ma jħalluhiex twassalhom għall-indiema u s-sogħba ta' dnubiethom, ma tagħmilx magħhom dak li għamlet fl-iben il-ħali li wasslitu biex jgħid: "nqum u nerġa' lura għand il-Missier".

## It-tagħlim ta' San Pawl

Kull bniedem jista' jeħles minn din il-kundanna tat-telfien ta' dejjem jekk nżommu quddiemna dak li qalilna San Pawl fit-tieni qari ta' llum. San Pawl jgħidilna li lest jgħix fil-għaks u fil-ġid, fix-xaba' u l-ġuħ, fl-hena u l-moħqrija, waqt persekuzzjonijiet u tiġrib: għaliex? għax għandu 'l Alla miegħu biex iqawwih. San Pawl kien iħoss sewwa d-dgħufija tiegħu, imma kellu fidi kbira fl-għajnuna tal-Mulej: "għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' Dak li jqawwini". Aħna wkoll nistgħu nagħmlu dan, jekk nafdaw ruħna f'idejn Alla u nilqgħu minn għandu l-għaks u l-ġid, il-faraġ u l-inkwiet, żguri li l-Mulej hu dejjem magħna biex iwettaqna bil-grazzji tiegħu fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna, aħna u nitħejjew kif jixraq ħa nieħdu sehem fl-ikla eskatoloġika tat-tieġ tal-Ħaruf.

### Id-29 Ħadd tas-sena

# Il-Ġurnata Missjunarja

## Il-qerq tal-Fariżej

It-tagħlim li l-Knisja trid tagħtina llum f'dan id-29 Ħadd tas-sena, insibuh miġbur fil-kliem li l-Mulej qal lil xi dixxipli tal-Fariżej u lil xi Erodjani li marru jistaqsuh kellhomx iħallsu t-taxxi lir-Rumani. Għamlulu din il-mistoqsija mhux għax riedu jkunu jafu x'kienu dmirijiethom lejn il-ħakkiema ta' pajjiżhom, imma biex jaqbduh fi kliemu u jkollhom fuqhiex jixluh. Iżda Ġesù għaraf il-ħsieb ħażin tagħhom, u tahom tweġiba li tgħodd għaż-żminijiet kollha kullimkien, qalilhom: "Agħtu lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri, u lil Alla dak li hu ta' Alla".

## Iż-żewġ dmirijiet tal-bniedem

B'dawn il-kelmiet Ġesù jurina li l-bnedmin kollha huma marbutin minn żewġ dmirijiet, mid-dmir lejn Alla u mid-dmir lejn art twelidhom. Kull bniedem hu fid-dmir li jħobb 'l Alla fuq kollox u qabel kollox u jagħtih il-qima li tixraqlu billi jħares il-kmandamenti tiegħu; min-naħa l-oħra kull bniedem hu fid-dmir li jgħin biex art twelidu tiġi 'l quddiem, bil-ħarsien tal-liġijiet tagħha u bl-għajnuna li jagħti lill-mexxejja bit-taxxi ġusti li hu jħallas. Dawk li għandhom is-setgħa li jmexxu pajjiż, jirċievu s-setgħa tagħhom mingħand Alla għax kull setgħa ġejja minn Alla, u huma fid-dmir li jħaddmu din is-setgħa għall-ġid ta' kulħadd u mhux biex iġibu 'l quddiem biss l-interessi tagħhom. Nistgħu nonqsu kemm jekk lil Alla ma nagħtuhx il-qima li tisthoqqlu u kemm jekk ma naqdux dmirijietna lejn pajjiżna; dan għaliex aħna qed ngħixu fid-dinja mhux għal rasna iżda f'komunità ta' bnedmin u għalhekk għandna bżonn lil xulxin biex inġibu 'l quddiem il-qagħda tagħna f'din id-dinja, u dan nagħmluh bil-ħarsien tal-liġijiet ta' pajjiżna; imma aħna m'għandniex għamara għal dejjem f'din id-dinja, għax pajjiżna hu s-sema u f'din id-dinja aħna mexjin 'l hemm, u naslu biss jekk inkunu fidili lejn Alla għax fih biss insibu t-tmiem sħiħ tagħhom ix-xewqat kollha tagħna.

## Aħjar tobdi 'l Alla milli l-bniedem

Tul ħajjitna f'din id-dinja ma nistgħu neħilsu qatt milli nagħtu lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri u lil Alla dak li hu ta' Alla. Jista' dejjem ikun hemm xi konflitt bejn dawn iż-żewġ dmirijiet: meta "Ċesri" jippretendi li għandu

aktar setgħa milli jagħtih Alla, iżda f'dan il-każ hu "aħjar tobdi lil Alla milli tobdi l-bnedmin". Is-setgħanin ta' l-art, huma u jħaddmu s-setgħa tagħhom, iridu jiftakru dejjem li s-setgħa li għandhom ġejja minn Alla, u għalhekk iridu jużawha tajjeb, għall-ġid tal-komunità kollha – meta jasal il-waqt huma wkoll mistennija li jagħtu kont tat-tmexxija tagħhom jekk kinitx skond ir-rieda ta' Alla jew le.

L-Iskrittura llum issemmilna eżempju ta' sultan li kien skond il-qalb ta' Alla: Ċiru. Alla tah rebħa sħiħa fuq l-għedewwa tiegħu biex ikun jista' jreġġa' lura lejn pajjiżu l-poplu ta' Alla li kien ilu sebgħin sena eżiljat f'Babel. Ċiru għamel ir-rieda tal-Mulej, u kien imbierek minn Alla; sar eżempju għa-setgħanin kollha tad-dinja kif ikunu ta' għajnuna għall-Poplu ta' Alla f'din id-dinja, għall-Knisja ta' Kristu fil-ħidma tagħha għas-salvazzjoni tad-dinja.

## Il-missjoni tal-Knisja fid-dinja

Illum il-Knisja qiegħda tfakkarna b'mod speċjali f'din il-missjoni tal-Knisja u qed tistieden il-bnedmin kollha biex jgħinu l-ħidma tagħha ħa twassal il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni lill-ġnus kollha ta' l-art li għad ma jafux biha. L-insara kollha huma fid-dmir li jgħinu f'din il-ħidma, għaliex, bħala membri ta' Knisja missjunarja, għandhom ikunu huma wkoll missjunarji. U ikunu missjunarju bit-talb tagħhom ħalli s-Saltna ta' Alla tasal sa truf l-art – "tiġi saltnatek, ikun dak li trid int, kif fis-sema hekk ukoll fl-art". Huma missjunarji wkoll bl-għajnuna materjali li jagħtu lill-opri li l-Knisja għandha għax-xandir ta' l-Evanġelju; u huma mbagħad wisq aktar missjunarji jekk jingħaqdu mas-saċerdoti u r-reliġjużi missjunarji biex jagħtu xhieda ta' ħajja nisranija fl-artijiet tal-missjoni.

## Biex tkun nisrani missjunarju

L-insara li jridu jagħmlu dan, irid ikollhom dik il-fidi li kellhom it-Tessalonkin li San Pawl tant faħħarha fiż-żewġ ittri tiegħu lilhom. San Pawl kien iħoss li għandu jrodd ħajr lil Alla għall-fidi tat-Tessalonkin, għat-taħbit tagħhom fix-xandir tal-fidi nisranija, taħbit ġej mill-imħabba tagħhom għal Kristu, għall-qawwa tal-fidi tagħhom. Kliem San Pawl lit-Tessalonkin jgħodd għalina wkoll jekk aħna bħalhom nagħmlu ħilitna bit-talb u l-għemil kollu tagħna ħa ngħinu l-ħidma missjunarja tal-Knisja. Dan għandna nagħmluh mhux illum biss, f'din il-Ġurnata Missjunarja, imma tul is-sena kollha, tul ħajjitna kollha, biex dejjem nagħtu lil Alla dak li hu ta' Alla mingħajr ma nonqsu li nagħtu lil Ċesri – lil pajjiżna – dak li aħna fid-dmir nagħtuh.

It-30 Ħadd tas-sena

# L-Imħabba tal-Proxxmu

## Kif nagħtu eżempju ta' ħajja nisranija

Għadna kif smajna lil San Pawl ifaħħar it-Tessalonkin għax laqgħu bil-ferħ il-Kelma ta' Alla, minkejja t-tbatijiet ta' kull xorta li ġarrbu; laqgħu bil-qalb fosthom l-Appostlu tal-Mulej u warrbu fil-ġenb għal kollox il-qima ta' l-allat folox biex jaqdu lil Alla veru, u hekk saru eżempju għall-insara kollha tal-Greċja u tal-Maċedonja.

It-tifħir li San Pawl kellu għat-Tessalonkin ikun jistħoqq lilna wkoll jekk nagħtu eżempju ta' ħajja nisranija kif taw huma. U x'eżempju ta' ħajja nisranija nistgħu nagħtu aħna? L-aqwa eżempju ta' ħajja nisranija jgħidilna x'inhu l-qari ta' llum: kliem il-Mulej lill-poplu tiegħu tal-Patt il-qadim kliem Ġesù dwar il-preċett ta' l-imħabba: "Ħobb 'l Alla fuq kollox, u ħobb l-għajrek bħalek innifsek".

## Eżempju ta' l-imħabba tal-proxxmu: l-imħabba għall-barrani

Il-kmandament ta' l-imħabba tal-proxxmu Alla lill-poplu tiegħu tal-Patt il-Qadim tahulu l-ewwel permezz ta' eżempji, biex jfehmhom aħjar x'jiġifieri tħobb l-għajrek bħalek innifsek, u min hu għajrek. Għal-Lhud u għall-popli kollha tal-qedem il-proxxmu kien biss dak li jiġi minnek, il-qarib tiegħu; l-oħrajn il-barranin m'humiex proxxmu, huma aktarx għedewwa li trid tibża' minnhom. U Alla, permezz ta' Mosè lill-poplu tiegħu beda biex jgħidlu: "La taħqarx il-barranin u la tgħakksux, għax intom ukoll kontu barranin fl-art ta' l-Eġittu". Din hi twissija li tgħodd ħafna għaż-żminijiet ta' llum, meta f'ħafna pajjiżi qed jaħkem ir-razziżmu, fejn il-barrani hu maħqur, imsawwat, misruq, u xi drabi maqtul ukoll. Il-bniedem ma jaħmilx lil min hu differenti minnu, għax jitkellem b'ilsien ieħor, għax iħaddan reliġjon oħra, għax il-kulur ta' wiċċu huwa ieħor, għax drawwietu m'humiex l-istess bħal bqija tan-nies. Din il-mibgħeda għall-barrani kienet minn dejjem u f'dawn l-aħħar snin xegħlet sewwa f'ħafna pajjiżi. Iżda Alla lil-Lhud ħeġġiġhom biex iħennu għall-barrani u jagħdruh, għax huma tgħallmu mill-esperjenza tagħhom fl-Eġittu kemm hi iebsa l-ħajja tal-barrani.

## Imħabba għall-imwarrbin tad-dinja

Iżda mhux il-barrani biss hu maħqur; huma wkoll maħqurin dawk li ma għandhomx min jaqbeż għalihom, min jieħu ħsiebhom; fl-imgħoddi

dawn kienu r-romol u l-iltiema; illum huma l-imwarrbin min-nies jew għax morda bil-marda ta' l-AIDS, jew għax qed jgħixu fil-ħmieġ u l-faqar bla ebda saqaf xieraq fuq rashom fit-trufijiet il-bliet il-kbar tal-għonja, jew għaliex huma biss mezzi ta' pjaċir – nisa u tfal ukoll li jingħataw lil min lest iħallas somom kbar ta' flus għal ftit mumenti ta' pjaċir lil nies bla skruplu ta' xejn li jagħmlu ilsiera tagħhom lil dawn it-tfal u nisa. Maħqurin ukoll huma l-foqra, l-imwarrbin, dawk li jsibu ruħhom b'xi problemi ta' flus u mgħobbijin bid-dejn li jsibu ruħhom f'idejn nies bla qalb li jisilfuhom il-flus li jkollhom bżonn u jeħdulhom imgħaxijiet hekk għoljin li jisirqulhom kull ma jkollhom u jwassluhom biex jiddispraw u jneħħu ħajjithom.

## Il-vittmi ta' l-abort u ta' l-ewtanasja

Vittmi wkoll ta' dan in-nuqqas ta' mħabba tal-proxxmu huma t-trabi li ma jarawx id-dawl tax-xemx u l-ġuf li nissilhom isir qabarhom għax hekk riedet dik li nisslithom; huma x-xjuħ morda li b'fehma żbaljata ta' ħniena għall-marid isib min itemmilhom ħajjithom qabel il-waqt; huma dawk kollha li qed ibatu l-ġuħ, li ma għandhomx biex imantnu ruħhom u ma għandhomx post jgħixu sura ta' nies, li huma neqsin mit-tagħlim u, minħabba l-faqar tagħhom, jaraw 'l uliedhom ukoll imċaħħdin mit-tagħlim. Hi kotra bla għadd, il-kotra ta' dawk li jeħtieġu l-għajnuna tagħna, għax kollha huma proxxmu tagħna.

## Kif se nuru imħabba lil din il-kotra ta' msejknin

Il-kmandament tal-Mulej "Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek" jimpenja lilna lkoll biex ngħinu lil din il-kotra ta' msejknin li kollha huma ħutna għax ilkoll ulied Missierna tas-sema, ilkoll mifdijin mid-Demm ta' Kristu. Ma jistax ikun li nħarsu l-preċett ta' l-imħabba ta' Alla, jekk ma nħarsux ukoll il-preċett ta' l-imħabba tal-proxxmu. Iżda kif nistgħu nuru l-imħabba tagħna ma' dawn ħutna hekk imġarrbin? Illum hemm ħafna mezzi kif ngħinu lil min hu fil-bżonn, iżda l-għajnuna tagħna biex tkun tiswa trid issir għall-imħabba ta' Alla – ngħinuhom għax f'kull wieħed minnhom naraw ix-xbieha ta' Kristu, barrani fl-Eġittu, fqir, bla mkien fejn iserraħ rasu, dejjem miexi għall-għonq it-triq ifittex in-nagħġa mitlufa, mgħobbi bid-dnubiet tagħna lkoll, qed imut fuq is-salib biex jeħlisna mill-egoiżmu tagħna u jistedinna nkunu bħalu nagħmlu l-ġid minn kull fejn ngħaddu u l-aktar ma' ħutna fil-bżonn.

### Il-31 Ħadd tas-sena

# Il-Ministri ta' Alla

## L-imġiba tal-kittieba ta' żmien Ġesù

L-Evanġelju ta' llum iħabbrilna l-kliem iebes li kellu Ġesù għall-kittieba u l-Fariżej ta' żmienu: dawn kienu l-mexxejja tal-poplu, magħżulin minn Alla biex iwasslulhom il-verità tiegħu u juruhom liema huma d-dmirijiet tiegħhom lejn Alla. "Fuq il-kattedsra ta' Mosè qagħdu l-kittieba u l-Fariżej, mela dak li jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh", għaliex huma għandhom is-setgħa minn għand Alla biex ixandru l-veritajiet tiegħu, biex juru b'liema mod għandha tingħata qima vera lil Alla, kif għandhom jiġu mħarsa l-kmandamenti tiegħu: hu dmir għalhekk tal-poplu jilqa' t-tagħlim ta' dawn il-kittieba u jagħmluh. Iżda, ikompli jgħallem Ġesù, "tagħmlux kif jagħmlu huma". Fi kliem ieħor Ġesù qed jgħid lill-poplu: "Ilqgħu t-tagħlim tagħhom, agħmluh, iżda tkunux tixbħuhom fl-imġiba tagħhom, għax huma jgħallmu ħaġa u jagħmlu oħra; l-imġiba tagħhom ma tixraqx lid-dinjità tagħhom bħala għalliema tal-poplu: għaliex?

Ġesù jsemmi tliet raġunijiet: għemilhom ma jaqbilx ma' kliemhom, iridu li n-nies iħarsu l-liġi sa l-iċken tikka tagħha, minkejja l-ebusija kollha tagħha iżda mbagħad huma kienu jafu kif jeħilsu minn din l-ebusija tal-liġi; kienu ifittxu biss il-ġieħ mingħand in-nies f'kull okkażjoni għax kienu għalliema f'Israel, aqwa minn kulħadd.

## Kliem iebes tal-profeta Malakija

Dawn in-nuqqasijiet tal-mexxejja reliġjuża tal-Lhud ma kinux biss fi żmien Ġesù, kienu ilhom jidhru, tant li l-profeti wkoll kemm-il darba tkellmu fuq l-imġiba ħażina ta' dawn il-mexxejja reliġjużi. Kliem il-profeta Malakija li smajna llum hu wisq aktar iebes mill-kliem li kellu Ġesù għall-mexxejja reliġjużi tal-Lhud fi żmienu. Fi żmien Ġesù, il-kittieba u l-Fariżej kienu jgħallmu sewwa l-liġi ta' Alla, għalkemm imbagħad kienu jaraw kif jeħilsu milli jħarsuha, iżda fi żmien il-profeta Malakija dan ma kinux jagħmluh, ma kinux jgħallmu l-verità ta' Alla, twarrbu mit-triq it-tajba, saru skandlu għall-poplu tant li waqgħu għat-tmaqdir u ż-żebliħ tal-poplu kollu.

Iżda minkejja l-kliem iebes tal-profeti u l-kundanna ta' Ġesù għall-kittieba u l-Fariżej, m'għandniex naħsbu li kienu kollhom kemm huma ħżiena; dan kien aktar ġej mid-dgħufija milli mill-ħażen tagħhom; kellhom, sens kbir tad-dinjità tagħhom u għalhekk kienu ifittxu l-ġieħ tan-nies, l-

aħjar postijiet u quddiemnett, kienu mkabbrin ħafna bihom infushom, ma għarfux li l-kobor tagħhom kellu jiġi mis-safa tat-tagħlim li kienu jagħtu u mhux mill-mod kif kienu jġibu ruħhom quddiem in-nies.

### L-imġiba li Ġesù jrid f'dawk li jsejjaħ

Ġesù tkellem b'mod iebes kontra l-kittieba u l-Fariżej għaliex ried li dawk li għażel għalih biex ikomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja ma jkunux bħall-kittieb u l-Fariżej ta' żmienu, imma jkunu xbieha ħajja tiegħu fl-imġiba kollha tagħhom; kellhom jidhru quddiem in-nies tad-dinja bħalu, fqar, safja, ubbidjenti; ma jfittxux l-unuri tad-dinja u l-ġieh tan-nies u tas-setgħanin ta' l-art; ma jfittxux li jkunu moqdija min-nies imma li jaqdu lil kulħadd u l-aktar lil dawk kollha li huma mwarrbin u mżebilħin min-nies tad-dinja, għax Ġesù ġie mhux biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u jagħti ħajtu għas-salvazzjoni tad-dinja.

### L-eżempju ta' San Pawl

Dan l-eżempju jagħtihulna San Pawl tul il-ħajja tiegħu kollha wara li l-Mulej sejjaħlu fit-triq ta' Damasku biex ikun għodda maħtura f'idejh ħa jwassal lill-ismu lill-ġnus kollha tal-Mediterran.

Kliem San Pawl lit-Tessalonkin li smajna fit-tieni qari ta' llum, jurina b'liema mod San Pawl ġieb ruħu mal-ġnus li fosthom xerred l-Evanġelju ta' Kristu u sar bħal Kristu qaddej ta' kulħadd. Kemm dam fost it-Tessalonkin, u kemm fost il-Korintin, u fost in-nies tal-bliet kollha fejn xandar l-Evanġelju, San Pawl mhux biss xandrilhom l-Evanġelju, imma ssagrifika ħajtu kollha għalihom, jitħabat lejl u nhar biex jagħtihom twelid ġdid fi Kristu; għalkemm bħala appostlu kellu d-dritt li jipprovdulu l-għixien tiegħu, dan ma fittxux u kien jaħseb għall-manteniment tiegħu bix-xogħol ta' jdejh. Kien għalhekk li kull fejn mar il-pagani laqgħuh bil-qalb, u laqgħu bil-ferħ il-kelma li kien iħabbrilhom: għarfu li l-kelma tiegħu ma kinitx kelma ta' bniedem, imma kelma ispirata minn Alla, għas-salvazzjoni tagħhom, kelma li nżergħet fi qlubhom, kif inżergħet fi qlubna wkoll, u għadha taħdem fina li lqajniha u qed twettaqna fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna.

### It-32 Ħadd tas-sena

# Il-Musbieħ Jixgħel

## It-tifsir tal-parabbola tax-xebbiet boloh u għaqlin

Issa li qed noqorbu lejn tmiem is-sena liturġika, il-Knisja tridna nerfgħu ħsibjietna lejn it-tmiem ta' kollox, lejn il-mument meta l-Mulej jerġa' jiġi b'setgħa u glorja kbira biex idaħħalna għall-festa tat-tieġ tal-Ħaruf, jekk isibna mħejjijin biex nilqgħuh meta jerġa' jiġi, kif wegħdna qabel reġa' lura għand il-Missier. Dan Ġesù jfissirulna bil-parabbola tax-xebbiet għaqlin u x-xebbiet boloh: l-għaxar xebbiet kienu mistiedna għat-tieġ tas-sultan il-kbir, u lkoll kien jistħoqqilhom l-istedina, għax ilkoll kienu xebbiet, verġni, mingħajr rabtiet żejda mal-frugħat ta' l-art; imma ħamsa minn dawk ix-xebbiet ma kinux għaqlin, kienu boloh u tul ħajjithom fid-dinja ma ħabirkux biex jiksbu l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, li bih setgħu jżommu mkebbsa l-imsiebaħ tagħhom. Meta wasal il-waqt tat-tieġ, għax ma kellhom xejn fl-imsiebaħ tagħhom, kien tard wisq għalihom li jkollhom iż-żejt li kienu jeħtieġu, u x'ħin wasal l-għarus ma daħlux miegħu; il-bieb sabuh magħluq; ħabbtu għalxejn għax għarus keċċihom 'l bogħod minnu: "Lilkom ma nafkomx", qalilhom.

## L-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema

Għaliex? Għax kienu bla għaqal boloh; għax ma ħadux ħsieb jimlew l-imsiebaħ tagħhom bl-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema. X'inhu dan l-għerf? M'huwiex xi ħaġa iebsa għalina biex niksbuh. Kliem il-Ktieb ta' l-Għerf li tħabbrilna fl-ewwel qari ta' llum jurihulna dan: min irid ifittex l-għerf isibu; jidher lil dawk li jfittxuh; isibuh f'kull ħsieb li jagħmlu u juri ruħu dejjem lil dawk li jfittxuh. Mhux se msibuh fost il-frugħat u t-taħwid tad-dinja tad-dnub, imma nsibuh fis-skiet u l-ġabra aħna u nitħaddtu mal-Mulej fil-kamra tagħna ta' ġewwa nett; mhux se nsibuh fost il-kburin u s-setgħanin tad-dinja, imma fost il-foqra u ċ-ċkejknin ta' l-art, li jagħrfu x-xejn tagħhom u jifhmu li kull ma għandhom u kull ma huma kollu ġej minn għand Alla, għax kull għotja tajba u kull don perfett jiġu minn fuq, huma grazzja ta' Alla. Bl-għerf niksbu b'xebħ sħiħ ma' Ksirtu, billi niċċekknu kif iċċekken hu u nagħarfu x-xejn tagħna, u nistqarru li m'aħniex ħlief qaddejja li ma jiswew għalxejn. Huwa dan l-għerf li jżomm mixgħula l-imsiebaħ tagħna. Fi kliem ieħor hu l-għemil kollu tajjeb li nagħmlu tul ħajjitna f'din id-dinja biex dejjem aktar nikbru fix-xebħ ma' Kristu, li bla heda jistedinna biex nitgħallmu minnu li kien ta' qalb ħelwa u umli, ħa niksbu s-salvazzjoni ta' ruħna.

**Inżommu dejjem jiddu l-imsiebaħ tagħna**

Għandna ħajjitna kollha biex naraw li l-imsiebaħ tagħna jkunu dejjem mimlijin biż-żejt ta' l-għemejjel tajba, ħalli meta jiġi l-għarus isjeħilna għat-tieġ tiegħu l-imsiebaħ tagħna jkunu jiddu b'dawl ta' l-għaġeb; iżda wkoll jekk tul ħajjitna ftit ħsibna biex inħejju l-imsiebaħ tagħna għal meta jiġi l-Mulej jsejħilna għat-tieġ tiegħu, sakemm għadna f'din id-dinja, għad għandna żmien biex inħejju l-imsiebaħ tagħna, u ma jiġrilniex dak li ġralhom x-xebbiet boloh u baqgħu barra mill-festa tat-tieġ. Dawk marru jixtru ż-żejt meta kien tard wisq; għalina ż-żmien għadu mhux tard, għad għandna żmien nagħmlu tajjeb għan-nuqqasijiet u għall-bluhat tagħna. Ma jkollniex żmien aktar meta jseħħ dak li ħabbar San Pawl fit-tieni qari ta' llum.

**Meta l-Mulej jerġa' jiġi**

San Pawl qed ikellimna fuq it-tmiem ta' kollox, fuq meta l-Mulej jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mid-dinja. Dan il-mument ma għandux ikun ta' biża' għalina jekk aħna nittamaw li meta tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja nkunu mal-Mulej għal dejjem. Il-mument tat-tieni miġja tal-Mulej hu tal-biża' għal min tilef kull tama fil-ħniena ta' Alla, għal min tbiegħed minn Alla u ma jridx jisma' l-leħen tiegħu li qed isejjaħlu għall-indiema.

Bi kliem kollha ħeġġa San Pawl fit-tieni qari jkelimna dwar il-ferħ li għandna nġarrbu meta l-Mulej stess jerġa' jinżel mis-smewwiet: ma' l-ordni ta' Alla, mal-leħen ta' l-Arkanġlu, mad-diwi tat-tromba ta' Alla, il-mejtin iqumu mill-oqbra tagħhom u jingħaqdu magħna li nkunu għadna ħajjin, biex immorru niltaqgħu mal-Mulej li ġej fuq is-sħab, imdawwar mill-anġli u l-qaddisin kollha tiegħu, biex jeħodna miegħu għal dejjem fis-sebħ tal-glorja tiegħu.

Hi d-dehra tal-glorja li hemm imħejjija għalina, hi dehra li m'għandhiex timlina bil-biża' imma għandha tkun ta' faraġ għalina. Tkun dehra ta' biża' jekk ma nemmnux, jekk l-imsiebaħ tagħna neqsin miż-żejt ta' l-għemejjel tajba; iżda jekk għexna bil-għaqal, il-mument tat-tieni miġja tal-Mulej ikun l-isbaħ u l-ogħla mument tal-ħajja kollha tagħna fid-dinja.

### It-33 Ħadd tas-sena

# Qaddej tajjeb u fidil

## Il-parabola tal-qaddej fidil u għaqli

Il-Ħadd li għadda l-Knisja stednitna biex inkunu dejjem imħejjija għal meta l-Mulej jiġi biex idaħħalna għall-festa tat-tieġ tiegħu fis-saltna tas-smewwiet, u dan il-Knisja għamlitu billi ħabbritilna l-parabbola tax-xebbiet boloh u tax-xebbiet għaqlin. Illum il-Knisja trid twasslilna l-istess tagħlim bil-parabbola dwar għadd ta' qaddejja li rċevew xi talenti minn għand sidhom qabel ma mar f'pajjiż 'il bogħod. Dak li rċieva għaxar talenti ħaddimhom u qala' għaxra oħra, u sidu meta ġie lura faħħru għall-għaqal tiegħu u daħħlu fil-hena tiegħu; l-istess ġara lil dak li rċieva ħames talenti, ħaddimhom u qala' ħamsa oħra; iżda dak li kellu talent wieħed flok ħaddmu, ħbih taħt l-art u ġie kkastigat għan-nuqqas ta' fedeltà tiegħu.

It-tagħlim tal-parabbola huwa ħafif ħafna biex nifhmuh. Kull bniedem li jiġi fid-dinja jirċievi minn għand Alla għadd ta' talenti biex iħaddimhom għall-ġid tiegħu u tal-komunità tal-bnedmin; min dan ma jagħmlux, min ma jħaddimx it-talenti li jagħtih Alla għall-ġid tiegħu u ta' l-oħrajn jiġi kkundannat għat-telfien ta' dejjem.

## It-talenti

X'inhuma dawn it-talenti? Kif għandna nħaddmuhom? Kull bniedem li jiġi fid-dinja jirċievi minn għand Alla dawk it-talenti kollha li jeħtieġ għas-sejħa li jagħmillu Alla tul ħajtu fid-dinja; hemm ħafna suriet ta' talenti, li l-bniedem jirċievi minn għand Alla biex iġibhom 'il quddiem għall-ġid tiegħu u ta' ħutu l-bnedmin l-oħra. Min għax għażżien, jew traskurat, ma jħabrikx biex jiżviluppa t-talenti tiegħu hu bniedem fallut, qaddej għażżien u bla għaqal tal-Mulej, u għalhekk jistħoqqlu l-kundanna ta' Alla.

Kif għandna nħaddmuhom it-talenti li Alla jagħtina? Dan jiddependi mis-sejħa li jagħmlilna Alla, għax it-talenti li Alla jagħtina huma dawk li neħtieġu biex inwieġbu bil-ħeġġa kollha għas-sejħat ta' Alla. Nistgħu nwieġbu b'nofs ħajra, b'nuqqas ta' ħila, u naslu biex imbagħad ma nagħtux każ tas-sejħat ta' Alla. Iżda dan mhux sewwa: biex nogħġbu lil Alla rridu nkunu bħal dik il-mara ta' ħila li fuqha kellimna l-ewwel qari ta' llum. Mara ta' ħila hi dik li tieħu ħsieb darha u tara li ħadd f'darha ma jonqsu xejn; taħseb għal kollox; dejjem sejra, dejjem tħabrek, dejjem lesta biex tgħin lil kull min hu fil-bżonn – hemm l-hena f'darha fir-riżq

it-tajjeb u fil-ħażin; l-għaqal tagħha mhux il-ġmiel li jgħaddi u s-sbuħija fiergħa, imma t-tjieba u l-ħlewwa u l-qalb tajba li jġibulha t-tifħir tan-nies, għax tħaddem tajjeb it-talenti li l-Mulej jagħtiha.

**Qed nużawhom tajjeb it-talenti tagħna?**

Hi ħaġa tajba għalhekk li nidħlu ftit fina nfusna u naraw x'talenti tana l-Mulej, u aħna nħaddmuhomx sewwa, għall-glorja tiegħu u għall-ġid tagħna nfusna u ta' ħutna l-bnedmin l-oħra. It-talenti tagħna nħaddmuhom mill-aħjar li nistgħu? jew inħobbu nitgħażżnu u ma nagħmlu xejn? lesti nissagrifkaw ruħna għall-oħrajn jew naharbu minn kull impenn li jitlob minna ftit tas-sagrifiċċju? lesti dejjem naqdu dmirijietna lejn ħutna, qrabatna u ħbiebna, lejn il-bnedmin ħutna, l-aktar dawk imġarrbin mill-faqar u l-hemm tad-dinja? nuru spirtu ta' solidarjetà ma' kull min hu fil-bżonn? jew naħarbu mir-responsabbiltajiet tagħna?

Veru li aħna bnedmin dgħajfa u ftit inħabirku għall-ġid ta' ħutna l-bnedmin l-oħra, mehdijin biss fl-interessi tagħna; iżda xi darba irridu nintebħu b'dak li jistenna minna l-Mulej, mill-ħajja tagħna f'din id-dinja, biex ma jiġrilniex dak li ġara lill-qaddej għażżien u bla fejda li ma ħaddimx it-talent wieħed li tah sidu u mar ħbieh taħt l-art, biex jagħtih lura bla mittiefes lil sidu.

**Ma nafux meta rridu nagħtu kont**

Alla ma jippretendix minna aktar milli nistgħu nagħtu, imma dan jistennih. Hu dmir tagħna li ma nħallux għall-aħħar, għal meta jiġi l-Mulej jitlobna kont tat-talenti li fdalna biex nibdew inħaddmuhom, għax imbagħad ikun tard wisq, għax il-Mulej jiġi fuqna għal għarrieda, meta ma nkunux qed nistennewh, moħħna mistrieħ li għadu ma wasalx il-ħin għalina biex nagħtu kont ta' l-imġiba ta' ħajjitna. Iżda min jista' jiżgurana b'dan? San Pawl jgħidilna li l-Mulej għad jiġi bħal ħalliel bil-lejl u jekk ma jsibniex nishru nistennewh jiġi, tkun diżgrazzja kbira għalina. Dan ma jiġrilniex jekk infittxu li nkunu wlied id-dawl, jiġifieri jekk nimxu tul ħajjitna kollha fid-dawl tal-Mulej biex nishru bla heda fuqna nfusna ħalli ma nitbegħdu qatt mit-triq it-tajba u ngħixu bil-qjies tul ħajjitna kollha. Hekk inkunu qed inħaddmu t-talenti li Alla tana skond ir-rieda tiegħu, u meta jiġi jsejħilna ħa nagħtu kont tagħhom, inkunu nistgħu nisimgħu kliem ta' faraġ minn għandu: Idħol, qaddej fidil u għaqli, fil-hena ta' Sidek.

# Sidna Ġesù Kristu, Sultan tal-Ħolqien kollu

## Is-saltna tal-Mulej

F'dan l-aħħar Ħadd tas-sena liturġika l-Knisja tistedinna biex nagħtu ġieħ, tifħir, setgħa u glorja lill-Mulej Ġesù, huwa u jerħi f'idejn Alla l-Missier is-setgħa li kiseb fuq il-ħolqien kollu, fuq kull ħakma, u setgħa u qawwa, biex rebħa sħiħa li ġieb fuq il-mewt u d-dnub permezz tal-mewt tiegħu fuq is-salib u l-qawmien tiegħu għall-ħajja ġdida.

Il-Mulej Ġesù għad jerħi s-saltna li hu kiseb f'idejn il-Missier fl-aħħar taż-żmien wara li jkun qered l-għedewwa kollha tal-bniedem, meta jkun qerred l-aħħar għadu l-mewt, għax bil-mewt u l-qawmien tiegħu mill-imwiet lill-Mewt neħħileha l-qawwa tagħha u n-niggieża tagħha. Ma baqgħetx aktar kastig tad-dnub, iżda saret mezz ta' salvazzjoni, għax biha n-nisarni, jikseb l-ogħla xebħ ma' Kristu fil-ħajja tiegħu bħala bniedem: immutu kif Kristu miet għalina, imma mmutu biex miegħu nqumu għall-ħajja ġdida, ħajja ta' hena u sliem bla qjies.

## Ħaqq mid-dinja

Qabel ma l-Mulej Ġesù jrodd lura lill-Missier is-saltna li kiseb għalih, irid iwarrab minna kull ma hu ħażin, imniġġes; għalhekk il-Mulej Ġesù jħabbar ir-rebħa sħiħa tiegħu fuq il-mewt u d-dnub meta jerġa' jiġi b'setgħa u qawwa kbira flimkien ma' l-anġli kollha tiegħu biex jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja. U dan San Mattew iħabbarulna bit-tixbiħa ta' ragħaj li jifred in-ngħaġ u l-gidien tiegħu, u n-ngħaġ iqegħdhom fuq il-lemin tiegħu u l-gidien fuq ix-xellug tiegħu. Din hi tixbiħa li nsibuha wkoll fil-profeta Eżekjel. L-Iskrittura spiss tippreżentalna l-Mulej bħala r-ragħaj it-tajjeb li dejjem ħerqan ifittex in-ngħaġ li jkunu ntilfulu, u jagħmel minn kollox biex ireġġa' lura lejn il-merħla l-miġruħin u l-morda; iżda fl-aħħar jagħmel ħaqq bejn nagħġa u oħra, bejn dik li wieġbet għas-sejħat tiegħu u reġgħet lura fil-merħla u dik li aktar ma sejħilha lura aktar tbegħdet minnu.

U fuq hiex ir-ragħaj it-tajjeb se jagħmel ħaqq bejn nagħġa u oħra? fuq in-ngħaġ li qiegħed fuq il-lemin tiegħu u fuq dawk li jqiegħed fuq ix-xellug? Il-ħaqq il-Mulej jagħmlu fuq l-għemejjel tal-ħniena li nagħmlu ma' ħutna fil-bżonn. Dan jidher ċar minn kliem l-Evanġelju li tħabbrilna llum: "Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu żżuruni, kont il-ħabs u ġejtu maġenbi" Dan l-għemil ta' ħniena ma' ħutna fit-tiġrib, il-Mulej Ġesù jqisu magħmul miegħu stess,

kif jgħidilna fil-parabbola: "Kemm għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar minn ħuti, għamiltuh miegħi".

### L-imħabba ta' Alla nuruha fl-imħabba għal għajrna

Fi kliem ieħor, Ġesù jorbot l-imħabba li jistenna minn għandna ma' l-imħabba li nuru lil ħutna fil-bżonn. Aħna m'aħniex se ngħidu qatt li lil Alla ma nħobbuhx: lanqas qatt ma jiġina f'moħħna ħsieb bħal dan; iżda kemm nonqsu mill-imħabba ta' ħutna fil-bżonn! Għalhekk il-Mulej biex ifakkarna li aħna fid-dmir mhux biss li nħobbu 'l Alla fuq kollox, imma wkoll li nħobbu l-proxxmu tagħna bħalna nfusna, jgħidilna li meta nkunu qed nuru mħabba lill-proxxmu tagħna, inkunu wkoll nuru mħabba lil Alla. Ma jistax ikun, igħidilna San Ġwann, li nkunu sinċieri meta ngħidu li nħobbu 'l Alla li ma narawx, u mbagħad għandna mibegħda għall-proxxmu tagħna li hu dejjem magħna.

### Kif inħobbu 'l għajrna

L-għemejjel tal-ħniena li l-Mulej jistenniena nuru ma' għajrna nistgħu nagħmluhom u għandna nagħmluhom f'kull żmien: Ġesù fissirhomna bi kliem l-aktar sempliċi u aħna, mdawwlin mit-tagħlim ta' l-Evanġelju nifhmu malajr x'jiġifieri titma' lil min hu bil-ġuħ, tlibbes lil min hu għeri, iżżur il-morda u l-ħabsin. Illum in-nies li qed ibatu l-ġuħ u l-għatx u huma neqsin mill-meħtieġ kollu tal-ħajja mhux qed jgħixu l-ħajja ta' dawn l-imsejkna fi żmien Ġesù, u lanqas l-istess huma l-morda u l-ħabsin. Dawn ta' llum huma dawk li huma mwarrbin, diskriminati, maħqurin għax m'humiex l-istess bħall-bqija tan-nies li fosthom qed jgħixu; il-morda m'humiex biss dawk bil-mard tal-ġisem imma wkoll dawk li ġew maħkumin mill-mard ġdid ta' żmienna u wisq aktar mill-mard tar-ruħ, għax tilfu kull tama fil-bnedmin, kull sens tal-ħajja; in-nies bil-ġuħ u l-għatx ta' żminijietna huma mhux biss dawk li m'għandhomx x'jieklu huma u l-familji tagħhom u lanqas post xieraq fejn joqogħdu, imma huma wkoll dawk li għalkemm qed ifuru bil-ġid kollu ta' l-art, mhux qed isibu l-hena tal-qalb u huma ddisprati. Huwa dmir tagħna li ngħinu l-imsejknin ta' żminijienta, l-ewwelnett bl-eżempji li nagħtuhom ta' ħajja skond l-ispirtu ta' l-Evanġelju u mbagħad bl-għajnuna li nwasslulhom permezz ta' l-opri assistenzjali tal-Knisja u ta' l-Istat, bil-ħidma volontarja magħmula bi spirtu nisrani, għall-imħabba ta' Kristu. Jekk dan, imbagħad ikun jgħodd għalina kliem Ġesù: Kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu żżuruni, kont il-ħabs u ġejtu ħdejja – idħlu mela fl-hena ta' Sidkom.

## WERREJ ĠENERALI

Eżortazzjoni post-sinodali Il-Ħajja Konsagrata (tidher bejn paġna 474 u 475 f'forma ta' ktieb għaliha)

Ittra tal-Papa
lin-nisa ... 1
lis-saċerdoti f'Ħamis ix-Xirka 1996 ... 272
f'għeluq 400 sena ta' l-għaqda ta' Brest ... 136
lill-Kard. baum dwar il-qrar ... 232
f'għeluq it-350 sena ta' l-għaqda ta' Uzhorod ... 465

Messaġġi tal-Papa
għall-Jum l-Emigrant 1995 ... 107
għall-Jum l-Emigrant 1996 ... 11
għal-Jum il-Paċi ... 99
għall-Jum il-Morda ... 111
għall-Jum iż-Żgħażagħ ... 118
għar-Randan ... 115
għall-Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet ... 123
għall-Jum il-Komunikazzjoni soċjali ... 200
għall-Ġurnata Missjunarja ... 471

Diskorsi tal-Papa
għeluq it-30 sena tal-"Gaudium et spes" ... 129
għeluq is-simposju għat-30 sena tal-"Presbyterorum Ordinis" ... 154
fil-laqgħa mal-Patrijarka Ekumeniku: "The procession of the Holy Spirit" ... 145

Dokumenti tad-Dikasteri tas-Santa Sede
Sesswalità umana: verità u tifsir ... 287
Messaġġ lis-saċerdoti fit-30 sena tal-"Presbyterorum Ordinis" ... 157
Quddiesa votiva għall-ħniena ta' Alla ... 475
Qaddisin ġodda fil-Kalendarju liturġiku ... 477

Konferenza Episkopali Maltija
Pastorali ta' Santa Marija: Il-missjoni tal-mara ... 15
Pastorali tar-Randan ... 352
Stqarrija dwar l-inseminazzjoni artifiċjali ... 19
Stqarrija dwar il-protesta kontra d-droga ... 167

Stqarrija dwar l-għoti ta' organi ... 350
Stedina għat-talb fl-okkażjoni tal-Kungress ta' Peijing ... 32

Messaġġi u diskorsi ta' l-Arċisqof
fl-181 anniversarju tal-Pulizija (fl-1995) ... 21
lill-Forum ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti reliġjużi ... 24
fl-ewwel anniversarju ta' l-aġenzija Sedqa ... 26
fil-ftuħ uffiċjali ta' l-assemblea mondjali tal-familji ... 28
waqt il-Quddiesa fil-Konkattidral ... 30
fil-31 sena ta' l-Indipendenza ... 168
fl-anniversarju ta' l-ordinazzjoni episkopali tiegħu ... 172
għall-festa ta' Kristu Re ... 175
lill-Missjunarji Maltin (fl-1995) ... 181
fil-ftuħ taċ-ċentru pastorali ta' Ħal-Luqa ... 182
fl-okkażjoni tal-25 sena tal-parroċċa ta' Burmarrad ... 183
lill-emigranti għall-festa tal-Milied ... 184
għall-Milied 1995 ... 187
għall-Jum il-Paci 1996 ... 190
fil-75 sena ta' l-inkoronazzjoni tal-Bambina fl-Isla ... 194
lill-miżżewġin ġodda ... 356
lill-ġurnalisti ... 360
lill-kappillani u lir-rappreżentanti tal-parroċċi nhar il-Gandlora 364
f'għeluq is-sena tat-traġedja tat-Tarzna waqt il-Quddiesa
fil-post ... 367
lis-saċerdoti f'Ħamis ix-Xirka ... 368
waqt Quddiesa fil-garage tal-Gvern fl-okkażjoni ta'
l-1 ta' Mejju ... 489
lill-Kunsill Nazzjonali tal-G.W.U. waqt laqgħa soċjali ma'
l-operaturi tal-mass media ... 492
lir-rappreżentanti ta' Unions u ta' min iħaddem ... 495
lill-Missjunarji Maltin ... 499
lill-Korp tal-Pulizija fil-182 anniversarju tiegħu ... 501

Ċirkularijiet tal-Kurja
326: Talb fl-okkażjoni tal-Konferenza Dinjija dwar in-nisa ... 37
327: Żewġ festi nazzjonali ... 37
328: Jum l-Art Imqaddsa ... 38
329: Anniversarju ta' l-ordinazzjoni ta' l-Arċisqof –
Ir-Rużarju – il-Jum Dinji dwar is-saħħa mentali ... 196
330: L-anniversarju tal-Papa ... 197
331: Ġabra għall-iskejjel ... 198

332: Festa ta' Kristu Re ... 199
333: Ċelebrazzjoni tal-festi fil-parroċċi ... 200
334: Ġabra għall-karità ... 203
335: Jum il-Ħajja ... 374
336: Jum l-Għaqdiet u l-Movimenti ... 375
337: Ġimgħa ta' sagrifiċċju – Jum il-Ħelsien ... 376
338: Offerta għall-Papa 1996 – Festa Nazzjonali 7 ta' Ġunju ... 506
339: Invokazzjoni ġdida fil-Litanija ... 507

Dokumenti ta' l-Uffiċċji tal-Kurja
Nomini mill-Kurja ... 41
Riservi tal-Knisja dwar "Malta in the making" ... 34
Stqarrija dwar ġbir ta' flus ... 35
Żewġ irtiri għas-saċerdoti ... 204
Kjarifika dwar kuruna tar-Rużarju ... 305
Kjarifika dwar kuntatti li saru għal "Il-mazz f'idejk" ... 371
Policy dwar djar żgħar għall-persuni b'diżabiltà ... 373

Kunsill ġdid tal-kappillani ... 377
Il-Kunsill tal-Kappillani jsellem l-Assemblea mondjali tal-familjii ... 33
Awguri u riflessjoni tal-Kappillani għas-sena l-ġdida ... 206
Messaġġ tal-kappillan għar-Randan ... 377

Ittra lill-mara mill-Forum ta' l-Għaqdiet ... 40
Ittra lill-istudenti universitarji mill-Forum ta' l-Għaqdiet ... 205
President ġdid tal-Forum ta' l-Għaqdiet

Tribunal Ekkleżjastiku: tariffi ... 20
Rapport 1995 ... 378

Kummissjoni Kateketika: Rapport 1994 ... 42
Programm tal-Korsijiet 1995-96 ... 53

Caritas Malta – Rapport 1994 ... 56
Rapport 1995 ... 384

Intenzjonijiet ta' l-Apostolat tat-Talb 1996 ... 97

Arti u Liturġija f'Malta
Sinjali, simboli u ġesti fil-Liturġija ... 398
Il-biżantini f'Malta u l-ikona tad-Damaxxena ... 412

L-artal fl-imgħoddi u llum ... 422
Mużika sagra u identità Maltija ... 430

Eżempju ta' omelija
Avvent: I – Is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha ... 64
II – Jiġġudika l-imsejknin skond il-ġustizzja ... 66
III – Alla ġej biex isalvana ... 68
IV – Xebba ssir omm ... 70
Milied ... 72
Il-Familja ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi ... 74
Marija Omm Alla u Ommna – Jum il-Paċi ... 76
L-Epifanija tal-Mulej ... 79
Randan: I ... 307
II – Is-sejħa tagħna ... 208
III – Għatx għall-ilma ħaj ... 210
IV – Imdawwlin mill-Mulej ... 212
V – Il-ħajja fi Kristu ... 214
Ħadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej ... 216
Għid: I – Il-Jum li għamel il-Mulej ... 217
II – "Mulej tiegħi u Alla tiegħi" ... 219
III – "Għarfuh fil-qsim tal-ħobż" ... 221
IV – Ir-ragħaj it-tajjeb tagħna ... 223
V – It-Triq, is-sewwa u l-ħajja ... 225
VI – Id-don ta' l-Ispirtu s-Santu ... 227
VII – Tlugħ il-Mulej fis-sema ... 229
VIII – Il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu ... 231
Ħdud matul is-sena
II – Il-Ħaruf ta' Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja ... 82
III – Il-bidu tal-missjoni ta' Ġesù ... 84
IV – Il-qofol tat-tagħlim ta' Kristu ... 86
V – Melħ ta' l-art u dawl tad-dinja ... 89
VI – Il-perfezzjoni tal-liġi ... 93
VII – L-imħabba ta' kulħadd ... 95
IX – It-Trinità Qaddisa ... 233
X – Il-misteru tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej ... 233
XI – Saltna ta' qassisin, nazzjon qaddis ... 437
XII – It-tiġrib ta' l-Appostlu tal-Mulej ... 439
XIII – Mgħobbijin bis-salib tagħna ... 441
XIV – Jien ta' qalb ħelwa u umli ... 443
XV – Il-qawwa tal-kelma ta' Alla ... 445
XVI – Int tagħti lill-midinbin żmien għal-indiema ... 447

XVII – Il-misteru tal-Knisja ........ 449
XVIII – L-Ewkaristija ........ 451
XIX – Il-qawwa tal-fidi ........ 453
XX – Is-sejħa tal-ġnus ........ 457
XXI – Is-setgħa ta' l-imfietaħ ........ 459
XXII – Nerfgħu salibna wara Ġesù ........ 461
XXIII – Il-korrezzjoni ta' l-aħwa ........ 463
XXIV – Il-maħfra tal-ħtijiet ........ 508
XXV – Il-fehmiet ta' Alla u l-fehmiet tagħna ........ 510
XXVI – Il-maħfra tad-dnubiet ........ 512
XXVII – Il-misteru tal-Knisja ........ 514
XXVIII – L-ikla eskatoloġika tal-Mulej ........ 516
XXIX – Il-Ġurnata Missjunarja ........ 518
XXX – L-imħabba tal-proxxmu ........ 520
XXXI – Il-ministri ta' Alla ........ 522
XXXII – Il-musbieħ jixgħel ........ 524
XXXIII – Qaddej tajjeb u fidil ........ 526
XXXIV – Kristu Sultan tal-Ħolqien Kollu ........ 528

10 ta' Frar – San Pawl patrun ta' Malta ........ 91
15 ta' Awissu – Il-Verġni Marija mtellgħa fis-sema ........ 455

Saċerdoti u Reliġjużi li mietu fl-1995 ........ 237
Korrezzjonijiet fid-Direttorju Ekkleżjastiku ........ 193